KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 20.5.2008
KUMM(2008) 306 finali

2008/0103 (CNS)
2008/0104 (CNS)
2008/0105 (CNS)
2008/0106 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett taħt il-politika agrikola komuni għall-bdiewa u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar modifiki fil-politika agrikoli komuni bl-emenda tar-Regolamenti (KE) Nru 320/2006, (KE) Nru 1234/2007, (KE) Nru 3/2008 u (KE) Nru […]/2008

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1698/2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni 2006/144/KE dwar il-linji gwida strateġiċi Komunitarji għall-iżvilupp rurali (perjodu ta' programmazzjoni 2007 sa 2013)

(preżentata mill-Kummissjoni)

{SEG(2008) 1885}
{SEG(2008) 1886}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. MIRI U GĦANIJIET TAL-PROPOSTA

L-għanijiet ewlenin stabbiliti għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "It-tħejjija għall-"Kontroll tas-Saħħa tar-riforma tal-PAK" ta' l-20 ta' Novembru 2007 kienu l-valutazzjoni ta' l-implimentazzjoni tar-riforma tal-PAK ta' l-2003, u l-introduzzjoni ta' l-aġġustamenti fil-proċess tar-riforma meqjusa bħala meħtieġa sabiex il-politika tkun aktar simplifikata, kif ukoll biex il-politika tkun tista' taħtaf l-opportunitajiet il-ġodda fis-suq u tkun ippreparata tiffaċċja sfidi ġodda bħat-tibdil fil-klima, il-ġestjoni ta' l-ilma u l-bijo-enerġija.

Dawn l-aħħar xhur, wieħed mill-għanijiet imsemmija, dak li jinħatfu l-opportunitajiet tas-suq, ħa xejra ġdida kkaġunata miż-żieda qawwija tal-prezzijiet ta' ħafna komoditajiet agrikoli. Iż-żieda kostanti fil-prezz tagħhom tul l-2006 u l-ewwel semestru ta' l-2007 kienet diġà tat appoġġ lill-konklużjonijiet tal-Komunikazzjoni ta' Novembru, li kwalunkwe kontroll tal-provvista li jkun fadal fil-PAK (jiġifieri, kwoti tal-ħalib u s-serħan ta' l-artijiet) għandu jitneħħa. It-taħlita ta' fatturi li wasslu għal dawn l-iżviluppi u l-aħjar tweġiba li l-UE tista' tagħti għal dan l-iżvilupp huma indirizzati f'Komunikazzjoni tal-Kummissjoni separata.

Iżda l-konklużjonijiet ewlenin tal-Komunikazzjoni ta' Novembru dwar il-Kontroll tas-Saħħa fir-rigward tar-riformi l-aktar riċenti tal-PAK għadhom validi. Dawn ir-riformi mmarkaw fażi ġdida f'dan il-proċess permezz tad-diżakkoppjar fl-2003 tal-maġġoranza tal-pagamenti diretti bl-Iskema ta' Pagament Uniku (SPS) għas-setturi ta' uċuħ, tal-laħam taċ-ċanga u tan-nagħaġ, u tal-ħalib u fl-2004 għaż-żejt taż-żebbuġa, il-qoton u t-tabakk. Bħala parti mir-riforma ta' l-2003, fl-2005 l-politika għall-Iżvilupp Rurali (RD) ssaħħet b'fondi addizzjonali u bir-riforma ta' l-istrumenti tal-politika tagħha. Fl-aħħar, il-proċess tar-riforma kompla bir-riformi fiz-zokkor (2006) u fil-frott u l-ħaxix u fis-settur ta' l-inbid (2007).

Dawn ir-riformi jirriflettu t-trasferiment sinifikanti fl-orjentazzjoni tal-PAK, li llum tiflaħ aktar biex tkun tista' tilħaq l-għanijiet fundamentali tagħha.

- L-appoġġ għall-produtturi issa huwa fil-biċċa l-kbira (90%) diżakkoppjat mid-deċiżjonijiet tal-produzzjoni, u b'hekk il-bdiewa fl-UE jitħallew jagħmlu l-għażliet tagħhom bħala tweġiba għas-sinjali tas-suq, u jiddependu fuq il-potenzjal tal-farm u fuq il-preferenzi tagħhom meta jadattaw għat-tibdil fl-ambjent ekonomiku tagħhom. Dan huwa l-mezz l-aktar effiċjenti kif jingħata appoġġ fuq id-dħul tal-farm.

- Il-bidla minn appoġġ għall-prodott, li fil-biċċa l-kbira kien jitqies bħala kaġun wieħed tal-problemi tal-produzzjoni żejda tal-passat, u t-tnaqqis fil-prezzijiet ta' l-appoġġ ta' l-UE, ressqet l-agrikoltura ta' l-UE bil-wisq eqreb tas-swieq dinjin, billi tejbet il-bilanċi fis-suq u naqqset l-ispejjeż ta' l-istokkijiet ta' l-intervent jew ta' l-allokazzjoni taż-żejjed.

- Ir-riżultati tal-proċess tar-riforma żiedu l-kompetittività ta' l-agrikoltua ta' l-UE, li, minkejja t-tnaqqis fis-sehem ta' l-UE fil-biċċa l-kbira tas-swieq tal-komoditajiet, saret l-akbar esportatur agrikolu, l-aktar ta' prodotti ta' kwalità għolja, filwaqt li baqgħet l-akbar importatur agrikolu tad-dinja u l-akbar suq għall-pajjiżi fi żvilupp.

- Il-PAK qed tikkontribwixxi dejjem aktar għall-evitar tar-riskji tad-degradazzjoni ambjentali u għat-twassil ta' ħafna mill-oġġetti pubbliċi li s-soċjetajiet tagħna jistennew għaliex l-appoġġ għall-produttur issa jiddependi fuq ir-rispett ta' l-istandards dwar l-ambjent, is-sikurezza u l-kwalità ta' l-ikel u l-benessri ta' l-annimali permezz tal-kundizzjonalità .

- Il-politika għall-iżvilupp rurali msaħħa tappoġġa l-ħarsien ta' l-ambjent u l-pajsaġġi rurali u toħloq tkabbir, impjiegi u innovazzjoni fiż-żoni rurali, b'mod speċjali dawk imbiegħda, spopolati jew dipendenti ħafna fuq il-biedja.

L-iżviluppi msemmija jindikaw PAK li illum hija fundamentalment differenti minn dik tal-passat. Madankollu l-Komunikazzjoni "It-tħejjija għall-"Kontroll tas-Saħħa tar-riforma tal-PAK" issostni "iżda biex il-PAK tibqa' politika tal-preżent u tal-futur, għandha tkun tista' tevalwa l-istrumenti tagħha, biex teżamina jekk jaħdmux kif suppost, biex tidentifika kwalunkwe tibdil meħtieġ biex jiġu sodisfatti l-oġġettivi ddikjarati tagħha, u biex tkun tista' tadatta għal sfidi ġodda."

F'konformità ma' l-indikazzjonijiet mogħtija fil-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni ħejjiet proposti legali flimkien ma' rapport dwar il-valutazzjoni ta' l-impatt dwar il-Kontroll tas-Saħħa tal-PAK li jiġbor fih ir-riżultat ta' konsultazzjoni fuq firxa wiesgħa ta' dawk involuti u l-kontributi minn istituzzjonijiet oħra.

Il-proposti legali huma relatati ma' tliet Regolamenti bażiċi:

– Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa,

– Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament dwar l-OKS Unika),

– Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ta' l-20 ta' Settembru.2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

Dawn il-proposti, mingħajr ma jikkostitwixxu riforma fundamentali, jikkontribwixxu għall-żviluppi fil-ġejjieni tal-PAK li huma konsistenti ma' l-għan globali tal-Kummissjoni u mar-rekwiżiti tat-Trattati biex jippromwovu settur agrikolu sostenibbli u orjentat lejn is-suq.

2. L-ISKEMA TA' PAGAMENT UNIKU (SPS) U L-ISKEMA TA' PAGAMENT UNIKU GĦALL-MEDDA (SAPS)

2.1. Simplifikar

Ir-regolamentazzjoni aħjar u s-simplifikar huma waħda mill-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni għall-perjodu 2004-2009. Il-PAK qabdet it-triq l-aktar importanti għas-simplifikar bir-riforma tagħha ta' l-2003 billi ttrasferiet ħafna mill-pagamenti diretti għall-bdiewa fl-Iskema ta' Pagamenti Diretti u billi fl-2007 adottat l-Organizzazzjoni tas-Suq Komuni.

Dwar l-SPS, l-esperjenza turi li din tat kontribut għat-tnaqqis fil-piżijiet amministrattivi, biex jiġi evitat kull infiq pubbliku mhux meħtieġ, għat-titjib fl-approvazzjoni tal-pubbliku fir-rigward tal-PAK u biex tittejjeb il-kompetittività fil-PAK. Madankollu, għad jistgħu jittieħdu passi lejn is-simplifikar, speċjalment fir-rigward tal-kundizzjonalità u fl-appoġġ eżistenti ta' l-akkoppjament parzjali.

Il-kundizzjonalità

Ir-riforma tal-PAK ta' l-2003 daħħlet il-kundizzjonalità fi ħdan il-pagament uniku għal kull farm. Dan ifisser li pagamenti bħal dawn huma soġġetti għal leġiżlazzjoni dwar l-ambjent, is-sikurezza fl-ikel u l-benessri ta' l-annimali, kif ukoll għaż-żamma tal-farm f'kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin.

Tqajmu problemi prattiċi fl-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità min-naħa ta' l-Istati Membri, kif ukoll mill-Kummissjoni nnifisha permezz tal-verifiki tagħha għall-approvazzjoni tal-kontijiet. Dan wassal lill-Kummissjoni biex teżamina l-ambitu tal-kundizzjonalità sabiex tissimplifika u ttejjeb l-istrateġiji tagħha. B'mod partikolari, il-proposti jimmiraw għat-tneħħija ta' ċerti Rekwiżiti Statutorji Obbligatorji meqjusa bħala mhux rilevanti jew inkella marbutin mar-reponsabbiltà tal-bidwi, u li jdaħħlu rekwiżiti ta' Kundizzjonijiet Ambjentali Agrikoli Tajbin li jżommu l-benefiċċji ambjentali minn artijiet imserrħa u jindirizzaw il-kwistjonijiet tal-ġestjoni ta' l-ilma.

Appoġġ parzjalment akkoppjat

Fir-riforma tal-PAK ta’ l-2003, xi Stati Membri kienu qiesu li d-diżakkoppjar totali jista' jwassal għal diversi riskji bħall-abbandun tal-produzzjoni, in-nuqqas ta' forniment ta' materja prima għall-industriji ta' l-ipproċessar, jew għal problemi soċjali u ambjentali f'żoni li għandhom ftit alternattivi ekonomiċi. Din kienet ir-raġuni għaliex ġie deċiż li f'xi setturi jinżammu ċerti livelli ta' appoġġ akkoppjat .

L-esperjenza tad-diżakkopjar turi li b'mod ġenerali din l-azzjoni ma ġabitx tibdiliet drammatiċi fl-istuttura tal-produzzjoni fil-livell ta' l-UE u li wassal biex il-bdiewa pproduċew dak li jitlob s-suq b'mod aktar sostenibbli. Wieħed għandu jisħaq ukoll li meta ż-żewġ sistemi nżammu parallel (appoġġ akkoppjat u diżakkoppjat) dan ma għenx fis-simplifikar għal amministrazzjonijiet nazzjonali u reġjonali fl-Istati Membri.

Minħabba dan, huwa propost li jiġu allinjati mal-prinċipji tar-riforma tal-PAK 2003 billi jitneħħa l-appoġġ akkoppjat li fadal u jiġi trasferit fl-Iskema ta' Pagament Uniku. Madankollu, issir eċċezzjoni fir-rigward tal-primjums fuq il-baqar li jreddgħu, in-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż. F'dawn il-każijiet huwa propost li l-Istati Membri jitħallew iżommu l-appoġġ akkoppjat (kif jeżisti bħalissa) sabiex isostnu l-attività ekonomika f'żoni fejn hemm ftit alternattivi ekonomiċi jekk xejn.

Kwistjonijiet oħra relatati mas-simplifikar

Il-proposta tinkludi wkoll miżuri oħra ffokati fuq il-forniment ta' aktar simplifikar fl-SPS. B'mod partikolari, żdiedet aktar il-flessibbiltà fl-użu tar-riżerva nazzjonali u fit-trasferiment ta' drittijiet ta' pagament, fl-għażla tal-modifika tad-drittijiet u tad-dati tal-pagament. Hemm proposta wkoll it-tneħħija tad-drittijiet għall-artijiet imserrħa.

2.2. Lejn *rata aktar fissa ta' appoġġ diżakkoppjat*

Ir-riforma ta' l-2003 daħħlet l-appoġġ diżakkoppjat għall-farms bħala l-element ewlieni tal-PAK. L-għan ewlieni kien il-forniment ta' sistema ta' pagament dirett li tippermetti li l-bdiewa jkunu aktar orjentati lejn is-suq, b'mod kemm jista jkun sempliċi mil-lat amministrattiv u li jkun kompatibbli mad-WTO. L-Istati Membri ngħataw żewġ mudelli bażiċi għall-implimentazzjoni ta' l-iskema: dak storiku u reġjonali:

– il-mudell storiku: skond dan il-mudell id-drittijiet għall-pagamenti jiġu bbażati fuq ammonti ta' referenza storiċi u individwali għal kull bidwi:

– il-mudell reġjonali: f'dan il-mudell id-drittijiet għall-pagamenti b'rata fissa jiġu bbażati fuq ammonti li jirċievu l-bdiewa f'reġjun tul il-perjodu ta' referenza.

Il-leġiżlazzjoni preżenti ma tippermettix lill-Istati Membri jbiddlu d-deċiżjoni tagħhom fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-mudell SPS. Madankollu l-esperjenza turi li ċerti aġġustamenti fl-iskemi eżistenti huma meħtieġa jew mixtieqa. Per eżempju, se jkun diffiċli fil-ġejjieni biex jiġu ġġustifikati d-differenzi fil-livelli ta' l-appoġġ li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-mudell storiku għaliex il-perjodi ta' referenza jkunu aktar mbiegħda.

Min-naħa l-oħra, il-mudell reġjonali jipprovdi appoġġ aktar ekwu għall-bdiewa minkejja ċertu tqassim mill-ġdid ta' l-appoġġ.

Din hija r-raġuni għaliex il-Kummissjoni pproponiet li l-Istati Membri jitħallew jaġġustaw il-mudell SPS tagħhom billi jimxu gradwalment lejn rati aktar fissi skond kull dritt sabiex l-SPS isir aktar effettiv, effiċjenti u sempliċi. B'mod parallel, il-proposti jinkludu sensiela ta' miżuri ta' simplifikar fl-implimentazjzoni ta' l-SPS.

2.3. L-estensjoni ta' l-SAPS

L-Iskema ta' Pagament Uniku għall-Medda ġiet introdotta bħala l-ewwel pass qabel l-inklużjoni fl-SPS ta' l-Istati Membri li mill-1 ta' Mejju 2004 ssieħbu fl-UE sabiex jjumu jistgħu jaġġornaw rwieħhom fir-rigward ta' l-UE minħabba s-sitwazzjoni agrikola speċifika tagħhom. Bħala sistema ta' tranżizzjoni, l-SAPS ġiet imfassla biex tgħin l-integrazzjoni ta' l-UE-10 u l-UE-2 b'mod faċli, minħabba d-differenzi bil-ħafna sinifikanti bejn il-livell ta' l-ekonomiji ġenerali u rurali tagħhom u dawk fl-UE-15.

L-Istati Membri li japplikaw l-SAPS fl-2011 kellhom jittrasferixxu fl-SPS kellhom jittrasferixxu fl-SPS fl-2011 (fl-2012 fil-każ tal-Bulgarija u r-Rumanija). Jidher xieraq li dawn l-Istati Membri jitħallew jestendu l-SAPS sa l-2013. Din l-għażla hija konformi mad-deċiżjoni li ttieħdet għall-Istati Membri ta' l-UE-15 għaliex jistgħu jirrevedu l-implimentazzjoni tagħhom ta' l-SPS u jagħżlu jimxu lejn mudell b'rata aktar fissa.

2.4. L-Artikolu 69 irrevedut tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003

Abbażi ta' l-Artikolu 69 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 dwar skemi ta' appoġġ dirett għall-bdiewa, l-Istati Membri li japplikaw l-SPS jistgħu jżommu skond is-settur sa 10% tal-limiti massimi tal-baġits nazzjonali tagħhom għal pagamenti diretti fis-settur konċernat ma' miżuri dwar il-protezzjoni jew għat-titjib ta' l-ambjent jew it-titjib fil-kwalità u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli.

Biex ikun hemm aktar flessibbiltà għat-tweġibiet ta' l-Istati Membri fir-rigward tal-ħtiġijiet li joriġinaw mill-orjentazzjoni globali tal-PAK, qed jiġi propost li l-ambitu ta' l-Artikolu 69 jitwessa':

– titneħħa l-limitazzjoni li t-tnaqqis lineari jittieħed minn u jibqa' fl-istess settur;

– jiġu koperti miżuri li jindirizzaw l-iżvantaġġi għall-bdiewa f'ċerti reġjuni li jispeċjalizzaw fis-setturi tal-ħalib u tar-ross kif ukoll tal-laħam taċ-ċanga, tan-nagħaġ u tal-mogħoż;

– jippermetti wkoll il-possibbiltà li l-ammonti miżmuma jintużaw għaż-żieda fid-drittijiet ta' artijiet soġġetti għal programmi ta' ristrutturar u/jew ta' żvilupp;

– taħt ċerti kundizzjonijiet jiġi pprovdut ukoll appoġġ għal ċerti miżuri tal-ġestjoni tar-riskju – skemi ta' l-assigurazzjoni fuq l-uċuħ għal diżastri u fondi reċiproki għall-mard ta' l-annimali;

– miżuri, li ma jilħqux b'ċertezza l-kundizzjonijiet tal-Kaxxa Ħadra tad-WTO, għandhom ikunu limitati għal 2.5% tal-livelli massimi;

– fl-aħħarnett, l-Istati Membri li japplikaw l-SAPS jitħallew ukoll japplikaw din id-dispożizzjoni.

2.5. Il-modulazzjoni

Il-modulazzjoni hija mezz ta' trasferiment baġitarju li permezz tiegħu jiġi applikat tnaqqis perċentwali għal pagamenti diretti lill-bdiewa (Il-Pilastru I) u r-riżorsi baġitarji rilaxxati jitqassmu mill-ġdid għall-miżuri ta' l-iżvilupp rurali (Il-Pilastru II).

Fi ħdan ir-Riforma ta' l-2003, ġiet miftiehma l-modulazzjoni obbligatorja għall-Istati Membri kollha ta' l-UE-15 li bdiet fl-2005 b'rata ta' 3% u żdiedet għal 4% fl-2006 u għal 5% mill-2007 'l hemm. Ġiet intorodotta wkoll frankiġja ta' EUR 5 000, li 'l isfel minnha ma seta' jiġi applikat l-ebda tnaqqis.

Il-Komunikazzjoni "It-tħejjija għall-"Kontroll tas-Saħħa tar-riforma tal-PAK" tidentifika għadd ta' sfidi li l-PAK qed taffaċċja kemm ta' bħalissa kif ukoll dawk ġodda, bħat-tibdil fil-klima, il-bijoenerġija, il-ġestjoni ta' l-ilma u l-bijodiversità u tqis li l-politika RD bħal waħda mill-istrumenti li joffri possibbiltajiet għall-ġestjoni ta' dawn it-tibdiliet.

Il-miżuri disponibbli taħt l-RD diġà qed joffru diversi alternattivi sabiex dawn l-isfidi jiġu indirizzati u l-Istati Membri diġà inkludew miżuri relatati fil-Programmi RD tagħhom għall-perjodu 2007-2013. Madankollu, l-ewwel esperjenzi ta' l-użu finanzjarju tar-riżorsi RD fl-2007 jissuġġerixxu li l-Istati Membri għandhom ħtiġijiet baġitarji li jmorru lil hinn mill-possibbiltajiet finanzjarji tagħhom.

Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu, permezz ta' sensiela ta' miżuri proposti taħt l-RD, jappoġġaw il-ħtiġijiet dejjem jiżdiedu tagħhom relatati ma' l-sfidi ġodda, huwa propost li l-modulazzjoni obbligatorja tiżdied bi 8% u li jiżdied element progressiv addizzjonali taħt sistema ġdida bbażata fuq il-prinċipji li ġejjin:

– id-dħul ġdid kollu mill-modulazzjoni jibqa' ġewwa l-Istat Membru li jiġġenerah;

– fl-UE-15, il-modulazzjoni bażika, l-applikazzjoni ta' pagamenti kollha li jaqbżu l-EUR 5 000, tiżdied b'2% kull sena mill-2009 'l quddiem sakemm tilħaq 8% addizzjonali (minbarra l-5% ta' bħalissa) fl-2012;

– jiddaħħal element progressiv; li permezz tiegħu pagamenti jitnaqqsu b'firxiet ta' porzjonijiet addizzjonali ta' 3% li jsegwu wara xulxin u tiġi proposta sistema ġdida għall-ġestjoni finanzjarja ta' għajnuniet diretti, li tistabbilixxi limiti massimi netti globali għal kull Stat Membru;

– It-tabella hawn taħt turi l-perċentwali tal-modulazzjoni totali li għandhom jiġu applikati (dawk eżistenti u addizzjonali, rispettivament):

Il-Limiti	**2009**	**2010**	**2011**	**2012**
minn 1 sa 5 000	0	0	0	0
minn 1 sa 99 999	5% + 2%	5% + 4%	5% + 6%	5% + 8%
minn 100,000 sa 199 999	5% + 5%	5% + 7%	5% + 9%	5% + 11%
minn 200 000 sa 299 999	5% + 8%	5% + 10%	5% + 12%	5% + 14%
'l fuq minn 300 000	5% + 11%	5% + 13%	5% + 15%	5% + 17%

– L-UE-10 wkoll isiru eliġibbli għall-modulazzjoni fl-2012, b'rata ta' bażi ta' 3% (minflok ta' 13%). Jiġu eżentati l-Bulgarija u r-Rumanija, fir-rigward tad-dħul f'fażijiet tal-pagamenti diretti.

2.6. Limitazzjonijiet ta' pagamenti

46,6% tal-benefiċjarji tal-pagamenti diretti totali fl-UE-25 jirċievu anqas minn EUR 500. Din iċ-ċifra tinkludi essenzjalment il-bdiewa ż-żgħar, iżda f'ċerti Stati Membri tista' tinkludi wkoll il-benefiċjarji li l-valur tal-pagament tagħhom ikun inqas mill-ispiża amministrattiva tal-ġestjoni tagħha.

Sabiex jiġu ssimplifikati u mnaqqsa l-ispejjeż ta' l-amministrazzjoni tal-pagamenti diretti, qed jiġi propost li l-Istati Membri jew japplikaw ammont minimu ta' pagamenti ta' EUR 250 jew inkella japplikaw daqs minimu ta' medda eliġibbli għal kull stabbiliment agrikolu ta' talanqas ettaru jew inkella japplikaw it-tnejn li huma. Madankollu, qed issir dispożizzjoni speċjali għal dawk l-Istati Membri li s-settur agrikolu tagħhom jikkonsisti minn azjendi żgħar ħafna.

3. L-OKS (L-ORGANIZAZZJONI KOMUNI TAS-SUQ) UNIKA

3.1. Il-mekkaniżmi ta' l-interventi fis-suq

Abbażi ta' analiżi, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kontroll tal-forniment tas-suq ma għandux iservi biex titnaqqas il-kapaċità tal-bdiewa ta' l-UE li jirrispondu għas-sinjali tas-suq iżda għandu jinbidel f'xibka ta' sikurezza. Biex dan isir, qed jiġu proposti s-simplifikar u l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' bħalissa dwar l-intervent pubbliku permezz ta' l-estensjoni ta' sistema ta' sejħa għal offerti.

Fis-settur taċ-ċereali, qed tiġi proposta l-introduzzjoni ta' sejħiet għal offerti għall-qamħ tal-ħobż, filwaqt li għall-qmuħ ta' l-għalf, għandu japplika l-istess mudell bħal tal-qamħirrun (it-tnaqqis tal-limitu massimu kwantitattiv għal żero). Għall-qamħ durum, wara li jkunu tqiesu l-kundizzjonijiet fis-suq kif mistennija, qed tiġi proposta t-tneħħija ta' l-intervent. Għall-istess raġunijiet, għar-ross u għal-laħam tal-majjal qed jiġi propost ukoll li jitneħħa l-intervent. Japplikaw ukoll id-dispożizzjonijiet fir-rigward ta' sejħiet għall-offerti għall-butir u għat-trab tal-ħalib xkumat.

3.2. Tneħħija tas-serħan ta' l-artijiet

Fuq il-bażi tal-qagħda tal-prospettiva dwar is-suq u l-implimentazzjoni ta' l-SPS, qed tiġi proposta t-tneħħija tas-serħan ta' l-artijiet bħala strument ta' kontroll tal-provvista. Madankollu, bil-proposti għall-kundizzjonalità u l-RD, l-Istati Membri qed jingħataw l-għodod xierqa biex jiżguraw li l-benefiċċji ambjentali tas-serħan ta' l-artijiet ta' bħalissa jkunu jistgħu jinżammu.

3.3. Tranżizzjoni sa tmiem il-kwoti fuq il-ħalib

Fl-1984, iddaħħlu l-kwoti bħala reazzjoni għall-produzzjoni żejda. Il-qagħda preżenti tal-prospettiva dwar is-suq tindika li l-kundizzjonijiet li għalihom fl-1984 ddaħħlu l-kwoti fuq il-ħalib ma għadhomx rilevanti. Peress li l-kwoti fuq il-ħalib jispiċċaw fl-2015, huwa xieraq li wara l-2015 is-settur ikollu għajnuna permezz ta' miżuri tranżizzjonali gradwali għall-adattament għal suq mingħajr kwoti. Qed jiġi propost żieda annwali gradwali li tippermetti li s-settur tal-ħalib ma jiħux sabta kbira wara t-tmiem tal-kwoti.

F'termini ġenerali, huwa mistenni li l-faża tat-tneħħija tal-kwoti fuq il-ħalib ser tespandi l-produzzjoni, tnaqqas il-prezzijiet u żżid il-kompetittività tas-settur. Fl-istess ħin, hemm ċerti reġjuni, speċjalment iżda mhux esklussivament ir-reġjuni tal-muntanji, li huma mistennija li jaffaċċaw diffikultajiet fiż-żamma ta' livell minimu tal-produzzjoni. Dawn il-problemi jistgħu jiġu indirizzati bl-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi permezz ta' l-Artikolu 68 tar-Regolament dwar l-iskemi ta' appoġġ dirett.

3.4. Għajnuniet speċifiċi għas-settur tal-ħalib

Qed tiġi proposta t-tneħħija ta' l-għajnuna għall-ħżin privat ta' ġobon u l-għajnuna għad-disponiment ta' butir, għaġina u ġelati u għall-konsum dirett. Dawn l-iskemi m'għadhomx meħtieġa għall-appoġġ tas-suq u għalhekk għandhom jitneħħew.

Għal prodotti oħrajn bħall-għajnuna għall-ħżin privat ta' butir, trab tal-ħalib xkumat, ikel għall-għalf u l-għajnuna għal produzzjoni tal-każeina, li għaliha hemm provvediment ta' għajnuna obbligatorja fir-regolament preżenti, ġie propost li ma jkunx obbligatorju għall-Kummissjoni biex tiddeċiedi jekk appoġġ bħal dan għandux jiġi applikat fis-sitwazzjonijiet tas-suq li jirrikjedu hekk.

3.5. Skemi oħra ta' appoġġ

Għal sensiela ta' skemi żgħar ta' appoġġ, qed jiġi propost li dawn jiġu diżakkoppjati u trasferiti fl-SPS għaliex b'hekk jiġu ssimplifikati u jikkontribwixxu għat-titjib fil-kompetittività. Għall-qanneb, l-uċuħ ta' proteina, u l-ġewż it-tranżizzjoni għall-SPS tista' sseħħ mingħajr perjodu ta' tranżizzjoni. Għar-ross, l-għalf imnixxef, il-patata tal-lamtu u l-kittien tal-fibri twal, qed jiġi propost perjodu ta' tranżizzjoni għat-trasferiment lejn id-diżakkoppjar sħiħ sabiex jgħin lill-bdiewa u lill-industriji ta' l-ipproċessar jadattaw b'mod gradwali għall-iskema ta' l-appoġġ il-ġdid. Qed jiġi propost ukoll it-tneħħija ta' l-iskema ta' prodotti tar-raba' għall-enerġija bbażata fuq domanda qawwija ħafna għall-bijoenerġija.

4. SFIDI ĠODDA U L-POLITIKA GĦALL-IŻVILUPP RURALI

Bil-limitu massimu għall-baġit globali tal-PAK stabbilit sa l-2013, finanzjament addizzjonali għall-iżvilupp rurali jista' jinkiseb biss permezz ta' żieda fil-modulazzjoni obbligatorja.

Il-finanzjament addizzjonali huwa meħtieġ sabiex isaħħaħ l-isforzi fir-rigward tal-prijoritajiet ta' l-UE fil-qasam tat-tibdil fil-klima, ta' l-enerġija li tiġġedded, il-ġestjoni ta' l-ilma u l-bijodiversità.

- Il-klima u l-enerġija telgħu fil-quċċata ta' l-aġenda, għaliex l-UE qabdet it-tmun f'idejha biex tinbena ekonomija globali b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju. F'Marzu 2007, il-mexxejja ta' l-UE awtorizzaw proposti tal-Kummissjoni sabiex l-emissjonijiet tas-CO2 jitnaqqsu b'talanqas 20% sa l-2020 (30% jekk jigu miftiehma miri globali) u biex tiġi stabbilita mira obbligatorja ta' 20% għall-użu ta' l-għejun ta' l-enerġija li jiġġeddu, inkluż sehem ta' 10% tal-bijofjuwils fil-konsum tal-petrol u tad-diżil. L-agrikoltura u l-forsetrija jistgħu jagħtu kontribut importanti fil-forniment ta' stokkijiet ta' għalf għall-bijoenerġija, għas-separazzjoni tal-karbonju u għal aktar tnaqqis fl-emissjonijiet GHG.

- L-għanijiet ta' l-UE fir-rigward tal-politika ta' l-ilma huma stabbiliti fid-Direttiva Kwadru dwar l-Ilma, li se tibda tilħaq l-implimentazzjoni sħiħa fil-perjodu 2010–2012. L-agrikoltura u l-forestrija bħala l-utenti prinċipali ta' l-ilma u tar-riżorsi ta' l-ilma għandhom rwol kbir fil-ġestjoni sostenibbli ta' l-ilma kemm f'termini ta' kwantità kif ukoll ta' kwalità. Il-ġestjoni ta' l-ilma se tkun parti dejjem aktar importanti fl-istrateġija ta' adattament biex jiġi trattat it-tibdil fil-klima li diġà ma jistax jiġi evitat.

- L-Istati Membri ntrabtu li sa l-2010 iwaqqfu t-tnaqqis fil-bijodiversità, mira li aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar jidher li mhix se tintlaħaq. Parti kbira tal-bijodiversità ta' l-Ewropa tiddependi mill-agrikoltura u l-forestrija u se jkollhom jissaħħu l-isforzi għall-protezzjoni tal-bijodiversità, partikolarment fid-dawl ta' l-effetti negattivi mistennija minħabba tibdil fil-klima u d-domanda dejjem tiżdied għall-ilma .

L-Istati Membri huma mħeġġa jagħmlu użu sħiħ mill-finanzjament addizzjonali disponibbli għall-perjodu 2010-2013 u biex jadattaw l-istrateġiji u l programmi tagħhom skond dan. B'mod partikolari l-appoġġ għal investimenti taħt l-assi 1 jista' jiġi mmirat għall-enerġija, l-ilma u għal makkinarju u tagħmir ieħor li jiffrankaw l-enerġija u għall-produzzjoni ta' (stokkijiet ta' għalf għal) enerġija li tiġġedded għall-użu kemm fil-farms kif ukoll barra mill-farms. Taħt l-assi 2 il-miżura agroambjentali u l-miżuri dwar il-forestrija jistgħu jintużaw speċjalment għall-bijodiversità, għall-ġestjoni ta' l-ilma u għall-azzjonijiet ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Taħt l-assi 3 u 4 jistgħu jiġu appoġġjati l-proġetti ta' l-enerġija li tiġġedded fuq skala lokali.

F'dan il-kuntest is-Seba' Programm Kwadru dwar ir-Riċerka se jikkontribwixxi lejn l-indirizzar ta' sfidi ġodda u sabiex jingħata appoġġ siewi għal innovazzjonijiet fis-settur tal-biedja kif ukoll sabiex jiġu mmirati l-politiki.

5. L-IMPATT BAĠITARJU

Sa mir-riforma tal-PAK ta' l-2003 u b'seħħ mis-sena baġitarja ta' l-2007, il-PAK fiha nnifisha għandha mekkaniżmu ta' dixxiplina finanzjarja fil-każ li n-nefqa mistennija tissogra li taqbeż il-limitu massimu finanzjarju għall-infiq fis-suq u għal għajnuniet diretti. Il-proposta ma tbiddel xejn mill-prinċipji stabbiliti bir-riforma ta' l-2003 u kif ġew emendati bl-adeżjoni ta' l-UE-12 fir-rigward ta' l-applikazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu. Il-biċċa l-kbira ta' l-appoġġ għall-PAK issa hija stabbilita u l-prospettiva fis-suq tjiebet b'mod sinifikanti mill-2003. Bħala riżultat, ir-riskju li d-dixxiplina finanzjarja tiġi applikata (i.e. tnaqqis f'għajnuniet diretti) naqas meta mqabbel ma' dak li kien mistenni.

Proposti għall-modulazzjoni fl-Iskema ta' Pagament Uniku u fl-Iżvilupp Rurali huma newtrali kif imfassla fir-rigward tal-baġit ta' l-UE, għaliex huwa trasferiment obbligatorju sempliċi bejn it-tieni u l-ewwel pilastru tal-PAK. Għall-baġit nazzjonali l-modulazzjoni msaħħa tista' twassal għal nefqa nazzjonali addizzjonali fid-dawl tal-kofinanzjament meħtieġ mill-Iżvilupp Rurali. Dan ifisser li ċerti Stati Membri għandhom ir-responsabbiltà li jirritornaw għal-livell (ogħla) ta' l-infiq nazzjonali previst oriġinarjament qabel id-deċiżjoni dwar il-Qafas Finanzjarju 2007–2013 Fir-rigward tat-trasferiment ta' miżuri fl-Iskema ta' Pagament Uniku jista' jkun hemm konsegwenzi finanzjarji moderati għall-baġit ta' l-UE, iżda l-biċċa l-kbira tat-trasferimenti huma wkoll newtrali għall-finijiet tal-baġit.

Fir-rigward tal-miżuri tas-suq, iż-żieda ta' dan l-aħħar fil-prezzijiet dinjin waslet għal titjib ċar fil-prospettivi dwar dak li kien mistenni meta ġiet deċiża r-riforma ta' l-2003. Minn dak iż-żmien, ir-riforma ta' l-intervent għall-qamħirrun solviet parti mill-problemi mistennija qabel fis-suq taċ-ċereali, u l-proposti preżenti dwar l-intervent għaċ-ċereali jtejbu s-sitwazzjoni. Xi nefqa addizzjonali lejn it-tmiem tal-qafas finanzjarju preżenti hija relattivament żgħira. Fis-settur tal-ħalib l-impatt huwa wieħed marbut aktar ma' meta se jsir l-infiq (qabel jew wara l-2013).

L-iskadenza tal-kwota tal-ħalib se ġġib pressjoni addizzjonali taħt l-għażliet kollha fis-settur tal-butir. Din il-proposta, billi tniedi proċess gradwali tat-tneħħija ta' kwota, globalment hija ta' aktar benefiċċju mhux biss għas-settur, iżda wkoll għall-iżviluppi fit-tul tal-PAK. Madankollu, ma tistax tiġi eskluża l-ħtieġa għal ċerta nefqa limitata addizzjonali fuq l-esportazzjonijiet tal-butir. Jekk dan iseħħ jiddependi fuq fatturi li bħalissa ma humiex magħrufa (il-Ftehim DDA, żviluppi fis-suq madwar id-dinja). Għaldaqstant dawn il-proposti jinkludu klawżola ta' reviżjoni fl-2012 li tippermetti li jiġu vvalutati żviluppi fis-swieq tal-ħalib sabiex jiġi determinati jekk se jenħtieġux miżuri addizzjonali għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe żieda fil-baġit. Huwa previst l-iffrankar fl-ispejjeż bħala konsegwenza tat-tneħħija tal-miżuri eżistenti. Madankollu, l-akbar effett li se jkun hemm fuq il-baġit biex il-kwota tal-ħalib ma tiħux sabta kbira huwa t-telf ta' dħul baġitarju minħabba t-tnaqqis previst fl-imposta fuq il-ħalib.

2008/0103 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett taħt il-politika agrikola komuni għall-bdiewa u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi il-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikoli 36, 37 u 299(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Greċja, u b'mod partikolari l-paragrafu 6 tal-Protokoll Nru 4 tiegħu dwar il-qoton[1],

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[3],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[4],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[5],

Billi:

(1) L-esperjenza ta' wara l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ [skemi ta' appoġġ dirett] fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KEE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001, turi li jeħtieġ ċerti elementi tal-mekkaniżmu ta' l-appoġġ jiġu aġġustati.[6] B'mod partikolari, id-diżakkoppjar ta' l-appoġġ dirett għandu jiġi estiż u l-funzjonament ta' l-Iskema ta' Pagament Uniku għandu jiġi ssimplifikat. Għandu jiġi osservat ukoll li r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 ġie mmodifikat sostanzjalment mid-dħul fis-seħħ tiegħu. Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi u fl-interess taċ-ċarezza dan għandu jitħassar u jiġi sostitwit b'Regolament ġdid.

---

1 ĠU L 291, 19.11.1979, p. 174. Protokoll kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1050/2001 (ĠU L 148, 1.6.2001, p. 1).
2 ĠU C […], […], p. […].
3 ĠU C […], […], p. […].
4 ĠU C […], […], p. […].
5 ĠU C […], […], p. […].
6 ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir- (daħħal ir-referenza dwar l-inbid).

(2) Ir-Regolament (KE) Nr 1782/2003 stabbilixxa l-prinċipju li l-bdiewa li ma jikkonformawx ma' ċerti rekwiżiti fl-oqsma tas-saħħa tal-pubbliku, ta' l-annimali u tal-pjanti, u l-ambjent u l-benessri ta' l-annimali għandhom ikunu soġġetti għal tnaqqis ta' jew l-esklużjoni minn appoġġ dirett. Din is-sistema ta' «kundizzjonalità» tifforma parti integrali mill-appoġġ Komunitarju taħt il-pagamenti diretti u għalhekk għandha tinżamm. Madankollu, l-esperjenza turi li għadd ta' rekwiżiti fl-ambitu tal-kundizzjonalità m'humiex rilevanti biżżejjed għall-attività fl-art agrikola jew inkella jikkonċernaw aktar l-awtoritajiet nazzjonali milli l-bdiewa. Għaldaqstant huwa xieraq li l-ambitu tal-kundizzjonalità jiġi aġġornat.

(3) Barra minn hekk, biex jiġi evitat l-abbandun ta' art agrikola u jiġi żgurat li din tinżamm f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba, ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 stabbilixxa qafas Komunitarju li fih l-Istati Membri jadottaw 'standards' wara li jikkunsidraw il-karatteristiċi speċifiċi taż-żona konċernata, inklużi l-ħamrija u l-kundizzjonijiet klimatiċi, sistemi eżistenti ta' biedja (użu ta' l-art, newba ta' l-uċuh tar-raba' ('crop rotation'), prattiċi tal-farms) u strutturi tal-farms. It-tneħħija tas-serħan ta' l-artijiet fi ħdan l-iskema ta' pagament uniku tista' f'ċerti każijiet ikollha effetti negattivi għall-ambjent, b'mod partikolari fir-rigward ta' ċerti karatteristiċi ta' pajsaġġ. Għaldaqstant huwa xieraq, fejn ikun adegwat, li d-dispożizzjonijiet Komunitarji eżistenti li għandhom fil-mira tagħhom il-protezzjoni tal-karatteristiċi speċifikati ta' pajsaġġ jiġu msaħħa.

(4) Il-protezzjoni u l-ġestjoni ta' l-ilma fil-kuntest ta' l-attività agrikola f'ċerti nħawi qed issir problema dejjem tikber. Huwa għalhekk xieraq li jissaħħaħ ukoll il-qafas Komunitarju eżistenti dwar il-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba bil-għan li l-ilma jiġi mħares kontra t-tniġġis u t-tnixxija filwaqt li jiġi amministrat l-użu ta' l-ilma.

(5) Billi l-mergħa permanenti għandha effett ambjentali pożittiv, huwa xieraq li jiġu applikati miżuri biex jinkoraġġixxu ż-żamma ta' mergħat permanenti eżistenti biex tiġi evitata konverżjoni massiva f'art li tinħarat.

(6) Biex jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-għodod ta' politika mfassla biex jippromovu l-agrikoltura sostenibbli u dawk intenzjonati biex jippromovu l-iżvilupp rurali, ġiet introdotta sistema ta' tnaqqis progressiv fil-pagamenti diretti ("il-modulazzjoni") permezz tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Din is-sistema għandha tinżamm inkluż l-eżenzjoni mill-applikazzjoni tagħha ta' pagamenti sa EUR 5 000.

(7) L-iffrankar fl-ispejjeż li jsir permezz tal-mekkaniżmu tal-modulazzjoni li ddaħħal bir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jintuża għall-finanzjament ta' miżuri taħt il-politika għall-iżvilupp rurali. Sa mill-adozzjoni ta' dan ir-Regolament is-settur agrikolu kellu jiffaċċja għadd ta' sfidi ġodda u impenjattivi bħat-tibdil fil-klima, l-importanza dejjem tiżdied tal-bijoenerġija, kif ukoll il-ħtieġa għal ġestjoni aħjar ta' l-ilma u għal protezzjoni aktar effettiva tal-bijodiversità. Il-Komunità Ewropea, bħala parti kontraenti għall-Protokoll ta' Kyoto[7], ġiet mitluba tadatta l-politiki tagħha fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet dwar it-tibdil fil-klima. Barra minn hekk, wara l-problemi serji li nqalgħu marbuta mas-skarzezza ta' l-ilma u n-nixfa, jeħtieġ li l-kwistjonijiet dwar il-ġestjoni ta' l-ilma jerġgħu jiġi indirizzati[8]. Il-protezzjoni tal-bijodiversità għadha sfida kbira u filwaqt li sar progress importanti, il-ksib tal-mira għall-bijodiversità tal-

[7] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2002/358/KE (ĠU L 130, 15.05.2002, p. 1).
[8] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill, Lussemburgu, 30.10.2007, 13888/07.

Komunità Ewropea għall-2010 se jirrikjedi sforzi addizzjonali[9]. Il-Komunità tirrikonoxxi l-ħtieġa li dawn l-isfidi ġodda jiġu ttrattati fil-qafas tal-politiki tagħha. Fil-qasam ta' l-agrikoltura, strumenti tajbin biex dawn jiġu indirizzati huma l-programmi għall-iżvilupp rurali adottati taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE Nru 1698/2006 ta' l-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)[10]. Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jirrevedu l-programmi għall-iżvilupp rurali tagħhom skond dan mingħajr ma jiġu mitluba jnaqqsu l-attivitajiet ta' l-iżvilupp rurali ta' bħalissa f'oqsma oħra, jeħtieġ li jkun hemm id-disponibbiltà ta' finanzjament addizzjonali. Madankollu l-perspettivi finanzjarji għall-perjodu 2007 sa 2013 ma jipprovdux għal mezzi finanzjarji għar-rinfurzar tal-politika Komunitarja għall-iżvilupp rurali kif meħtieġ. F'dawn iċ-ċirkostanzi huwa xieraq li parti kbira tar-riżorsi finanzjarji meħtieġa jiġu mobilizzati għal żieda gradwali fit-tnaqqis tal-pagamenti diretti permezz tal-modulazzjoni.

(8) It-tqassim ta' appoġġ dirett ta' dħul fost il-bdiewa huwa kkaratterizzat bl-allokazzjoni ta' sehem kbir ta' pagamenti lil għadd pjuttost limitat ta' benefiċjarji kbar. Huwa ċar li l-benefiċjarji aktar kbar ma jirrikjedux li jinkiseb b'effiċjenza l-istess livell ta' appoġġ unitarju bil-għan ta' appoġġ ta' dħul. Minbarra dan, il-potenzjal għal adattament jagħmilha aktar faċli għall-benefiċjarji aktar kbar biex joperaw livelli aktar baxxi ta' appoġġ unitarju. Għaldaqstant jidher li tkun ħaġa ġusta li wieħed jistenna li l-bdiewa b'ammonti għoljin ta' appoġġ jagħtu kontribut partikolari għall-finanzjament ta' miżuri għall-iżvilupp rurali li jindirizzaw sfidi ġodda. Għaldaqstant, jidher xieraq li jiġi stabbilit mekkaniżmu li jipprovdi għat-tnaqqis imsaħħaħ tal-pagamenti l-aktar għoljin li d-dħul minnhom għandu jintuża wkoll biex jiġu ttrattati l-isfidi ġodda fil-qafas ta' l-iżvilupp rurali. Biex tiġi żgurata l-proporzjonalità ta' dan il-mekkaniżmu t-tnaqqis addizzjonali għandu jiżdied progressivament skond l-ammonti tal-pagamenti konċernati.

(9) Il-qagħda ġeografika partikolari tar-reġjuni l-aktar imbiegħda kif ukoll l-insularità, il-medda żgħira u ż-żoni tal-muntanji tagħhom u l-klima jimponu piżijiet addizzjonali fuq is-setturi agrikoli tagħhom. Sabiex it-tali piżijiet u limitazzjonijiet jonqsu jidher li deroga mill-obbligu għall-applikazzjoni tat-tnaqqis tal-modulazzjoni għall-bdiewa fir-reġjuni l-aktar imbiegħda tkun xierqa.

(10) Ir-rati miżjuda tal-modulazzjoni obbligatorja jeħtieġ li jiġu kkunsidrati mill-Istati Membri li kienu għażlu li japplikaw sistema ta' modulazzjoni volontarja. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 tas-27 ta' Marzu 2007 li jistabbilixxi regoli għal modulazzjoni volontarja ta' pagamenti diretti previsti fir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi appoġġ dirett fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa[11] għandu jiġi emendat skond dan.

---

9 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill, Brussell, 18.12.2006, 16164/06.

10 ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2012/2006 (ĠU L 384, 29.12.2008, p. 8).

11 ĠU L 95, 5.4.2007, p. 1.

(11) L-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' 5 punti perċentwali li jikkorrispondu għat-tnaqqis tal-modulazzjoni stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandhom jiġu allokati bejn l-Istati Membri skond il-kriterji ta' l-għanijiet. Madankollu, huwa xieraq li jkun stabbilit li ċertu perċentwal mill-ammonti għandu jibqa' fl-Istati Membri fejn ġew ġenerati. Minħabba l-aġġustamenti strutturali li jirriżultaw mit-tneħħija ta' l-intervent tas-segala, huwa xieraq li jiġu pprovduti miżuri speċifiċi għal ċerti reġjuni li jipproduċu s-segala ffinanzjati minn parti mill-ammonti ġġenerati mill-modulazzjoni. Madankollu, l-ammonti li jiġu ġġenerati mill-applikazzjoni ta' kull tnaqqis tal-modulazzjoni ieħor għandhom ikunu disponibbli għall-Istati Membri fejn ġew iġġenerati.

(12) Sabiex jiġi faċilitat il-funzjonament tal-modulazzjoni, notevolment fir-rigward tal-proċeduri għall-għoti ta' pagamenti diretti lill-bdiewa, u t-trasferimenti lill-programmi għall-iżvilupp rurali, huwa xieraq li jiġu stabbiliti limiti massimi netti għal kull Stat Membru li jillimita l-pagamenti li għandhom isiru lill-bdiewa wara l-applikazzjoni tal-modulazzjoni. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni[12] għandu jiġi emendat skond dan.

(13) Il-bdiewa fl-Istati Membri l-ġodda jirċievu pagamenti diretti wara mekkaniżmu ta' dħul gradwali. Sabiex jinkiseb il-bilanċ xieraq bejn l-għodod tal-politika mfassla sabiex jippromwovu l-agrikoltura sostenibbli u dawk intenzjonati biex jippromwovu l-iżvilupp rurali, is-sistema tal-modulazzjoni ma għandhiex tiġi applikata għall-bdiewa fl-Istati Membri l-ġodda sakemm il-livell tal-pagamenti diretti li japplikaw f'dawn l-Istati Membri jkun ugwali għal-livell li japplika fl-Istati membri l-oħra.

(14) Il-modulazzjonji ma għandhiex tnaqqas l-ammont ta' ħlas nett lil bidwi fi Stat Membru ġdid għal taħt l-ammont li għandu jitħallas lil bidwi ekwivalenti fl-Istati Membri l-oħra. Ladarba l-modulazzjoni tiġi applikabbli għal bdiewa fl-Istati Membri l-ġodda r-rata tat-tnaqqis għandha għalhekk, tiġi limitata għad-differenza bejn il-livell taħt l-iskeda tad-dħul gradwali u l-livell fl-Istati Membri l-oħra wara l-applikazzjoni tal-modulazzjoni. Minbarra dan, il-bdiewa fl-Istati Membri l-ġodda li huma soġġetti għall-modulazzjoni ma għandhomx jibbenefikaw aktar minn pagamenti diretti nazzjonali komplementari biex jipprevjeni li l-livell ta' appoġġ tagħhom jaqbeż il-livell fl-Istati Membri l-oħra.

(15) Bil-għan li jkun żgurat li l-ammonti għall-finanzjament tal-politika agrikola komuni jirrispettaw il-limiti massimi annwali mniżżla fil-perspettivi finanzjarji, huwa xieraq li jkun ipprovdut mekkaniżmu finanzjarju biex, fejn hu neċessarju, jiġu aġġustati l-pagamenti diretti. Aġġustament ta' appoġġ dirett għandu jkun stabbilit meta l-previżjonijiet jindikaw li s-sottotitolu 2, b'marġni ta' sigurtà ta' EUR 300 miljun, kien inqabeż f'sena baġitarja partikolari. Filwaqt li jitqiesu l-livelli tal-pagamenti diretti lill-bdiewa fl-Istati Membri l-ġodda bħala riżultat tad-dħul gradwali, għandu jkun previst illi fil-qafas ta' l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tad-dħul gradwali għall-pagamenti diretti kollha konċessi fl-Istati Membri l-ġodda, l-istrument tad-dixxiplina finanzjarja ma għandux japplika fl-Istati Membri l-ġodda sakemm il-livell tal-pagamenti diretti li japplika fl-Istati Membri l-ġodda jkun talanqas ugwali għal-livell li japplika fl-Istati Membri minbarra l-Istati Membri l-ġodda.

---

[12] ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1437/2007 (ĠU L 322, 7.12.2007, p. 1).

(16) Biex il-bdiewa jkunu megħjuna jilħqu livelli ta' l-agrikoltura moderna u ta' kwalità għolja, jeħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu sistema komprensiva li toffri konsulenza lill-farms kummerċjali. Is-sistema konsultattiva għall-farms għandha tgħin lill-bdiewa jsiru iktar konxji ta' kurrenti materjali u proċessi tal-biedja relatati ma' l-ambjent, sikurezza ta' l-ikel, saħħa u benessri ta' l-annimali mingħajr bl-ebda mod ma jkunu affettwati l-obbligazzjoni u r-responsabbiltà tagħhom li jirrispettaw dawk il-livelli.

(17) F'konformità ma' l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex ikunu sodisfatti li t-tranżazzjonijiet iffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) ikunu attwalment attwati u esegwiti b'mod korrett, u jipprevjenu u jieħdu ħsieb l-irregolaritajiet. Għal dan il-għan għandhom joperaw sistema ta' amministrazzjoni u kontroll integata għall-pagamenti diretti. Sabiex jiġu mtejba l-effettività u l-kontroll ta' l-appoġġ Komunitarju, l-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati jiddisponu mis-sistema integrata fil-każ ukoll ta' skemi Komunitarji mhux koperti b'dan ir-Regolament.

(18) Għandhom jiġu stipulati l-elementi prinċipali tas-sistema ta' amministrazzjoni u kontroll integrata, u, b'mod partikolari, għandhom jinkludu dejtabejż kompjuterizzata, sistema ta' identifikazzjoni għall-ħbula agrikoli, applikazzjonijet għall-għajnuna għall-bdiewa, sistema armonizzata ta' kontroll u, fl-iskema ta' pagament uniku, sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni tad-drittijiet għall-pagament.

(19) L-amministrazzjoni ta' ammonti żgħar huwa kompitu ta' piż għall-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri. Biex jiġu evitati piżijiet amministrattivi żejda huwa xieraq li l-Istati Membri jastjenu milli jikkonċedu pagamenti diretti fejn il-pagament ikun aktar baxx mill-appoġġ medju Komunitarju għal ettaru wieħed jew inkella fejn iż-żona eliġibbli ta' l-istabbiliment agrikolu li għaliha qed jintalab l-appoġġ ikopri anqas minn ettaru wieħed. Għandha ssir dispożizzjoni speċjali għal dawk l-Istati Membri li l-istruttura tal-farm tagħhhom tvarja b'mod sinifikanti minn dik medja tal-Komunità. L-Istati Membri għandhom jingħataw id-diskrezzjoni li jagħżlu l-implimentazzjoni ta' waħda miż-żewġ kriterji billi jqisu l-partikolaritajiet ta' l-istrutturi ta' l-ekonomiji agrikoli tagħhom. Peress li ġew allokati d-drittijiet ta' pagamenti speċjali lil bdiewa b'hekk imsejħa stabbilimenti "bla artijiet", l-applikazzjoni tal-limitu bbażat fuq ettaru ikun mingħajr effett. Għaldaqstant bdiewa bħal dawn għandhom ikunu suġġetti għall-ammont medju minimu bbażat fuq l-appoġġ.

(20) L-esperjenza ta' l-applikazzjoni ta' l-iskema ta' pagament uniku turi li l-appoġġ ta' dħul diżakkoppjat f'għadd ta' każijiet ingħata lil benefiċjarji oħra u mhux lil persuni naturali li l-mira tal-kummerċ tagħhom m'huwiex għat-twettiq ta' l-attività agrikola jew inkella l-mira hija waħda marġinali biss. Sabiex jiġi evitat li l-appoġġ ta' dħul agrikolu jiġi allokat lil kumpaniji jew ditti bħal dawn, u biex jiġi żgurat li l-użu ta' l-appoġġ Komunitarju ikun kompletament għall-assigurazzjoni ta' livell ta' għajxien ġust għall-komunità agrikola, huwa xieraq li l-Istati Membri jingħataw is-setgħa, fil-kaz li sseħħ it-tali allokazzjoni, li jastjenu milli jagħtuhom pagamenti diretti taħt dan ir-Regolament.

(21) Pagamenti pprovduti taħt skemi ta' appoġġ Komunitarji għandhom isiru, bis-sħiħ, mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali lill-benefiċjarji, mingħajr preġudizzju għat-tnaqqis ipprovdut f'dan ir-Regolament, u fi żmien il-perjodi preskritti. Sabiex il-ġestjoni tal-pagamenti diretti tkun aktar flessibbli, l-Istati Membri għandhom jitħallew iħallsu pagamenti diretti mqassma f'żewġ ħlasijiet kull sena.

(22) L-iskemi ta' appoġġ taħt il-politika agrikola komuni jipprovdu għal appoġġ permezz ta' dħul dirett b'mod partikolari bil-għan li jiġi żgurat livell ta' għajxien ġust għall-komunità agrikola. Dan l-għan huwa relatat mill-qrib mal-manteniment taż-żoni rurali. Biex tkun evitata l-allokazzjoni ħażina tal-fondi tal-Komunità, l-ebda pagamenti ta' appoġġ m'għandhom isiru lill-bdiewa li artifiċjalment ħolqu l-kundizzjonijiet mitluba biex jinkisbu tali pagamenti.

(23) Sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-politika agrikola komuni, l-iskemi komuni ta' l-appoġġ għandhom jiġu aġġornati għall-iżviluppi li jsiru, fejn meħtieġ fil-limiti ta' żmien qosra. Għaldaqstant, il-benefiċjarji ma jistgħux iserrħu fuq il-fatt li l-kundizzjonijiet għall-għajnuna mhux ser jinbidlu u għandhom ikunu ppreparati għal reviżjoni possibli ta' l-iskemi fid-dawl ta' l-iżviluppi ekonomiċi jew tal-qagħda tal-baġit.

(24) Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 stabbilixxa skema ta' pagament uniku li għaqqad id-diversi mekkaniżmi ta' appoġġ eżistenti f'skema unika ta' pagamenti diretti diżakkoppjati. L-esperjenza ta' l-applikazzjoni ta' l-iskema ta' pagament uniku turi li fiha ċerti elementi li jistgħu jiġu ssimplifikati għall-benefiċċju tal-bdiewa u l-amministrazzjonijiet. Barra minn hekk, peress li sadanittant ġiet implimentata l-iskema ta' pagament uniku mill-Istati Membri kollha li kienu mitluba jagħmlu hekk, għadd ta' dispożizzjonijiet marbutin ma' l-implimentazzjoni inizjali tagħha skadew u għalhekkk dawn għandhom jiġu adattati. F'dan il-kuntest, f'xi każijiet ġie osservat nuqqas sinifikanti fl-użu tad-drittijiet għall-pagamenti. Biex sitwazzjoni bħal din tiġi evitata u meta wieħed iqis li l-bdiewa diġà huma familjari mal-funzjonament ta' l-iskema ta' pagament uniku, il-perjodu stabbilit fil-bidu biex id-drittijiet għall-pagamenti mhux użati jerġgħu lura lir-riżerva nazzjonali għandu jonqos għal sentejn.

(25) Għandhom jinżammu l-elementi prinċipali ta' l-iskema ta' pagament uniku. B'mod partikolari l-istabbiliment ta' limiti massimi nazzjonali għandu jiżgura li l-livell totali ta' appoġġ u drittijiet ma jaqbżux il-limitazzjonijiet baġitarji tal-preżent. L-Istati Membri għandhom joperaw ukoll riżerva nazzjonali li tista' tintuża biex tiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' bdiewa ġodda fl-iskema jew biex iqisu ħtiġijiet speċifiċi f'ċerti reġjuni. Għandhom jiġu stabbiliti regoli dwar it-trasferiment u l-użu ta' drittijiet għall-pagamenti biex jiġu evitati it-trasferiment speulattiv u l-akkumulu ta' drittijiet għall-pagamenti mingħajr bażi agrikola korrispondenti

(26) L-integrazzjoni progressiva ta' setturi ġodda fl-iskema ta' pagament uniku jagħmilha neċessarja li tiġi riveduta d-definizzjoni ta' l-art eliġibbli għall-benefiċċji ta' l-iskema jew għall-attivazzjoni tad-drittijiet għall-pagamenti. Madankollu, għandu jkun hemm provvediment biex jitħalla barra l-appoġġ għal żoni kkultivati bil-frott u l-ħaxix fejn l-Istati Membri jkunu għażlu l-integrazzjoni diferita ta' dan is-settur fl-iskema ta' pagament uniku. Minbarra dan, għandhom jiġu stabbiliti miżuri speċifiċi għall-qanneb li jipprevjenu l-għoti ta' appoġġ għal uċuħ illegali.

(27) Is-serħan obbligatorju ta' l-artijiet li jinħadmu ġie introdott bħala mekkaniżmu għall-kontroll tal-provvista. L-iżviluppi fis-suq tas-settur ta' l-uċuħ tar-raba' kkultivati flimkien ma' l-introduzzjoni ta' għajnuniet diżakkoppjati l-ħtieġa għaż-żamma ta' dan l-istrument m'għadhiex iġġustifikata, u għaldaqstant għandu jitneħħa. Għandhom għalhekk jiġu attivati d-drittijiet għas-serħan ta' l-artijiet stabbiliti f'konformità ma' l-Artikoli 53 u 63(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 fir-rigward ta' l-ettari li jkunu soġġetti għall-istess kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà bħal ta' kwalunkwe dritt ieħor.

(28) Wara l-integrazzjoni fl-iskema ta' pagament uniku ta' l-appoġġ tas-suq li qabel kien akkoppjat, il-valur tad-drittijiet għall-pagamenti, f'dawk l-Istati Membri li ħadu l-għażla ta' implimentazzjoni storika, kien ibbażat fuq il-livell individwali ta' l-appoġġ tal-passat. Wara snin dejjem jiżdiedu minn meta ġiet introdotta l-iskema ta' pagament uniku u wara l-integrazzjoni sussegwenti ta' aktar setturi fl-iskema ta' pagament uniku, qed issir ħaġa dejjem aktar diffiċli biex tiġi ġġustifikata l-leġittimità tad-differenzi individwali sinifikanti fil-livell ta' l-appoġġ li huwa bbażat biss fuq l-appoġġ tal-passat. Għal din ir-raġuni l-Istati Membri li kienu għażlu l-implimentazzjoni storika għandhom taħt ċerti kundizzjonijiet jitħallew jirrevedu d-drittijiet għall-pagamenti allokati bil-għan li l-valur ta' l-unità tagħhom jiġi approssimat filwaqt li jkunu rispettati l-prinċipji ġenerali tal-leġiżlazzjoni komunitarja u l-għanijiet tal-Politika Agrikola Komuni. F'dan il-kuntest l-Istati Membri jistgħu iqisu l-ispeċifiċitajiet taż-żoni ġeografiċi meta jistabbilixxu l-valuri li joqorbu aktar. L-ibbilanċjar tad-drittijiet għall-pagamenti għandu jsir waqt perjodu ta' tranżizzjoni adegwat u fi ħdan firxa limitata ta' tnaqqis sabiex il-bdiewa jitħallew jadattaw b'mod raġonevoli għal-livelli varjabbli ta' appoġġ..

(29) Bis-saħħa tar-riforma ta' l-2003 l-Istati Membri kellhom l-għażla japplikaw għall-iskema ta' pagament uniku permezz ta' l-implimentazzjoni storika jew reġjonali. Minn dak iż-żmien 'l hemm l-Istati Membri kellhom l-opportunità jivvalutaw l-effetti ta' l-għażliet tagħhom fir-rigward kemm ta' l-adegwatezza ekonomika tagħhom kif ukoll dik amministrattiva. Għaldaqstant l-Istati Membri għandhom jingħataw l-opportunità biex jirrevedu l-għażla inizjali tagħhom fid-dawl ta' l-esperjenza. Għal din ir-raġuni, l-Istati Membri li kienu applikaw il-mudell storiku għandhom jiġu awtorizzati jaqilbu għall-mudell reġjonali kif ukoll ikollhom il-possibbiltà li jiġi bbilanċjat il-valur tad-drittijiet għall-pagamenti. Barra minn hekk, l-Istati Membri li kienu għażlu li japplikaw il-mudell reġjonali għandhom jingħataw l-għażla li jirrevedu d-deċiżjonijiet tagħhom taħt ċerti kundizzjonijiet bil-għan li japprossimaw il-valur tad-drittijet għall-pagamenti skond fażijiet stabbiliti minn qabel filwaqt li jkunu rispettati l-prinċipji ġenerali tal-leġiżlazzjoni Komunitarja u lgħanijiet tal-Politika Agrikola Komuni. Tibdiliet bħal dawn għandhom isiru waqt perjodu ta' tranżizzjoni adegwat u fi ħdan firxa limitata ta' tnaqqis sabiex il-bdiewa jitħallew jadattaw b'mod raġonevoli għal-livelli varjabbli ta' appoġġ.

(30) Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003, filwaqt li jdaħħal l-iskema ta' pagament uniku diżakkoppjat jippermetti lill-Istati Membri jeskludu ċerti pagamenti minn dik l-iskema. Fl-istess ħin l-Artikolu 64(3) ta' dak ir-Regolament ipprovda għar-reviżjoni ta' l-għażliet li hemm ipprovduti fit-Taqsimiet 2 u 3 tal-Kapitolu 5 tat-Titoli II, fir-rigward ta' żviluppi strutturali u tas-suq. Analiżi ta' l-esperjenza rilevanti turi li d-diżakkoppjar idaħħal flessibbiltà fl-għażla tal-produtturi, u jiffaċilita t-teħid tad-deċiżjoniet tagħhom dwar il-produzzjoni fuq il-bażi tal-gwadann u tar-reazzjoni fis-suq. Dan huwa l-każ partikolarment għall-uċuħ tar-raba' kkultivati, is-setturi tal-ħopps u taż-żrieragħ, kif ukoll sa ċertu punt, is-settur taċ-ċanga. Għaldaqstant, il-pagamenti parzjalment akkoppjati f'dawn is-setturi għandhom jiġu integrati fl-iskem ta' pagament uniku. Sabiex il-bdiewa fis-settur tal-laħam taċ-ċanga ikunu jistgħu jadattaw gradwalment għall-arranġamenti ta' appoġġ ġodda għandu jkun hemm provvediment għad-dħul f'fażijieti ta' l-integrazzjoni tal-primjum speċjali għall-annimali maskili u l-primjums għall-qatla. Peress li l-pagamenti parzjalment akkoppjati fis-setturi tal-frott u tal-ħaxix iddaħħlu biss dan l-aħħar, u bħala miżura ta' tranżizzjoni biss, ma' hi meħtieġa l-ebda reviżjoni ta' tali skemi.

(31) Madankollu, fir-rigward tas-settur tal-baqar li jreddgħu, tan-nagħaġ u tal-mogħoż jidher li possibbilment għada meħtieġa ż-żamma tal-livell minimu ta' produzzjoni agrikola għall-ekonomiji agrikoli f'ċerti reġjuni u, b'mod partikolari, fejn il-bdiewa ma għandhomx rikors għal alternattivi ekonomiċi oħra. F'dan l-isfond, l-Istati Membri għandhom ikollhom l-għażla li jżommu l-appoġġ akkoppjat fil-livell ta' bħalissa, jew fir-rigward tal-baqar li jreddgħu, f'livell aktar baxx. F'dak il-każ għandu jkun hemm provvediment speċjali fir-rigward tar-rekwiżiti ta' l-identifikazzjoni u tar-reġistrazzjoni li hemm provvediment għalihom fir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1760/2000[13] u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004[14], b'mod partikolari bil-għan li tinkiseb it-traċċabbiltà ta' l-annimali.

(32) F'każijiet definiti b'mod ċar l-Istati Membri għandhom jitħallew jużaw sa 10% tal-limiti massimi tagħhom għall-għoti ta' l-appoġġ speċifiku. Tali appoġġ għandu jippermetti lill-Istati Membri jindirizzaw kwistjonijiet ambjentali u jtejbu l-kwalità u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli. Għandu jkun hemm disponibbli wkoll appoġġ speċifiku bħala protezzjoni kontra l-konsegwenzi tat-tneħħija tal-kwoti tal-ħalib u tad-diżakkoppjar ta' l-appoġġ f'setturi li huma partikolarment sensittivi. Minħabba l-importanza dejjem tikber tal-ġestjoni tar-riskji effettiva l-Istati Membri għandhom jingħataw l-għażla li jikkontribwixxu finanzarjament għall-primjums li l-bdiewa jħallsu għall-assigurazzjoni ta' l-uċuħ kif ukoll għall-finanzjament tal-kumpens finanzjarju ta' xi telf ekonomiku minħabba każijiet ta' mard ta' l-annimali jew tal-pjanti. Bil-għan li jiġu rispettati l-obbligi internazzjonali tal-Komunità r-riżorsi li jistgħu jintużaw għal kwalunkwe miżura ta' appoġġ akkoppjat għandhom ikunu limitati fuq livell xieraq. Skond dan għandhom jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet applikabbli għall-kontributi finanzjarji għall-assigurazzjoni ta' l-uċuħ u l-kumpens relatat mal-mard ta' l-annimali jew tal-pjanti.

(33) Il-pagamenti diretti taħt l-iskema ta' pagament uniku kienu msejsa fuq l-ammonti ta' referenza għall-pagamenti diretti li kienu rċevuti fl-imgħoddi jew fuq ammonti reġjonalizzati għal kull ettaru. Il-bdiewa fl-Istati Membri l-ġodda ma rċevewx pagamenti diretti Komunitarji u ma għandhom l-ebda referenzi storiċi għas-snin kalendarji 2000, 2001 u 2002. Għalhekk, saret dispożizzjoni taħt ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 biex l-iskema ta' pagament uniku fl-Istat Membri l-ġodda tiġi bbażata fuq ammonti reġjonalizzati għal kull ettaru. Madankollu, bosta snin wara l-adeżjoni ta' l-Istati Membri l-godda fil-Komunità, jista' jiġi kkunsidrat l-użu ta' perjodi ta' referenza għal dawn l-Istat Membri ġodda li kienu għadhom ma ttrasferixxewx għall-iskema ta' pagament uniku. Għaldaqstant, bil-għan li tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni fl-iskema ta' pagament uniku u b'mod partikolari, biex jiġu evitati l-applikazzjonijiet spekulattivi huwa xieraq li l-Istati Membri l-ġodda jiġu awtorizzati li għall-kalkolu tad-drittijiet għall-pagamenti taħt l-iskema ta' pagament uniku jqisu dawk il-meded li storikament kien jingħatalhom l-appoġġ taħt l-iskema ta' pagament uniku għall-medda.

(34) Taħt l-għażla reġjonalizzata għall-iskema ta' pagament uniku l-Istati Membri l-ġodda għandu jkollhom il-possibbiltà li jagġustaw il-valur tad-drittijiet għal kull ettaru abbażi ta' kriterji oġġettivi biex jiġi żgurat it-trattament ugwali bejn il-bdiewa u jiġi evitat it-tagħwiġ tas-suq.

---

13 ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1.
14 ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8.

(35) L-Istati Membri ġodda għandu jkollhom l-istess possibbilitajiet bħall-Istati Membri l-oħra biex jimplimentaw parzjalment l-iskema ta' pagament uniku.

(36) Id-diżakkoppjar ta' l-appoġġ dirett u l-introduzzjoni ta' l-iskema ta' pagament uniku kienu jikkostitwixxu elementi essenzjali fil-proċess tar-riforma tal-politika agrikola komuni. Madankollu, matul is-sena 2003 għal diversi raġunijiet qamet il-ħtieġa għal talba ta' appoġġ speċifiku għal ċertu numru ta' uċuħ. L-esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 flimkien ma' l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni fis-suq tindika li skemi li fl-2003 tħallew barra mill-iskema ta' pagament uniku issa jistgħu jiġu integrati f'din l-iskema bil-għan tal-promozzjoni ta' agrikoltura aktar sostenibbli u orjentata għas-suq. Dan hu l-każ partikolarment għas-settur taż-żejt taż-żebbuġ, li fih ġie applikat akkoppjar marġinali biss Huwa l-każ ukoll għall-pagamenti tal-qamħ tad-durum, l-uċuħ ta' proteina, ir-ross, il-lamtu tal-patata, u l-ġewż, għaliex hawnhekk l-effettività dejjem tonqos tal-pagamenti akkoppjati li fadal, iżżid l-appoġġ għall-għażla tad-diżakkoppjar. Fil-każ tal-kittien huwa xieraq ukoll li jitneħħa l-appoġġ għall-ipproċessar u li l-ammonti rilevanti jiġu integrati fl-iskema ta' pagament uniku. Fir-rigward tar-ross, l-għalf imnixxef, il-lamtu tal-patata u l-kittien għandu jiġi pprovdut perjodu ta' tranżizzjoni biex jiġi żgurat it-trasferiment tagħhom lejn appoġġ diżakkoppjat kemm jista' jkun mingħajr l-ebda xkiel. Fir-rigward tal-ġewż, l-Istati Membri għandhom jitħallew ikomplu jħallsu s-sehem nazzjonali ta' l-għajnuna b'mod akkoppjat sabiex jipproteġu kontra l-effetti tad-diżakkoppjar.

(37) Bħala riżultat ta' l-integrazzjoni ta' l-iskemi ġodda fl-iskema ta' pagament uniku, għandha ssir dispożizzjoni għall-kalkolu tal-livell ġdid ta' l-appoġġ ta' dħul individwali taħt dik l-iskema. Fil-każ tal-ġewż, il-lamtu tal-patata, il-kittien u l-għalf imnixxef, it-tali żieda għandha tingħata abbażi ta' l-appoġġ li jkunu rċevew il-bdiewa fis-snin l-aktar reċenti. Madankollu, fil-każ ta' l-integrazzjoni tal-pagamenti li s'issa kienu parzjalment eskluži mill-iskema ta' pagament uniku, l-Istati Membri għandhom jingħataw l-għażla li jużaw il-perjodi ta' referenza oriġinali.

(38) Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jistabbilixxi appoġġ speċifiku għall-uċuħ ta' enerġija bil-għan li jservi ta' għajnuna għas-settur biex dan jiżviluppa. Minħabba żviluppi reċenti fis-settur tal-bijoenerġija u, b'mod partikolari, minħabba d-domanda qawwija għal prodotti bħal dawn fis-swieq internazzjonali u l-introduzzjoni ta' miri obbligatorji fir-rigward tas-sehem tal-bijoenerġija tal-fjuwil totali sa l-2020 ma hemmx raġuni sinifikanti għall-għoti ta' appoġġ speċifiku għall-uċuħ ta' enerġija.

(39) Fl-okkażjoni ta' l-integrazzjoni tas-settur tal-qoton fl-iskema ta' pagament uniku, ġie kkunsidrat bħala neċessarju li parti mill-appoġġ għandha tibqa' marbuta mal-kultivazzjoni tal-qoton permezz ta' pagament speċifiku għal wiċċ individwali għal kull ettaru eliġibbli sabiex jiġi evitat ir-riskju tat-tfixkil fil-produzzjoni fir-reġjuni tal-produzzjoni tal-qoton. Din l-għażla għandha tinżamm skond l-għanijiet, stabbiliti fil-Protokoll 4 dwar il-qoton anness ma' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Greċja.

(40) Biex jipproteġu kontra l-effetti tal-proċess tar-ristrutturar f'dawk l-Istati Membri li kienu taw għajnuna għar-ristrutturar kif hemm ipprovdut fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar ta' l-industrija taz-zokkor fil-Komunità[15] lill-produtturi tal-pitravi taz-zokkor u tal-kannamieli għandu jingħatalhom għajnuna għal massimu ta' ħames snin konsekuttivi.

(41) L-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, iċ-Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakja u l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija pprovda li wara mekkaniżmu ta' dħul f'fażijiet, il-bdiewa fl-Istati Membri l-ġodda għandhom jirċievu pagamenti diretti.

(42) Barra minn hekk, dawn l-Atti ta' l-Adeżjoni pprovdew għal mekkaniżmu tranżizzjonali ta' appoġġ issimplifikat għall-għoti ta' pagamenti diretti fl-Istati Membri l-ġodda bbażat fuq il-medda. Għandhom jiġu stabbiliti l-elementi prinċipali ta' dak il-mekkaniżmu. L-iskema ta' pagament uniku għall-medda ġiet ipprovata bħala sistema effiċjenti u sempliċi għall-għoti ta' appoġġ ta' dħul għall-bdiewa. Għall-iskopijiet ta' simplifikar huwa xieraq li l-Istati Membri l-ġodda jitħallew jibqgħu japplikaw għaliha sa tmiem is-sena 2013.

(43) Wara r-riforma tas-setturi taz-zokkor u tal-frott u l-ħaxix u l-integrazzjoni tagħhom fl-iskema ta' pagament uniku, l-Istati Membri li kienu għażlu li japplikaw l-iskema ta' pagament uniku għall-medda għandhom ikunu jistgħu jagħti appoġġ ta' dħul lil dawk li jkabbru l-pitravi taz-zokkor, il-kannamieli u ċ-ċikwejra u lil produtturi ta' ċertu frott u ħaxix fil-forma ta' pagamenti separati. Bl-istess mod, dawn l-istess Stati Membri għandhom jitħallew iħallsu appoġġ speċifiku separat taħt kundizzjonijiet simili applikabbli fl-Istati Membri l-oħra.

(44) B'konsegwenza tad-dħul f'fażijiet ta' pagamenti diretti fl-Istati Membri l-ġodda l-Atti ta' l-Adeżjoni pprovdew qafas li jippermetti lill-Istati Membri l-ġodda jħallsu pagamenti diretti nazzjonali li huma komplementari. Il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' pagamenti bħal dawn għandhom jiġu stabbiliti.

(45) Waqt l-allokazzjoni tal-bidu tad-drittijiet għall-pagamenti min-naħa ta' l-Istati Membri ċerti żbalji rriżultaw f'pagamenti partikolarment għoljin għall-bdiewa. Dan in-nuqqas ta' konformità normalment jiġi segwit minn rettifika finanzjarja sa ma jittieħdu l-miżuri korrettivi. Madankollu, għall-Istati Membri, meta wieħed iqis iż-żmien li għadda sa mill-ewwel allokazzjoni tad-drittijiet għall-pagamenti, l-adozzjoni tar-rettifika meħtieġa tkun twassal għal restrizzjonijiet legali u amministrattivi sproporzjonati. Huwa għalhekk xieraq fl-interess taċ-ċertezza legali li l-allokazzjoni ta' tali pagamenti jiġu regolarizzati.

---

[15] ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42, ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1261/2007 (ĠU L 283, 27.10.2007, p. 8.).

(46) F'konformità ma' l-Artikolu 70(1) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, Spanja, Franza u l-Portugall iddeċidew li jeskludu mill-iskema ta' pagament uniku, il-pagamenti diretti li saru fid-dipartimenti barranin Franċiżi, l-Ażori u l-Madejra u l-Gżejjer Kanarji u jagħtuhomlhom skond il-kundizzjonijiet stabbiliti taħt it-Titolu IV ta' dak ir-Regolament. Uħud mill-għajnuniet ipprovduti f'dak it-Titolu ddaħħlu kompletament fl-iskema ta' pagament uniku. Għall-iskopijiet ta' simplifikar u biex jitqiesu ċ-ċirkostanzi speċifiċi tar-reġjuni l-aktar imbiegħda, jidher xieraq li għajnuna bħal din tiġi ġestita fi ħdan il-programmi ta' appoġġ stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 247/2006. Għal dan il-għan il-fondi rilevanti għandhom jiġu trasferiti mill-livelli massimi nazzjonali ta' pagamenti diretti għall-ammont finanzjarju stabbilit fl-Artikolu 23(2) ta' dak ir-Regolament. Ir-Regolament (KE) Nru 247/2006 għandu jiġi emendat skond dan.

(47) Huwa xieraq li jkun hemm provvediment ħlief fejn ipprovdut mod ieħor, li jkun jeskludi l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament, li jistgħu jirriżultaw f'imġiba possibbli ta' Stat Membru li tkun tkkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Dan għaliex id-dispożizzjonijiet konċernati fihom kundizzjonijiet adegwati għall-għoti ta' l-appoġġ, jew għaliex jipprevedu l-adozzjoni ta' kundizzjonijiet bħal dawn mill-Kummissjoni, u sabiex jiġi evitat it-tagħwiġ tal-kompetizzjoni.

(48) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE[16] tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni,

(49) Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandu jitħassar.

(50) L-Istati Membri għandhom ikollhom biżżejjed żmien għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jippermettu d-diżakkoppjar ta' pagamenti diretti u ta' dawk li jippermettulhom jirrevedu d-deċiżjonijiet adottati fil-kuntest tar-riforma 2003. Għal din ir-raġuni d-dispożizzjonijiet rilevanti għandhom japplikaw biss mill-2010. Għaldaqstant ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandu applika matul is-sena 2009 għal dawk l-iskemi ta' għajnuna li se jiġu integrati fl-iskema ta' pagament uniku mill-2010,

---

[16] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I
AMBITU U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1
L-ambitu

Dan ir-Regolament jistabbilixxi:

(a) regoli komuni dwar il-pagamenti diretti

(b) skema ta' appoġġ ta' dħul għall-bdiewa (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-iskema ta' pagament uniku");

(c) skema ta' appoġġ ta' dħul issimplifikat u tranżizzjonali għall-bdiewa fl-Istati Membri l-ġodda (minn hawn 'il quddiem imsejħa «skema ta' pagament uniku»);

(d) skemi ta' appoġġ għall-bdiewa li jipproduċu r-ross, il-patata tal-lamtu, il-qoton, iz-zokkor, il-frott u l-ħaxix, il-laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż u ċ-ċanga u l-vitella;

(e) qafas biex jiġu kkomplementati l-pagamenti diretti fl-Istati Membri l-ġodda.

Artikolu 2
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet:

(a) "bidwi" tfisser persuna naturali jew legali, jew grupp ta' persuni naturali jew legali, hu x'inhu l-istatus legali mogħti lil dan il-grupp u lill-membri tiegħu mil-liġi nazzjonali, li l-ażjenda tiegħu tinsab f'territorju tal-Komunità, kif imsemmi fl-Artikolu 299 tat-Trattat, u li jeżerċita attività agrikola;

(b) "azjenda" tfisser il-'units' kollha tal-produzzjoni mmexxija minn bidwi li jinstabu fit-territorju ta' l-istess Stat Membru;

(c) "attività agrikola" tfisser il-produzzjoni, it-trobbija jew tkabbir ta' prodotti agrikoli inklużi l-ħsad, il-produzzjoni tal-ħalib, it-trobbija ta' l-annimali u ż-żamma ta' annimali għal skopijiet ta' biedja, jew iż-żamma ta' l-art f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba kif stabbilit taħt l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament;

(d) "pagament dirett" tfisser pagament mogħti direttament lill-bdiewa taħt skema ta' appoġġ ta' dħul imniżżla fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(e) "pagamenti f'sena kalendarja partikolari" jew "pagament fil-perjodu ta' rappreżentazzjoni" tfisser pagamenti mogħtija jew li ser jingħataw għas-sena jew għas-snin konċernati, inklużi l-pagamenti kollha għal perjodi oħra li jibdew f'dik is-sena kalendarja jew is-snin kalendarji;

(f) "prodotti agrikoli" tfisser l-prodotti mniżżla fl-Anness I tat-Trattat, inkluż il-qoton, iżda bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd;

(g) “Stati Membri ġodda” tfisser il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja;

(h) "medda agrikola" tfisser il-medda totali kollha użata bħala art għall-kultivazzjoni, mergħa permanenti, u uċuh permanenti;

Artikolu 3 (ex-32)
L-iffinanzjar ta' pagamenti diretti

L-iskemi ta' appoġġ elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu ffinanzjati skond l-Artikolu 3(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

TITOLU II
DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI DWAR IL-PAGAMENTI DIRETTI

KAPITOLU 1
'KUNDIDIZZJONALITÀ'

Artikolu 4
Kundizzjonijiet prinċipali

1. Bidwi li jirċievi pagamenti diretti għandu jirrispetta kundizzjonijiet amministrattivi statutorji elenkati fl-Anness II, u l-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba stabbilita bl-Artikolu 6.

2. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jipprovdu lill-bidwi lista ta' kundizzjonijiet amministrattivi statutorji u l-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba li jridu jiġu rispettati.

Artikolu 5
Kundizzjonijiet amministrattivi statutorji

1. Il-kundizzjonijiet amministrattivi statutorji elenkati fl-Anness II għandhom ikunu stabbiliti mil-leġislazzjoni tal-Komunità fl-oqsma li ġejjin:

   (a) saħħa tal-pubbliku, ta' l-annimali u l-pjanti,

   (b) ambjent,

   (c) benessri ta' l-annimali.

2. L-atti msemmija fl-Anness II għandhom japplikaw fl-isfond ta' dan ir-Regolament fil-verżjoni kif emendata minn żmien għal żmien u, fil-każ tad-Direttivi kif implementati fl-Istati Membri.

Artikolu 6
Kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-art agrikola kollha, speċjalment art li m'għadhiex tintuża għall-skopijiet tal-produzzjoni, tinżamm f'kundizzjoni agrikola and ambjentali tajba. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu, fuq livell nazzjonali jew reġjonali, il-kundizzjonijiet minimi għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba fuq il-bażi tal-qafas stabbilit fl-Anness III, wara li jkunu tqiesu l-karatteristiċi speċifiċi ta' ż-żoni konċernati, inklużi l-kundizzjonijiet tal-ħamrija u klimatiċi, sistemi tal-biedja eżistenti, użu ta' l-art, newba ta' l-uċuh tar-raba', prattiċi tal-biedja, u strutturi tal-farms.

2. L-Istati Membri minbarra l-Istati Membri l-ġodda għandhom jiżguraw li l-art li kienet mergħa permanenti fid-dejta mniżżla fl-applikazzjonijiet għall-għajnuna għaż-żona ta' l-2003 tinżamm mergħa permanenti. L-Istati Membri l-ġodda għandhom jiżguraw illi l-art li kienet mergħa permanenti fl-1 ta' Mejju 2003 tinżamm mergħa permanenti. Madankollu, il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jiżguraw li art li kienet mergħa permanenti fl-1 ta' Jannar 2007 tinżamm bħala mergħa permanenti.

Madankollu Stat Membru jista', f'ċirkustanzi ġustifikati, jidderoga mill-ewwel subparagrafu, sakemm jieħu azzjoni biex ma jħallix li jkun hemm tnaqqis sinifikanti fl-'area' totali tiegħu ta' mergħa permanenti.

L-ewwel subparagrafu ma japplikax għal art ta' mergħa permanenti li ser tingħata għat-tisġir, jekk tali tisġir hu kompatibbli ma' l-ambjent u bl-esklużjoni ta' msaġar tas-siġar tal-Milied u speċi li jikbru malajr ikkultivati għal perjodu qasir.

KAPITOLU 2
MODULAZZJONI U DIXXIPLINA FINANZJARJA

Artikolu 7
Il-modulazzjoni

1. L-ammonti kollha ta' pagamenti diretti li ser jingħataw lil bidwi f'sena kalendarja partikolari għandhom jiġu mnaqqsa għal kull sena sa l-2012 bil-perċentwali li ġejjin:

(a) 2009: 7%,

(b) 2010: 9%,

(c) 2011: 11%,

(d) 2012: 13%.

2. It-tnaqqis msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiżdied:

(a) b'3 punti perċentwali għall-ammonti bejn EUR 200 000 u 199,999,

(b) b'6 punti perċentwali għall-ammonti bejn EUR 200 000 u 299 999,

(c) b' 9 punti perċentwali għall-ammonti ta' EUR 300 000 jew aktar.

3. Il-paragafi 1 u 2 ma japplikawx għall-pagamenti diretti mogħtija lill-bdiewa fid-dipartimenti barranin Franċiżi, fl-Ażores u l-Madeira, fil-Gżejjer Kanarji u Eġej.

Artikolu 8
Limiti massimi nett

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11, l-ammonti totali nett ta' pagamenti diretti li jistgħu jingħataw lil Stat Membru fir-rigward ta' sena kalendarja wara l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 7 u 10 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 378/2007 ma għandhomx ikunu ogħla mil-limiti massimi nett stipulati fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament. Fejn hu neċessarju, biex jirrispettaw il-limiti massimi mniżżla fl-Anness IV, l-Istati Membri għandhom jipproċedu għal tnaqqis lineari ta' pagamenti diretti.

2. F'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2), il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-limiti massimi stabbiliti fl-Anness IV sabiex jiġu meqjusa:

(a) il-modifikazzjonijiet fl-ammonti massimi li jistgħu jingħataw f'konformità mal-pagamenti diretti,

(b) il-modifikazzjonijiet fil-modulazzjoni volontarja msemmija fir-Regolament (KE) Nru 378/2007,

(c) tibdiliet strutturali fl-azjendi.

Artikolu 9
L-ammonti li jirriżultaw mill-modulazzjoni

1. L-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tat-tnaqqis ipprovdut fl-Artikolu 7, ġewwa kwalunkwe Stat Membru minbarra fl-Istati Membri l-ġodda, għandhom ikunu disponibbli bħala appoġġ Komunitarju addizzjonali għal miżuri ta' l-ipprogrammar rurali ffinanzjat taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) kif speċifikat fir-Regolament (KE) Nru 1698/2005, skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi li ġejjin

2. L-ammonti li jikkorrispondi għat-tnaqqis b'5 punti perċentwali għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri konċernati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2) abbażi tal-kriterji li ġejjin:

(a) medda agrikola,

(b) impjieg agrikolu,

(c) il-prodott gross domestiku (GDP) 'per capita' ikkalkolat f'kapaċità ta' akkwist.

Madankollu, kull Stat Membru konċernat għandu jirċievi talanqas 80% ta' l-ammonti totali li l-modulazzjoni ġġenerat f'dak l-Istat Membru.

3 B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2, jekk fi Stat Membru l-proporzjon tas-segala bħala parti mill-produzzjoni totali tiegħu taċ-ċereali taqbeż il-5% bħala medja matul il-perjodu 2000-2002 u l-proporzjon tiegħu tal-produzzjoni totali Komunitarja tas-segala jaqbeż il-50% matul l-istess perjodu, talanqas 90% ta' l-ammonti ġġenerati mill-modulazzjoni fl-Istat Membru konċernat għandhom jerġgħu jiġu allokati lil dak l-Istat Membru, sa l-2013 inkluża.

F'tali każ, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà pprovduta bl-Artikolu 58, talanqas 10% ta' l-ammont allokat lill-Istat Membru konċernat għandu jkun disponibbli għall-miżuri msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu fir-reġjuni li jipproduċu s-segala.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "ċereali" tfisser il-prodotti elenkati fil-punt I ta' l-Anness V.

4. Il-kumplament ta' l-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 7(1) u l-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 7(2) għandhom jiġu allokati lill-Istat Membru fejn ġew iġġenerati l-ammonti korrispondenti, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2). Dawn għandhom jintużaw skond l-Artikolu 69(5*a*) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

Artikolu 10
Regoli speċjali għall-modulazzjoni fl-Istati Membri l-ġodda

1. L-Artikolu 7 għandu japplika biss għal bdiewa fi Stat Membru ġdid fi kwalunkwe sena kalendarja partikolari sakemm il-livell ta' pagamenti diretti applikabbli f'dak l-Istat Membru u għal dik is-sena kalendarja taħt l-Artikolu 110 ma jkunx taħt il-livell fl-Istati Membri minbarra fl-Istati Membri l-ġodda, filwaqt li jitqies kull tnaqqis applikat skond l-Artikolu 7(1).

2. Fil-każ li l-Artikolu 7 jkun japplika għal bdiewa fi Stat Membru ġdid, il-perċentwal applikabbli skond l-Artikolu 7(1) għandu jkun limitat għad-differenza bejn il-livell ta' pagamenti diretti applikabbli għalih skond l-Artikolu 110 u l-livell fl-Istati Membri minbarra l-Istati Membri l-ġodda, filwaqt li jitqies kull tnaqqis applikabbli skond l-Artikolu 7(1).

3. Fejn it-tnaqqis imsemmi fl-Artikolu 7 jkun japplika għal bdiewa fi Stat Membru ġdid l-ebda pagament dirett nazzjonali u komplementari skond l-Artikolu 120 ma għandu jingħata lill-bidwi konċernat.

4. Kwalunkwe kumplament ta' l-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 7(1) u (2) għandhom jiġu allokati lill-Istat Membru fejn ġew iġġenerati l-ammonti korrispondenti, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2). Dawn għandhom jintużaw skond l-Artikolu 69(5*a*) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

Artikolu 11
Dixxiplina finanzjarja

1. Għandu jiġi stabbilit aġġustament fil-pagamenti diretti meta l-previżjonijiet għall-iffinanzjar tal-miżuri msemmija taħt l-intestatura 2 ta' l-Anness I tal-Ftehim Inter Istituzzjonali[17] dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja soda għal sena baġitarja partikolari, biż-żieda ta' l-ammonti mogħtija fl-Artikoli 122 u 123 ta' dan ir-Regolament u qabel l-applikazzjoni tal-modulazzjoni pprovduta fl-Artikolu 7 u 10 ta' dan ir-Regolament u fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 378/2007, jindikaw li jkun inqabeż il-limitu massimu annwali msemmi, wara l-kunsiderazzjoni ta' marġni ta' EUR 300 miljun taħt dak il-limitu.

2. Il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni preżentata mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena kalendarja li fiha japplikaw l-aġġustamenti msemmija fil-paragrafu 1, għandu jistabbilxxi dawn l-aġġustamenti sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju tas-sena kalendarja li fiha japplikaw l-aġġustamenti.

3. Fil-qafas ta' l-applikazzjoni ta' l-iskeda taż-żidiet inkrementali kif ipprovvduta fl-Artikolu 110 għall-pagamenti diretti kollha li ngħataw fl-Istati Membri l-ġodda, il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-Istati Membri l-ġodda qabel il-bidu tas-sena kalendarja, li fiha l-livell tal-pagamenti diretti li japplika fl-Istati Membri l-ġodda jkun għall-inqas ugwali għal-livelli applikabbli għal dawn il-pagamenti fl-Istati Membri minbarra l-Istati Membri l-ġodda.

KAPITOLU 3
SISTEMA KONSULTATTIVA GĦALL-FARMS

Artikolu 12
Sistema konsultattiva għall-farms

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema biex jagħtu pariri lill-bdiewa dwar it-tmexxija ta' l-art u tal-farm (minn hawn 'il quddiem imsejħa s-"sistema konsultatttiva għall-farms") imħaddma minn awtorità jew awtoritajiet nominati apposta jew minn entitajiet privati.

2. L-attività konsultatttiva għandha talanqas tkopri l-kundizzjonijiet amministrattivi statutorji u l-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba msemmija fil-Kapitolu I.

Artikolu 13
Kundizzjonijiet

1. Il-bdiewa jistgħu jipparteċipaw fis-sistema konsultattiva għall-farms fuq bażi voluntarja.

2. L-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità lill-bdiewa li jirċievu aktar minn EUR 15 000 f'pagamenti diretti kull sena.

---

[17] ĠU C 139, 14.16.2006, p.1.

Artikolu 14

Obbligi ta' entitajiet privati approvati u awtoritajiet nominati

Mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni nazzjonali rigward l-aċċess pubbliku għad-dokumenti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet privati u l-awtoritajiet nominati msemmija fl-Artikolu 12 ma jikxfux informazzjoni personali jew individwali u dejta miksuba minnhom matul l-attività konsultattiva tagħhom lill-persuni oħra għajr il-bidwi li jmexxi l-azjenda konċernata, ħlief għal xi irregolarità jew ksur ta' liġi misjuba waqt l-attività tagħhom u li huma koperti b'obbligu stabbilit fi-liġi tal-Komunità jew nazzjonali li tiġi infurmata awtorità pubblika, b'mod partikolari fil-każ ta' reat kriminali.

Artikolu 15

Reviżjoni

Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni tas-sistema konsultattiva għall-farms, akkumpanjat, jekk ikun neċessarju, bi proposti xierqa bil-ħsieb li ssir obbligatorja.

KAPITOLU 4
SISTEMA INTEGRATA TA' AMMINISTRAZZJONI U KONTROLL

Artikolu 16

L-ambitu

Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi u jopera sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, minn hawn 'il quddiem imsejħa is-"sistema integrata".

Is-sistema integrata għandha tapplika għal skemi ta' appoġġ elenkati f'Anness I.

Sa fejn hu neċessarju, għandha tapplika wkoll għall-amministrazzjoni u l-kontroll tar-regoli mniżżla fil-Kapitoli 1 u 2.

Artikolu 17

Elementi tas-sistema integrata

1. Is-sistema integrata għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

   (a) dejtabejż kompjuterizzata;

   (b) sistema ta' identifikazzjoni tal-ħbula agrikoli;

   (c) sistema ta' l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' drittijiet għall-pagament kif imsemmija fl-Artikolu 20,

   (d) applikazzjonijiet għall-għajnuna;

   (e) sistema integrata tal-kontroll;

(f) sistema waħda biex tkun irreġistrata l-identità ta' kull bidwi li jissottometti applikazzjoni għall-għajnuna.

2. Fejn japplikaw l-Artikoli 55 u 56 ta' dan ir-Regolament, is-sistema integrata għandha tinkorpora sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' annimali stabbilita f'konformità mar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1760/2000 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2001.

3. Fejn xieraq is-sistema ta' l-identifikazzjoni għall-ħbula agrikoli jistgħu jinkludu sistema ta' informazzjoni ġeografika għall-kultivazzjoni taż-żebbuġ.

Artikolu 18
Dejtabejż kompjuterizzata

1. Id-dejtabejż kompjuterizzata għandha tirreġistra, għal kull azjenda agrikola, id-dejta miskuba mill-applikazzjonjiet għall-għajnuna.

Dan id-dejtabejż għandu, b'mod partikolari, permezz ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru, jippermetti konsultazzjoni diretta u immedjata, tad-dejta relatata mas-snin kalendarji jew tas-suq mis-sena 2000 'il quddiem.

2. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu 'dejtabejżis' deċentralizzati bil-kundizzjoni illi dawn, u l-proċeduri amministrattivi għar-reġistrazzjoni u l-aċċess għad-dejta, jiġu mfassla b'mod omoġenju madwar it-territorju kollu ta' l-Istat Membru u li jkunu kompatibbli wieħed ma' l-ieħor biex ikunu jistgħu jsiru kontro verifiki [*cross-checks*].

Artikolu 19
Sistema ta' identifikazzjoni għall-ħbula agrikoli

Is-sistema ta' l-identifikazzjoni għall-ħbula agrikoli għandha tkun stabbilita abbażi ta' mapep jew dokumenti tar-reġistru ta' l-artijiet jew referenzi kartografiċi oħra. Għandu jsir użu minn tekniċi ta' sistema ta' informazzjoni ġeografika kompjuterizzata, inkluż preferibbilment 'orthoimagery' mill-ajru jew mill-ispazju, b'garanzija ta' 'standard' ta' preċiżjoni omoġenja, ekwivalenti talanqas għall-kartografija bi skala ta' 1:10 000.

Artikolu 20
Sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' drittijiet għall-pagament

1. Is-sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' drittijiet għall-pagament għandha tkun stabbilita b'mod li jkunu jistgħu jsiru verifikazzjoni tad-drittjiet u kontro verfiki ma' l-applikazzjonijiet għall-għajnuna u s-sistema ta' l-identifikazzjoni tal-ħbula agrikoli.

2. Is-sistema għandha tippermetti, permezz ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru, konsultazzjoni diretta u immedjata tad-dejta relatata talanqas ma' l-aħħar tliet snin kalendarji konsekuttivi u/jew snin tas-suq.

Artikolu 21
Applikazzjonijiet għall-għajnuna

1. Kull sena, bidwi għandu jippreżenta applikazzjoni għal pagamenti diretti filwaqt li jindika, fejn hu applikabbli:

   (a) il-ħbula agrikoli kollha ta' l-azjenda, u fejn l-Istat Membru ikun qed japplika l-Artikolu 17(3), l-għadd ta' siġar taż-żebbuġ u il-pożizzjoni tagħhom fil-ħabel,

   (b) l-għadd u l-ammont tad-drittjiet għall-pagamenti ddikjarati għal attivazzjoni,

   (c) kull informazzjoni oħra pprovduta b'dan ir-Regolament jew mill-Istat Membru konċernat.

2. Stat Membru jista' jiddeċiedi li l-applikazzjoni għall-għajnuna biżżejjed li tkun tinkludi biss tibdiliet rigward l-applikazzjoni għall-għajnuna ppreżentata fis-sena ta' qabel. Stat Membru għandu jqassam formoli stampati minn qabel ibbażati fuq il-meded determinati fis-sena ta' qabel u jagħti materjal grafiku li jindika l-lokalità ta' dawk il-meded u fejn ikun xieraq, il-pożizzjoni tas-siġar taż-żebbuġ.

3. Stat Membru jista' jiddeċiedi li applikazzjoni waħda għall-għajnuna għandha tkopri wħud mill-iskemi ta' l-appoġġ, jew l-iskemi ta' l-appoġġ kollha mniżżla fl-Anness I jew inkella skemi ta' appoġġ oħra.

Artikolu 22
Kontroll tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli amministrattivi fuq l-applikazzjonijiet għall-għajnuna biex jivverifikaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-għajnuna.

2. Il-kontrolli amministrattivi għandhom jiġu ssupplementati b'sistema ta' kontrolli fil-post biex tkun ivverifikata l-eliġibbiltà għall-għajnuna. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom ifasslu pjan kampjun għall-azjendi agrikoli.

   L-Istati Membri jistgħu jużaw metodi tekniċi ta' 'remote sensing' u s-Sistema ta' Navigazzjoni Globali bis-Satellita bħala mezzi biex jitwettqu kontrolli fil-post ta' ħbula agrikoli.

3. Kull Stat Membru għandu jinnomina awtorità responsabbli biex tikkoordina l-kontrolli kif ipprovdut f'dan il-Kapitolu.

   Fejn l-Istat Membru jiddelega ċerti aspetti tax-xogħol li jrid jiġi mwettaq f'dan il-Kapitolu lill-aġenziji jew ditti speċjalizzati, l-awtorità nominata għandha żżomm kontroll fuq, u responsabbilità għal dak ix-xogħol.

Artikolu 23

Tnaqqis u esklużjonijiet fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli ta' l-eliġibbiltà

1. Mingħajr preġudizzju għat-tnaqqis u l-esklużjonijiet ipprovduti fl-Artikolu 25, fejn jinstab illi l-bidwi mhux qiegħed jikkonforma mal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà relevanti għall-għoti ta' l-għajnuna kif ipprovdut f'dan ir-Regolament, il-pagament jew il-pagament parzjali mogħti jew li ser jingħata u li għalih intlaqgħu l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għandu jkun suġġett għat-tnaqqis u l-esklużjonijiet stabbiliti skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2).

2. Il-perċentwal ta' tnaqqis għandu jkun iggradat skond is-severità, il-firxa, il-permanenza u r-repetizzjoni tan-nuqqas ta' osservanza misjuba u jista' jwassal għall-esklużjoni totali minn waħda jew iktar mill-iskemi ta' għajnuna għal sena kalendarja jew iktar.

Artikolu 24

Kontrolli fuq il-kundizzjonalità

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli fil-post biex jivverifikaw jekk il-bidwi hux konformi ma' l-obbligi msemmija fil-Kapitolu 1.

2. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mis-sistemi eżistenti tagħhom ta' l-amministrazzjoni u l-kontroll biex jiżguraw il-konformità mal-kundizzjonjiet amministrattivi statutorji u l-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba msemmija fil-Kapitolu 1.

   Dawn is-sistemi, notevolment is-sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali stabbilita skond ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 u (KE) Nru 21/2004, għandhom ikunu kompatibbli mas-sistema integrata pprovduta fl-Artikolu 28(1) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 25

Tnaqqis jew esklużjoni ta' pagamenti f'każ ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-kundizzjonalità

1. Fejn fi kwalunkwe żmien f'sena kalendarja partikolari (minn hawn 'il quddiem imsejħa 's-sena kalendarja konċernata') ma ssirx konformità mal-kundizzjonjiet amministrattivi statutorji u l-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba, u n-nuqqas ta' konformità msemmi jkun ir-riżultat ta' att jew ta' nuqqas direttament marbut mal-bidwi li kien ippreżenta l-applikazzjoni għall-għajnuna fis-sena kalendarja konċernata, l-ammont totali ta' pagamenti diretti li għandu jingħata lil dak il-bidwi, wara l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 7, 10 u 11 għandhu jitnaqqas jew jiġi eskluż f'konformità mar-regoli dettaljati stipulati fl-Artikolu 26.

   L-ewwel subparagrafu għandu japplika ukoll fejn in-nuqqas ta' konformità fil-kwistjoni jkun ir-riżultat ta' att jew nuqqas marbut direttament ma' dik il-persuna lil min jew minn ġiet ittrasferita l-art agrikola.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "trasferiment" tfisser kull tip ta' transazzjoni li permezz tagħha l-art agrikola tieqaf milli tkun għad-dispożizzjoni ta' dak li qed jittrasferixxi.

2. It-tnaqqis u l-esklużjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw biss fejn in-nuqqas ta' osservanza jirrigwarda:

(a) attività agrikola, jew

(b) il-medda ta' art agrikola ta' l-azjenda,

3. Minkejja l-paragrafu 1 u f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regoli dettaljati msemmija fl-Artikolu 26(1), l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx tnaqqis jew esklużjoni li jammontaw għal EUR 100 jew anqas kull bidwi u kull sena calendarja, u li jinkludi ukull tnaqqis jew esklużjoni applikat(a) għall-pagamenti stipulati fl-Artikolu 51(1) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

Fejn Stat Membru jiddeċiedi li jiddisponi mill-għażla li hemm provvediment għaliha fl-ewwel subparagrafu, fis-sena ta' wara l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-azzjonijiet meħtieġa biex tiżgura li l-bidwi jirrettifika l-konklużjonijiet tan-nuqqas ta' konformità konċernati. Il-konklużjoni u l-azzjoni ta' rimedju li għandhom jittieħdu għandhom jiġu notifikati lill-bidwi.

Artikolu 26
Regoli dettaljati dwar it-tnaqqis u l-esklużjoni f'każ ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-kundizzjonalità

1. Regoli dettaljati għat-tnaqqis u l-esklużjonijiet msemmija fl-Artikolu 25 għadhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2). F'dan il-kuntest, għandhom jiġu meqjusa s-severità, il-firxa, il-permanenza u r-repetizzjoni tan-nuqqas ta' konformità li jirriżulta kif ukoll il-kriterji mniżżla fil-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu.

2. F'każ ta' negliġenza, il-perċentwal tat-tnaqqis ma għandux jaqbeż il-5% u, 15% f'każ ta' nuqqas ta' konformità repetittiv.

F'każijiet iġġustifikat kif dovut l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikaw l-ebda tnaqqis, fejn minħabba s-severità, il-firxa u l-permanenza, każ ta' nuqqas ta' konformità jitqies bħala minuri. Madankollu każijiet ta' nuqqas ta' konformità li jikkostitwixxu riskju dirett għall-pubbliku jew għas-saħħa ta' l-annimali ma għandhomx jitqiesu bħala mhux serji.

Sakemm il-bidwi ma jkunx ħa azzjoni ta' rimedju immedjata biex iwaqqaf in-nuqqas ta' konformità, l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-azzjonijiet meħtieġa li, jistgħu fejn dan ikun xieraq, jiġu ristretti għal kontroll amministrattiv, biex jiġi żgurat illi l-bidwi jirrettifika l-konklużjonijiet tan-nuqqas ta' konformità konċernati. Il-konklużjoni ta' nuqqas ta' konformità mhux serju u l-azzjoni ta' rimedju li għandha tittieħed għandhom jiġu notifikati lill-bidwi.

3. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità intenzjonat, bħala prinċipju l-perċentwal ta' tnaqqis ma għandux ikun inqas minn 20% u jista' jwassal saħansitra għall-esklużjoni totali minn waħda jew iktar mill-iskemi ta' għajnuna varji u jkun japplika għal sena kalendarja waħda jew iktar.

4. Fi kwalunkwe każ, l-ammont totali tat-tnaqqis u l-esklużjonijiet għal sena kalendarja waħda ma għandux ikun iktar mill-ammont totali msemmi fl-Artikolu 25(1).

Artikolu 27
L-ammonti li jirriżultaw mill-kundizzjonalità

L-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tat-tnaqqis u l-esklużjonijiet f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-Kapitolu 1 għandhom jiġu kkreditati fl-FAEG. L-Istati Membri jistgħu jżommu 25% minn dawn l-ammonti.

Artikolu 28
Kompatibbiltà mas-sistema integrata

1. Biex ikunu applikati l-iskemi ta' l-appoġġ imsemmija fl-Anness VI, l-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-proċeduri ta' l-amministrazzjoni u l-kontroll applikati għal dawn l-iskemi huma kompatibbli mas-sistema integrata fl-aspetti li ġejjin:

   (a) id-dejtabejż kompjuterizzata;

   (b) is-sistemi ta' identifikazzjoni għall-ħbula agrikoli;

   (c) kontrolli amministrattivi.

   Għal dan il-għan, dawn is-sistemi għandhom ikunu stabbiliti b'mod li jippermettu, mingħajr problemi jew konflitti, tħaddim komuni tad-dejta, jew il-bdil tad-dejta bejniethom.

2. L-Istati Membri jistgħu, biex ikunu applikati skemi ta' appoġġ Komunitarji jew nazzjonali oħra minbarra minn dawk mniżżla fl-Anness VI, jinkorporaw fil-proċeduri tagħhom ta' l-amministrazzjoni u l-kontroll wieħed jew iktar mill-komponenti tas-sistema integrata.

Artikolu 29
Informazzjoni u kontrolli

1. Il-Kummissjoni għandha tinżamm infurmata regolarment dwar l-applikazzjoni tas-sistema integrata.

   Għandha torganizza skambji ta' opinjonijiet fuq dan is-suġġett ma' l-Istati Membri.

2. F'konformità ma' l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, wara li jinfurmaw lill-awtoritajiet konċernati minn qabel fi żmien xieraq, rappreżentanti awtorizzati maħtura mill-Kummissjoni jistgħu jwettqu:

(a) kull eżami jew kontroll relatat mal-miżuri li jittieħdu biex tiġi stabbilita u implimentata s-sistema integrata,

(b) il-kontrolli fl-aġenziji u d-ditti speċjalizzati msemmija fl-Artikolu 22(3).

3. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet ta' l-Istati Membri għall-implimentazzjoni u għall-applikazzjoni tas-sistema integrata, il-Kummissjoni tista' tfittex l-assistenza ta' korpi jew ta' persuni speċjalizzati sabiex jiġu ffaċilitati l-istabbiliment, il-monitoraġġ u l-utilizzazzjoni tas-sistema integrata, b'mod partikolari bil-ħsieb li tipprovdi konsulenza teknika lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, jekk jitolbuha.

KAPITOLU 5
DISPOSIZZJONJIET ĠENERALI OĦRA

Artikolu 30
Rekwiżiti minimi għar-riċeviment ta' pagamenti diretti

1. L-Istati Membri ma għandhomx jagħtu pagamenti diretti lil bidiwi f'waħda minn dawn il-każijiet li ġejjin:

(a) fejn l-ammont totali ta' pagamenti diretti ikklejmjat jew li għandu jingħata f'sena kalendarja partikolari ma jaqbiżx EUR 250, jew

(b) fejn il-medda eliġibbli ta' l-azjenda li għaliha qed jiġu kklejmjati jew li għandhom jingħataw il-pagamenti diretti ma taqbiżx ettaru wieħed. Madankollu, Ċipru jista jistipula medda eliġibbli minima ta' 0.3 ettari u Malta ta' 0.1 ettari.

Madankollu, bdiewa li għandhom drittijiet speċjali kif imsemmija fl-Artikolu 45(1) għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjoni msemmija fil-punt (a).

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu b'mod oġġettiv u mhux diskriminatorju li ma jagħtux pagamenti fi ħdan it-tifsira tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 48 tat-Trattat diretti lil kumpaniji jew ditti li l-kompiti tal-kumpanija prinċipali tagħhom ma jinvolvux l-eżerċitar ta' attività agrikola.

Artikolu 31
Pagament

1. Ħlief fejn ipprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament, pagamenti taħt l-iskemi ta' appoġġ imniżżla fl-Anness I għandhom jingħataw lill-benefiċjarji bis-sħiħ.

2. Il-pagamenti għandhom isiru darbtejn fis-sena fil-perjodu bejn l-1 ta' Diċembru sat-30 ta' Ġunju tas-sena kalendarja ta' wara.

3. Pagamenti taħt l-iskemi ta' appoġġ imniżżla fl-Anness I ma għandomx jingħataw qabel ma jiġu ffinalizzati l-kontrolli fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' l-eliġibbiltà, li jitwettqu mill-Istat Membru skond l-Artikolu 22.

4. B’deroga mill-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu u skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2), il-Kummissjoni tista’:

(a) tipprovdi għall-pagamenti bil-quddiem;

(b) suġġett għas-sitwazzjoni baġitarja, tawtorizza lill-Istati Membri, iħallsu pagamenti parzjali bil-quddiem qabel l-1 ta' Diċembru fir-reġjuni fejn, minħabba kundizzjonijiet eċċezzjonali, il-bdiewa qed iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet finanzjarji severi:

(i) sa 50% tal-pagamenti,

jew

(ii) sa 80% tal-pagamenti fil-każ fejn ta' pagamenti parzjali bil-quddiem diġà ġew ipprovduti.

Artikolu 32
Klawżola ta' ċirkomvenzjoni

Mingħajr preġudizzju għal xi dispożizzjonijiet speċifiċi fi skemi ta’ appoġġ individwali, ma għandu jsir l-ebda pagament lill-benefiċjarji li jinstabu li ħolqu artifiċjalment il-kundizzjonjiet mitluba biex jakkwistaw tali pagamenti bl-intenzjoni li jiksbu vantaġġ kontra l-għanijiet ta’ dik l-iskema ta’ appoġġ.

Artikolu 33
Reviżjoni

L-iskemi ta' appoġġ elenkati fl-Anness I għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għal reviżjoni possibbli fi kwalunkwe waqt fid-dawl ta' l-iżviluppi ekonomiċi u l-qagħda tal-baġit.

TITOLU III
SKEMA TA' PAGAMENT UNIKU

KAPITOLU 1
IMPLIMENTAZZJONI ĠENERALI

Artikolu 34
Drittijiet għall-pagament

1. Għandu jkun hemm appoġġ taħt l-iskema ta’ pagament uniku għall-bdiewa jekk :

(a) ikollhom drittijiet għall-pagament li jkunu kisbu skond ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003;

(b) jiksbu drittijiet għall-pagament skond dan ir-Regolament:

(i) bi trasferiment,

(ii) mir-riżerva nazzjonali,

(iii) skond l-Anness VII,

(iv) skond l-Artikolu 68(4)(c) u t-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 65(2).

2. Għall-iskopijiet ta' dan it-titolu, bdiewa li għandhom drittijiet għall-pagament għandu jfisser bdiewa li ġew allokati drittijiet għall-pagament, jew dawn ġew trasferiti lilhom definittivament.

Artikolu 35

Attivazzjoni ta' drittijiet għall-pagament għal kull ettaru eliġibbli

1. L-appoġġ lill-bdiewa taħt l-iskema tal-pagament uniku għandu jingħata malli jiġi attivat id-dritt għall-pagament għal kull ettaru eliġibbli. Drittijiet għall-pagament attivati għandhom jagħtu dritt għall-pagament ta' l-ammonti ffissati bihom.

2. "Ettaru eliġibbli" tfisser

(a) kwalunkwe żona agrikola ta' l-azjenda, inkluż iż-żoni mħawla bi msaġar ta' rotazzjoni qasira (kodiċi tan-NM ex 0602 90 41), użata għal attività agrikola jew, f'każ li ż-żoni jintużaw ukoll għal attivitajiet mhux agrikoli, użata predominatament għal attivitajiet agrikoli. Skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2) ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tistipula regoli dettaljati dwar l-użu ta' attivitajiet li mhumiex agrikoli li għandhom jitħallew isiru fuq ettari eliġibbli.

(b) kwalunkwe żona li ilha eliġibbli mill-2007 u li

(i) ma għadhiex konformi mad-definizzjoni ta' eliġibbli bħala riżultat ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE[18] u d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19] jew

(ii) matul l-iskema rilevanti, hija afforestata skond l-Artikolu 31 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 jew l-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

F'kull waqt matul sena kalendarja, l-ettari għandhom jikkonformaw mal-kundizzjoni ta' l-eliġibbiltà.

[18] ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1.
[19] ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.

Artikolu 36
Dikjarazzjoni ta' ettari eliġibbli

1. Il-bidwi għandu jiddikjara l-ħbula agrikoli li jikkorrispondu ma' l-ettaru eliġibbli li jakkumpanja kull dritt għall-pagament. Ħlief f'każ ta' *force majeure* jew ċirkustanzi eċċezzjonali, dawn il-ħbula agrikoli għandhom ikunu disponibbli għall-bidwi f'data ffissata mill-Istat Membru li ma għandhiex tkun aktar tard mid-data ffissata f'dak l-Istat Membru għall-emenda ta' l-applikazzjoni għall-għajnuna.

   'Force majeure' jew ċirkustanzi eċċezzjonali għandhom jiġu rikonoxxuti mill-awtorità kompetenti f'każijiet ta', per eżempju:

   (a) il-mewt tal-bidwi;

   (b) inkapaċità professjonali tal-bidwi li tieħu fit-tul;

   (c) diżastru naturali sever li jolqot ħazin ħafna l-art agrikola ta' l-azjenda;

   (d) il-qerda aċċidentali tal-bini fejn jinżammu l-bhejjem ġo l-azjenda;

   (e) epiżotija li tolqot parti mill-bhejjem jew il-bhejjem kollha tal-bidwi.

2. L-Istati Membri jistgħu, f'ċirkustanzi ġustifikati biżżejjed, jawtorizzaw lill-bidwi jimmodifika d-dikjarazzjoni tiegħu bil-kundizzjoni li jirrispetta l-għadd ta' ettari li jikkorrispondu mad-drittijet tiegħu għall-pagament u l-kundizzjonijiet għall-għotja tal-pagament uniku għaż-żona konċernata.

Artikolu 37
Modifika tad-drittijiet għall-pagament

Id-drittijiet għall-pagament għal kull ettaru ma għandhomx jiġu mmodifikati għajr jekk ipprovvdut xorta oħra.

Skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2) ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tistipula regoli dettaljati għall-modifika tad-drittijiet għall-pagament, b'mod partikolari f'każ ta' frazzjonijiet tad-drittijiet.

Artikolu 38
Talbiet multipli

Iż-żona li tikkorrispondi ma' l-għadd ta' ettari eliġibbli li għaliha tkun saret applikazzjoni unika għal pagament tista' tkun is-suġġett ta' applikazzjoni għal xi pagament dirett ieħor kif ukoll għal kwalunkwe għajnuna oħra mhux inkluża f'dan ir-Regolament, għajr jekk ipprovvdut xorta oħra.

Artikolu 39

Użu ta' l-art f'każ ta' l-integrazzjoni differita tal-frott u l-ħxejjex

Meta Stat Membru jkun uża l-għażla pprovduta fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 51 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (minn hawn 'il quddiem msejħa "integrazzjoni differita tas-settur tal-frott u l-ħxejjex fl-iskema ta' pagament uniku"), il-ħbula agrikoli fir-reġjuni kkonċernati mid-deċiżjoni, sa data mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010 jistgħu ma jkunux eliġibbli jekk jintużaw għal:

(a) il-produzzjoni ta' frott u ħxejjex,

(b) il-produzzjoni ta' patata għall-konsum, u/jew

(c) imxietel.

F'każ ta' integrazzjoni differita msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jippermettu l-kultivazzjoni ta' uċuħ sekondarji tar-raba' fuq l-ettari eliġibbli waqt perjodu massimu ta' tliet xhur li jibda kull sena fil-15 ta' Awwissu. Madankollu, fuq talba ta' Stat Membru, din id-data tista' tiġi mmodifikata skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2) għal reġjuni fejn iċ-ċereali jinħasdu normalment aktar kmieni għal raġunijiet klimatiċi.

Artikolu 40

Użu ta' l-art għall-produzzjoni tal-qanneb

1. Iż-żoni użati għall-produzzjoni tal-qanneb għandhom ikunu eliġibbli biss jekk il-varjetajiet użati għandhom kontenut ta' *tetrahydrocannabinol* li ma jaqbiżx 0.2%. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema għall-verifika tal-kontenut ta' *tetrahydrocannabinol* ta' l-uċuħ ikkultivati fuq talanqas 30% ta' l-artijiet mogħtija għall-kultivazzjoni tal-qanneb. Madankollu, jekk Stat Membru jintroduċi sistema ta' approvazzjoni minn qabel għal tali kultivazzjoni, il-minimu għandu jkun 20%.

2. Skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2), l-għoti ta' pagamenti ser ikun suġġett għall-użu ta' żrieragħ iċċertifikati ta' ċerti varjetajiet.

Artikolu 41

Limitu massimu

1. Għal kull Stat Membru, il-valur totali tad-drittijiet għall-pagament kollha m'għandux jaqbeż il-limitu massimu nazzjonali msemmi fl-Anness VIII.

   Fil-każ ta' l-allokazzjoni ta' drittijiet għall-pagament lil dawk li jkabbru d-dwieli għall-inbid, u waqt li titqies l-aħħar dejta ppreżentata lilha mill-Istati Membri skond [l-Artikolu 4a u 92(6) tar-Regolament (KE) Nru [*ir-Regolament ta' l-inbid*], il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2) ta' dan ir-Regolament, tadatta l-limiti massimi nazzjonali stipulati fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament. Sa l-1 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel l-adattament tal-limiti massimi nazzjonali l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-medja reġjonali tal-valur tad-drittijiet imsemmija fil-punt B ta' l-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

2. Fejn ikun neċessarju, Stat Membru għandu jipproċedi għal tnaqqis lineari tal-valur tad-drittijiet biex jiżgura li l-limitu massimu tiegħu jitħares.

Artikolu 42
Riżerva nazzjonali

1. L-Istati Membri għandhom joperaw riżerva nazzjonali li jkun fiha d-differenza bejn il-limitu massimu stipulat fl-Anness VIII u l-valur totali tad-drittijiet għall-pagament allokati kollha.

2. L-Istati Membri jistgħu jużaw ir-riżerva nazzjonali biex jagħtu, skond il-prijorità u l-kriterji oġġettivi, drittijiet għall-pagament lill-bdiewa li jibdew l-attività agrikola tagħhom u b'tali mod li jiżguraw trattament ugwali bejn l-bdiewa u li jevitaw tagħwiġ tas-suq u tal-kompetizzjoni.

3. L-Istati Membri li ma japplikawx l-Artikolu 68(1) jistgħu jużaw ir-riżerva nazzjonali biex jistabbilixxu, skond kriterji oġġettivi u b'mod li jiżguraw trattament ugwali bejn il-bdiewa u li jevitaw tagħwiġ tas-suq u tal-kompetizzjoni, drittijiet għall-pagament lill-bdiewa f'żoni suġġetti għar-ristrutturar u/jew programmi ta' żvilupp relatati ma' forma jew oħra ta' intervent pubbliku biex ikun evitat l-abbandun ta' art u/jew biex jikkumpensaw żvantaġġi speċifiċi għall-bdiewa f'dawk iż-żoni.

4. Bl-applikazzjoni ta' dan l-artikolu l-Istati Membri jistgħu jżidu l-valur ta' l-unità u/jew l-għadd ta' drittijiet allokati lil bdiewa.

Artikolu 43
Drittijiet għall-pagament mhux użati

Kwalunkwe dritt għall-pagament li ma kienx attivat għal perjodu ta' sentejn għandu jiġi allokat lir-riżerva nazzjonali, ħlief fil-każ ta' *force majeure* u ċirkustanzi eċċezzjonali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 36(1).

Artikolu 44
Trasferiment ta' drittijiet għall-pagament

1. Drittijiet għall-pagament jistgħu jiġu trasferiti biss lill-bidwi ieħor stabbilit fl-istess Stat Membru għajr fil-każ ta' trasferiment b'wirt attwali jew antiċipat.

   Madankollu, anke fil-każ ta' wirt attwali jew antiċipat, drittijiet għall-pagament jistgħu jintużaw biss fl-Istat Membru fejn id-drittijiet għall-pagament kienu stabbiliti.

   Stat Membru jista' jiddeċiedi li drittijiet għall-pagament jistgħu jiġu trasferiti jew użati fl-istess reġjun wieħed biss.

2. Drittijiet għall-pagament jistgħu jiġu trasferiti permezz ta' bejgħ jew kwalunkwe trasferiment definittiv ieħor bl-art jew mingħajrha. B'kuntrast, kera jew tipi ta' tranżazzjonijiet simili għandhom jiġu permessi biss jekk id-drittijiet għall-pagament li ġew trasferiti huma akkumpanjati mit-trasferiment ta' għadd ekwivalenti ta' ettari eliġibbli.

3. Fil-każ ta' bejgħ tad-drittijet għall-pagament, bl-art jew mingħajrha, l-Istati Membri jistgħu, waqt li jaġixxu skond il-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Komunità, jiddeċiedu li parti mid-drittijiet għall-pagament mibjugħa għandhom imorru lura fir-riżerva nazzjonali jew li l-valur ta' l-unità tagħhom jitnaqqas favur ir-riżerva nazzjonali, skond kriterji ffissati mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2).

Artikolu 45
Il-kundizzjonijiet għal drittijiet speċjali

1. Drittijiet għall-pagament stabbiliti skond il-Kapitolu 3, Taqsima 2 tat-Titolu III u l-Artikolu 71*m* tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, minn hawn 'il quddiem msejħa "drittijiet speċjali", għandhom ikunu suġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, għajr jekk ipprovvdut xorta oħra.

2. B'deroga mill-Artikolu 35(1) bidwi li għandu drittijiet speċjali għandu jkun awtorizzat mill-Istat Membri biex jidderoga mir-rekwiżit li jattiva drittijiet b'għadd ekwivalenti ta' ettari eliġibbli sakemm iżomm talanqas 50% ta' l-attività agrikola li kellu fis-snin kalendarji 2000, 2001 u 2002 espressa f'unitajiet ta' bhejjem (LU).

   Il-kundizzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ma tapplikax għal Malta

   Id-drittijiet speċjali ma għandhomx jiġu modifikati.

3. F'każ ta' trasferiment tad-drittijiet speċjali, dak li jittrasferixxi ma għandux jibbenifika mid-deroga tal-paragrafu 2 ħlief f'każ ta' wirt jew wirt antiċipat.

Artikolu 46
Reviżjoni tad-drittijiet għall-pagament

F'każijiet ġustifikati biżżejjed, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu 2009, u billi jaġixxu skond il-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Komunità, li mill-2010 jimxu lejn approssimazzjoni tal-valur tad-drittijiet għall-pagament stabbilit skond il-Kapitolu I sa IV tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Għal dan il-għan id-drittijiet għall-pagament jistgħu jsiru suġġetti għal modifiki progressivi skond talanqas tliet stadji annwali stabbiliti minn qabel u kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.

Fl-ebda stadju annwali msemmija, ma għandu t-tnaqqis tal-valur ta' kwalunkwe dritt għall-pagament ikun aktar minn 50% tad-differenza bejn il-valur inizjali tiegħu u dak applikabbli ma' l-implimentazzjoni ta' l-istadju annwali ta' l-aħħar.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw is-subparagrafi preċedenti fil-livell ġeografiku xieraq li għandu jiġi determinat skond kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bħall-istruttura istituzzjonali jew amministrattiva tagħhom u/jew il-potenzjal agrikolu reġjonali.

KAPITOLU 2
IMPLIMENTAZZJONI REĠJONALI U PARZJALI

TAQSIMA 1
IMPLIMENTAZZJONI REĠJONALI

Artikolu 47
Allokazzjoni reġjonali tal-limitu massimu msemmi fl-Artikolu 41

1. Stat Membru li introduċa l-iskema ta' pagament uniku skond il-Kapitoli 1 sa 4 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jista' jiddeċiedi, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu 2009, li japplika l-iskema ta' pagament uniku mill-2010 fil-livell reġjonali skond il-kundizzjonijiet stipulati f'din it-Taqsima.

2. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu r-reġjuni skond kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bħall-istruttura istituzzjonali jew amministrattiva tagħhom u/jew il-potenzjali agrikolu reġjonali.

   L-Istati Membri b'inqas minn tliet miljun ettaru eliġibbli jistgħu jiġu kkunsidrati bħala reġjun wieħed.

3. L-Istati Membri għandhom jissubdividu l-limitu massimu msemmi fl-Artikolu 41 bejn ir-reġjuni skond kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.

Artikolu 48
Reġjonalizzazzjoni ta' l-iskema ta' pagament uniku

1. F'każijiet iġġustifikati biżżejjed, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jaqsmu mhux aktar minn 50% tal-limitu massimu reġjonali stabbilit fl-Artikolu 47 bejn il-bdiewa kollha li għandhom l-azjendi tagħhom fir-reġjun ikkonċernat, inklużi dawk li ma għandhomx drittijiet għall-pagament.

2. Il-bdiewa għandhom jirċievu drittijiet għall-pagament li l-valur ta' l-unità tagħhom irid jiġi kkalkulat billi l-parti korrispondenti tal-limitu massimu reġjonali stabbilit skond l-Artikolu 48 jiġi diviż bl-għadd ta' ettari eliġibbli, skond it-tifsira ta' l-Artikolu 35(2), stabbilit fil-livell reġjonali.

   Il-valur ta' dawn id-drittijiet għall-pagament għandu jiżdied fil-każijiet fejn bidwi jkollu sal-15 ta' Mejju 2010 drittijiet għall-pagament irregolati mill-Kapitoli I sa 4 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Għal dan il-għan, il-valur reġjonali ta' unità ta' kull wieħed mid-drittijiet għall-pagament tiegħu għandu jiżdied b'ammont ikkalkulat abbażi tal-valur totali tad-drittijiet għall-pagament li kellu sal-15 ta' Mejju 2010. Dawn iż-żidiet għandhom jiġu kkalkulati skond il-limiti massimi tal-parti li jifdal tal-limitu massimu regjonali wara l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. L-għadd ta' drittijiet għal kull bidwi għandu jkun ugwali għall-għadd ta' ettari li huwa jiddikjara fl-2010, skond l-Artikolu 35(2), ħlief fil-każ ta' *force majeure* jew ċirkustanzi eċċezzjonali fit-tifsira ta' l-Artikolu 36(1).

4. Drittijiet għall-pagament li jkollhom il-bdiewa qabel id-diviżjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu kkanċellati u mibdula bid-drittijiet il-ġodda msemmija fil-paragrafu 3.

Artikolu 49
Reviżjoni tad-drittijiet għall-pagament

1. F'każijiet ġustifikati biżżejjed, l-Istati Membri li japplikaw l-Artikolu 48 ta' dan ir-Regolament jistgħu jiddeċiedu, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu 2009, u billi jaġixxu skond il-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Komunità, li mill-2010 jimxu lejn approssimazzjoni tal-valur tad-drittijiet għall-pagament stabbilit f'din it-Taqsima jew skond il-Kapitolu 5, Taqsima 1 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Għal dan il-għan id-drittijiet għall-pagament jistgħu jsiru suġġetti għal modifiki progressivi skond talanqas żewġ stadji annwali stabbiliti minn qabel u kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.

2. F'każijiet iġġustifikati biżżejjed, l-Istati Membri li jkunu introduċew l-iskema unika ta' pagament skond il-Kapitolu 5, Taqsima 1 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jistgħu jiddeċiedu, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu 2009, u billi jaġixxu skond il-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Komunità, li mill-2010 jimxu lejn approssimazzjoni tal-valur tad-drittijiet għall-pagament stabbilit f'dik it-taqsima billi dawn id-drittijiet għall-pagament jiġu suġġetti għal modifiki progressivi skond talanqas tliet stadji annwali stabbiliti minn qabel u kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.

   Is-subparagrafu 1 għandu japplika mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet meħuda mill-Istati Membri fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 63(3) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

3. Fl-ebda stadju annwali msemmija fil-paragrafi 1 u 2, ma għandu t-tnaqqis tal-valur ta' kwalunkwe dritt għall-pagament ikun aktar minn 50% tad-differenza bejn il-valur inizjali tiegħu u dak applikabbli ma' l-implimentazzjoni ta' l-istadju annwali ta' l-aħħar.

4. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw is-subparagrafi 1, 2 u 3 fil-livell ġeografiku xieraq li għandu jiġi determinat skond kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bħall-istruttura istituzzjonali u/jew amministrattiva tagħhom jew il-potenzjal agrikolu reġjonali.

Artikolu 50
Użu ta' l-art

Meta Stat Membru li japplika l-integrazzjoni differita tas-settur tal-frott u l-ħxejjex ikun uża d-deroga pprovduta mill-Artikolu 60 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, il-bdiewa jistgħu, skond dak l-Artikolu, jużaw il-ħbula agrikoli ddikjarati skond l-Artikolu 36 ta' dan ir-Regolament għall-produzzjoni ta' frott u ħxejjex u patata għall-konsum.

Artikolu 51
Artijiet erbaċei

F'każ ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 48, l-Istati Membri jistgħu, skond kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, jiffissaw, skond il-limitu massimu reġjonali jew parti minnu, valuri differenti għal kull unità ta' drittijiet li se jiġu allokati lil-bdiewa msemmija fl-Artikolu 48(1).

(a) għal ettari ta' artijiet erbaċei fid-data provduta għall-applikazzjonijiet għall-għajnuna għall-medda għall-2008 u kwalunkwe ettaru ieħor eliġibbli, jew alternattivament,

(b) għal ettari bil-ħaxix għall-mergħa permanenti fid-data provduta għall-applikazzjonijiet għall-għajnuna fiż-żona għall-2008 u kwalunkwe ettaru ieħor eliġibbli.

Artikolu 52
Kundizzjonijiet għad-drittijiet stabbiliti taħt din it-taqsima

1. Drittijiet għall-pagament stabbilit skond din it-taqsima jew il-Kapitolu 5, Taqsima 1 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, jistgħu jiġu trasferiti biss jew użati ġo l-istess reġjun jew bejn reġjuni fejn id-drittijiet għal kull ettaru huma l-istess.

2. Għajr jekk ipprovvdut xorta oħra f'din it-Taqsima, id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan it-Titolu għandhom japplikaw.

TAQSIMA 2
IMPLIMENTAZZJONI PARZJALI

Artikolu 53
Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Kwalunkwe Stat Membru li eskluda l-pagamenti għan-ngħaġ u l-mogħoż u ċ-ċanga mill-iskema ta' pagament uniku skond il-kundizzjonijiet ta' l-Artikoli 67 u 68 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jista' jiddeċiedi sa l-1 ta' Awwissu 2009 li jkompli japplika l-iskema ta' pagament uniku mill-2010 skond il-kundizzjonijiet stipulati f'din it-Taqsima u b'konformità mad-deċiżjoni meħuda skond l-Artikolu 64(1) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jistipulaw l-parti tal-komponent tal-limitu massimu nazzjonali tagħhom li se tintuża għal pagamenti addizzjonali għal bdiewa skond l-Artikolu 55(1) ta' dan ir-Regolament b'rata aktar baxxa minn dik deċiża skond l-Artikolu 64(1) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

   Fejn Stat Membru eskluda xi pagamenti għall-frott u l-ħxejjex mill-iskema ta' pagament uniku bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 68*b* tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandu japplika l-iskema ta' pagament uniku skond il-kundizzjoni stipulata f'din it-Taqsima u b'konformità mad-deċiżjoni meħuda skond l-Artikolu 68*b*(1) u (2) ta' dak ir-Regolament. 2. Skond l-għażla magħmula minn kull Stat Membru, il-Kummissjoni, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2), għandha tiffissa limitu massimu għal kull wieħed mill-pagamenti diretti msemmija rispettivament, fl-Artikoli 54, 55, u 56.

Dan il-limitu massimu għandu jkun ugwali għall-komponent ta' kull tip ta' pagament dirett fil-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 41, immultiplikat bil-perċentwali ta' tnaqqis applikati mill-Istati Membri skond l-Artikoli 54, 55, u 56.

L-ammont totali tal-limiti massimi ffissati għandu jkun imnaqqas mil-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 41 skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2).

Artikolu 54
Pagamenti għan-ngħaġ u l-mogħoż

L-Istati Membri jistgħu jżommu sa 50% mill-komponent tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 41 li jikkorrispondu għall-pagament għan-ngħaġ u l-mogħoż elenkati fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u għandhom jagħmlu, fuq bażi annwali, pagament addizzjonali lil bdiewa.

Dan il-pagament addizzjonali għandu jingħata lil bdiewa li jrabbu ngħaġ u mogħoż, skond kundizzjonijiet ipprovduti fil-Kapitolu I, Taqsima 7 tat-Titolu IV ta' dan ir-Regolament u skond il-limitu massimu ffissat bl-Artikolu 53(2).

Artikolu 55
Pagamenti għaċ-ċanga u l-vitella

1. L-Istati Membri li skond l-Artikolu 68(2)(a)(i) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 żammew parti mill-komponent jew il-komponent kollu tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 41 ta' dan ir-Regolament li jikkorrispondi għall-primjum tal-baqar li jreddgħu msemmija fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandhom jagħmlu, fuq bażi annwali, pagament addizzjonali lil bdiewa.

   Il-pagament addizzjonali għandu jingħata għaż-żamma ta' baqar li jreddgħu skond kundizzjonijiet ipprovduti fil-Kapitolu I, Taqsima 8 tat-Titolu IV ta' dan ir-Regolament u skond il-limitu massimu ffissat bl-Artikolu 53(2).

2. Fl-2010 u l-2011, l-Istati Membri li skond l-Artikolu 68(1), 68(2)(a)(ii) jew 68(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 żammew il-limiti massimi nazzjonali kollha jew parti minnhom imsemmija fl-Artikolu 41 ta' dan ir-Regolament li jikkorrispondu għall-primjum għall-qatla ta' l-għoġġiela, il-primjum għall-qatla ta' l-annimali oħra barra mill-għoġġiela jew il-primjum maskil speċjali, jistgħu jagħmlu pagament addizzjonali lil bdiewa. Il-pagamenti addizzjonali għandhom jingħataw mal qatla ta' għoġġiela, qatla ta' annimali bovini barra għoġġiela u għat-trobbija ta' annimali bovini rġiel, skond il-kundizzjonijiet ipprovduti fil-Kapitol 1, Taqsima 8 tat-Titolu IV. Il-pagament addizzjonali għandu jingħata b'50% tal-livell applikat skond l-Artikolu 68 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u skond il-limitu massimu ffissat bl-Artikolu 53(2) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 56

Pagamenti tranżizzjonali għall-frott u l-ħxejjex

1. Sal-31 ta' Diċembru 2011, l-Istati Membri għandhom iżommu sa 50% tal-komponent tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 41 ta' dan ir-Regolament li jikkorrispondu għal tadam skond id-deċiżjoni li jkunu ħadu fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 68b(1) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

   F'dan il-każ u skond il-limitu massimu ffissat fl-Artikolu 53(2) ta' dan ir-Regolament, l-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel, fuq bażi annwali, pagament addizzjonali lil bdiewa.

   Il-pagament addizzjonali għandu jingħata lil bdiewa li jipproduċu tadam skond il-kundizzjonijiet previsti fil-Kapitolu 1, Taqsima 5 tat-Titolu IV ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom iżommu, skond id-deċiżjoni li jkunu ħadu fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 68*b*(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003:

   (a) sal-31 ta' Diċembru 2010, sa 100% tal-komponent tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 41 ta' dan ir-Regolament li jikkorrispondi għall-uċuħ ta' frott u ħxejjex minbarra l-uċuħ annwali elenkati fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu; kif ukoll

   (b) mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2012, sa 75% tal-komponent tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 41 ta' dan ir-Regolament li jikkorrispondi għall-uċuħ ta' frott u ħxejjex minbarra l-uċuħ annwali elenkati fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

   F'dan il-każ u skond il-limitu massimu ffissat fl-Artikolu 53(2), l-Istat Membru kkonċernat, għandu jagħmel fuq bażi annwali, pagament addizzjonali lil bdiewa.

   Il-pagament addizzjonali għandu jingħata lill-bdiewa li jipproduċu wieħed jew aktar mill-frott u l-ħxejjex li ġejjin, kif iddeterminat mill-Istat Membru kkonċernat, skond il-kundizzjonijiet ipprovduti fil-Kapitolu 1, Taqsima 5 tat-Titolu IV:

   (a) tin frisk,

   (b) frott taċ-ċitru frisk,

   (c) għeneb tal-mejda,

   (d) langas,

   (e) ħawħ u ċiprisk, u

   (f) għanbaqar 'd'Ente'.

3. Il-komponent tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fil-paragrafi 1 u 2 huma dawk iffissati fl-Anness IX.

KAPITOLU 3
IMPLIMENTAZZJONI FL-ISTATI MEMBRI ĠODDA LI APPLIKAW L-ISKEMA TA' PAGAMENT UNIKU GĦALL-MEDDA

Artikolu 57

Introduzzjoni ta' l-Iskema ta' Pagament Uniku fl-Istati Membri li applikaw l-Iskema ta' Pagament Uniku għall-Medda

1. Għajr jekk ipprovvdut xorta oħra f'dan il-Kapitolu, id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom japplikaw għall-Istati Membri ġodda li applikaw l-iskema ta' pagament uniku għal-medda ipprovduta fil-Kapitolu 2 tat-Titolu V.

   L-Artikoli 42 u 45 tal-Kapitolu 2, Taqsima 1 ma għandhomx japplikaw.

2. Kull Stat Membru ġdid li applika l-iskema ta' pagament uniku għall-medda għandu jieħu d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikoli 53(1) u 58(1) sa l-1 ta' Awwissu tas-sena li tiġi qabel dik li rigward tagħha se japplika l-iskema ta' pagament uniku għall-ewwel darba.

3. Kwalunkwe Stat Membru ġdid li applika l-iskema ta' pagament uniku għal-medda jista' jipprovdi li, flimkien mal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 35(2), «ettaru eliġibbli» ifisser kwalunkwe żona agrikola ta' l-azjenda li tkun inżammet f'kundizzjoni agrikola tajba fit-30 ta' Ġunju 2003, kemm jekk qed tipproduċi jew le f'dik id-data.

Artikolu 58

Applikazzjoni għall-appoġġ

1. Il-bdiewa għandhom japplikaw għall-appoġġ taħt l-iskema ta' pagament uniku sa data, li trid tiġi ffissata mill-Istati Membri ġodda, imma mhux iktar tard mill-15 ta' Mejju.

2. Għajr fil-każ ta' *force majeure* u f'ċirkustanzi eċċezjonali fit-tifsira ta' l-Artikolu 36(1), ma għandhom jiġi allokat ebda dritt lill-bdiewa jekk ma japplikawx għall-iskema ta' pagament uniku sal-15 ta' Meju ta' l-ewwel sena ta' l-applikazzjoni ta' l-iskema ta' pagament uniku.

Artikolu 59

Riżerva nazzjonali

1. Kull Stat Membru ġdid għandu jipproċedi għal tnaqqis lineari perċentwali tal-limitu massimu nazzjonali tiegħu sabiex jikkostitwixxi riżerva nazzjonali.

2. L-Istati Membri ġodda għandhom jużaw ir-riżerva nazzjonali bil-għan li jallokaw, skond il-kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji u b'tali mod li jiżguraw trattament ugwali bejn il-bdiewa u li jevitaw tagħwiġ tas-suq u tal-kompetizzjoni, drittijiet għall-pagament lill-bdiewa li jsibu ruħhom f'sitwazzjoni speċjali, li trid tiġi ddefinita mill-Kummisjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2).

3. Matul l-ewwel sena ta' l-applikazzjoni ta' l-iskema ta' pagament uniku, l-Istati Membri ġodda jistgħu jużaw ir-riżerva nazzjonali bil-għan li jallokaw drittijiet għall-pagament, skond kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji u b'tali mod li jiżguraw trattament ugwali bejn il-bdiewa u li jevitaw tagħwiġ tas-suq u tal-kompetizzjoni, lill-bdiewa f'setturi speċifiċi li jsibu ruħhom f'sitwazzjoni speċjali b'riżultat tat-tranżizzjoni għall-iskema ta' pagament uniku.

4. L-Istati Membri ġodda jistgħu jużaw ir-riżerva nazzjonali biex jagħtu drittijiet għall-pagament lill-bdiewa li jkunu bdew l-attività agrikola tagħhom qabel l-1 ta' Jannar 2007, iżda mingħajr ma jirċievu xi pagament dirett fl-2007, skond kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji u b'tali mod li jiżguraw trattament ugwali bejn il-bdiewa u li jevitaw tagħwiġ tas-suq u tal-kompetizzjoni.

5. L-Istati Membri ġodda jistgħu jużaw ir-riżerva nazzjonali biex jallokaw, skond kriterji oġġettivi u b'tali mod li jiżguraw trattament ugwali bejn il-bdiewa u li jevitaw tagħwiġ tas-suq u tal-kompetizzjoni, drittijiet lill-bdiewa f'żoni suġġetti għar-ristrutturar u/jew programmi ta' żvilupp relatati ma' forma jew oħra ta' intervent pubbliku biex ikun evitat l-abbandun ta' art u/jew biex jikkumpensaw żvantaġġi speċifiċi għall-bdiewa f'dawk iż-żoni.

6. Għall-għanijiet ta' l-applikazzjoni tal-paragrafi 2 sa 5, l-Istati Membri ġodda jistgħu jżiedu l-valur ta' l-unità tad-drittijiet għall-pagament li għandu l-bidwi kkonċernat, skond il-limitu massimu ta' EUR 5,000, u/jew jistgħu jallokaw drittijiet ġodda għall-pagament lill-bidwi kkonċernat.

7. L-Istati Membri ġodda għandhom jipproċedu għal tnaqqis lineari tad-drittijiet meta r-riżerva nazzjonali tagħhom ma tkun biżżejjed.

Artikolu 60
Limitu massimu nazzjonali msemmi fl-Artikolu 41

1. L-Istati Membri ġodda jistgħu japplikaw l-iskema ta' pagament uniku fil-livell reġjonali.

2. L-Istati Membri ġodda għandhom jiddefinixxu r-reġjuni skond kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.

3. Fejn japplika, kull Stat Membru ġdid għandu jissuddividi l-limitu massimu nazzjonali tiegħu msemmi fl-Artikolu 41 wara kull tnaqqis previst fl-Artikolu 59 bejn ir-reġjuni skond kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.

Artikolu 61
Allokazzjoni ta' drittijiet għall-pagament

1. Il-bdiewa kollha għandhom jirċievu drittijiet, li l-valur ta' l-unità tagħhom huwa kkalkulat billi l-limitu massimu msemmi fl-Artikolu 41 jiġi diviż bil-għadd ta' drittijiet għall-pagament stabbilit fil-livell nazzjonali skond il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. L-għadd ta’ drittijiet għal kull bidwi għandu jkun ugwali għal-għadd ta' ettari li hu/hija j/tiddikjara skond l-Artikolu 36(1) għall-ewwel sena ta' l-applikazzjoni ta' l-iskema ta’ pagament uniku, għajr fil-każ ta' *force majeure* jew f’ċirkustanzi eċċezzjonali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 36(1).

3. B’deroga mill-paragrafu 2, l-Istati Membri ġodda jistgħu jiddeċiedu li l-għadd ta’ drittijiet għal kull bidwi għandu jkun ugwali għall-medja fuq tliet snin ta' l-għadd ta’ l-ettari kollha li fis-snin 2005, 2006 u 2007 taw dritt għall-pagament uniku għall-medda, għajr fil-każ ta’ *force majeure* jew f’ċirkustanzi eċċezzjonali skond it-tifsira ta’ l-Artikolu 36(1).

Artikolu 62
Artijiet erbaċei

L-Istati Membri ġodda jistgħu wkoll, skond kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, jiffissaw, skond il-limitu massimu reġjonali jew parti minnu, valuri differenti għal kull unità ta’ drittijiet li se jiġu allokati lil bdiewa msemmija fl-Artikolu 61(1):

(a) għal ettari ta’ art erbaċei kif identifikati fit-30 ta’ Ġunju 2008 u għal kull ettaru eliġibbli ieħor, jew alternattivament,

(b) għal ettari ta’ art bil-ħaxix għall-mergħa permanenti kif identifikat fit-30 ta’ Ġunju 2008 u għal kull ettaru eliġibbli ieħor.

Artikolu 63
Kundizzjonijiet għad-drittijiet

1. Drittijiet stabbiliti skond dan il-Kapitolu jistgħu jiġu trasferiti biss ġewwa l-istess reġjun jew bejn ir-reġjuni meta d-drittijiet għal kull ettaru jkunu l-istess.

2. L-Istati Membri ġodda jistgħu jiddeċiedu, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu tas-sena li tiġi qabel l-ewwel sena ta' l-applikazzjoni ta' l-iskema ta' pagament uniku, u waqt li jaġixxu skond il-prinċipju ġenerali tal-liġi tal-Komunità, illi d-drittijiet stabbiliti skond dan il-Kapitolu għandhom ikunu suġġetti għall-modifiki progressivi għall-approssimazzjoni tal-valur tad-drittijiet għall-pagament skond stadji stabbiliti minn qabel u skond kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.3 Ħlief fil-każ ta’ *force majeure* jew ċirkustanzi eċċezzjonali kif msemmi fl-Artikolu 36(1), bidwi jista’ jitrasferixxi biss id-drittijiet tiegħu għall-pagament mingħajr art wara li jkun attiva, fit-tifsira ta’ l-Artikolu 35, talanqas 80% tad-drittijiet tiegħu għall-pagament matul talanqas sena kalendarja waħda jew, wara li jkun volontarjament ċeda lir-riżerva nazzjonali d-drittijiet għall-pagament kollha li ma użax fl-ewwel sena ta’ applikazzjoni ta’ l-iskema ta’ pagament uniku.

KAPITOLU 4
INTEGRAZZJONI TA' PAGAMENTI AKKOPPJATI FL-ISKEMA TA' PAGAMENT UNIKU

Artikolu 64

Integrazzjoni ta' appoġġ akkoppjat fl-iskema ta' pagament uniku

Sa mill-2010, l-Istati Membri għandhom jintegraw l-appoġġ disponibbli taħt skemi ta' appoġġ akkopjat imsemmija fil-punti I, II u III ta' l-Anness X fl-iskema ta' pagament uniku skond ir-regoli stipulati f'dan il-Kapitolu.

Artikolu 65

Integrazzjoni ta' appoġġ akkoppjat eskluż mill-iskema ta' pagament uniku

1. L-ammonti msemmija fl-Anness XI li kienu disponibbli għal appoġġ akkoppjat taħt l-iskemi msemmija fil-punt I ta' l-Anness X għandhom jitqassmu mill-Istati Membri fost il-bdiewa fis-setturi konċernati skond kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji waqt li jitqies, b'mod partikolari, l-appoġġ li dawk il-bdiewa rċivew, direttament jew indirettament, taħt l-iskema rilevanti ta' appoġġ matul sena jew aktar tal-perjodu 2005 sa l-2008.

2. L-Istati Membri għandhom iżidu l-valur tad-drittijiet għall-pagament li għandhom l-bdiewa konċernati abbażi ta' l-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-paragrafu 1.

   Iż-żieda fil-valur għal kull dritt għall-pagament għal kull bidwi għandha tiġi kkalkulata billi l-ammont msemmi fis-subparagrafu preċedenti jiġi diviż bil-għadd ta' drittijiet għall-pagament ta' kull bidwi kkonċernat.

   Madankollu, meta bidwi f'settur ikkonċernat ma jkollu l-ebda dritt għall-pagament, għandu jiġi allokat drittijiet għall-pagament meta:

   (a) l-għadd huwa ugwali għall-għadd ta' ettari li jiddikjara skond l-Artikolu 36(1) fir-rigward is-sena ta' l-integrazzjoni ta' l-iskema ta' appoġġ akkoppjat fl-iskema ta' pagament uniku,

   (b) il-valur għandu jiġi stabbilit billi l-ammont imsemmi fl-ewwel subparagrafu jiġi diviż bil-għadd stabbilit skond il-punt (a).

Artikolu 66

Integrazzjoni ta' appoġġ akkoppjat eskluż parzjalment mill-iskema ta' pagament uniku

L-ammonti li kienu disponibbli għall-appoġġ akkopjat taħt l-iskemi msemmija fil-punt II ta' l-Anness X għandhom jitqassmu mill-Istati Membri fost il-bdiewa fis-setturi kkonċernati bi proporzjon ma' l-appoġġ li dawk il-bdiewa rċivew taħt l-iskemi ta' appoġġ rilevanti matul il-perjodu 2000 sa l-2002. L-Istati Membri jistgħu, madankollu, jagħżlu perjodu aktar riċenti rapreżentattiv skond kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.

L-Istati Membri għandhom iżidu l-valur tad-drittijiet għall-pagament tal-bdiewa kkonċernati jew jallokaw drittijiet għall-pagament skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 65(2).

Artikolu 67

Integrazzjoni fakultattiva ta' appoġġ akkoppjat eskluż parzjalment mill-iskema ta' pagament uniku

Meta Stat Membru ma jieħux id-deċiżjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 53(1) l-ammonti li kienu disponibbli għal appoġġ akkoppjat taħt l-iskema msemmija fil-punt III ta' l-Anness X għandhom jiġu integrati fl-iskema ta' pagament uniku skond id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 66.

KAPITOLU 5
APPOĠĠ SPEĊIFIKU

Artikolu 68

Regoli ġenerali

1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu 2009, li mill-2010 jużaw sa 10% tal-limiti massimi nazzjonali tagħhom imsemmija fl-Artikolu 41 biex jappoġġaw lil bdiewa:

   (a) għal:

      (i) tipi speċifiċi ta' biedja li huma importanti għall-ħarsien u t-titjib ta' l-ambjent,

      (ii) titjib fil-kwalità ta' prodotti agrikoli, jew

      (iii) titjib fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli;

   (b) biex jindirizzaw żvantaġġi speċifiċi li jaffettwaw bdiewa fis-setturi tal-ħalib, ċanga, laħam tan-ngħaġ u l-mogħoż u ross f'żoni vulnerabbli ekonomikament jew sensittivi ambjentalment,

   (c) f'żoni suġġetti għar-ristrutturar u/jew programmi ta' żvilupp sabiex jevitaw l-abbandun ta' l-art u/jew sabiex jindirizzaw żvantaġġi speċifiċi għall-bdiewa f'dawk iż-żoni,

   (d) fil-forma ta' kontribuzzjonijiet għal primjums ta' assigurazzjoni ta' uċuħ tar-raba' skond il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 69,

   (e) fondi mutwi għal mard ta' l-annimali u l-pjanti skond il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 70.

2. Appoġġ għal miżuri msemmija fil-paragrafu 1(a) jista' jingħata biss:

   (a) jekk

      (i) fir-rigward ta' appoġġ għat-tipi speċifiċi ta' biedja msemmija fil-punt (i) tiegħu, ir-rekwiżiti għal pagamenti agroambjentali stipulati fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 39(3) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jiġu mħarsa,

(ii) fir-rigward ta' appoġġ għal titjib fil-kwalità ta' prodotti agrikoli msemmija fil-punt (ii) tiegħu, huwa konsistenti mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2006, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007[20] u l-Kapitolu I tat-Titolu II tal-Parti II tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u

(iii) fir-rigward ta' appoġġ għal titjib fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli msemmija fil-punt (iii) tiegħu, il-kriterji stipulati fl-Artikoli 2 sa 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 jiġu mħarsa, u

(b) biex ikunu koperti l-ispejjeż addizzjonali mġarrba verament u d-dħul mitluf sabiex jintlaħaq l-għan ikkonċernat.

3. Appoġġ għal miżuri msemmija fil-paragrafu 1(b) jista' jingħata biss:

(a) ma' l-implimentazzjoni sħiħa ta' l-iskema ta' pagament uniku fis-settur ikkonċernat skond l-Artikoli 54, 55 u 71.

(b) sal-punt meħtieġ biex jinħoloq inċentiv biex jinżammu l-livelli attwali tal-produzzjoni.

4. Appoġġ skond il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1(a), (b) u (e) għandu jkun limitat għal 2.5% tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 41, l-Istati Membri jistgħu jistipulaw sottolimiti massimi għal kull miżura.

5. Appoġġ għal miżuri msemmija:

(a) fil-paragrafu 1(a) u (d) għandu jkun fil-forma ta' pagamenti addizzjonali annwali,

(b) fil-paragrafu 1(b) għandu jkun fil-forma ta' pagamenti addizzjonali annwali bħal pagamenti għal kull ras ta' annimal jew primjums għall-artijiet erbaċei,

(c) fil-paragrafu 1(c) għandu jkun fil-forma ta' żieda tal-valur ta' l-unità u/jew l-għadd tad-drittijiet għall-pagament tal-bidwi,

(d) fil-paragrafu 1(e) għandu jkun fil-forma ta' pagamenti kumpensatorji kif speċifikat fl-Artikolu 70.

6. It-trasferiment ta' drittijiet għall-pagament b'valuri ta' unità miżjuda u ta' drittijiet għall-pagament addizzjonali msemmija fil-paragrafu 5(c) jitħalla jsir biss jekk id-drittijiet trasferiti jkunu akkumpanjati bit-trasferiment ta' għadd ekwivalenti ta' ettari.

7. Appoġġ għal miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu konsistenti ma' miżuri u politiki oħra Komunitarji.

8. L-Istati Membri għandhom jiġbru l-fondi meħtieġa biex ikopru l-appoġġ msemmi:

(a) fil-paragrafi 1(a), (b), (c) u (d) billi jipproċedu għal tnaqqis lineari tad-drittijiet allokati lil bdiewa u/jew mir-riżerva nazzjonali,

---

[20] ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.

(b) fil-paragrafu 1(e) billi jipproċedu, jekk ikun neċessarju, għal tnaqqis lineari ta' wieħed jew bosta mill-pagamenti li jridu jsiru lill-benefiċċjarji tal-pagamenti rilevanti skond dan it-Titolu u skond il-limiti massimi stipulati fil-paragrafi 1 u 3.

9. Il-Kummissjoni, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2), għandha tiddefinixxi l-kundizzjonijiet għall-għotja ta' l-appoġġ imsemmi f'din it-Taqsima, b'mod partikolari, bil-għan li tiżgura konsistenza ma' miżuri u politiki Komunitarji oħrajn u biex tevita kumulazzjoni ta' appoġġ.

Artikolu 69
Assigurazzjoni ta' l-uċuħ

1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu kontribuzzjonijiet finanzjarji għal primjums għall-assigurazzjoni ta' l-uċuħ kontra telf ikkawżat b'avvenimenti klimatiċi ħżiena.

Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu, 'avveniment klimatiku avvers' ifisser kundizzjonijiet klimatiċi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali, bħal ġlata, silġ, borra, xita jew nixfa u li jeqirdu aktar minn 30% tal-medja tal-produzzjoni annwali ta' bidwi partikolari fil-perjodu ta' tliet snin preċedenti jew medja ta' tliet snin bbażata fuq il-perjodu ta' ħames snin preċedenti, eskluż l-ogħla u l-ibaxx ammont.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija lil kull bidwi għandha tkun stipulata għal 60% tal-primjum ta' l-assigurazzjoni li jrid jitħallas. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jżidu l-kontribuzzjoni finanzjarja għal 70% meta titqies is-sitwazzjoni klimatika jew is-sitwazzjoni tas-settur ikkonċernat.

L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-ammont tal-primjums li huma eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja billi japplikaw limiti massimi xierqa.

3. L-assigurazzjoni ta' l-uċuħ għandha tkun koperta biss meta l-avveniment klimatiku avvers kien rikonoxxut formalment bħala dan mill-awtorità kopetenti ta' l-Istat Membru konċernat.

4. Il-pagamenti ta' assigurazzjoni għandhom jikkumpensaw għal mhux aktar mill-ispejjeż totali tal-bdil ta' dak it-telf imsemmi fil-paragrafu 1 u m'għandhomx ikunu jeħtieġu jew jispeċifikaw t-tip jew kwantità tal-produzzjoni għal ġejjieni.

5. Kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja għandha titħallas direttament lill-bidwi kkonċernat.

6. In-nefqa ta' l-Istati Membri għall-għotja ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji għandha tkun ikkofinanzjata mill-Komunità mill-fondi msemmija fl-Artikolu 68(1) b'rata ta' 40% ta' l-ammonti eliġibbli ta' primjums ta' assigurazzjoni stipulati skond il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

L-ewwel subparagrafu ma għandux jippreġudika kwalunkwe poter ta' l-Istati Membri biex ikopru l-parteċipazzjoni tagħhom fil-finanzjament tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji kollha jew parzjalment permezz ta' sistemi obbligatorji ta' responsabbiltà kollettiva fis-setturi konċernati.

7. Il-kontribuzzjoni finanzjarja ma għandhiex tikkostitwixxi tfixkil fl-operazzjoni tas-suq intern għas-servizzi ta' assigurazzjoni. Il-kontribuzzjoni finanzjarja ma għandhiex tkun limitata għall-assigurazzjoni pprovvduta minn kumpanija ta' l-assigurazzjoni unika jew grupp ta' kumpaniji, jew tkun suġġetta għall-kundizzjoni li l-kuntratt ta' l-assigurazzjoni jkun magħmul ma' kumpanija stabbilita fl-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 70
Fondi mutwi għall-mard ta' l-annimali u l-pjanti

1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal kumpens finanzjarju li jitħallas lil bdiewa għal telf ekonomiku kkawżat minn epidemija ta' mard ta' l-annimali jew pjanti permezz ta' kontribuzzjonijiet għal fondi mutwi.

2. Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu:

   (a) 'fond mutwu' tfisser sistema akkreditata mill-Istat Membru skond il-liġi nazzjonali għall-bdiewa affiljati biex jassiguraw lilhom infushom, billi tagħti pagamenti kumpensatorji lil dawn il-bdiewa effettwati minn telf ekonomiku kkawżat minn epidemija ta' mard ta' l-annimali jew pjanti;

   (b) 'telf ekonomiku' tfisser kwalunkwe spiża addizzjonali mġarrba minn bidwi bħala riżultat ta' miżuri eċċezzjonali meħuda mill-bidwi bil-għan li jnaqqas il-provvista fuq is-suq konċernat jew kwalunkwe telf sostanzjali fil-produzzjoni. Spejjeż li għalihom jista' jingħata kumpens skond dispożizzjonijiet Komunitarji oħrajn u dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' kwalunkwe miżura oħra veterinarja u tas-saħħa jew fitosanitarja ma għandhomx jitqiesu bħala telf ekonomiku.

3. Il-fondi mutwi għandhom iħallsu kumpens finanzjarju direttament lill-bdiewa affiljati li huma effettwati mit-telf ekonomiku.

   Is-sors tal-kumpens finanzjarju mħallas mill-fondi mutwi għandu jiġi minn:

   (a) kapital f'ishma li l-bdiewa affiljati kkontribwixxew għall-fondi, u/jew

   (b) self mogħti mill-fondi fuq termini kummerċjali.

   Kwalunkwe kapital f'ishma ma għandux ikun kkontribut minn fondi pubbliċi.

4. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jirreferu għal:

   (a) l-ispejjeż amministrattivi biex jitwaqqaf il-fond mutwu, mifrux fuq medda massima ta' tliet snin,

   (b) il-ħlas lura tal-kapital u imgħax fuq self kummerċjali li jkun għamel il-fond mutwu għall-iskop li tħallas kumpens finanzjarju lil bdiewa,

   (c) l-ammonti mħallsa mill-fond mutwu mill-kapital f'ishma tiegħu bħala kumpens finanzjarju lil bdiewa.

It-tul ta’ żmien minimu u massimu tas-self kummerċjali eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja għandu jkun iffissat mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2).

Meta l-fond tħallas kumpens finanzjarju skond il-punt (c) ta’ l-ewwel subparagrafu, il-kontribuzzjoni finanzjarja pubblika għandh issegwi l-istess ritmu bħal dik skedata għal self kummerċjali ta’ tul ta’ żmien minimu.

5. Kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja ma għandhiex taqbeż 60% ta’ l-ispiża msemmija fil-paragrafu 4. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jżidu l-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom għal 70% meta titqies is-sitwazzjoni tas-settur ikkonċernat. Kwalunkwe spiża li mhiex koperta minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għandha titħallas mill-bdiewa affiljati.

L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-ispejjeż li huma eliġibbli għall-kontribuzzjoni finanzjarja billi japplikaw:

(a) limiti massimi għal kull fond,

(b) limiti massimi xierqa għal kull unità.

6. In-nefqa ta’ l-Istati Membri fuq il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għandha tkun ikkofinanzjata mill-Komunità mill-fondi msemmija fl-Artikolu 68(1) b'rata ta' 40% ta' l-ammonti eliġibbli taħt il-paragrafu 4.

L-ewwel subparagrafu ma għandux jippreġudika kwalunkwe poter ta’ l-Istati Membri biex ikopru l-parteċipazzjoni tagħhom fil-finanzjament tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji kollha jew parzjalment permezz ta' sistemi obbligatorji ta' responsabbiltà kollettiva fis-setturi kkonċernati.

7. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu r-regoli għall-kostituzzjoni u l-ġestjoni tal-fondi mutwi, notevolment għall-għoti ta’ pagamenti ta’ kumpens lil bdiewa f’każ ta’ kriżi, jew għall-amministrazzjoni u l-kontroll ta’ dawn ir-regoli.

8. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni rapport annwali dwar l-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu. Il-format, il-kontenut, il-waqt u l-iskadenzi tar-rapport għandhom ikunu stipulati mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2).

TITOLU IV
SKEMI OĦRA TA' GĦAJNUNA

KAPITOLU 1
SKEMI KOMUNITARJI TA' GĦAJNUNA

TAQSIMA 1
PAGAMENT SPEĊIFIKU GĦALL-UĊUĦ TAR-RABA' FIR-RIGWARD TAR-ROSS

Artikolu 71
Ambitu

Għas-snin 2009, 2010, u 2011 għandha tingħata għajnuna lill-bdiewa li jipproduċu ross, li jaqa' taħt il-kodiċI tan-NM 1006 10 taħt il-kundizzjonijiet stipulati f'din it-Taqsima.

Artikolu 72
Kundizzjonijiet u ammont ta' l-għajnuna

1. L-għajnuna għandha tingħata għal kull ettaru ta' art miżrugħa bir-ross u fejn il-wiċċ jinżamm talanqas sal-bidu tal-ħruġ tal-fjuri taħt kundizzjonijiet normali ta' tkabbir.

   Madankollu, uċuħ li jitkabbru f'żoni li huma kompletament miżrugħa u li huma kkultivati skond standards lokali, imma li ma jilħqux l-istadju tal-ħruġ tal-fjuri minħabba kundizzjonijiet klimatiċi eċċezzjonali rikonoxxuti mill-Istat Membru kkonċernat, għandhom jibqgħu eliġibbli għall-għajnuna sakemm, sa dan l-istadju ta' tkabbir, iż-żoni in kwistjoni ma jintużawx għal xi skop ieħor.

2. L-ammont ta' l-għajnuna għandha tkun kif ġej, skond l-ammonti ta' ħsad fl-Istati Membri kkonċernati:

	EUR/ettaru	
	2009	***2010 u 2011***
Il-Bulgarija	345,255	172,627
Il-Greċja	561,00	280,5
Spanja	476,25	238,125
Franza	411,75	205,875
L-Italja	453,00	226,5
L-Ungerija	232,50	116,25
Il-Portugall	453,75	226,875
Ir-Rumanija	126,075	63,037

Artikolu 73
Meded

Medda bażi nazzjonali għal kull Stat Membru produttur hija b'dan stabbilita. Madankollu, hemm żewġ meded bażi stabbiliti għal Franza. Il-meded bażi għandhom ikunu kif ġej:

– Il-Bulgarija: 4 166 ettaru,

– Il-Greċja: 20 333 ettaru,

– Spanja: 104 973 ettaru,

– Franza: 19 050 ettaru,

– L-Italja: 219 588 ettaru,

– L-Ungerija: 3 222 ettaru,

– Il-Portugall: 24 667 ettaru,

– Ir-Rumanija: 500 ettaru.

Stat Membru jista' jissuddividi il-medda jew meded bażi f'meded bażi parzjali skond kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.

Artikolu 74
Qbiż tal-meded

1. Fejn fi Stat Membru ż-żona mogħtija għar-ross f'sena partikolari taqbeż il-medda bażi indikata fl-Artikolu 73, il-medda għal kull bidwi li għaliha hi mitluba l-għajnuna għandha titnaqqas b'mod proporzjonali f'dik is-sena.

2. Meta Stat Membru jissuddividi il-medda jew meded bazi f'meded bażi parzjali, it-tnaqqis previst fil-paragrafu 1 għandu japplika biss għall-bdiewa fil-meded bażi parzjali fejn il-limiti massimi tagħhom inqabżu. Dan it-tnaqqis għandu jkun magħmul meta, fl-Istat Membru kkonċernat, iż-żoni f'meded bażi parzjali, li ma laħqux il-limiti massimi tagħhom, reġgħu ġew imqassma f'meded bażi parzjali, li fihom dawk il-limiti massimi nqabżu.

TAQSIMA 2
GĦAJNUNA GĦAL-LAMTU TAL-PATATA

Artikolu 75
Ammont ta' l-għajnuna

Għajnuna għandha tkun stabbilita għall-bdiewa li jipproduċu patata maħsuba għall-manifattura tal-lamtu tal-patata. L-ammont tal-pagament japplika għall-kwantità ta' patata meħtieġa biex tkun magħmula tunnellata ta' lamtu. Għandha tkun:

(a) EUR 66.32 għas-snin tas-suq 2009/2010 u 2010/2011;

(b) EUR 33.16 għas-snin tas-suq 2009/2012 u 2012/2013.

L-ammont għandu jkun aġġustat skond il-kontenut ta' lamtu fil-patata.

Artikolu 76
Kundizzjonijiet

L-għajnuna għandha titħallas biss fir-rigward tal-kwantità ta' patata koperta minn kuntratt ta' kultivazzjoni bejn il-produttur tal-patata u l-manifattur tal-lamtu fil-limitu tal-kwota allokata lil tali impriża, kif imsemmi fl-Artikolu 84a(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007[21].

TAQSIMA 3
PAGAMENT SPEĊIFIKU GĦALL-UĊUĦ TAR-RABA' FIR-RIGWARD TAL-QOTON

Artikolu 77
Ambitu

Għajnuna għandha tingħata lill-bdiewa li jipproduċu l-qoton, li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM 5201 00 taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima.

Artikolu 78
Kundizzjonijiet

1. L-għajnuna għandha tingħata għal kull ettaru ta' żona tal-qoton eliġibbli. Sabiex iż-żona tkun eliġibbli, għandha tkun f'art agrikola awtorizzata għall-produzzjoni tal-qoton mill-Istat Membru, miżrugħa b'varjetajiet awtorizzati u li attwalment jinħasdu f'kundizzjonijiet ta' tkabbir normali.

   L-għajnuna msemmija fl-Artikolu 77 għandha titħallas għal qoton ta' kwalita' kummerċjali tajba u ġusta.

2. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-art u l-varjetajiet kif imsemmi fil-paragrafu 1 skond regoli u kundizzjonijiet dettaljati adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2).

Artikolu 79
Meded bażi u ammonti

1. Il-meded bażi nazzjonali huma hawnhekk stabbiliti kif ġej:

   – Il-Bulgarija: 10 237 ettaru,

   – Il-Greċja: 370 000 ettaru,

   – Spanja: 70 000 ettaru,

[21] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

– Il-Portugall: 360 ettaru.

2. L-ammont ta' l-għajnuna għal kull ettaru eliġibbli għandu jkun kif ġej:

– Il-Bulgarija: EUR 263,

– Il-Greċja: EUR 594 għal 300 000 ettaru u EUR 342.85 għas-70 000 ettaru li jibqa',

– Spanja: EUR 1 039,

– Il-Portugall: EUR 556.

3. Jekk iż-żona tal-qoton eliġibbli f'Membru Stat partikolari u f'sena partikolari taqbeż il-medda bażi stipulata fil-paragrafu 1, l-għajnuna msemmija fil-paragrafu 2 għal dak l-Istat Membru għandha titnaqqas b'mod proporzjonali mal-qbiż tal-medda bażi.

Madankollu, għall-Greċja, it-tnaqqis proporzjonali għandu jiġi applikat skond l-ammont ta' l-għajnuna stabbilit għall-parti tal-medda bażi nazzjonali komposta mis-70,000 ettaru biex tkun konformi ma' l-ammont globali ta' EUR 202.2 miljun.

4. Regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2).

Artikolu 80
Organizzazzjonijiet intersettorjali approvati

1. Għall-għanijiet ta' din it-Taqsima, "organizzazzjoni intersettorjali approvata" tfisser entità ġuridika komposta minn bdiewa li jipproduċu l-qoton u talanqas ħallieġ wieħed, li twettaq attivitajiet bħal:

– għajnuna għal koordinazzjoni aħjar tal-mod kif l-qoton jitqiegħed fis-suq, b'mod partikolari permezz ta' studji ta' riċerka u stħarriġ tas-suq,

– tfassil ta' formoli standard ta' kuntratt kompatibbli mar-regoli Komunitarji,

– orjentazzjoni tal-produzzjoni lejn prodotti li huma iktar adattati għal bżonnijiet tas-suq u d-domanda tal-konsumatur, partikolarment f'aspetti ta' kwalità u ħarsien tal-konsumatur,

– aġġornament ta' metodi u mezzi għal titjib fil-kwalità ta' prodotti,

– żvilupp ta' strateġiji ta' kumerċjalizzazzjoni biex jippromwovu l-qoton permezz ta' skemi ta' ċertifikazzjoni tal-kwalità.

2. L-Istat Membru fejn huma stabbiliti l-ħallieġa għandu japprova organizzazzjonijiet intersettorjali li jissodisfaw il-kriterji li jkunu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2).

Artikolu 81
Pagament ta' għajnuna

1. Il-bdiewa għandhom jingħataw l-għajnuna għal kull ettaru eliġibbli skond l-Artikolu 79.

2. Il-bdiewa li huma membri ta' organizzazzjoni intersettorjali approvata għandhom jingħataw għajnuna, għal kull ettaru eliġibbli fil-medda bażi stipulata fl-Artikolu 79(1), b'żieda ta' ammont ta' EUR 3.

TAQSIMA 4
GĦAJNUNA LIL PRODUTTURI TAL-PITRAVI TAZ-ZOKKOR U TAL-KANNAMIELI

Artikolu 82
Ambitu

1. Fl-Istati Membri li taw l-għajnuna għar-ristrutturar kif previst fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 320/2006 għal talanqas 50% tal-kwota taz-zokkor iffissata fl-20 ta' Frar 2006 fl-Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006[22], għandha tingħata għajnuna Komunitarja lil produtturi tal-pitravi taz-zokkor u tal-kannamieli.

2. L-għajnuna għandha tingħata għal massimu ta' ħames snin konsekuttivi mis-sena tas-suq li fiha l-limitu ta' 50% msemmi fil-paragrafu 1 kien intlaħaq iżda sa mhux aktar tard mis-sena tas-suq 2013/2014.

Artikolu 83
Kundizzjonijiet

L-għajnuna għandha tingħata fir-rigward tal-kwantità tal-kwota taz-zokkor miksuba minn konsenja ta' pitravi taz-zokkor jew ta' kannamieli taħt kuntratti konklużi skond l-Artikolu 50 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

Artikolu 84
Ammont ta' l-għajnuna

L-għajnuna għandha tiġi espressa għal kull tunnellata ta' zokkor abjad ta' kwalità standard. L-ammont ta' l-għajnuna għandu jkun ugwali għal nofs l-ammont miksub mill-ammont ta' limitu massimu msemmi fl-Anness XII ta' dan ir-Regolament għall-Istat Membru konċernat għas-sena korrispondenti diviż bit-total tal-kwota taz-zokkor u x-xropp ta' l-inulina ffissata fl-20 ta' Frar 2006 fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 318/2006.

L-Artikoli 110 u 120 ta' dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw għall-għajnuna lil-produtturi tal-pitravi taz-zokkor u tal kannamieli.

---

[22] ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1.

TAQSIMA 5
PAGAMENTI TRANŻIZZJONALI GĦALL-FROTT U L-ĦXEJJEX

Artikolu 85
Għajnuniet tranżizzjonali skond il-medda

1. Fil-każ ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 56(1) jew l-Artikolu 117(1), matul il-perjodu msemmi f'dawk id-dispożizzjonijiet, tista' tingħata għajnuna tranżizzjonali skond il-medda, taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima, lil bdiewa li jipproduċu tadam fornut għall-ipproċessar.

2. Fil-każ ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 56(2) jew l-Artikolu 117(2), matul il-perjodu msemmi f'dawk id-dispożizzjonijiet, tista' tingħata għajnuna tranżizzjonali skond il-medda, taħt il-kundizzjonijiet stipulati f'din it-Taqsima, lil bdiewa li jipproduċu prodott wieħed jew aktar tal-frott u l-ħxejjex elenkati fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 56(2), kif iddeterminat mill-Istati Membri, li jiġu fornuti għall-ipproċessar.

Artikolu 86
Ammont ta' l-għajuna u eliġibbiltà

1. L-Istati Membri għandhom jiffissaw l-għajnuna għal kull ettaru li fuqu jitkabbru t-tadam u kull prodott tal-frott u l-ħxejjex elenkat fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 56(2) abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.

2. L-ammont totali ta' pagamenti ma għandu fl-ebda każ jaqbeż il-limitu massimu ffissat skond l-Artikolu 53(2) jew l-Artikolu 117.

3. L-għajnuna għandha tingħata biss fir-rigward ta' meded li l-produzzjoni tagħhom hija koperta b'kuntratt għall-ipproċessar f'wieħed mill-prodotti elenkati fl-Artikolu 1(1)(j) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

4. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-għotja ta' għajnuna Komunitarja suġġetta għal aktar kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, inkluż il-kundizzjoni li l-bdiewa jkunu membri f'organizzazzjoni ta' produtturi jew grupp ta' produtturi rikonoxxuti skond l-Artikolu 125b jew l-Artikolu 125d tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 rispettivament.

TAQSIMA 6
PAGAMENT TRANŻIZZJONALI GĦALL-FROTT ARTAB

Artikolu 87
Pagament għall-frott artab

1. Matul il-perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2012 għandha tapplika għajnuna tranżizzjonali skond il-medda fir-rigward tal-frawli li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM 0810 10 00 u l-lampun li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM 0810 20 10 fornuti għall-ipproċessar.

2. L-għajnuna għandha tingħata biss fir-rigward ta' meded li l-produzzjoni tagħhom hija koperta b'kuntratt għall-ipproċessar f'wieħed mill-prodotti elenkati fl-Artikolu 1(1)(j) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

3. L-ammont ta’ għajnuna Komunitarja għandu jkun ta’ EUR 230/ettaru.

4. L-Istati Membri jistgħu jagħtu għajnuna nazzjonali flimkien ma’ l-għajnuna Komunitarja. L-ammont totali ta’ għajnuna Komunitarja u nazzjonali mħallas m’għandux jaqbeż l-EUR 400/ettaru.

5. L-għajnuna għandha titħallas biss fir-rigward tal-meded nazzjonali garantiti massimi allokati lill-Istati Membri kif ġej:

Stat Membru	Medda nazzjonali garantita (ettari)
Il-Bulgarija	2 400
L-Ungerija	1 700
Il-Latvja	400
Il-Litwanja	600
Il-Polonja	48 000

Jekk il-medda eliġibbli fi Stat Membru partikolari u f’sena partikolari taqbeż il-medda nazzjonali garantita massima, l-ammont ta’ għajnuna msemmi fil-paragrafu 3 għandu jitnaqqas bi proporzjon mal-qbiż tal-medda nazzjonali garantita massima.

6. L-Artikoli 110 u 120 ma għandhomx japplikaw għall-pagament tranżizzjonali għall-frott artab.

TAQSIMA 7
PRIMJUMS GĦAN-NGĦAĠ U L-MOGĦOŻ

Artikolu 88
Ambitu ta’ l-applikazzjoni

Fil-każ ta’ l-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 54, l-Istati Membri għandhom jagħtu, fuq bażi annwali, primjums jew pagamenti addizzjonali lill-bdiewa li jrabbu n-ngħaġ u l-mogħoż taħt il-kundizzjonijiet ipprovduti f’din it-Taqsima, għajr jekk ipprovvdut xorta oħra.

Artikolu 89
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta’ din it-taqsima, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) "nagħġa" tfisser kull femminil ta' l-ispeċi ovina li kellha l-frieħ talanqas darba jew li jkollha talanqas sena;

(b) "mogħża" tfisser kull femminil ta' l-ispeċi kaprina li kellha l-frieħ talanqas darba jew li jkollha talanqas sena.

Artikolu 90

Primjum għan-ngħaġ u l-mogħoż

1. Bidwi li jrabbi n-ngħaġ fl-azjenda tiegħu jista' jikkwalifika, meta japplika għal primjum għat-trobbija tan-nagħaġ (primjum għan-ngħaġ).

2. Bidwi li jrabbi l-mogħoż fl-azjenda tiegħu jista' jikkwalifika, meta japplika għal primjum għat-trobbija tal-mogħoż (primjum għall-mogħoż). Dan il-primjum għandu jingħata lill-bdiewa f'żoni speċifiċi fejn il-produzzjoni tilħaq iż-żewġ kriterji li ġejjin:

   (a) it-trobbija tal-mogħoż tkun l-aktar immirata lejn il-produzzjoni tal-laħam tal-mogħoż;

   (b) it-tekniki tat-trobbija tan-ngħaġ u l-mogħoż huma simili fin-natura tagħhom.

   Lista ta' tali żoni għandha tkun stabbilita skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2).

3. Il-primjum għan-ngħaġ u l-primjum għall-mogħoż għandhom jingħataw f'forma ta' pagament annwali għal kull annimal eliġibbli għal kull sena kalendarja u għal kull bidwi skond il-limiti individwali. L-għadd minimu ta' annimali meħtieġ biex tkun sottomessa applikazzjoni għal primjum għandu jkun determinat mill-Istat Membru. Dan il-minimu ma għandux ikun inqas minn 10 jew akbar minn 50.

4. L-ammont tal-primjum għal kull nagħġa għandu jkun ta' EUR 21. Madankollu għall-bdiewa li jikkumerċjalizzaw il-ħalib tan-ngħaġ jew il-prodotti bbażati fuq il-ħalib tan-ngħaġ il-primjum għal kull nagħġa għandu jkun EUR 6.8.

5. L-ammont tal-primjum għal kull mogħża għandu jkun ta' EUR 6.8.

Artikolu 91

Primjum supplimentari

1. Primjum supplimentari għandu jitħallas lill-bdiewa f'żoni fejn il-produzzjoni tan-ngħaġ u l-mogħoż tikkostitwixxi attività tradizzjonali jew tagħti kontribut sinifikanti lill-ekonomija rurali. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu dawn iż-żoni. F'kull każ, il-primjum supplimentari għandu jingħata biss lill-bidwi li l-azjenda tiegħu għandha talanqas 50% tal-medda tagħha użata għall-agrikoltura u li tinsab f'żoni aktar żvantaġġati kif definiti skond ir-Regolament (KE) Nru 1257/1999.

2. Il-primjum supplimentari għandu jingħata wkoll lill-bidwi li jipprattika l-għanem ta' kull staġun minn reġjun għall-ieħor (trasumanza) sakemm:

   (a) talanqas 90% ta' l-annimali li għalihom japplika l-primjum jitħallew jirgħu għal talanqas 90 jum konsekuttiv f'żona eliġibbli stabbilita skond il-paragrafu 1, u

(b) il-lokalità ta' l-azjenda tkun f'żona ġeografika definita tajjeb li għaliha jkun ġie stabbilit mill-Istat Membru li t-trasumanza hija prattika tradizzjonali tat-trobbija tan-ngħaġ jew/u tal-mogħoż u li dawn il-movimenti ta' l-annimali huma neċessarji minħabba n-nuqqas fil-kwantià suffiċjenti ta' għalf waqt iż-żmien tat-trasumanza.

3. L-ammont tal-primjum supplimentari għandu jiġi stabblit għal EUR 7 għal kull nagħġa u għal kull mogħża. Il-primjum supplimentari għandu jingħata taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk stabbiliti għall-għotja tal-primjum għan-ngħaġ u l-mogħoż.

Artikolu 92
Regoli komuni dwar primjums

1. Il-primjums għandhom jitħallsu lill-bdiewa benefiċjarji fuq il-bażi ta' l-għadd ta' ngħaġ u/jew mogħoż miżmuma ġo l-azjenda tagħhom matul perjodu minimu li għandu jkun determinat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2).

2. Biex jikkwalifika għall-primjum, annimal għandu jkun identifikat u rreġistrat skond ir-Regolament (KE) Nru 21/2004.

Artikolu 93
Limiti individwali

1. Fl-1 ta' Jannar 2009 il-limitu individwali għal kull bidwi msemmi fl-Artikolu 90(3), għandu jkun ugwali għall-għadd tad-drittijiet għall-primjum li kellu fil-31 ta' Diċembru 2008 skond ir-regoli Komunitarji rilevanti.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw illi t-total tad-drittijiet għall-primjum fit-territorju tagħhom ma jaqbiżx il-limiti massimi nazzjonali stipulati fil-paragrafu 4 u li jistgħu jinżammu r-riżervi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 96.

Wara t-tmiem tal-perjodu ta' l-applikazzjoni ta' l-iskema ta' pagament uniku għal-medda skond l-Artikolu 111 u meta jiġi applikat l-Artikolu 54, l-allokazzjoni tal-limiti massimi individwali lill-produtturi u t-twaqqif tar-riżerva nazzjonali msemmija fl-Artikolu 95 għandhom isiru mhux iktar tard mit-tmiem ta' l-ewwel sena ta' l-applikazzjoni ta' l-iskema ta' pagament uniku.

3. Id-drittijiet għall-primjum, li jkunu ġew irtirati skond il-miżura li ttieħdet skond il-paragrafu 2 għandhom jitħassru.

4. Il-limiti massimi li ġejjin għandhom japplikaw:

Stat Membru	Drittijiet (x 1000)
Il-Bulgarija	2 058,483
Ir-Repubblika Ċeka	66,733
Id-Danimarka	104
L-Estonja	48
Spanja	19 580
Franza	7 842
Ċipru	472,401
Il-Latvja	18,437
Il-Litwanja	17,304
L-Ungerija	1 146
Il-Polonja	335,88
Il-Portugall	2 690
Ir-Rumanija	5 880,620
Is-Slovenja	84,909
Is-Slovakkja	305,756
Il-Finlandja	80
Total	**40 730,523**

Artikolu 94
Trasferiment ta' drittijiet għall-primjum

1. Meta bidwi jbigħ jew jittrasferixxi b'xi mod ieħor l-azjenda tiegħu, dan jista' jittrasferixxi d-drittijiet tiegħu kollha għall-primjum lill-persuna li tieħu l-azjenda mingħandu.

2. Bidwi jista' wkoll, b'mod totali jew parzjali, jittrasferixxi d-drittijiet tiegħu lil bdiewa oħra mingħajr ma jittrasferixxi l-azjenda tiegħu.

   Fil-każ ta' trasferiment tad-drittijiet mingħajr it-trasferiment ta' l-azjenda, parti mid-drittijiet għall-primjum hekk ittrasferiti, li ma taqbiżx il-15%, għandha tiġi ċeduta, mingħajr kumpens lir-riżerva nazzjonali ta' l-Istat Membru fejn tkun tinstab l-azjenda tiegħu biex din terġa' titqassam mingħajr ħlas.

   L-Istati Membri jistgħu jakkwistaw drittijiet għall-primjum mingħand bdiewa li, fuq bażi volontarja, jaqblu li jċedu d-drittijiet tagħhom, b'mod totali jew parzjalment. F'dan il-każ pagamenti għall-akkwist ta' dawn id-drittijiet jistgħu jsiru lil dawn il-bdiewa minn baġits nazzjonali.

   B'deroga mill-paragrafu 1 u f'ċirkustanzi ġustifikati biżżejjed, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li f'każ ta' bejgħ jew trasferiment ieħor ta' l-azjenda, it-trasferiment ta' drittijiet jitwettaq mill-intermedjarju tar-riżerva nazzjonali.

3. L-Istati Membri jistgħu jieħdu l-miżuri neċessarji biex jevitaw li drittijiet għall-primjum jitressqu 'l hinn minn żoni jew reġjuni sensittivi fejn il-produzzjoni tan-ngħaġ tkun partikolarmnet importanti għall-ekonomija lokali.

4. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, qabel data li għandhom jistabbilixxu, trasferimenti temporanji ta' dik il-parti tad-drittijiet għall-primjum, li ma jkunux maħsuba li se jintużaw mill-bidwi detentur.

Artikolu 95
Riżerva nazzjonali

1. Kull Stat Membr għandu jżomm riżerva nazzjonali tad-drittijiet għall-primjum.

2. Kwalunke dritt għall-primjum irtirat skond l-Artikolu 94(2) jew skond dispożizzjonijiet Komunitarji oħra għandu jiżdied mar-riżerva nazzjonali.

3. L-Istati Membri jistgħu jallokaw drittijiet għall-primjum lill-bdiewa, fil-limiti tar-riżervi nazzjonali tagħhom. Meta jagħmlu l-allokazzjoni għandhom jagħtu preċedenza b'mod partikolari lill-bdiewa ġodda, lill-bdiewa żgħażagħ u lill-bdiewa oħra li għandha tingħatalhom prijorità.

Artikolu 96
Limiti massimi

It-total ta' l-ammonti ta' kull primjum mitlub m'għandux jaqbeż l-limitu massimu, iffissat mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 53(2).

Meta l-ammont totali ta' l-għajnuna mitluba taqbeż il-limitu massimu ffissat, l-għajnuna għal kull bidwi għandha titnaqqas b'mod proporzjonali f'dik is-sena.

TAQSIMA 8
PAGAMENTI GĦAĊ-ĊANGA U L-VITELLA

Artikolu 97
Ambitu ta' l-applikazzjoni

Fil-każ ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 55, l-Istati Membri, taħt il-kundizzjonijiet stipulati f'din it-taqsima, għandhom jagħtu l-pagament jew il-pagamenti addizzjonali magħżula mill-Istat Membru kkonċernat skond dak l-Artikolu, għajr jekk ipprovvdut xorta oħra.

Artikolu 98
Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' din it-taqsima:

(a) "reġjun" tfisser Stat Membru jew reġjun fi Stat Membru, skond l-għażla ta' l-Istat Membru konċernat,

(b) "barri" tfisser annimal bovin raġel mhux imsewwi,

(c)
"barri msewwi" tfisser annimal bovin raġel imsewwi,

(d) "baqra li tredda' tfisser baqra li tappartjeni għar-razzez tal-laħam jew imwielda minn tagħmir ma' razza tal-laħam, u li tappartjeni għal merħla intenzjonata għat-trobbija ta' għoġġiela għall-produzzjoni tal-laħam,

(e) "erħa" tfisser annimal bovin mara mill-età ta' tmien xhur li għadha ma wilditx.

Artikolu 99
Primjum speċjali

1. Bidwi li jkollu annimali bovini rġiel fl-impriża tiegħu jista' jikkwalifika, malli japplika, għal primjum speċjali. Għandu jingħata f'forma ta' primjum annwali għal kull sena kalendarja u għal kull azjenda skond il-limiti reġjonali, għal mhux aktar minn 90 annimal għal kull waħda mill-kategoriji ta' età msemmija fil-paragrafu 2.

2. Il-primjum speċjali għandu jingħata mhux aktar minn:

   (a) darba matul il-ħajja ta' kull barri mill-età ta' disa' xhur, jew

   (b) darbtejn matul il-ħajja ta' kull barri msewwi:

      (i) l-ewwel darba fl-età ta' disa' xhur,

      (ii) it-tieni darba wara li jkun laħaq l-età ta' 21 xhar.

3. Biex jikkwalifikaw għall-primjum speċjali:

   (a) kull annimal kopert b'applikazzjoni għandu jinżamm mill-bidwi għat-tismin għall-perjodu li għandu jiġi determinat,

   (b) kull annimal għandu jkun kopert sal-qatla jew sa l-esportazzjoni b'passaport ta' l-annimali msemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jkun fih it-tagħrif kollu rilevanti fuq l-istatus tal-primjum tiegħu jew, jekk mhux disponibbli, dokument amministrattiv ekwivalenti.

4. Fejn f'reġjun partikulari l-għadd totali ta' barrin mill-età ta' disa' xhur u ta' barrin imsewwija mill-età ta' disa' sa għoxrin xahar, li għalihom saret applikazzjoni u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-għotja ta' primjum speċjali, jaqbeż il-limitu massimu reġjonali msemmi fil-paragrafu 8, l-għadd ta' l-annimali eliġibbli kollha taħt il-paragrafu 2(a) u(b) għal kull bidwi għas-sena in kwistjoni għandu jonqos b'mod proporzjonali.

   Fit-tifsira ta' dan l-Artikolu, "limitu massimu reġjonali" jfisser l-għadd ta' annimali li għandhom dritt jibbenefikaw mill-primjum speċjali f'reġjun u għal kull sena kalendarja.

5. B'deroga mill-paragrafi 1 u 4, l-Istati Membri jistgħu:

(a) fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi li huma parti mill-politika ta' l-iżvilupp rurali u biss bil-kundizzjoni li jqiesu aspetti ambjentali kif ukoll aspetti relatati ma' l-impjieg, ibiddlu jew jirrinunzjaw il-limitu ta' 90 ras ta' annimali għal kull azjenda u għal kull kategorija ta' età, u,

(b) meta jeżerċitaw dan il-poter, jiddeċiedu li japplikaw il-paragrafu 4 b'mod li jilħqu l-livell ta' tnaqqis meħtieġ biex jikkonformaw mal-limitu massimu reġjonali applikabbli, mingħajr ma japplikaw tali tnaqqis lill-bdiewa żgħar li, fir-rigward tas-sena in kwistjoni, ma ssottomettewx applikazzjonijiet għall-primjum speċjali għal iktar minn għadd minimu ta' annimali determinat mill-Istat Membru konċernat.

6. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħtu l-primjum speċjali fil-waqt tal-qatla. F'dan il-każ, il-kriterju ta' l-età għal barrin msemmi fil-paragrafu 2(a) għandu jinbidel b'piż minimu ta' karkassa ta' 185 kg.

Il-primjum għandu jitħallas jew jingħata lura lill-bdiewa.

7. L-ammont tal-primjum speċjali għandu jkun iffissat għal:

(a) EUR 210 għal kull gendus eliġibbli;

(b) EUR 150 għal kull barri msewwi eliġibbli u għal kull kategorija ta' età.

8. Il-limiti massimi reġjonali li ġejjin għandhom japplikaw:

Stat Membru	Limitu massimu reġjonali
Il-Bulgarija	90 343
Ir-Repubblika Ċeka	244 349
Id-Danimarka	277 110
Il-Ġermanja	1 782 700
L-Estonja	18 800
Ċipru	12 000
Il-Latvja	70 200
Il-Litwanja	150 000
Il-Polonja	926 000
Ir-Rumanija	452 000
Is-Slovenja	92 276
Is-Slovakkja	78 348
Il-Finlandja	250 000
L-Iżvezja	250 000

Artikolu 100

Primjum għall-baqar li jreddgħu

1. Bidwi li jrabbi baqar li jreddgħu fl-impriża tiegħu jista' jikkwalifika, ma' l-applikazzjoni, għal primjum ta' manteniment ta' baqar li jreddgħu (primjum għall-baqar li jreddgħu). Għandu jingħata f'forma ta' primjum annwali għal kull sena kalendarja u għal kull bidwi skond il-limiti individwali.

2. Il-primjum għal baqar li jreddgħu għandu jingħata lil kull bidwi:

   (a) li ma jfornix ħalib jew prodotti tal-ħalib mir-razzett tiegħu għal 12-il xahar mill-jum meta tkun ġiet preżentata l-applikazzjoni.

   Il-forniment ta' ħalib jew prodotti tal-ħalib direttament mill-azjenda lill-konsumatur m'għandux, b'dana kollu, itellef l-għotja tal-primjum;

   (b) il-forniment ta' ħalib jew prodotti tal-ħalib li t-total tal-kwota individwali tagħhom kif msemmi fl-Artikolu 67 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 ma jaqbiżx 120 000 kg.

   Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, stabbiliti minnhom, li jbiddlu jew jirrinunzjaw il-limitu kwantitattiv, sakemm il-bidwi jżomm, għal talanqas sitt xhur konsekuttivi minn meta jippreżenta l-applikazzjoni, għadd ta' baqar li jreddgħu talanqas ugwali għal 60% u għadd ta' erħiet l-aktar l-aktar ugwali għal 40% tan-numru li għalih ġie mitlub il-primjum.

   Għall-iskopijiet ta' determinazzjoni ta' l-għadd ta' annimali eliġibbli taħt il-punti (a) u (b) ta' l-ewwel paragrafu, jekk il-baqar jappartjenux għall-merħla li tredda' jew għall-merħla tal-ħalib għandu jkun stabbilit abbażi tal-kwota tal-ħalib individwali tal-benefiċjarju disponibbli fuq l-azjenda fil-31 ta' Marzu tas-sena kalendarja konċernata, espressa f'tunnellati u l-produzzjoni medja tal-ħalib.

3. Id-dritt tal-bdiewa għall-primjum għandu jkun limitat bl-applikazzjoni tal-limitu massimu individwali kif definit fl-Artikolu 101.

4. Għal kull annimal eliġibbli, l-ammont tal-primjum għandu jkun ta' EUR 200.

5. L-Istati Membri jistgħu jagħtu primjum nazzjonali addizzjonali għall-baqar li jreddgħu, sa massimu ta' EUR 50 għal kull annimal, kemm-il darba ma tinħoloq l-ebda diskriminazzjoni bejn raħħala fl-Istat Membru kkonċernat.

   Fir-rigward ta' azjendi li jinstabu f'reġjun kif definit fl-Artikoli 5 u 8 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/26[23], l-ewwel EUR 24.15 ta' dan il-primjum addizzjonali għal kull annimal se jkun iffinanzjat mill-FAEŻR.

[23] ĠU L 210, 31.7.2006, kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1989/2006.

Fir-rigward ta’ azjendi li jinsabu fit-territorju ta’ Stat Membru, jekk fl-Istat Membru konċernat il-popolazzjoni tal-baqar għandha proporzjon għoli ta’ baqar li jreddgħu, li jirrappreżentaw talanqas 30% tan-numru totali ta’ baqar, u jekk talanqas 30% ta’ bovini rġiel maqtula jappartjenu għall-klassijiet ta’ konformazzjoni S u E, l-FAEŻR għandha tiffinanzja l-primjum addizzjonali kollu. Kwalunkwe qabża ta’ dawn il-perċentwali hi stabbilita abbażi tal-medja tas-sentejn ta’ qabel dik is-sena li għaliha jingħata l-primjum.

6. Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu, għandhom jiġu meqjusa biss dawk l-erħiet li jappartjenu għal razza tal-laħam jew li huma mwielda minn taħlita ta' razza tal-laħam u li jappartjenu għal merħla intenzjonata għat-trobbija ta' għoġġiela għall-produzzjoni tal-laħam.

Artikolu 101

Limitu massimu individwali għall-baqar li jreddgħu

1. Għajnuna għandha tingħata lil kull bidwi li jżomm il-baqar li jreddgħu fil-limiti massimi individwali stabbiliti fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 126(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw illi t-total tad-drittijiet għall-pimjum fit-territorju tagħhom ma jaqbiżx il-limiti massimi nazzjonali stipulati fil-paragrafu 5 u li jistgħu jinżammu r-riżervi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 103.

   Wara t-tmiem il-perjodu ta' l-applikazzjoni ta' l-iskema ta' pagament uniku għall-medda skond l-Artikolu 111 u meta jiġi applikat l-Artikolu 55(1), l-allokazzjoni tal-limiti massimi individwali lill-produtturi u t-twaqqif tar-riżerva nazzjonali msemmija fl-Artikolu 103 għandhom isiru mhux iktar tard mit-tmiem ta' l-ewwel sena ta' l-applikazzjoni ta' l-iskema ta' pagament uniku.

3. Fejn l-aġġustament imsemmi fil-paragrafu 2 jeħtieġ tnaqqis tal-limiti massimi individwali li għandhom il-bdiewa, għandu jigi mwettaq mingħajr pagament ta' kumpens u deċiż fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi, inkluż, b'mod partikolari:

   (a) ir-rata li biha l-bdiewa użaw il-limiti massimi individwali tagħhom matul it-tlett snin ta' referenza ta' qabel is-sena 2000,

   (b) l-implimentazzjoni ta' investiment ta' programm ta' estensifikazzjoni fis-settur taċ-ċanga u l-vitella,

   (c) ċirkustanzi naturali partikolari jew l-applikazzjoni ta' penali, li jirriżultaw minn nuqqas ta' pagament jew tnaqqis ta' pagament tal-primjum għal talanqas sena waħda ta' referenza,

   (d) ċirkustanzi eċċezzjonali addizzjonali li jkollhom l-effett li l-pagamenti magħmula talanqas għal sena waħda ta' referenza ma jkunux jikkorrispondu għas-sitwazzjoni attwali kif stabbilita matul is-snin ta' qabel.

4. Drittijiet għall-primjum li jkunu ġew irtirati skond il-miżura stabbilita fil-paragrafu 2 għandhom jitneħħew.

5. Il-limiti massimi nazzjonali li ġejjin għandhom japplikaw:

Stat Membru	Limitu Massimu Nazzjonali
Il-Belġju	394 253
Il-Bulgarija	16 019
Ir-Repubblika Ċeka	90 300
L-Estonja	13 416
Spanja	1 441 539
Franza	3 779 866
Ċipru	500
Il-Latvja	19 368
Il-Litwanja	47 232
L-Ungerija	117 000
Malta	454
L-Awstrija	375 000
Il-Polonja	325 581
Il-Portugall	416 539
Ir-Rumanija	150 000
Is-Slovenja	86 384
Is-Slovakkja	28 080
Ir-Renju Unit	1 699 511

Artikolu 102

Trasferiment tad-drittijiet għall-primjum għall-baqar li jreddgħu

1. Meta bidwi ibigħ jew jittrasferixxi b'xi mod ieħor l-azjenda tiegħu, dan jista' jittrasferixxi d-drittijiet kollha għall-primjum għall-baqar li jreddgħu lill-persuna li tieħu l-azjenda mingħandu. Huwa jista' wkoll jittrasferixxi, bis-sħiħ jew parzjalment, id-drittijiet tiegħu lil bdiewa oħra mingħajr ma jittrasferixxi l-azjenda tiegħu.

   Fil-każ ta' trasferiment tad-drittijiet għall-primjum mingħajr it-trasferiment ta' l-azjenda, parti mid-drittijiet trasferiti, li m'għandhomx jaqbżu l-15% għandhom imorru lura mingħajr pagament ta' kumpens lejn ir-riżervi nazzjonali ta' l-Istat Membru fejn tkun tinstab l-azjenda għal distribuzzjoni mill-ġdid mingħajr ebda ħlas.

2. L-Istati Membri:

   (a) għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa bies ma jħallux li d-drittijiet għall-primju jiġu trasferiti 'l barra minn żoni sensittivi jew reġjuni fejn il-produzzjoni taċ-ċanga u l-vitella tkun b'mod partikolari importanti għall-ekonomija lokali;

(b) jistgħu jipprovdu jew li t-trasferiment ta' drittijiet mingħajr it-trasferiment ta' l-azjenda jitwettaq direttament bejn il-bdiewa jew li dan isseħħ permezz ta' l-intermedjarju tar-riżerva nazzjonali.

3. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, qabel data li trid tiġi stabbilita, trasferimenti temporanji ta' parti mid-drittijiet għall-primjum li ma jkunux maħsuba biex jintużaw mill-bidwi detentur.

Artikolu 103
Riżerva nazzjonali tad-drittijiet għall-primjum għall-baqar li jreddgħu

1. Kull Stat Membru għandu jżomm riżerva nazzjonali ta' drittijiet għall-primjum għall-baqar li jreddgħu.

2. Kull dritt għall-primjum irtirat skond it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 102 jew dispożizzjonijiet oħra tal-Komunità għandu jiġi miżjud mar-riżerva nazzjonali, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 101(4).

3. L-Istati Membri għandhom jużaw ir-riżervi nazzjonali tagħhom biex jallokaw drittijiet għall-primjum, skond il-limiti ta' dawk ir-riżervi, b'mod partikolari lill-bdiewa ġodda, bdiewa żgħażagħ u bdiewa oħra li trid tingħatalhom prijorità.

Artikolu 104
Erħiet

1. B'deroga mill-Artikolu 100(3) ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri b'aktar minn 60% tal-baqar li jreddgħu u erħiet jinżammu f'żoni bil-muntanji fit-tifsira ta' l-Artikolu 50 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, jistgħu jiddeċiedu li jamministraw l-għotja tal-primjum għall-baqar li jreddgħu għall-erħiet separatament minn dak għall-baqar li jreddgħu skond limiti massimi nazzjonali separati li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istat Membru konċernat.

Tali limitu massimu nazzjonali separat m'għandux jaqbeż l-40 % tal-limitu massimu nazzjonali ta' l-Istat Membru konċernat stipulat fl-Artikolu 101(5). Dak il-limitu massimu nazzjonali għandu jiġi mnaqqas b'ammont daqs il-limitu massimu nazzjonali separat. Meta fi Stat Membru li jeżerċita l-poter previst f'dan il-paragrafu, l-għadd totali ta' erħiet, li dwarhom tkun saret applikazzjoni, u li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għall-għotja ta' primjum għall-baqar li jreddgħu, jaqbeż il-limitu massimu nazzjonali separat, l-għadd ta' erħiet eliġibbli għal kull bidwi għas-sena rilevanti għandu jiġi mnaqqas b'mod proporzjonali.

2. Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu, għandhom jiġu meqjusa biss dawk l-erħiet li jappartjenu għal razza tal-laħam jew li huma mwielda minn taħlita ma' razza tal-laħam.

Artikolu 105

Primjum għall-qatla

1. Bidwi li jżomm annimali bovini fl-azjenda tiegħu jista' jikkwalifika, wara l-applikazzjoni, għal primjum tal-qatla. Għandu jingħata mal-qatla ta' annimali eliġibbli jew ma' l-esportazzjoni tagħhom lejn pajjiż terz u skond il-limiti massimi nazzjonali li jrid jiġu stabbiliti.

   Dawn li ġejjin huma eliġibbli għall-primjum għall-qatla:

   (a) barrin, barrin imsewwija, baqar u erħiet mill-età ta' tmien xhur,

   (b) għoġġiela ta' iktar minn xahar u inqas minn tmien xhur u ta' karkassa li tiżen sa 185 kg,

   L-annimali elenkati fit-tieni subparagrafu għandhom ikunu eliġibbli għall-primjum għall-qatla sakemm ikun ilhom jinżammu mill-bidwi għal perjodu li jrid jiġi stabbilit.

2. L-ammont tal-primjum għandu jiġi stabbilit bħala:

   (a) EUR 80 għal kull annimal eliġibbli kif speċifikat taħt il-paragrafu 1(a);

   (b) EUR 50 għal kull animal eliġibbli kif speċifikat taħt il-paragrafu 1(b).

3. Il-limiti massimi nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu stabbiliti għal kull Stat Membru u separatament għaż-żewġ gruppi ta' annimali kif speċifikat fit-tieni subparagrafu fil-punt (a) u (b) tiegħu. Kull limitu massimu għandu jkun ugwali għall-għadd ta' annimali ta' kull wieħed minn dawn iż-żewġ gruppi li fl-1995 ġew maqtula fl-Istat Membru konċernat miżjud ma' dawk l-annimali esportati lejn pajjiżi terzi, skond dejta ta' l-Eurostat jew xi informazzjoni statistika uffiċċjali oħra ppublikata għal dik is-sena u aċċettata mill-Kummissjoni.

   Għall-Istati Membri ġodda l-limiti massimi nazzjonali għandhom ikunu dawk li jinsabu fit-tabella li ġejja.

	Barrin, barrin imsewwija, baqar u erħiet	Għoġġiela ta' aktar minn xahar u anqas minn 8 xhur u ta' piż ta' karkassa sa 185 kg
Il-Bulgarija	22 191	101 542
Ir-Repubblika Ċeka	483 382	27 380
L-Estonja	107 813	30 000
Ċipru	21 000	—
Il-Latvja	124 320	53 280
Il-Litwanja	367 484	244 200
L-Ungerija	141 559	94 439
Malta	6 002	17
Il-Polonja	1 815 430	839 518
Ir-Rumanija	1 148 000	85 000
Is-Slovenja	161 137	35 852
Is-Slovakkja	204 062	62 841

4. Fejn fi Stat Membru partikolari l-għadd totali ta' annimali, li għalihom saret applikazzjoni fir-rigward ta' wieħed miż-żewġ gruppi ta' annimali speċifikati fil-punt (a) jew (b) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-għotja tal-primjum għall-qatla, jaqbeż il-limitu massimu nazzjonali stabbilit għal dak il-grupp, l-għadd ta' l-annimali eliġibbli kollha ta' dak il-grupp għal kull bidwi għas-sena rilevanti għandu jkun imnaqqas b'mod proporzjonali.

Artikolu 106
Regoli komuni dwar pirmjums

Biex jikkwalifika għall-pagamenti diretti taħt dan it-taqsima, annimal għandu jkun identifikat u irreġistrat skond ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000.

Għaldaqstant, annimal għandu jitqies eliġibbli għall-pagament meta l-informazzjoni dwar movimenti preċedenti ta' annimali stipulati fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 ġiet irraportata lill-awtorità kompetenti fil-waqt tal-bidu tal-perjodu taż-żamma ta' l-annimal.

Artikolu 107
Limiti

It-total ta' l-ammonti ta' kull pagament dirett mitlub skond din it-taqsima ma għandux jaqbeż il-limitu massimu ffissat mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 53(2).

Meta l-ammont totali ta' l-għajnuna mitluba jaqbeż il-limitu massimu ffissat, l-għajnuna għal kull bidwi għandha titnaqqas b'mod proporzjonali f'dik is-sena.

Artikolu 108

Sustanzi projbiti taħt id-Direttiva 96/22/KE

1. Fejn residwi ta' sustanzi projbiti taħt id-Directtiva 96/22/KE[24], jew residwi ta' sustanzi awtorizzati taħt l-imsemmija Direttiva imma użati illegalment, jiġu skoperti skond id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 96/23/KE[25], f'annimal li jappartjeni għall-merħla bovina ta' bidwi, jew fejn sustanza jew prodott mhux awtorizzat, jew sustanza jew prodott awtorizzat taħt id-Direttiva 96/22/KE imma miżmum illegalment jinstab ġo azjenda ta' bidwi fi kwalunkwe forma, il-bidwi għandu jkun eskluż, għas-sena kalendarja li fiha tkun saret l-iskoperta, milli jirċievi l-ammonti pprovduti taħt din it-taqsima.

   Fil-każ ta' ksur repetut tal-liġi, it-tul taż-żmien ta' l-esklużjoni jista', skond kemm tkun serja l-offiża, jiġi mtawwal għal ħames snin mis-sena li fiha ġie skopert il-ksur repetut.

2. Fil-każ ta' xkiel minn naħa tas-sid jew minn min qed iżomm l-annimali meta qed jiġu mwettqa l-ispezzjonijiet jew meta qed jittieħdu il-kampjuni neċessarji għall-applikazzjoni ta' pjani nazzjonali ta' monitoraġġ ta' residwi jew meta qed jiġu mwettqa l-investigazzjonijiet u l-kontrolli pprovduti taħt id-Direttiva 96/23/KE, għandhom japplikaw il-penali pprovduti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

KAPITOLU 2
GĦAJNUNIET NAZZJONALI

Artikolu 109

Għajnuna nazzjonali għall-ġewż

1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu għajnuna nazzjonali, sa massimu ta' EUR 120.75 għal kull ettaru fis-sena lil bidwi li jipproduċi l-prodotti li ġejjin.

   (a) ġewż li jaqa' taħt il-kodiċijiet tan-NM 0802 11 u 0802 12,

   (b) ġellewż jew filberts (corylus spp.) li jaqa' taħt il-kodiċijiet tan NM 0802 21 u 0802 22,

   (c) ġewż li jaqa' taħt il-kodiċijiet tan NM 0802 31 u 0802 32,

   (d) pistaċċi li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM 0802 50,

   (e) ħarrub li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM 1212 10 10.

2. L-għajnuna nazzjonali tista' titħallas għal medda massima ta':

[24] ĠU L 125, 23.5.1996, p. 3.
[25] ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10.

Stat Membru	Medda massima (ettaru
Il-Belġju	100
Il-Bulgarija	11 984
Il-Ġermanja	1 500
Il-Greċja	41 100
Spanja	568 200
Franza	17 300
L-Italja	130 100
Ċipru	5 100
Il-Lussemburgu	100
L-Ungerija	2 900
L-Olanda	100
L-Awstrija	100
Il-Polonja	4 200
Il-Portugall	41 300
Ir-Rumanija	1 645
Is-Slovenja	300
Is-Slovakkja	3 100
Ir-Renju Unit	100

3. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-għotja ta' l-għajnuna nazzjonali suġġett għas-sħubija tal-bdiewa f'organizzazzjoni tal-produtturi rikonoxxuta taħt l-Artikoli 125b tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

TITOLU V
IMPLIMENTAZZJONI TA' PAGAMENTI DIRETTI FL-ISTATI MEMBRI ĠODDA

KAPITOLU 1
DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 110
Introduzzjoni ta' pagamenti diretti

Fl-Istati Membri ġodda, ħlief il-Bulgarija u r-Rumanija, pagamenti diretti għandhom jiġu introdotti skond l-iskeda ta' żidiet li ġejja, espressi bħala perċentwali tal-livell applikabbli dakinhar ta' tali pagamenti fl-Istati Membri li mhumiex Stati Membri ġodda:

– 60% fl-2009,

– 70% fl-2010,

– 80% fl-2011,

– 90% fl-2012,

– 100% mill-2013 'il quddiem.

Fil-Bulgarija u r-Rumanija, pagamenti diretti għandhom jiġu introdotti skond l-iskeda ta' żidiet li ġejja, espressi bħala perċentwali tal-livell applikabbli dakinhar ta' tali pagamenti fl-Istati Membri li mhumiex Stati Membri ġodda:

– 35% fl-2009,

– 40% fl-2010,

– 50% fl-2011,

– 60% fl-2012,

– 70% fl-2013,

– 80% fl-2014,

– 90% fl-2015,

– 100% mill-2016 'il quddiem.

KAPITOLU 2
SKEMA TA' PAGAMENT UNIKU GĦALL-MEDDA

Artikolu 111
Skema ta' Pagament Uniku għall-Medda

1. L-Istati Membri ġodda billi ddeċidew li jissostitwixxu l-pagamenti diretti, bl-eċċezzjoni tal-pagament tranżizzjonali għall-frott artab stabbilit fil-Kapitolu 1, Taqsima 6 tat-Titolu IV ta' dan ir-Regolament, bi skema ta' pagament uniku għall-medda, se jagħtu għajnuna lil bdiewa skond dan l-Artikolu.

2. L-iskema ta' pagament uniku għall-medda se ssir darba fis-sena. Se tiġi kkalkulata billi dotazzjoni finanzjarja annwali stabbilit skond l-Artikolu 112 tiġi diviża bil-medda agrikola ta' kull Stat Membru ġdid stabbilita skond l-Artikolu 113.

3. L-iskema ta' pagament uniku għall-medda se tkun disponibbli għal kull Stat Membru ġdid sal-31 ta' Diċembru 2013. Stati Membri ġodda għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li jtemmu l-applikazzjoni ta' l-iskema sa l-1 ta' Awissu ta' l-aħħar sena ta' applikazzjoni.

4. Wara tmiem il-perjodu ta' l-applikazzjoni ta' l-iskema ta' pagament uniku għall-medda, jibdew japplika il-pagamenti diretti skond ir-regoli Komunitarji rilevanti u abbażi ta' parametri kwantitattivi, bħal meded bażi, limiti massimi ta' primjums u Kwantitajiet Massimi Garantiti (MGQ), speċifikati għal kull pagament dirett fl-Atti ta' Adeżjoni u fil-leġiżlazzjoni Komunitarja sussegwenti. Ir-rati tal-perċentwali stipulati fl-Artikolu 110 ta' dan ir-Regolament għas-snin rilevanti għanhom japplikaw sussegwentement.

Artikolu 112
Dotazzjoni finanzjarja annwali

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi dotazzjoni finanzjarja annwali għal kull Stat Membru ġdid, bħala l-fondi totali li se jkunu disponibbli rigward is-sena kalendarja kkonċernata għall-għoti ta' pagamenti diretti fl-Istat Membru ġdid.

   Id-dotazzjoni finanzjarja annwali għandha tkun stabbilita skond ir-regoli Komunitarji rilevanti u abbażi tal-parametri kwantitattivi, bħal meded bażi, limiti massimi ta' primjums u Kwantitajiet Massimi Garantiti (MGQ), speċifikati għal kull pagament dirett fl-Atti ta' Adeżjoni u fil-leġiżlazzjoni Komunitarja sussegwenti.

   Id-dotazzjoni finanzjarja annwali se tiġi aġġustata bl-użu tal-perċentwal rilevanti speċifikat fl-Artikolu 110 għall-introduzzjoni gradwali ta' pagamenti diretti, għajr għall-ammonti disponibbli skond l-Anness XII jew skond id-differenza bejn dawn l-ammonti jew l-ammonti li jikkorrispondu għas-settur tal-frott u l-ħxejjex u dawk applikati attwalment kif imsemmi fl-Artikolu 118(1).

2. Meta għal sena partikolari l-pagamenti uniċi għall-medda fi Stat Membru ġdid se jaqbżu d-dotazzjoni finanzjarja annwali tiegħu, l-ammont nazzjonali għal kull ettaru applikabbli f'dak l-Istat Membru ġdid għandu jitnaqqas b'mod proporzjonali bl-applikazzjoni ta' koeffiċjent ta' tnaqqis.

Artikolu 113

Żona agrikola taħt l-Iskema ta' Pagament Uniku għall-Medda

1. Iż-żona agrikola ta’ Stat Membru ġdid taħt l-iskema ta' pagament uniku għall-medda għandha tkun il-parti taż-żona agrikola użata li tkun nżammet f'kundizzjoni agrikola tajba fit-30 ta’ Ġunju 2003, kemm jekk tkun tipproduċi kif ukoll jekk ma tkunx f’dik id-data, u, fejn xieraq aġġustata skond il-kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji li għandhom jiġu stabbiliti minn dak l-Istat Membru ġdid wara l-approvazzjoni mill-Kummissjoni.

   Għall-għanijiet ta’ dan it-Titolu «żona agrikola utilizzata» tfisser il-medda totali meħuda minn art li tinħadem, artijiet erbaċei permanenti, uċuħ permanenti u art għall-kultivazzjoni domestika kif stabbilit mill-Kummissjoni għall-għanijiet statistiċi tagħha.

   Madankollu, għall-Bulgarija u r-Rumanija, iż-żona agrikola taħt l-iskema ta' pagament uniku għaż-żona għandha tkun il-parti taż-żona agrikola użata li tkun miżmuma f'kundizzjoni agrikola tajba, kemm jekk tkun kif ukoll jekk ma tkunx tipproduċi, fejn xieraq aġġustata skond il-kriterji oġġettivi li għandhom jiġu stabbiliti mill-Bulgarija jew ir-Rumanija wara l-approvazzjoni mill-Kummissjoni.

2. Għall-għanijiet ta’ l-għoti tal-pagamenti taħt l-iskema tal-pagament uniku għall-medda, il-ħbula agrikoli kollha li jikkorrispondu mal-kriterji previsti fil-paragrafu 1, kif ukoll ħbula agrikoli mħawla bi msaġar ta’ rotazzjoni qasira (kodiċi tan-NM ex 0602 90 41) li nżammu f’kundizzjoni agrikola tajba fit-30 ta’ Ġunju 2003 se jkunu eliġibbli. Madankollu, għall-Bulgarija u r-Rumanija, il-ħbula agrikoli kollha li jikkorrispondu mal-kriterji previsti fil-paragrafu 1, kif ukoll ħbula agrikoli mħawla bi msaġar ta’ rotazzjoni qasira (kodiċi tan-NM ex 0602 90 41), se jkunu eliġibbli.

   Ħlief f’każ ta’ *force majeure* jew ċirkustanzi eċċezzjonali, dawn il-ħbula agrikoli msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu disponibbli għall-bidwi f’data ffissata mill-Istat Membru li ma għandhiex tkun aktar tard mid-data ffissata f’dak l-Istat Membru għall-emenda ta’ l-applikazzjoni għall-għajnuna.

   Id-daqs minimu ta’ medda eliġibbli għal kull azjenda li għaliha jistgħu jintalbu pagamenti għandu jkun 0,3 ettaru. Madankollu, kull Stat Membru ġdid jista’ jiddeċiedi, abbażi ta’ kriterji oġġettivi u wara l-approvazzjoni mill-Kummissjoni, li jistabbilixxi daqs minimu f’livell ogħla li ma jaqbiżx ettaru.

3. Mhux se jkun hemm kwalunkwe obbligu fuq il-produzzjoni jew l-impjieg tal-fatturi tal-produzzjoni. Madankollu, il-bdiewa jistgħu jużaw l-art imsemmija fil-paragrafu 4 ta’ dan l-Artikolu għal kwalunkwe skop agrikolu. L-Artikolu 42(1) għandu japplika fil-każ tal-produzzjoni ta’ qanneb li jaqa’ taħt il-kodiċi tan-NM 5302 10 00.

4 Kwalunkwe art li tibbenefika minn pagamenti taħt l-iskema ta’ pagament uniku għall-medda għandha tinżamm f’kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba skond l-Artikolu 6.

   Kwalunkwe bidwi li jirċievi appoġġ taħt l-iskema ta' pagament uniku għall-medda għandu jirrispetta l-kundizzjonijiet amministrattivi statutorji msemmija fl-Anness II, skond l-iskeda ta' żmien li ġejja:

(a) kundizzjonijiet imsemmija fil-punt A ta' l-Anness II għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2009;

(b) kundizzjonijiet imsemmija fil-punti B u C ta' l-Anness II għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2011;

Madankollu, għall-Bulgarija u r-Rumanija, l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 4, 5, 25, 26 u 27 għandha tkun fakultattiva sal-31 ta' Diċembru 2011, safejn dawn id-dispożizzjonijiet jirrigwardaw il-kundizzjonijiet amministrattivi statutorji. Mill-1 ta' Jannar 2012 'il quddiem, bidwi li jirċievi pagamenti taħt l-iskema ta' pagament uniku għall-medda għandu jirrispetta il-kundizzjonijiet amministrattivi statutorji msemmija fl-Anness II, skond l-iskeda ta' żmien li ġejja:

(a) kundizzjonijiet imsemmija fil-punt A ta' l-Anness II għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2012;

(b) kundizzjonijiet imsemmija fil-punti B u C ta' l-Anness II għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2014;

5. L-applikazzjoni ta' l-iskema ta' pagament uniku għall-medda bl-ebda mod ma għandha teffettwa l-obbligu ta' kwalunkwe Stat Membru ġdid fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' regoli Komunitarji dwar l-identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' l-annimali kif provdut bir-Regolament (KE) Nru 1760/ 2000 u r-Regolament (KE) Nru 21/2004.

Artikolu 114
Komunikazzjoni

L-Istati Membri ġodda għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni fid-dettal dwar il-miżuri li ħadu biex jimplimentaw il-Kapitolu u b'mod partikolari, il-miżuri meħuda skond l-Artikolu 112(2).

KAPITOLU 3
PAGAMENTI SEPARATI U APPOĠĠ SPEĊIFIKU

Artikolu 115
Pagament separat għaz-zokkor

1. Meta Stat Membru ġdid, għajr il-Bulgarija u r-Rumanija, ikun għamel użu mill-għażla provduta fl-Artikolu 143ba tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, għandu jagħti pagament separat għaz-zokkor lil bdiewa eliġibbli taħt l-iskema ta' pagament uniku għall-medda fir-rigward tas-snin 2009 u 2010. Il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom għandhom jagħtuh ukoll għall-2011. Dan għandu jingħata abbażi tal-kriterji adottati mill-Istat Membru rilevanti fl-2006 u l-2007.

2. Il-pagament separat għaz-zokkor għandu jingħata skond il-limiti massimi stipulati fl-Anness XII.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, kull Stat Membru ġdid ikkonċernat jista' jiddeċiedi sal-31 ta' Marzu tas-sena li għaliha qed jingħata il-pagament separat għaz-zokkor u abbażi ta' kriterji oġġettivi, li japplika limitu massimu aktar baxx minn dak elenkat fl-Anness XII għall-pagament separat għaz-zokkor. Meta t-total ta' l-ammonti determinati skond il-paragrafu 1 jaqbeż il-limitu massimu deċiż mill-Istat Membru ġdid konċernat, l-ammont annwali li jingħata lill-bdiewa għandu jitnaqqas b'mod proporzjonali.

Artikolu 116
Pagament separat għall-frott u l-ħxejjex

1. Meta Stat Membru ġdid ikun għamel użu mill-għażla provduta fl-Artikolu 143bb tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, għandu jagħti pagament separat għall-frott u ħxejjex lil bdiewa eliġibbli taħt l-iskema ta' pagament uniku għall-medda. Dan għandu jingħata skond il-kriterji adottati mill-Istat Membri fl-2007.

2. Il-pagamenti separat għall-frott u l-ħxejjex għandu jingħata skond il-komponent tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 41 ta' dan ir-Regolament li jikkorrispondu għall-frott u l-ħxejjex jew skond limitu massimu aktar baxx meta l-Istat Membru ġdid ikun uża l-għażla prevista fl-Artikolu 143bb(3) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

Artikolu 117
Pagament separat tranżizzjonali għall-frott u l-ħxejjex

1. Meta Stat Membru ġdid ikun għamel użu mill-għażla prevista fl-Artikolu 143bc(1) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandu jżomm sal-31 ta' Diċembru 2011 sa 50% tal-komponent tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 41 ta' dan ir-Regolament li jikkorrispondi għal tadam li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM 0702 00 00 skond id-deċiżjoni tiegħu fl-2007.

   F'dan il-każ u skond il-limitu massimu stabbilit skond il-proċedura msemmija fl-Atikolu 128(2) ta' dan ir-Regolament, l-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel, fuq bażi annwali, pagament addizzjonali lill-bdiewa.

   Il-pagament addizzjonali għandu jingħata lil bdiewa li jipproduċu tadam skond il-kundizzjonijiet previsti fil-Kapitolu 1, Taqsima 5 tat-Titolu IV ta' dan ir-Regolament.

2. Meta Stat Membru ġdid ikun uża l-għażla provduta fl-Artikolu 143*bc*(2) tar-Regolament (KE) Nru1782/2003, għandu jżomm, skond id-deċiżjoni tiegħu fl-2007:

   (a) sal-31 ta' Diċembru 2010, sa 100% tal-komponent tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 41 ta' dan ir-Regolament li jikkorrispondi għall-uċuħ ta' frott u ħxejjex minbarra l-uċuħ annwali elenkati fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 56(2) ta' dan ir-Regolament;

(b) mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2012, sa 75% tal-komponent tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 41 ta' dan ir-Regolament li jikkorrispondu għall-uċuħ ta' frott u ħxejjex minbarra l-uċuħ annwali elenkati fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 56(2) ta' dan ir-Regolament.

F'dan il-każ u skond il-limitu massimu stabbilit skond il-proċedura msemmija fl-Atikolu 128(2) ta' dan ir-Regolament, l-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel, fuq bażi annwali, pagament addizzjonali lill-bdiewa.

Il-pagamanet addizzjonali għandu jingħata lill-bdiewa li jipproduċu wieħed jew aktar mill-prodotti ta' frott u l-ħxejjex, kif iddeterminat mill-Istat Membru kkonċernat, elenkati fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 56(2) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 118

Dispożizzjonijiet komuni għall-pagamenti separati

1. Il-fondi li jingħataw għall-għotja tal-pagament imsemmi fl-Artikoli 115, 116 u 117 ma għanhomx ikunu inklużi fid-dotazzjoni finanzjarja annwali msemmija fl-Artikolu 112(1).

Madankollu, fil-każ ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 115(3) d-differenza bejn il-limiti massimi elenkati fl-Anness XII u dak li attwalment japplika għandhom jiġu inklużi fid-dotazzjoni finanzjarja annwali msemmija fl-Artikolu 112(1).

2. L-Artikoli 110 u 120 ma għandhomx japplikaw għall-pagamenti separati msemmija fl-Artikoli 115, 116 u 117.

3. Fil-każ ta' wirt attwali jew antiċipat, il-pagament separat għaz-zokkor u l-pagament separat għall-frott u l-ħxejjex imsemmija fl-Artikoli 115 u 116 rispettivament għandhom jingħataw lill-bidwi li wiret l-azjenda, taħt il-kundizzjoni li dan il-bidwi huwa eliġibbli taħt l-iskema ta' pagament uniku għall-medda.

Artikolu 119

Appoġġ speċifiku

1. L-Istati Membri ġodda li japplikaw l-iskema ta' pagament uniku għall-medda jista' jiddeċiedi sa mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu 2009 u b'effett mis-sena kalendarja 2010 li jużaw sa 10% tal-limiti massimi nazzjonali tagħhom imsemmija fl-Artikolu 41 biex jagħtu appoġġ lil bdiewa kif stipulat fil-punti (a), (b), (c), (d) u (e) ta' l-Artikolu 68(1) u skond l-Artikolu 68(2) sa (9), u l-Artikoli 69 u 70.

2. B'deroga mill-punt (b) fl-Artikolu 68(5), l-appoġġ għal miżuri msemmija fil-punt (c) ta' l-Artikolu 68(1) għandu jkun fil-forma ta' żieda fl-ammonti għal kull ettaru mogħtija skond l-iskema ta' pagament uniku għall-medda.

3. L-ammonti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu stipulati mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2).

Dawn l-ammonti għandhom jitnaqqsu mid-dotazzjonijiet finanzjarji annwali msemmija fl-Artikolu 112(1) ta' l-Istati Membri ġodda kkonċernati.

KAPITOLU 4
PAGAMENTI NAZZJONALI KOMPLEMENTARI U PAGAMENTI DIRETTI

Artikolu 120

Pagamenti nazzjonali komplementari u pagamenti diretti

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu: "Skema nazzjonali li tixbah il-PAK" għandha tfisser kwalunkwe skema ta' pagamenti diretti nazzjonali li tkun applikabbli qabel id-data ta' l-adeżjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda li bis-saħħa tagħhom kien jingħata l-appoġġ lill-bdiewa fir-rigward tal-produzzjoni koperta b'wieħed mill-pagamenti diretti.

2. L-Istati Membri l-ġodda għandu jkollhom il-possibbiltà, soġġetta għall-awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni, li jikkomplementaw kwalunkwe pagamenti diretti sa:

   (a) fir-rigward tal-pagamenti diretti kollha sa 30 punt perċentwali aktar mil-livell applikabbli msemmi fl-Artikolu 110 fis-sena rilevanti. Fir-rigward tal-Bulgarija u r-Rumanija, għandu japplika dan li ġej: 65% tal-livell ta' pagamenti diretti fil-Komunità kif kostitwita fit-30 ta' April 2004 fl-2009, u mill-2010, sa 30 punt perċentwali aktar mil-livell applikabbli msemmi fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 110 fis-sena rilevanti. Madankollu, ir-Repubblika Ċeka tista' tikkomplementa pagamenti diretti fis-settur tal-lamtu tal-patata sa 100% tal-livell applikabbli fl-Istati Membri għajr fl-Istati Membri l-ġodda. Madankollu, għall-pagamenti diretti msemmija fil-Kapitolu 7 tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, l-Istati Membri jistgħu jikkomplementaw il-pagamenti diretti sa 100%. Fir-rigward tal-Bulgarija u r-Rumanija, ir-rati massimi li ġejjin għandhom japplikaw: 95% fl-2009 u 100% mill-2010 'l quddiem;

   jew

   (b) (i) fir-rigward ta' pagamenti diretti għajr l-iskema ta' pagament uniku, il-livell totali ta' appoġġ dirett li l-bidwi kien ikun intitolat li jirċievi, abbażi ta' prodott bi prodott, fl-Istat Membru l-ġdid fis-sena kalendarja 2003 taħt skema nazzjonali li tixbah lill-PAK miżjud b'10 punti perċentwali. Madankollu għal-Litwanja s-sena ta' referenza għandha tkun is-sena kalendarja 2002. Għall-Bulgarija u r-Rumanija s-sena ta' referenza għandha tkun is-sena kalendarja 2006. Għas-Slovenja ż-żieda għandha tkun 25 punt perċentwali;

   (ii) fir-rigward ta' l-iskema ta' pagament uniku l-ammont totali ta' għajnuna diretta nazzjonali komplementarja li tista' tingħata minn Stat Membru ġdid fir-rigward ta' sena speċifika għandha tkun limitata minn dotazzjoni finanzjarja speċifika. Din id-dotazzjoni għandha tkun ugwali għad-differenza bejn:

– l-ammont totali ta' sostenn dirett nazzjonali li jixbah lill-PAK li jkun disponibbli fl-Istat Membru l-ġdid rilevanti fir-rigward tas-sena kalendarja 2003 jew, fil-każ tal-Litwanja, tas-sena kalendarja 2002, kull darba miżjud b'10 punti perċentwali. Madankollu, għall-Bulgarija u r-Rumanija s-sena ta' referenza għandha tkun is-sena kalendarja 2006. Għas-Slovenja ż-żieda għandha tkun 25 punt perċentwali, u

– il-limitu massimu nazzjonali ta' dak l-Istat Membru l-ġdid elenkat fl-Anness VIII aġġustat, fejn ikun il-każ, skond l-Artikoli 53(2).

Għall-finijiet tal-kalkolu ta' l-ammont totali msemmi fl-ewwel inċiż hawn fuq, għandhom jiġu inklużi l-pagamenti diretti nazzjonali u/jew il-komponenti tagħhom korrispondenti għall-pagamenti diretti Komunitarji u/jew il-komponenti tagħhom li tqiesu għall-kalkolu tal-limitu massimu effettiv ta' l-Istat Membru l-ġdid ikkonċernat skond l-Artikoli 41 u 53(2).

Għal kull pagament dirett ikkonċernat, Stat Membru ġdid jista' jagħżel li japplika jew l-alternattiva (a) jew dik (b) ta' hawn fuq.

l-appoġġ dirett totali li l-bidwi jista' jingħata fl-Istati Membri l-ġodda wara l-adeżjoni skond il-pagament dirett rilevanti, inkluż kull pagament dirett nazzjonali komplementari, ma għandux jaqbeż il-livell ta' appoġġ dirett li l-bidwi jkun intitolat jirċievi skond il-pagament dirett korrispondenti applikabbli għall-Istati Membri dakinhar fl-Istati Membri għajr l-Istati l-Membri l-ġodda.

3. Ċipru jista' jikkomplementa l-għajnuna diretta mħallsa lil bidwi skond kwalunkwe pagament dirett elenkat fl-Anness I sal-livell ta' appoġġ totali l-bidwi kien intitolat jirċievi f'Ċipru fl-2001.

L-awtoritajiet Ċiprijotti għandhom jiżguraw li l-appoġġ dirett totali li l-bidwi jingħata wara l-adeżjoni f'Ċipru skond il-pagament dirett rilevanti, inkluż kull pagament dirett nazzjonali komplementari, ma għandux jaqbeż il-livell ta' appoġġ dirett li l-bidwi jkun intitolat jirċievi skond dak il-pagament dirett korrispondenti fis-sena rilevanti fl-Istati Membri għajr l-Istati l-Membri l-ġodda.

L-ammonti totali ta' għajnuna nazzjonali komplementari li għandha tingħata għandhom ikunu dawk indikati fl-Anness XIII.

L-għajnuna nazzjonali komplementari li għandha tingħata għandha tkun suġġetta għal kwalunkwe aġġustament li jista' jkun meħtieġ minħabba żviluppi fil-politika agrikola komuni.

Il-paragrafi 2 u 5 ma għandhomx japplikaw għal Ċipru.

4. Jekk Stat Membru ġdid jiddeċiedi li japplika l-iskema ta' pagament uniku għall-medda, dak l-Istat Membru l-ġdid jista' jagħti għajnuna diretta nazzjonali komplementari skond il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 5 u 8.

5. L-ammont totali ta' għajnuna diretta nazzjonali komplementari mogħtija f'dik is-sena bl-applikazzjoni ta' l-iskema tal-pagament uniku għall-medda jista' jkun limitat minn dotazzjoni finanzjarja speċifika għal kull (sotto)settur, bil-kundizzjoni li dik id-dotazzjoni finanzjarja speċifika għal dak is-(sotto)settur tista' tirrigwarda biss:

   – il-pagamenti diretti magħquda ma' l-iskema ta' pagament uniku, u/jew

   – wieħed jew aktar mill-pagamenti diretti li jistgħu jkunu suġġetti għall-implimentazzjoni parzjali kif imsemmi fl-Artikolu 53(2). Din id-dotazzjoni għandha tkun ugwali għad-differenza bejn:

      – l-ammont totali ta' l-appoġġ għal kull (sotto)settur b'riżultat tal-punti (a) jew (b) tal-paragrafu 2, skond ma jkun applikabbli, u

      – l-ammont totali ta' appoġġ dirett li jkun disponibbli fl-Istat Membru ġdid rilevanti għal dak l-istess (sotto)settur fis-sena kkonċernata skond l-iskema tal-pagament uniku għall-medda.

6. L-Istat Membru l-ġdid jista', abbażi tal-kriterji oġġettivi u wara awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni, jiddeċiedi fuq l-ammonti ta' l-għajnuna nazzjonali komplementari li jkun għandha tingħata.

7. L-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni għandha:

   – fejn japplika l-punt (b) tal-paragrafu 2, tispeċifika l-iskemi rilevanti nazzjonali ta' pagament dirett li jixbhu l-PAK,

   – tiddefinixxi sa liema livell tista' titħallas l-għajnuna nazzjonali komplementari, ir-rata ta' l-għajnuna nazzjonali komplementari u, fejn dan ikun f'loku, il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' din l-għajnuna,

   – tingħata suġġetta għal kwalunkwe aġġustament li jista' jkun meħtieġ minħabba żviluppi fil-politika agrikola komuni.

8. L-ebda pagament jew għajnuna nazzjonali komplementari ma għandu/ha jingħata/tingħata għal attivitajiet agrikoli li fir-rigward tagħhom ma jkunux previsti pagamenti diretti fl-Istati Membri għajr l-Istati Membri l-ġodda.

Artikolu 121
Għajnuna mill-Istat f'Ċipru

Ċipru, minbarra l-pagamenti diretti nazzjonali komplementari, jista' jagħti għajnuna nazzjonali tranżizzjonali u mhux digressiva sa tmiem l-2010. L-għajnuna mill-Istat għandha tingħata f'forma li tixbah lill-għajnuna Komunitarja, bħall-pagamenti diżakkoppjati.

Fil-qies tan-natura u l-amont ta' l-appoġġ nazzjonali mogħti fl-2001, Ċipru jista' jagħti għajnuna mill-Istat lis-(sotto)setturi elenkati fl-Anness XIV u sa l-ammonti speċifikati f'dak l-Anness.

L-għajnuna mill-Istat li għandha tingħata għandha tkun suġġetta għal kwalunkwe aġġustament li jista' jkun meħtieġ minħabba żviluppi fil-politika agrikola komuni. Jekk ikunu meħtieġa aġġustamenti bħal dawn, l-ammont ta' l-għajnuna jew il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' din l-għajnuna għandhom ikunu emendati abbażi ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni.

Ċipru għandha tressaq rapport annwali lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' għajnuna mill-Istat, bl-indikazzjoni tal-forom ta' l-għajnuna u l-ammonti għal kull (sotto)settur.

TITOLU VI
TRASFERIMENTI FINANZJARJI

Artikolu 122
Trasferimenti finanzjarji għar-ristrutturar fir-reġjuni tal-koltivazzjoni tal-qoton

Ammont ta' EUR 22 miljun għandu jkun disponibbli kull sena kalendarja skond programmazzjoni ta' l-Iżvilupp Rurali b'finanzjament mill-FAEŻR, bħala appoġġ Komunitarju għal miżuri f'reġjuni li jipproduċu l-qoton.

Artikolu 123
Trasferimenti finanzjarji għar-ristrutturar fir-reġjuni tal-koltivazzjoni tat-tabakk

Mis-sena tal-baġit 2011, ammont ta' EUR 484 miljun għandu jkun disponibbli skond programmazzjoni ta' l-Iżvilupp Rurali b'finanzjament mill-FAEŻR, bħala appoġġ Komunitarju addizzjonali għal miżuri f'reġjuni li jipproduċu t-tabakk, għal dawk l-Istati Membri li fihom il-produtturi tat-tabakk ikunu rċevew l-għajnuna skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2075/92[26] fis-snin 2000, 2001 u 2002.

TITOLU VII
REGOLI TA' IMPLIMENTAZZJONI, TRANŻIZZJONALI U FINALI

KAPITOLU 1
DISPOŻIZZJONIJIET TA' IMPLIMENTAZZJONI

Artikolu 124
Konferma ta' drittijiet għall-pagamenti

1. Id-drittijiet għall-pagamenti allokati lill-bdiewa qabel l-1 ta' Jannar 2009 għandhom jitqiesu bħala legali u regolari sa mill-1 ta' Jannar 2010.

[26] ĠU L 215, 30.7.1992, p. 70.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal drittijiet għall-pagamenti allokati lill-bdiewa abbażi ta' applikazzjonijiet fattwalment mhux korretti.

3. il-paragrafu 1 ma għandux jippreġudika s-setgħa tal-Kummissjoni li tieħu d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 fir-rigward ta' nfiq li jkun sar fir-rigward ta' kwalunkwe sena kalendarja sa l-2009 u ili hinn innnha.

Artikolu 125
Applikazzjoni għar-reġjuni l-aktar imbiegħda

It-Titoli III u IV ma għandhomx japplikaw fid-Dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej, fl-Ażori u f'Madejra u fil-Gżejjer Kanarji.

Artikolu 126
Għajnuna mill-Istat

B'deroga mill-Artikolu 180 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1184/2006[27], l-Artikoli 87, 88 u 89 tat-Trattat ma għandhomx japplikaw għall-pagamenti magħmula skond l-Artikoli 42, 59, 68 to 70, 87(4), 100(5), 109, u 119 sa 121 minn Stati Membri f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 127
Trażmissjoni ta' informazzjoni lill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandom jgħarrfu lill-Kummisjoni fid-dettall dwar il-miżuri meħuda sabiex jimplimentaw dan ir-Regolament u, b'mod partikolari, dawk li għandhom x'jaqsmu ma' l-Artikoli 6, 12, 42, 46, 47, 68, 69, 70, 59, 60 u 119.

Artikolu 128
Kumitat ta' Ġestjoni għall-Pagamenti Diretti

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat ta' Ġestjoni għall-Pagamenti Diretti, magħmul minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri u ppresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

   Il-perjodu pprovdut fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni Nru 1999/468/KE għandu jkun definit bħala xahar.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura proprji tiegħu.

[27] ĠU L 214, 4.8.2006, p. 7.

Artikolu 129
Regoli ta' Implementazzjoni

Skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 128(2), għandhom ikunu adottati regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għandhom jinkludu b'mod partikolari:

(a) regoli dettaljati relatati mat-twaqqif ta' sistema konsultattiva għall-farms;

(b) regoli dettaljati relatati mal-kriterji għall-allokazzjoni ta' l-ammonti li jkunu saru disponibbli bl-applikazzjoni tal-modulazzjoni;

(c) regoli dettaljati relatati ma' l-għoti ta' l-għajnuna pprovduta f'dan ir-Regolament, inklużi kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà, dati ta' applikazzjoni u pagament u disposizzjonijiet ta' kontroll kif ukoll l-iċċekkjar u ffissar ta' drittijiet għall-għajnuna, inkluż kull skambju meħtieġ ta' dejta ma' l-Istati Membri, u l-istabbiliment tal-qbiż tal-meded bażi jew il-meded massimi garantiti kif ukoll regoli dettaljati dwar l-iffisar tal-perjodu ta' retenzjoni, l-irtirar u r-riallokazzjoni ta' drittijiet għall-primjums mhux użati stabbiliti skond is-Sezzjonijiet 7 u 8 tal-Kapitolu 1 tat-Titolu IV;

(d) fir-rigward ta' l-iskema ta' pagament uniku, regoli dettaljati relatati b'mod partikolari ma' l-istabbiliment ta' riserva nazzjonali, it-trasferiment tad-drittijiet, id-definizzjoni ta' uċuħ permanenti, mergħat permanenti, u artijiet erbaċei, l-alternattivi pprovduti fil-Kapitoli 2 u 3 tat-Titolu III u l-integrazzjoni tal-pagamenti akkoppjati pprovduta fil-Kapitolu 4 tat-Titolu III.

(e) regoli dettaljati li jirrigwardaw l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonjiet fit-Titolu V;

(f) regoli dettaljati ta' implimentazzjoni relatati mat-tidħil ta' l-appoġġ għall-frott u l-ħxejjex, il-patata tal-konsum u l-imxietel fl-iskema ta' pagament uniku, inkluża l-proċedura ta' applikazzjoni fl-ewwel sena ta' l-implimentazzjoni, u relatati mal-pagamenti msemmija fis-Sezzjoni 5 u 6 tal-Kapitolu i tat-Titolu IV;

(g) regoli dettaljati relatati mat-tidħil ta' l-appoġġ għall-inbid fl-iskema ta' pagament uniku, inkluża l-proċedura ta' applikazzjoni fl-ewwel sena ta' l-implimentazzjoni, skond ir-regolament (KE) Nru [ir-regolament dwar l-Inbid]";

(h) rigward il-qanneb, regoli dettaljati relatati mal-miżuri u l-metodi speċifiċi ta' kontroll biex jiġu stabbiliti l-livelli tat-*tetrahydrocannabinol*;

(i) dawk l-emendi għall-Anness I li jistgħu jsiru neċessarji fil-qies tal-kriterji stipulati fl-Artikolu 1;

(j) dawk l-emendi għall-Annessi V, VI u VII li jistgħu jsiru neċessarji, b'mod partikolari fil-qies ta' leġiżlazzjoni ġdida tal-Komunità;

(k) l-aspetti bażiċi tas-sistema ta' identifikazzjoni tal-ħbula agrikoli u d-definizzjoni tagħhom;

(l) kwalunkwe emenda li tista' ssir għall-applikazzjoni għall-għajnuna u l-eżenzjoni mir-rekwiżit tat-tressiq ta' applikazzjoni għall-għajnuna;

(m) regoli dwar l-ammont minimu ta' informazzjoni li għandha tkun inkluża fl-applikazzjonijiet għall-għajnuna;

(n) regoli fuq il-kontrolli amministrattivi u dawk fil-post u l-kontrolli bir-remote sensing;

(o) regoli fuq l-applikazzjoni ta' tnaqqis u esklużjonijiet mill-pagamenti fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ma' l-obbligi msemmija fl-Artikoli 4 u 24, inklużi każijiet ta' nuqqas ta' applikazzjoni ta' tnaqqis u esklużjonijiet;

(q) dawk l-emendi għall-Anness V li jistgħu jsiru neċessarji fil-qies tal-kriterji stipulati fl-Artikolu 28;

(r) komunikazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni;

(s) miżuri li huma kemm meħtieġa kif ukoll debitament ġustifikati biex isolvu, f'emerġenza, il-problemi prattiċi u speċifiċi, b'mod partikolari dawk li jkollhom x'jaqsmu ma' l-implimentazzjoni tal-Kapitolu 4 tat-Titolu II u l-Kapitoli 2 u 3 tat-Titolu III; miżuri bħal dawn jistgħu jidderogaw minn ċerti punti ta' dan ir-Regolament, imma biss safejn, u għal dak it-tul ta' żmien, dan ikun strettament meħtieġ;

(t) rigward il-qoton, regoli dettaljati dwar:

(i) il-kalkolu tat-tnaqqis ta' l-għajnuna pprovduta fl-Artikolu 80(3);

(ii) l-organizzazzjonijiet intersettorjali approvati, b'mod partikolari il-finanzjament u sistema ta' kontroll u sanzjonijiet.

KAPITOLU 2
DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI U FINALI

Artikolu 130
Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1290/2005

1. Fl-Artikolu 12, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-ammonti li, skond l-Artikoli 9, 10(4), 123 u 124 tar-Regolament (KE) Nru xxx/2008*[*dan ir-Regolament*], u l-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007, jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-FAEŻR.

2 L-Artikolu 18(3) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"3. Limiti massimi nazzjonali għall-pagamenti diretti msemmija fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru xxx/2008*[*dan ir-Regolament*], ikkoreġuti bl-aġġustamenti stabbiliti bl-Artikolu 11(1) ta' dak ir-Regolament, għandhom jitiesu bħala limiti massimi finanzjarji f'euro.

* ĠU L ……"

Artikolu 131

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 247/2006

Ir-Regolament (KE) Nru 247/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 23, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Il-Komunità għandha tiffinanzja l-miżuri pprovduti fit-Titoli II u III ta' dan ir-Regolament, sa massimu annwali kif ġej:

f'EUR miljuni

	Is-sena finanzjarja 2007	Is-sena finanzjarja 2008	Is-sena finanzjarja 2009	Is-sena finanzjarja 2010 u wara
Id-Dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej	126.6	262.6	269.4	276.05
L-Ażori u Madejra	77.9	86.98	86.7	106.21
Il-Gżejjer Kanarji	127.3	268.4	268.4	268.42

(2) għandu jiddaħħal l-Artikolu 24b li ġej:

"*Artikolu 24b*

1. Sa mhux aktar tard mill-15 ta' Frar 2009, l-Istati Membri għandhom iressqu lill-Kummissjoni l-abbozzi ta' emendi għall-programm globali tagħhom biex jirriflettu t-tibdiliet imdaħħla fl-Artikolu 23(2).

2. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-programmi u l-emendi proposti u tiddeċiedi dwar l-approvazzjoni tagħhom fi żmien erba' xhur mid-data li jkunu tressqu, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 26(2)."

Artikolu 132

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 378/2007

Ir-Regolament (KE) Nru 378/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Paragrafu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"3. It-tnaqqis skond il-modulazzjoni volontarja għandu jsir fuq l-istess bażi ta' kalkolu bħal dak applikabbli għall-modulazzjoni skond l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru XXX/2008* (*dan ir-Regolament*)

* ĠU L ……"

(b) Għandu jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. Ir-rati ta' modulazzjoniapplikabbli għal bidwi jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru XXX/2008* (*dan ir-Regolament*) bit-tnaqqis ta' 5 punti perċentwali għandhom jitnaqqsu mir-rata tal-modulazzjoni volontarja applikata mill-Istati Membri b'applikazzjoni tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. Sew il-perċentwal li għandu jitnaqqas kif ukoll ir-rata finali tal-modulazzjoni vovlontarja għandhom ikunu ugwali għal jew aktar minn 0.

(2) fl-Artikolu 3(1), il-punt (a) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(a) b'deroga mill-Artikolu 1(3) ta dan ir-Regolament, għall-applikazzjoni tat-tnaqqis skond il-modulazzjoni abbażi tal-kalkoli applikabbli għall-modulazzjoni skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru xx/2008, mingħajr ma titqies l-esklużjoni ta' EUR 5 000 pprovduta fil-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu; u/jew".

Artikolu 133
Revoki

1. Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 b'dan huwa revokat.

Madankollu, l-Artikoli 66, 67, 68, 68a, 69, 70(1)(a) u l-Kapitoli 1 (qamħ durum) 2, (il-primjum għall-uċuħ tal-proteina), 4 (il-pagament għall-medda għall-ġwież), 8, (l-uċuħ ta' l-enerġija), 9 (l-għajnuna għaż-żrieragħ), 10 (il-pagament għall-medda għall-uċuħ tar-raba' tal-ħrit), 10b (għajnuna għall-imsaġar taż-żebbuġ), 10c (l-għajnuna għat-tabakk) u 10d (il-pagament għall-medda għall-ħops) tat-Titolu IV ta' dak ir-Regolament għandhom jibqgħu japplikaw għall-2009.

2. Ir-referenzi kollha li jsiru għar-Regolament revokat għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni li tingħata fl-Anness XV.

Artikolu 134
Regoli tranżizzjonali

il-Kummissjoni tista' tadotta l-miżuri meħtieġa biex tiffaċilita t-tranżizzjoni mill-arranġamenti pprovduti bir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 lejn dawk ipprovduti b'dan ir-Regolament.

Artikolu 135
L-arranġamenti tranżizzjonali għall-Istati Membri l-ġodda

Meta jkunu meħtieġa miżuri tranżizzjonali biex jiffaċilitaw, għall-Istati Membri l-ġodda, it-tranżizzjoni mill-iskema ta' pagament uniku għall-medda għall-iskema ta' pagament uniku u skemi oħra ta' għajnuna msemmija fit-Titoli III u IV, dawn il-miżuri għandom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 128(2).

Artikolu 136
Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS I

Lista ta' skemi ta' appoġġ

Settur	Bażi legali	Noti
Pagament uniku	it-Titolu III ta' dan ir-Regolament	Pagament diżakkoppjat
Skema ta' pagament uniku għall-medda	it-Titolu IV, il-Kapitolu 2 ta' dan ir-Regolament	Pagament diżakkoppjat li jieħu post il-pagamenti diretti kollha elenkati f'dan l-Anness, għajr il-pagamenti separati
Uċuh tal-proteina	Titolu IV, Kapitolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003	Pagament għall-medda
Ross	Titolu IV, Kapitolu 2 ta' dan ir-Regolament	Pagament għall-medda
Ġwież	Titolu IV, Kapitolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003	Pagament għall-medda
Uċuħ ta' l-enerġija	Titolu IV, Kapitolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003	Pagament għall-medda
Patata tal-lamtu	Titolu IV, Kapitolu 1, Sezzjoni 5 ta' dan ir-Regolament	Għajnuna għall-produzzjoni
Żrieragħ	Titolu IV, Kapitolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003	Għajnuna għall-produzzjoni
Uċuħ tar-raba' tal-ħrit	Titolu IV, Kapitolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003	Pagament għall-medda,
Laħam tan-ngħaġ u laħam tal-mogħoż	Titolu IV, Kapitolu 1, Sezzjoni 7 ta' dan ir-Regolament	Primjums għal ngħaġ u mogħoż nisa,
Ċanga u vitella	Titolu IV, Kapitolu 1, Sezzjoni 8 ta' dan ir-Regolament	Primjum speċjali, primjum għall-baqar li jreddgħu (inkluż meta mħallas għall-erħiet u inkluż il-primjum addizzjonali nazzjonali għall-baqar li jreddgħu meta ffinanzjat parzjalment), primjum għat-tbiċċir
Appoġġ speċifiku	Titolu III, Kapitolu 5 ta' dan ir-Regolament	
Żejt taż-żebbuġa	Titolu IV, Kapitolu 10b tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003*	Għajnuniet għall-medda
Dud tal-ħarir	l-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 845/72	Għajnuna biex titħeġġeġ it-trobbija
Tabakk	Titolu IV, Kapitolu 10c tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003*	Għajnuna għall-produzzjoni
Ħops	Titolu IV, Kapitolu 10d tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003*	Għajnuniet għall-medda
Pitravi taz-zokkor, kannamieli u ċikwejra użati għall-produzzjoni taz-	Titolu V, Kapitolu 116 ta' dan ir-Regolament	Pagamenti diżakkoppjati

zokkor jew ix-xropp ta' l-inulina		
Pitravi taz-zokkor u kannamieli użati għall-produzzjoni taz-zokkor	Titolu IV, Kapitolu 1, Sezzjoni 4 ta' dan ir-Regolament	Għajnuna għall-produzzjoni
Frott u ħxejjex mibgħuta għall-ipproċessar	Titolu IV, Kapitolu 1, Sezzjoni 5 ta' dan ir-Regolament	Pagamenti tranżizzjonali għall-frott u l-ħxejjex
Frawli u lampun mibgħuta għall-ipproċessar	Titolu IV, Kapitolu 1, Sezzjoni 6 ta' dan ir-Regolament	Pagament tranżizzjonali tal-frott artab
Frott u ħxejjex	Artikolu 116	Pagament separat tal-frott u l-ħxejjex
Posei	Titolu III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006	Pagamenti diretti skond miżuri stabbiliti fil-programmi
Il-Gżejjer Eġej	Kapitolu III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006	Pagamenti diretti skond miżuri stabbiliti fil-programmi
Qoton	Titolu IV, Kapitolu 1, Sezzjoni 4 ta' dan ir-Regolament	Pagament għall-medda

∗ Biss għas-sena 2009.

ANNESS II

Rekwiżiti statutorji tal-ġestjoni msemmija fl-Artikoli 4 u 5

A. L-ambjent

1.	Id-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni ta' l-għasafar selvaġġi (ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1).	Artikoli 3(1) u 3(2)(b), 4(1), (2), (4), 5(a), (b) u (d)
2.	Id-Direttiva tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 1979 dwar il-ħarsien ta' ilma ta' taħt l-art kontra tniġġis ikkawżat minn ċerti sustanzi perikoluż (ĠU L 20, 26.1.1980, p. 43)	Artikoli 4 u 5
3.	Id-Direttiva tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 1986 dwar il-protezzjoni ta' l-Ambjent, u b'mod partikolari tal-ħamrija, meta l-ħama tad-drenaġġ jintuża fl-agrikoltura (ĠU L 181, 4.7.1986, p. 6)	Artikolu 3
4.	Id-Direttiva tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni ta' l-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1)	Artikoli 4 u 5
5.	Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7)	Artikoli 6 u 13(1)(a)
Is-saħħa tal-pubbliku u dik ta' l-annimali		
L-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-nnimali		
6.	Id-Direttiva tal-Kunsill 92/102/KEE tas-27 ta' Novembru 1992 dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali (ĠU L 355, 5.12.1992, p. 32)	Artikoli 3, 4 u 5
7.	Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 (ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1)	Artikoli 4 u 7
8.	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 tas-17 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali ovini u kaprini u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u d-Direttivi 91/102/KEE u 64/432/KEE (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8).	Artikoli 3, 4 u 5
B. Is-saħħa tal-pubbliku, ta' l-annimali u l-pjanti		
9.	Id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1)	Artikolu 3
10.	Id-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE tad-29 ta'April 1996 li tikkonċerna l-projbizzjoni ta' l-użu fl-istockfarming ta' ċerti sustanzi li jkollhom azzjoni ormonika u tirostatika u ta' beta-agonists u li tħassar id-Direttivi 81/602/KEE, 88/146/KEE u 88/299/KEE(ĠU L 125, 23.5.1996, p. 3)	Artikoli 3, 4, 5 u 7
11.	Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).	Artikoli 14, 15, 17(1), 18, 19 u 20

12.	Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabblixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatiji sponġiformi li jinxterdu (ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1)	Artikoli 7, 11, 12, 13 u 15
Notifikazzjoni ta' mardiet		
13.	Id-Direttiva Tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 1985 li tintroduċi miżuri tal-Komunità għall-kontroll tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer (ĠU L 315, 26.11.1985, p. 11)	Artikolu 3
14.	Id-Direttiva tal-Kunsill 92/119/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 li tintroduċi miżuri ġenerali Komunitarji għall-kontroll ta' ċertu mard ta' l-annimali u l-miżuri speċifiċi li għandhom x'jaqsmu mal-marda vexxikolari tal-ħnieżer (ĠU L 62, 15.3.1993, p. 69)	Artikolu 3
15.	Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE ta' l-20 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kontroll u l-eradikazzjoni tal-bluetongue (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 74)	Artikolu 3
C.	*Il-benessri ta' l-annimali*	
16.	Id-Direttiva tal-Kunsill 91/629/KEE tad-19 ta' Novembru 1991 li tipprovdi l-livelli minimi għall-protezzjoni ta' l-għoġġiela (ĠU L 340, 11.12.1991, p. 28)	Artikoli 3 u 4
17.	Id-Direttiva tal-Kunsill 91/630/KEE tad-19 ta' Novembru 1991 li tniżżel il-livelli minimi għall-protezzjoni tal-ħnieżer (ĠU L 340, 11.12.1991, p. 33)	Artikoli 3 u 4(1)
18.	Id-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE ta' l-20 ta' Lulju 1998 dwar il-ħarsien ta' annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja (ĠU L 221, 8.8.1998, p. 23).	Artikolu 4

ANNESS III

Kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba msemmija fl-Artikolu 6

Ħruġ	Standards
Erożjoni tal-ħamrija: Protezzjoni tal-ħamrija permezz ta' miżuri adegwati	– Kopertura minima tal-ħamrija
	– Ġestjoni minima ta' l-art li tirrifletti l-kundizzjonijiet speċifiċi tas-sit
	– Żamma tar-raba' mtarraġ
Materja organika fil-ħamrija: Żamma tal-livelli ta' materja organika fil-ħamrija permezz ta' prattiki adegwati	– Standards għan-newba ta' l-uċuħ, fejn japplika
	– Ġestjoni tal-qasbija fir-raba' tal-ħrit
Struttura tal-ħamrija: Żamma ta' l-istruttura tal-ħamrija permezz ta' miżuri adegwati	– Użu xieraq tal-makkinarju
Livell minimu ta' manutenzjoni: Żgurar ta' livell minimu ta' manutenzjoni u l-evitar tat-tiħżin tal-ħabitats	– Rati minimi ta' l-istokk ta' l-annimali u/jew sistemi adegwati
	– Protezzjoni ta' mergħat permanenti
	– Żamma ta' elementi tal-pajsaġġ, inkluż, fejn dan ikun f'loku, *hedges*, għadajjar, trinek għall-ilma, siġar f'ringiela, fi gruppi jew iżolati, u l-marġni ta' l-għelieqi, – fejn dan ikun f'loku, il-projbizzjoni tat-tqaċċit tas-siġar taż-żebbuġ
	– Evitar ta' l-invażjoni ta' l-artijiet agrikoli minn veġetazzjoni mhux mixtieqa
	– Żamma f'kundizzjoni veġetattiva tajba ta' l-imsaġar taż-żebbuġ u d-dwieli
Il-protezzjoni u l-immaniġġjar ta' l-ilma: Protezzjoni ta' l-ilma kontra t-tinġis u r-rilaxxi mill-iskular, u l-immaniġġjar ta' l-użu ta' l-ilma	– Stabbiliment ta' strixxi marġinali matul il-mogħdijiet ta' l-ilma
	– rispett tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni għall-użu ta' l-ilma fit-tisqija

ANNESS IV
Limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 8

'EUR miljuni

Sena Kalendarja	2009	2010	2011	2012
Il-Belġju	583,2	570,9	563,1	553,9
Ir-Repubblika Ċeka				773,0
Id-Danimarka	985,9	965,3	954,6	937,8
Il-Ġermanja	5 467,4	5 339,2	5 269,3	5 178,0
L-Estonja				88,9
L-Irlanda	1 283,1	1 264,0	1 247,1	1 230,0
Il-Greċja	2 567,3	2 365,5	2 348,9	2 324,1
Spanja	5 171,3	5 043,4	5 019,1	4 953,5
Franza	8 218,5	8 021,2	7 930,7	7 796,2
L-Italja	4 323,6	4 103,7	4 073,2	4 023,3
Ċipru				48,2
Il-Latvja				130,5
Il-Litwanja				337,9
Il-Lussemburgu	35,2	34,5	34,0	33,4
L-Ungerija				1 150,9
Malta				4,6
L-Olanda	841,5	827,0	829,4	815,9
L-Awstrija	727,7	718,2	712,1	704,9
Il-Polonja				2 730,5
Il-Portugall	635,8	623,0	622,6	622,6
Is-Slovenja				129,4
Is-Slovakkja				335,9
Il-Finlandja	550,0	541,2	536,0	529,8
L-Iżvezja	731,7	719,9	710,6	699,8
Ir-Renju Unit	3 373,0	3 340,4	3 335,8	3 334,9

ANNESS V

Lista ta' ċereali msemmija fl-Artikolu 9(3)

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni
I.	Ċereali
1001 10 00	Qamħ durum
1001 90	Qamħ u meslin għajr il-qamħ durum
1002 00 00	Segala
1003 00	Xgħir
1004 00 00	Ħafur
1005	Qamħirrum
1007 00	Sorgu tal-qamħirrum
1008	*Buckwheat*, millieġ, skalora; ċereali oħra
0709 90 60	Qamħirrum ħelu
II.	Zreiragħ taż-żejt
1201 00	Żerriegħa tas-sojja
ex 1205 00	Żerriegħa tal-lift
ex 1206 00 10	Żerriegħa tal-ġirasol
III.	Uċuh tal-proteina
0713 10	Piżelli
0713 50	Favetta
ex 1209 29 50	Lupini ħelwin
IV.	Kittien
ex 1204 00	Kittien (*Linum usitatissimum* L.)
ex 5301 10 00	Kittien, nej jew imrattab fl-ilma, imkabbar għall-fibra (*Linum usitatissimum* L.)
V.	Qanneb
ex 5302 10 00	Qanneb, nej jew imrattab fl-ilma, imkabbar għall-fibra (*Cannabis sativa* L.)

ANNESS VI

Skemi ta' appoġġ kompatibbli msemmija fl-Artikolu 28

Settur	Bażi legali
Żoni żvantaġġati u żoni b'restrizzjonijiet ambjentali	l-Artikoli 13(a), 14(1) u l-ewwel żewġ subparagrafi ta' l-Artikolu 14(2), 15, 17 sa 20, 51(3) u 55(4) tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999
Miżuri mmirati lejn l-użu sostenibbli ta' l-art agrikola permezz ta':	
ħlasijiet ta' kumpens għall-iżvantaġġi naturali lill-bdiewa fiż-żoni tal-muntanji	l-Artikolu 36(a) (i) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005
pagamenti lill-bdiewa f'żoni bi żvantaġġi naturali, għajr iż-żoni tal-muntanji	l-Artikolu 36(a) (ii) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005
Pagamenti Natura 2000 u pagamenti marbuta mad-Direttiva 2000/60/KE	l-Artikolu 36(a) (iii) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005
pagamenti agroambjentali	l-Artikolu 36(a)(iv) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005
Miżuri mmirati lejn l-użu sostenibbli tal-foresterija permezz ta':	
l-ewwel afforestazzjoni ta' art agrikola	l-Artikolu 36(b)(i) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005
Pagamenti Natura 2000	l-Artikolu 36(b)(iv) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005
pagamenti għall-ambjent tal-foresti	l-Artikolu 36(b)(v) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005
Inbid	l-Artikolu 117 tar-(Regolament dwar l-Inbid)

ANNESS VII

A. Frott u ħxejjex, patata tal-konsum u mxietel

1. Il-bdiewa għandhom jirċievu dritt għal pagament għal kull ettaru li jkun ikkalkulat billi l-ammont ta' referenza msemmi fil-paragrafu 2 jinqasam bl-għadd ta' ettari kif ikkalkulat skond il-paragrafu 3.

2. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-ammont li għandu jiġi inkluż fl-ammont ta' referenza ta' kull bidwi abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bħal:

   – l-ammont ta' appoġġ tas-suq riċevut, direttament jew indirettament, mill-bidwi fir-rigward tal-frott u l-ħxejjex, patata tal-konsum u mxietel,

   – il-medda użata għall-produzzjoni ta' frott u ħxejjex, patata tal-konsum u mxietel,

   – l-ammont ta' frott u ħxejjex prodotti, patata tal-konsum u mxietel,

   fir-rigward ta' perjodu rappreżentattiv, li jista' jkun differenti għal kull prodott, ta' sena jew snin tas-suq li jibdew mis-sena tas-suq li ntemmet fl-2001 u, fil-każ ta' l-Istati Membri li aderew ma' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 jew wara dik id-data, mis-sena tas-suq li ntemmet fl-2004, sas-sena tas-suq li ntemmet fl-2007.

   L-applikazzjoni tal-kriterji f'dan il-punt tista' tvarja bejn prodotti ta' frott u ħxejjex differenti, patata tal-konsum u mxietel, jekk debitament ġustifikati fuq bażi oġġettiva. Fuq l-istess bażi, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jiddeterminawx l-ammonti li għandhom jiġu inklużi fl-ammont ta' referenza u l-ettari applikabbli skond dan il-punt qabel it-tmiem ta' perjodu tranżitorju ta' tliet snin li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2010.

3. L-Istati Membri għandhom jikkalkolaw l-ettari applikabbli abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, bħall-meded imsemmija fit-tieni inċiż ta' l-ewwel paragrafu tal-punt 2.

   Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "frott u ħxejjex" għandha tfisser il-prodotti elenkati fl-Artikolu 1(1)(i) u (j) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, u "patata tal-konsum" għandha tfisser patata tal-Kodiċi NM 0701 minbarra dik maħsuba għall-manifattura tal-lamtu tal-patata li għaliha tingħata għajnuna skond l-Artikolu 93.

4. Bidwi li l-produzzjoni tiegħu ntlaqtet ħazin matul il-perjodu ta' referenza msemmi fil-paragrafu 2 minħabba każ ta' force majeure jew ċirkostanzi eċċezzjonali (kif imsemmi fl-Artikolu 36(1)) li ġraw qabel jew waqt dak il-perjodu ta' referenza għandu jkollu d-dritt jitlob li l-ammont ta' referenza msemmi fil-paragrafu 2 ikun ikkalkulat abbażi tas-sena jew snin kalendarji fil-perjodu rappreżentattiv li ma kenitx/kinux milquta minn każ ta' force majeure jew ċirkustanzi eċċezzjonali.

5. Jekk il-perjodu sħiħ ta' referenza kien milqut b'każ ta' force majeure jew ċirkustanzi eċċezzjonali, l-Istat Membru għandu jikkalkula l-ammont ta' referenza abbażi tas-sena tas-suq l-aktar viċina għall-perjodu rappreżentattiv magħżul skond il-paragrafu 3. F'dan il-każ, il-paragrafu 1 għandu japplika *mutatis mutandis*.

6. Każ ta' force majeure jew ċirkustanzi eċċezzjonali, bi prova rilevanti għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità kompetenti, għandhom ikunu notifikati bil-miktub lill-awtorità kompetenti mill-bidwi kkonċernat fi skadenza li għandu jistipulaha kull Stat Membru.

B. Dwieli ta' l-inbid (tqaċċit)

Bdiewa li jieħdu sehem fl-iskema ta' tqaċċit stipulata fil-Kapitolu III tat-Titolu V tar-Regolament (KE) Nru [ir-Regolament dwar l-Inbid] għandhom jingħataw, fis-sena wara t-tqaċċit, drittijiet għall-pagamenti ugwali għall-għadd ta' ettari li għalihom ikunu rċevew primjum għat-tqaċċit.

Il-valur ta' kull unità ta' dawn id-drittijiet għall-pagamenti għandhom ikunu ugwali għall-medja reġjonali tal-valura tad-drittijiet tar-reġjun korrispondenti. Madankollu, il-valur ta' kull unità fl-ebda każ ma għandu jaqbeż EUR 350/ettaru.

C. Inbid (trasferiment minn programmi ta' appoġġ)

Fejn l-Istati Membri jagħżlu li jipprovdu l-appoġġ skond l-Artikolu 4a tar-Regolament (KE) Nru [ir-Regolament dwar l-Inbid], għandhom jistabbilixxu ammont ta' referenza għal kull bidwi, kif ukoll l-ettari applikabbli:

– abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji;

– rigward perjodu rappreżentattiv ta' referenza ta' sena jew snin ta' l-inbid, b'bidu mis-sena ta' l-inbid 2005/2006; Madankollu, il-kriterji ta' referenza użati biex jistabbilixxu l-ammont ta' referenza u l-ettari applikabbli ma għandhomx ikunu bażati fuq perjodu ta' referenza li jinkludi snin ta' l-inbid wara s-sena ta' l-inbid 2007/2008, fejn it-trasferiment fi programmi ta' appoġġ jirrigwarda kumpens lil bdiewa li qabel ikunu rċevew appoġġ għad-distillazzjoni ta' l-alkoħol tax-xorb jew li kienu benefiċjarji ekonomiċi ta' l-appoġ għall-użu tal-most ikkonċentrat ta' l-għeneb biex jarrikkixi l-inbid skond ir-Regolament (KE) Nru [ir-Regolament dwar l-Inbid].";

– f'konformità ma' l-ammont globali disponibbli għal din il-miżura msemmi fl-Artikolu 6(e) tar-Regolament (KE) Nru [ir-Regolament dwar l-Inbid]."

Il-bdiewa għandhom jirċievu dritt għall-pagament għal kull ettaru li jiġi kkalkulat billi l-ammont ta' referenza msemmi jkun diviż bl-għadd ta' ettari applikabbli.

ANNESS VIII

Limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 41

Tabella 1

(EUR 1 000)

Stat Membru	2009	2010	2011	2012	2013	2014	2015	2016 u s-snin ta' wara
Il-Belġju	614 179	611 901	613 281	613 281	614 661	614 661	614 661	614 661
Id-Danimarka	1 030 478	1 031 321	1 043 421	1 043 421	1 048 999	1 048 999	1 048 999	1 048 999
Il-Ġermanja	5 770 254	5 781 666	5 826 537	5 826 537	5 848 330	5 848 330	5 848 330	5 848 330
L-Irlanda	1 342 268	1 340 737	1 340 869	1 340 869	1 340 869	1 340 869	1 340 869	1 340 869
Il-Greċja	2 367 713	2 209 591	2 210 829	2 216 533	2 216 533	2 216 533	2 216 533	2 216 533
Spanja	4 838 512	5 070 413	5 114 250	5 139 246	5 139 316	5 139 316	5 139 316	5 139 316
Franza	8 404 502	8 444 468	8 500 503	8 504 425	8 518 804	8 518 804	8 518 804	8 518 804
L-Italja	4 143 175	4 277 633	4 320 238	4 369 974	4 369 974	4 369 974	4 369 974	4 369 974
Il-Lussemburgu	37 051	37 084	37 084	37 084	37 084	37 084	37 084	37 084
L-Olanda	853 090	853 169	886 966	886 966	904 272	904 272	904 272	904 272
L-Awstrija	745 561	747 298	750 019	750 019	751 616	751 616	751 616	751 616
Il-Portugall	589 723	600 296	600 370	605 967	605 972	605 972	605 972	605 972
Il-Finlandja	566 801	565 823	568 799	568 799	570 583	570 583	570 583	570 583
L-Iżvezja	763 082	765 229	768 853	768 853	770 916	770 916	770 916	770 916
Ir-Renju Unit	3 985 834	3 986 361	3 987 844	3 987 844	3 987 849	3 987 849	3 987 849	3 987 849

Tabella 2*

(EUR 1 000)

Stat Membru	2009	2010	2011	2012	2013	2014	2015	2016 u s-snin ta' wara
Il-Bulgarija	287 399	328 997	409 587	490 705	571 467	652 228	732 986	813 746
Ir-Repubblika Ċeka	559 622	647 080	735 801	821 779	909 164	909 164	909 164	909 164
L-Estonja	60 500	70 769	80 910	91 034	101 171	101 171	101 171	101 171
Ċipru	31 670	38 845	43 730	48 615	53 499	53 499	53 499	53 499
Il-Latvja	90 016	104 025	118 258	132 193	146 355	146 355	146 355	146 355
Il-Litwanja	230 560	268 746	305 964	342 881	380 064	380 064	380 064	380 064
L-Ungerija	807 366	935 912	1 064 312	1 191 526	1 318 542	1 318 542	1 318 542	1 318 542
Malta	3 434	3 851	4 268	4 685	5 102	5 102	5 102	5 102
Il-Polonja	1 877 107	2 164 285	2 456 894	2 742 771	3 033 549	3 033 549	3 033 549	3 033 549
Ir-Rumanija	623 399	713 207	891 072	1 068 953	1 246 821	1 424 684	1 602 550	1 780 414
Is-Slovenja	87 942	102 047	116 077	130 107	144 236	144 236	144 236	144 236
Is-Slovakkja	240 014	277 779	314 692	351 377	388 191	388 191	388 191	388 191

* Il-limiti massimi kkalkolati bil-qies ta' l-iskeda ta' żidiet inkrementali pprovduta skond l-Artikolu 110.

ANNESS IX

Il-komponent tal-limiti massimi nazzjonali msemmi fil-paragrafu 56(1) li jikkorrispondi għat-tadam għandu jkun kif ġej:

Stat Membru	Ammont (EUR miljuni għal kull sena kalendarja)
Il-Bulgarija	5,394
Ir-Repubblika Ċeka	0,414
Il-Greċja	35,733
Spanja	56,233
Franza	8,033
L-Italja	183,967
Ċipru	0,274
Malta	0,932
L-Ungerija	4,512
Ir-Rumanija	1,738
Il-Polonja	6,715
Il-Portugall	33,333
Is-Slovakkja	1,018

Il-komponent tal-limiti massimi nazzjonali msemmi fil-paragrafu 56(2) li jikkorrispondi għall-frott u l-ħxejjex għajr l-uċuħ annwali għandu jkun kif ġej:

Stat Membru	Ammont (EUR miljuni għal kull sena kalendarja)	
Il-Bulgarija		0,851
Ir-Repubblika Ċeka		0,063
Il-Greċja		153,833
Spanja		110,633
Franza		44,033
L-Italja		131,700
Ċipru	fl-2009:	4,856
	fl-2010:	4,919
	fl-2011:	4,982
	fl-2012:	5,045
L-Ungerija		0,244
Ir-Rumanija		0,025
Il-Portugall		2,900
Is-Slovakkja		0,007

ANNESS X

Integrazzjoni ta' appoġġ akkoppjat fl-iskema ta' pagament uniku

I.

– Mill-2010 'l quddiem, il-primjum għall-kwalità speċifika tal-qamħ durum ipprovdut fil-Kapitolu 1 tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003;

– mill-2010 'l quddiem, il-primjum għall-wiċċ tal-proteina pprovdut fil-Kapitolu 2 tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003;

– mill-2010 'l quddiem, il-pagament speċifiku għar-ross ipprovdut fil-Kapitolu III tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u s-Sezzjoni 1 tal-Kapitolu 1 tat-titolu IV ta' dan ir-Regolament, skond l-iskeda ta' żmien ippprovduta bl-Artikolu 72(2) ta' dan ir-Regolament;

– mill-2010 'l quddiem, il-pagament għall-medda għall-ġwież ipprovdut fil-Kapitolu 4 tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003;

– mill-2011 'il quddiem l-għajnuna għall-ipproċessar ta' l-għalf imnixxef ipprovduta fis-Subsezzjoni I tas-Sezzjoni I tal-Kapitolu IV tat-Titolu I tal-Parti II tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007;

– mill-2011 'il quddiem l-għajnuna għall-ipproċessar tal-kittien imkabbar għall-fibri ipprovduta fis-Subsezzjoni II tas-Sezzjoni I tal-Kapitolu IV tat-Titolu I tal-Parti II tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, skond l-iskeda ta' żmien ippprovduta f'dik is-subsezzjoni;

– mill-2011 'il quddiem l-għajnuna għal-lamtu tal-patata pprovduta fl-Artikolu [95a] tar-Regolament (KE) Nru 1234/2004 u, skond l-iskeda ta' żmien ta' l-Artikolu 75 ta' dan ir-Regolament, l-għajnuna għall-patata tal-lamtu pprovduta f'dak l-Artikolu.

II.

Mill-2010 fejn Stat Membru jkun ta:

– għajnuna għaż-żieragħ ipprovduta fil-Kapitolu 9 tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003;

– pagament għall-uċuħ tar-raba' tal-ħrit ipprovdut fil-Kapitolu 10 tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003;

– għajnuna għall-imsaġar taż-żebbuġ ipprovduta fil-Kapitolu 10b tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003;

– għajnuna għall-medda tal-ħops ipprovduta fil-Kapitolu 10d tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003;

skond l-iskeda ta' żmien ipprovduta fl-Artikolu 55, pagamenti għaċ-ċanga u l-vitella, għajr il-primjum tal-baqar li jreddgħu

III.

Mill-2010, fejn Stat Membru ma jeħux id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 53(1) ta' dan ir-Regolament:

– il-pagamenti għan-ngħaġ u l-mogħoż imsemmija fl-Artikolu 67 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003;

– il-pagamenti għaċ-ċanga u l-vitella msemmija fl-Artikolu 67 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

ANNESS XI

Integrazzjoni ta' l-appoġġ akkoppjat – l-Artikolu 65

Għalf niexef (EUR 1 000)

Stat Membru	2011	2012	2013	2014	2015	2016 u s-snin ta' wara
Il-Belġju	0	0	0	0	0	0
Id-Danimarka	2 779	2 779	2 779	2 779	2 779	2 779
Il-Ġermanja	8 475	8 475	8 475	8 475	8 475	8 475
L-Irlanda	132	132	132	132	132	132
Il-Greċja	1 238	1 238	1238	1 238	1 238	1 238
Spanja	43 725	43 725	43 725	43 725	43 725	43 725
Franza	35 752	35 752	35 752	35 752	35 752	35 752
L-Italja	22 605	22 605	22 605	22 605	22 605	22 605
Il-Lussemburgu						
L-Olanda	5 202	5 202	5 202	5 202	5 202	5 202
L-Awstrija	64	64	64	64	64	64
Il-Portugall	69	69	69	69	69	69
Il-Finlandja	10	10	10	10	10	10
L-Iżvezja	180	180	180	180	180	180
Ir-Renju Unit	1 478	1 478	1 478	1 478	1 478	1 478
Il-Bulgarija						
Ir-Repubblika Ċeka	922	922	922	922	922	922
L-Estonja						
Ċipru						
Il-Latvja						
Il-Litwanja	21	21	21	21	21	21
L-Ungerija	1 421	1 421	1 421	1 421	1 421	1 421
Malta						
Il-Polonja	147	147	147	147	147	147
Ir-Rumanija						
Is-Slovenja						
Is-Slovakkja	91	91	91	91	91	91

Qamħ durum ta' l-ogħla kwalità (EUR 1 000)

Stat Membru	2010	2011	2012	2013	2014	2015	2016 u s-snin ta' wara
Il-Belġju							
Id-Danimarka							
Il-Ġermanja							
L-Irlanda							
Il-Greċja	20 301	20 301	20 301	20 301	20 301	20 301	20 301
Spanja	22 372	22 372	22 372	22 372	22 372	22 372	22 372
Franza	8 320	8 320	8 320	8 320	8 320	8 320	8 320
L-Italja	42 457	42 457	42 457	42 457	42 457	42 457	42 457
Il-Lussemburgu							
L-Olanda							
L-Awstrija	280	280	280	280	280	280	280
Il-Portugall	80	80	80	80	80	80	80
Il-Finlandja							
L-Iżvezja							
Ir-Renju Unit							
Il-Bulgarija	349	436	523	610	698	785	872
Ir-Repubblika Ċeka							
L-Estonja							
Ċipru	173	198	223	247	247	247	247
Il-Latvja							
Il-Litwanja							
L-Ungerija	70	80	90	100	100	100	100
Malta							
Il-Polonja							
Ir-Rumanija							
Is-Slovenja							
Is-Slovakkja							

Uċuh tar-raba' tal-proteina (EUR 1 000)

Stat Membru	2010	2011	2012	2013	2014	2015	2016 u s-snin ta' wara
Il-Belġju	84	84	84	84	84	84	84
Id-Danimarka	843	843	843	843	843	843	843
Il-Ġermanja	7 231	7 231	7 231	7 231	7 231	7 231	7 231
L-Irlanda	216	216	216	216	216	216	216
Il-Greċja	242	242	242	242	242	242	242
Spanja	10 905	10 905	10 905	10 905	10 905	10905	10 905
Franza	17 635	17 635	17 635	17 635	17 635	17635	17 635
L-Italja	5 009	5 009	5 009	5 009	5 009	5009	5 009
Il-Lussemburgu	21	21	21	21	21	21	21
L-Olanda	67	67	67	67	67	67	67
L-Awstrija	2 051	2 051	2 051	2 051	2051	2051	2 051
Il-Portugall	214	214	214	214	214	214	214
Il-Finlandja	303	303	303	303	303	303	303
L-Iżvezja	2 147	2 147	2 147	2 147	2147	2147	2 147
Ir-Renju Unit	10 500	10 500	10 500	10 500	10500	10500	10 500
Il-Bulgarija	160	201	241	281	321	361	401
Ir-Repubblika Ċeka	1 858	2 123	2 389	2 654	2654	2654	2 654
L-Estonja	169	194	218	242	242	242	242
Ċipru	17	19	22	24	24	24	24
Il-Latvja	109	124	140	155	155	155	155
Il-Litwanja	1 486	1 698	1 911	2 123	2123	2123	2 123
L-Ungerija	1 369	1 565	1 760	1 956	1956	1956	1 956
Malta	0	0	0	0	0	0	0
Il-Polonja	1 723	1 970	2 216	2 462	2462	2462	2 462
Ir-Rumanija	911	1 139	1 367	1 595	1822	2050	2 278
Is-Slovenja	63	72	81	90	90	90	90
Is-Slovakkja	1 003	1 146	1 290	1 433	1433	1433	1433

Ross (EUR 1 000)

Stat Membru	2010	2011	2012	2013	2014	2015	2016 u s-snin ta' wara
Il-Belġju							
Id-Danimarka							
Il-Ġermanja							
L-Irlanda							
Il-Greċja	5 703	5 703	11 407	11 407	11 407	11 407	11 407
Spanja	24 997	24 997	49 993	49 993	49 993	49 993	49 993
Franza	3 922	3 922	7 844	7 844	7 844	7 844	7 844
L-Italja	49 737	49 737	99 473	99 473	99 473	99 473	99 473
Il-Lussemburgu							
L-Olanda							
L-Awstrija							
Il-Portugall	5 596	5 596	11 193	11 193	11 193	11 193	11 193
Il-Finlandja							
L-Iżvezja							
Ir-Renju Unit							
Il-Bulgarija	288	360	863	1 007	1 151	1 294	1 438
Ir-Repubblika Ċeka							
L-Estonja							
Ċipru							
Il-Latvja							
Il-Litwanja							
L-Ungerija	262	300	674	749	749	749	749
Malta							
Il-Polonja							
Ir-Rumanija	13	16	38	44	50	57	63
Is-Slovenja							
Is-Slovakkja							

Ġwież (EUR 1 000)

Stat Membru	2010	2011	2012	2013	2014	2015	2016 u s-snin ta' wara
Il-Belġju	12	12	12	12	12	12	12
Id-Danimarka							
Il-Ġermanja	181	181	181	181	181	181	181
L-Irlanda							
Il-Greċja	4 963	4 963	4 963	4 963	4 963	4 963	4 963
Spanja	68 610	68 610	68 610	68 610	68 610	68 610	68 610
Franza	2 089	2 089	2 089	2 089	2 089	2 089	2 089
L-Italja	15 710	15 710	15 710	15 710	15 710	15 710	15 710
Il-Lussemburgu	12	12	12	12	12	12	12
L-Olanda	12	12	12	12	12	12	12
L-Awstrija	12	12	12	12	12	12	12
Il-Portugall	4 987	4 987	4 987	4 987	4 987	4 987	4 987
Il-Finlandja							
L-Iżvezja							
Ir-Renju Unit	12	12	12	12	12	12	12
Il-Bulgarija	579	724	868	1 013	1 158	1 302	1 447
Ir-Repubblika Ċeka							
L-Estonja							
Ċipru	431	493	554	616	616	616	616
Il-Latvja							
Il-Litwanja							
L-Ungerija	245	280	315	350	350	350	350
Malta							
Il-Polonja	355	406	456	507	507	507	507
Ir-Rumanija	79	99	119	139	159	179	199
Is-Slovenja	25	29	33	36	36	36	36
Is-Slovakkja	262	299	337	374	374	374	374

Kittien ta' fibra twila (EUR 1 000)

Stat Membru	2011	2012	2013	2014	2015	2016 u s-snin ta' wara
Il-Belġju	1 380	1 380	2 760	2 760	2 760	2 760
Id-Danimarka						
Il-Ġermanja	30	30	60	60	60	60
L-Irlanda						
Il-Greċja						
Spanja	5	5	10	10	10	10
Franza	5 580	5 580	11 160	11 160	11 160	11 160
L-Italja						
Il-Lussemburgu						
L-Olanda	480	480	960	960	960	960
L-Awstrija	15	15	30	30	30	30
Il-Portugall	5	5	10	10	10	10
Il-Finlandja	20	20	40	40	40	40
L-Iżvezja	5	5	10	10	10	10
Ir-Renju Unit	5	5	10	10	10	10
Il-Bulgarija	1	1	3	3	3	3
Ir-Repubblika Ċeka	192	192	385	385	385	385
L-Estonja	3	3	6	6	6	6
Ċipru						
Il-Latvja	36	36	72	72	72	72
Il-Litwanja	226	226	453	453	453	453
L-Ungerija						
Malta						
Il-Polonja	92	92	185	185	185	185
Ir-Rumanija	4	4	8	8	8	8
Is-Slovenja						
Is-Slovakkja	7	7	15	15	15	15

Għajnuna għall-ipproċessar tal-lamtu tal-patata (EUR 1 000)

Stat Membru	2011	2012	2013	2014	2015	2016 u s-snin ta' wara
Il-Belġju						
Id-Danimarka	3 743	3 743	3 743	3 743	3 743	3 743
Il-Ġermanja	14 603	14 603	14 603	14 603	14 603	14 603
L-Irlanda						
Il-Greċja						
Spanja	43	43	43	43	43	43
Franza	5 904	5 904	5 904	5 904	5 904	5 904
L-Italja						
Il-Lussemburgu						
L-Olanda	11 290	11 290	11 290	11 290	11 290	11 290
L-Awstrija	1 061	1 061	1 061	1 061	1 061	1 061
Il-Portugall						
Il-Finlandja	1 183	1 183	1 183	1 183	1 183	1 183
L-Iżvezja	1 381	1 381	1 381	1 381	1 381	1 381
Ir-Renju Unit						
Il-Bulgarija						
Ir-Repubblika Ċeka	749	749	749	749	749	749
L-Estonja	6	6	6	6	6	6
Ċipru						
Il-Latvja	129	129	129	129	129	129
Il-Litwanja	27	27	27	27	27	27
L-Ungerija						
Malta						
Il-Polonja	3 226	3 226	3 226	3 226	3 226	3 226
Ir-Rumanija						
Is-Slovenja						
Is-Slovakkja	16	16	16	16	16	16

Għajnuna għall-koltivazzjoni tal-lamtu tal-patata (EUR 1 000)

Stat Membru	2011	2012	2013	2014	2015	2016 u s-snin ta' wara
Il-Belġju						
Id-Danimarka	5 578	5 578	11 156	11 156	11 156	11 156
Il-Ġermanja	21 763	21 763	43 526	43 526	43 526	43 526
L-Irlanda						
Il-Greċja						
Spanja	64	64	129	129	129	129
Franza	8 799	8 799	17 598	17 598	17 598	17 598
L-Italja						
Il-Lussemburgu						
L-Olanda	16 825	16 825	33 651	33 651	33 651	33 651
L-Awstrija	1 581	1 581	3 163	3 163	3 163	3 163
Il-Portugall						
Il-Finlandja	1 763	1 763	3 527	3 527	3 527	3 527
L-Iżvezja	2 058	2 058	4 116	4 116	4 116	4 116
Ir-Renju Unit						
Il-Bulgarija						
Ir-Repubblika Ċeka	893	1 005	2 232	2 232	2 232	2 232
L-Estonja	7	7	17	17	17	17
Ċipru						
Il-Latvja	153	172	383	383	383	383
Il-Litwanja	32	36	80	80	80	80
L-Ungerija						
Malta						
Il-Polonja	3 846	4 327	9 615	9 615	9 615	9 615
Ir-Rumanija						
Is-Slovenja						
Is-Slovakkja	19	22	48	48	48	48

Żejt taż-Żebbuġa (EUR 1 000)

Stat Membru	2010	2011	2012	2013	2014	2015	2016 u s-snin ta' wara
Spanja	103 140	103 140	103 140	103 140	103 140	103 140	103 140
Ċipru	2 051	2 344	2 637	2 930	2 930	2 930	2 930

ANNESS XII

Limiti massimi għall-kalkolu ta' l-ammont ta' għajnuna msemmi fl-Artikolu 84 (iz-zokkor)

(EUR 1 000)

Stat Membru	2006	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	2014	2015	2016 u s-snin ta' wara
Il-Belġju	47 429	60 968	74 508	81 752	81 752	81 752	81 752	81 752	81 752	81 752	81 752
Il-Bulgarija	—	84	121	154	176	220	264	308	352	396	440
Ir-Repubblika Ċeka	27 851	34 319	40 786	44 245	44 245	44 245	44 245	44 245	44 245	44 245	44 245
Id-Danimarka	19 314	25 296	31 278	34 478	34 478	34 478	34 478	34 478	34 478	34 478	34 478
Il-Ġermanja	154 974	203 607	252 240	278 254	278 254	278 254	278 254	278 254	278 254	278 254	278 254
Il-Greċja	17 941	22 455	26 969	29 384	29 384	29 384	29 384	29 384	29 384	29 384	29 384
Spanja	60 272	74 447	88 621	96 203	96 203	96 203	96 203	96 203	96 203	96 203	96 203
Franza	152 441	199 709	246 976	272 259	272 259	272 259	272 259	272 259	272 259	272 259	272 259
L-Irlanda	11 259	14 092	16 925	18 441	18 441	18 441	18 441	18 441	18 441	18 441	18 441
L-Italja	79 862	102 006	124 149	135 994	135 994	135 994	135 994	135 994	135 994	135 994	135 994
Il-Latvja	4 219	5 164	6 110	6 616	6 616	6 616	6 616	6 616	6 616	6 616	6 616
Il-Litwanja	6 547	8 012	9 476	10 260	10 260	10 260	10 260	10 260	10 260	10 260	10 260
L-Ungerija	26 105	31 986	37 865	41 010	41 010	41 010	41 010	41 010	41 010	41 010	41 010
L-Olanda	41 743	54 272	66 803	73 504	73 504	73 504	73 504	73 504	73 504	73 504	73 504
L-Awstrija	18 971	24 487	30 004	32 955	32 955	32 955	32 955	32 955	32 955	32 955	32 955
Il-Polonja	99 135	122 906	146 677	159 392	159 392	159 392	159 392	159 392	159 392	159 392	159 392
Il-Portugall	3 940	4 931	5 922	6 452	6 452	6 452	6 452	6 452	6 452	6 452	6 452
Ir-Rumanija	—	1 930	2 781	3 536	4 041	5 051	6 062	7 072	8 082	9 093	10 103
Is-Slovenja	2 284	2 858	3 433	3 740	3 740	3 740	3 740	3 740	3 740	3 740	3 740
Is-Slovakkja	11 813	14 762	17 712	19 289	19 289	19 289	19 289	19 289	19 289	19 289	19 289
Il-Finlandja	8 255	10 332	12 409	13 520	13 520	13 520	13 520	13 520	13 520	13 520	13 520
L-Iżvezja	20 809	26 045	31 281	34 082	34 082	34 082	34 082	34 082	34 082	34 082	34 082
Ir-Renju Unit	64 340	80 528	96 717	105 376	105 376	105 376	105 376	105 376	105 376	105 376	105 376

ANNESS XIII

Tabella 1 **Ċipru: Ħlasijiet nazzjonali komplementari fejn għall-pagamenti diretti japplikaw l-iskemi normali**

Skeda ta' żidiet inkrementali	60%	70%	80%	90%
Settur	2009	2010	2011	2012
Uċuħ tar-raba' tal-ħrit Ċereali (għajr il-qamħ durum)	4 220 705	3 165 529	2 110 353	1 055 176
Qamħ durum	1 162 157	871 618	581 078	290 539
Legumi taż-żerriegħa	16 362	12 272	8 181	4 091
Ħalib u prodotti tal-ħalib	1 422 379	1 066 784	711 190	355 595
Ċanga	1 843 578	1 382 684	921 789	460 895
Ngħaġ u mogħoż	4 409 113	3 306 835	2 204 556	1 102 278
Żejt taż-żebbuġa	3 174 000	2 380 500	1 587 000	793 500
Tabakk	417 340	313 005	208 670	104 335
Banana	1 755 000	1 316 250	877 500	0
Għeneb imnixxef	0	0	0	0
Lewż	0	0	0	0
Total	1 842 0634	13 815 476	9 210 317	4 166 409

Ħlasijiet nazzjonali komplementari skond l-Iskema ta' Pagament Uniku:

L-ammont totali tal-ħlasijiet nazzjonali komplementari diretti li jista' jingħata skond l-Iskema ta' Pagament Uniku għandu jkun ugwali għas-somma tal-massimi settorjali msemmija f'din it-tabella f'relazzjoni mas-setturi koperti b l-Iskema ta' Pagament Uniku, sa fejn l-appoġġ f'dawn is-setturi jkun diżakkoppjat.

Tabella 2 **Ċipru: Ħlasijiet nazzjonali komplementari fejn għall-pagamenti diretti tapplika l-iskema ta' pagament uniku għall-medda**

Settur	2009	2010	2011	2012
Uċuħ tar-raba' (għajr il-qamħ durum)	0	0	0	0
Qamħ durum	1 795 543	1 572 955	1 350 367	1 127 779
Legumi taż-żerriegħa	0	0	0	0
Ħalib u prodotti tal-ħalib	3 456 448	3 438 488	3 420 448	3 402 448
Ċanga	4 608 945	4 608 945	4 608 945	4 608 945
Ngħaġ u mogħoż	10 724 282	10 670 282	10 616 282	10 562 282
Żejt taż-żebbuġa	5 547 000	5 115 000	4 683 000	4 251 000
Għeneb imnixxef	156 332	149 600	142 868	136 136
Banana	4 323 820	4 312 300	4 300 780	4 289 260
Tabakk	1 038 575	1 035 875	1 033 175	1 030 475
Total	**31 650 945**	**30 903 405**	**30 155 865**	**29 408 325**

ANNESS XIV

GĦAJNUNA MILL-ISTAT - ĊIPRU

Settur	2009	2010
Ċereali (għajr il-qamħ durum)	2 263 018	1 131 509
Ħalib u prodotti tal-ħalib	562 189	281 094
Ċanga	64 887	0
Ngħaġ u l-mogħoż	1 027 917	513 958
Is-settur tal-majjal	2 732 606	1 366 303
Tjur u bajd	1 142 374	571 187
Inbid	4 307 990	2 153 995
Żejt taż-żebbuġa	2 088 857	1 044 429
Għeneb tal-mejda	1 058 897	529 448
Tadam ipproċessat	117 458	58 729
Banana	127 286	63 643
Frott deċidwu inkluż il-frott ta' l-għadma	2 774 230	1 387 115
Total	**18 267 707**	**9 101 410**

ANNESS XV

Tabella ta' korrelazzjoni

Regolament (KE) Nru 1782/2003	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2	Artikolu 2
Artikolu 3	Artikolu 4
Artikolu 4	Artikolu 5
Artikolu 5	Artikolu 6
Artikolu 6	Artikolu 25
Artikolu 7	Artikolu 26
Artikolu 8	–
Artikolu 9	Artikolu 27
Artikolu 10(1)	Artikolu 7
Artikolu 10(2)	Artikolu 9(1)
Artikolu 10(3)	Artikolu 9(2)
Artikolu 10(4)	Artikolu 9(3)
–	Artikolu 9(4)
Artikolu 11	Artikolu 11 (1) u (2)
Artikolu 12	–
–	Artikolu 8
Artikolu 12*a*(1)	Artikolu 10
Artikolu 12*a*(2)	Artikolu 11(3)
Artikolu 13	Artikolu 12
Artikolu 14	Artikolu 13
Artikolu 15	Artikolu 14
Artikolu 16	Artikolu 15
Artikolu 17	Artikolu 16
Artikolu 18	Artikolu 17
Artikolu 19	Artikolu 18
Artikolu 20	Artikolu 19
Artikolu 21	Artikolu 20
Artikolu 22	Artikolu 21
Artikolu 23	Artikolu 22
Artikolu 24	Artikolu 23
Artikolu 25	Artikolu 24
Artikolu 26	Artikolu 28

Artikolu 27	Artikolu 29
–	Artikolu 30
Artikolu 28	Artikolu 31
Artikolu 29	Artikolu 32
Artikolu 30	Artikolu 33
Artikolu 31	–
Artikolu 32	Artikolu 3
Artikolu 33	Artikolu 34
Artikolu 34	–
Artikolu 35	Artikolu 38
Artikolu 36	–
Artikolu 37	Anness VII
Artikolu 38	–
Artikolu 39	–
Artikolu 40(1) sa (3)	Anness I, Punt A(4) sa (6)
Artikolu 40(4)	Artikolu 36(1) it-tieni subparagrafu
Artikolu 40(5)	–
Artikolu 41	Artikolu 41
Artikolu 42	Artikolu 42
Artikolu 43	Anness VII
Artikolu 44	Artikolu 35
Artikolu 45	Artikolu 43
Artikolu 46	Artikolu 44
Artikolu 47	–
Artikolu 48	–
Artikolu 49	Artikolu 45
Artikolu 50	–
Artikolu 51, l-ewwel subparagrafu	–
Artikolu 51, it-tieni subparagrafu	Artikolu 39
Artikolu 52	Artikolu 40
Artikolu 53	–
Artikolu 54	–
Artikolu 55	–
Artikolu 56	–
Artikolu 57	–
–	Artikolu 46
Artikolu 58	Artikolu 47

Artikolu 59	Artikolu 48
Artikolu 60	Artikolu 50
Artikolu 61	Artikolu 51
Artikolu 62	–
Artikolu 63(1)	Artikolu 52(1)
Artikolu 63(2)	–
Artikolu 63(3)	Artikolu 49
Artikolu 63(4)	Artikolu 52(2)
Artikolu 64	Artikolu 53
Artikolu 65	–
Artikolu 66	–
Artikolu 67	Artikolu 54
Artikolu 68	Artikolu 55
Artikolu 68*a*	
Artikolu 68*b*	Artikolu 56
Artikolu 69	–
Artikolu 70	–
Artikolu 71	–
Artikolu 71*a*	Artikolu 57
Artikolu 71*b*	Artikolu 58
Artikolu 71*c*	–
Artikolu 71*d*	Artikolu 59
Artikolu 71*e*	Artikolu 60
Artikolu 71*f*	Artikolu 61
Artikolu 71*g*	–
Artikolu 71*h*	Artikolu 62
Artikolu 71*i*	–
Artikolu 71*j*	–
Artikolu 71*k*	Artikolu 63
Artikolu 71*l*	–
Artikolu 71*m*	–
–	Artikolu 64
–	Artikolu 65
–	Artikolu 66
–	Artikolu 67
–	Artikolu 68
–	Artikolu 69

–	Artikolu 70
Artikolu 72	–
Artikolu 73	–
Artikolu 74	–
Artikolu 75	–
Artikolu 76	–
Artikolu 77	–
Artikolu 78	–
Artikolu 79	Artikolu 71
Artikolu 80	Artikolu 72
Artikolu 81	Artikolu 73
Artikolu 82	Artikolu 74
Artikolu 83	–
Artikolu 84	–
Artikolu 85	–
Artikolu 86	–
Artikolu 87	Artikolu 109
Artikolu 88	–
Artikolu 89	–
Artikolu 90	–
Artikolu 91	–
Artikolu 92	–
Artikolu 93	Artikolu 75
Artikolu 94	Artikolu 76
Artikolu 95	–
Artikolu 96	–
Artikolu 97	–
Artikolu 98	–
Artikolu 99	–
Artikolu 100	–
Artikolu 101	–
Artikolu 102	–
Artikolu 103	–
Artikolu 104	–
Artikolu 105	–
Artikolu 106	–
Artikolu 107	–

Artikolu 108	–
Artikolu 109	–
Artikolu 110	–
Artikolu 110*a*	Artikolu 77
Artikolu 110*b*	Artikolu 78
Artikolu 110*c*	Artikolu 79
Artikolu 110*d*	Artikolu 80
Artikolu 110*e*	Artikolu 81
Artikolu 110*f*	–
Artikolu 110*g*	–
Artikolu 110*h*	–
Artikolu 110*i*	–
Artikolu 110*j*	–
Artikolu 110*k*	–
Artikolu 110*l*	–
Artikolu 110*m*	–
Artikolu 110*n*	–
Artikolu 110*o*	–
Artikolu 110*p*	–
Artikolu 110*q*	Artikolu 82
Artikolu 110*r*	Artikolu 83
Artikolu 110*s*	Artikolu 84
Artikolu 110*t*	Artikolu 85
Artikolu 110*u*	Artikolu 86
Artikolu 110*v*	Artikolu 87
Artikolu 111	Artikolu 88
Artikolu 112	Artikolu 89
Artikolu 113	Artikolu 90
Artikolu 114	Artikolu 91
Artikolu 115	Artikolu 92
Artikolu 116	Artikolu 93
Artikolu 117	Artikolu 94
Artikolu 118	Artikolu 95
Artikolu 119	–
Artikolu 120	Artikolu 96
Artikolu 121	Artikolu 97
Artikolu 122	Artikolu 98

Artikolu 123	Artikolu 99
Artikolu 124	–
Artikolu 125	Artikolu 100
Artikolu 126	Artikolu 101
Artikolu 127	Artikolu 102
Artikolu 128	Artikolu 103
Artikolu 129	Artikolu 104
Artikolu 130	Artikolu 105
Artikolu 131	–
Artikolu 132	–
Artikolu 133	–
Artikolu 134	–
Artikolu 135	–
Artikolu 136	–
Artikolu 136*a*	–
Artikolu 137	–
Artikolu 138	Artikolu 106
Artikolu 139	Artikolu 107
Artikolu 140	Artikolu 108
Artikolu 141	–
Artikolu 142	–
Artikolu 143	–
Artikolu 143*a*	Artikolu 110
Artikolu 143*b*(1)(2)(9) u (10)	Artikolu 111
Artikolu 143*b*(3) u (7)	Artikolu 112
Artikolu 143*b*(4)(5) u (6)	Artikolu 113
Artikolu 143*b*(13)	Artikolu 114
Artikolu 143*ba(*1) sa (3)	Artikolu 115
Artikolu 143*ba*(3*a*)	–
Artikolu 143*ba* (4) sa (6)	Artikolu 118
Artikolu 143*bb*(1) u (2)	Artikolu 116
Artikolu 143*bb*(3)	–
Artikolu 143*bb*(4) sa (6)	Artikolu 118
Artikolu 143*bc*(1) u (2)	Artikolu 117
Artikolu 143*bc*(3) u (4)	Artikolu 118(1) u (2)
–	Artikolu 119
Artikolu 143*c*(1) sa (8)	Artikolu 120

Artikolu 143*c*(9)	Artikolu 121
Artikolu 143*c*(10)	–
Artikolu 143*d*	Artikolu 122
Artikolu 143*e*	Artikolu 123
–	Artikolu 124
–	Artikolu 125
–	Artikolu 126
Artikolu 144	Artikolu 128
Artikolu 145	Artikolu 129
Artikolu 146	Artikolu 127
Artikolu 147	–
Artikolu 148	–
Artikolu 149	–
Artikolu 150	–
Artikolu 151	–
Artikolu 152	–
–	Artikolu 130
–	Artikolu 131
–	Artikolu 132
Artikolu 153	Artikolu 133
Artikolu 154	–
Artikolu 154*a*	Artikolu 135
Artikolu 155	Artikolu 134
Artikolu 155*a*	–
Artikolu 156	Artikolu 136

2008/0104 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar modifiki fil-politika agrikoli komuni bl-emenda tar-Regolamenti (KE) Nru 320/2006, (KE) Nru 1234/2007, (KE) Nru 3/2008 u (KE) Nru […]/2008

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 36 u 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[28],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[29],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[30],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[31],

Billi:

(1) Ir-riformi fil-PAK miftehmin fl-2003/2004 kienu jinkludu dispożizzjonijiet dwar rapporti maħsuba sabiex jagħtu stima ta' l-effettività tagħhom, u b'mod partikolari biex jivvalutaw l-impatt tagħhom f'dak li jirrigwarda l-għanijiet tagħhom u biex janalizzaw l-effetti tagħhom fuq is-swieq rilevanti. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ppreżentat Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill intitolata "It-tħejjija għall-'Kontroll tas-Saħħa'" fl-20 ta' Novembru 2007 li ġiet diskussa minn dawk l-istituzzjonijiet. Meta titqies dik il-Komunikazzjoni u d-diskussjonijiet sussegwenti dwar l-elementi ewlenin tal-komunikazzjoni mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Soċjali u Ekonomiku u l-Kumitat tar-Reġjuni kif ukoll għadd ta' kontribuzzjonijiet milqugħin minn konsultazzjoni pubblika, għandhom isiru proposti xierqa.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-politika agrikola komuni li jikkonċernaw l-intervent tal-pubbliku għandhom jiġu ssimplifikati u organizzati bl-estensjoni ta' sejħa għal offerti sabiex jinkiseb approċċ armonizzat.

---

28 ĠU C …, …, p. ….
29 ĠU C …, …, p. ….
30 ĠU C …, …, p. ….
31 ĠU C …, …, p. ….

(3) Għaċ-ċereali s-sistema għanda tinbidel sabiex tiżgura kompetittività u orjentazzjoni lejn is-suq għas-settur filwaqt li żżomm ir-rwol ta' intervent bħala xibka ta' sikurezza f'każ ta' problemi fis-suq u tiffaċilita r-rispons tal-bdiewa għall-kundizzjonijiet tas-suq. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-riforma tas-sistema ta' intervent għall-qamħirrun stipulaw reviżjoni tas-sistema ta' intervent kollha għaċ-ċereali fil-kuntest tal-Kontroll tas-Saħħa, ibbażata fuq analiżi li indikat ċertu riskju għal intervent addizzjonali għax-xgħir jekk il-prezzijiet kienu baxxi. Il-previżjonijiiet attwali għaċ-ċereali madankollu inbidlu b'mod sinifikanti minn dak iż-żmien 'l hawn u huma kkaratterizzati minn ambjent favorevoli tal-prezz tas-suq dinji b'konsegwenza ta' domanda dinjija dejjem tikber u stokkijiet dinjin taċ-ċereali dejjem jonqsu. Fi ħdan dan il-kuntest, l-iffissar ta' livelli ta' intervent għal żero għall-qmuħ għall-għalf oħrajn fl-istess perjodu ta' żmien tar-riforma tal-qamħirrun ikun jippermetti għal intervent mingħajr ma jkollu implikazzjonijiet negattivi fuq is-suq taċ-ċereali kollu. Il-previżjonijiet għas-settur taċ-ċereali japplikaw ukoll għall-qamħ durum, u dan ifisser li x-xiri f'intervent jista' jitneħħa għaliex tilef ir-rilevanza tiegħu minħabba li l-prezzijiet tas-suq dejjem ikunu ħafna ogħla mill-prezz ta' intervent. Minħabba li intervent għaċ-ċereali għandu jservi ta' xibka ta' sikurezza aktar milli element li jinfluwenza d-determinazzjoni tal-prezz, id-differenzi fil-perjodi tal-ħsad minn Stat Membru għall-ieħor, li effettivament jibdew il-kampanji tat-tmexxija fis-suq, m'għadhomx rilevanti għaliex is-sistema mhux se tibqa' tipprovdi għal prezzijiet li juru l-livelli ta' intervent flimkien maż-żidiet ta' kull xahar. Fl-interess ta' simplifikazzjoni d-dati għal intervent taċ-ċereali għandu għalhekk jiġi armonizzat min-naħa għall-oħra tal-Komunità.

(4) Mir-riforma ta' l-2003 'l quddiem, il-kompetittività tas-settur tar-ross żdiedet, bi produzzjoni stabbli, bi tnaqqis ta' stokkijiet minkejja d-domanda dejjem tikber fil-Komunità u fis-suq dinji, u bil-prezz mistenni, ħafna ogħla mill-prezz ta' l-intervent. Għalhekk m'għadx hemm il-ħtieġa għall-provvediment għax-xiri f'intervent għar-ross u għalhekk għandu jitħassar.

(5) Il-produzzjoni u l-konsum tal-laħam tal-majjal huma previsti li se jiżdiedu fil-futur medju, avolja b'rata nqas mgħaġġla minn dik ta' l-aħħar għaxar snin, minħabba l-kompetizzjoni mil-laħam tat-tjur u l-prezzijiet ogħla ta' l-għalf. Il-prezzijiet tal-majjal mistennija jibqgħu ogħla sew mill-prezzijiet ta' intervent. Ix-xiri f'intervent ilu ma jintuża għal żmien twil għal-laħam tal-majjal u fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-suq u l-perspettivi tiegħu, għandu jitneħħa.

(6) It-tneħħija ta' intervent għal dawn il-prodotti jista' jitwettaq mingħajr problemi fl-2009 għaliex il-qagħda attwali tas-suq u l-perspettivi jissuġġerixxu li intervent, fi kwalunkwe każ, ma jkunx applikabbli għalihom fl-2009.

(7) Il-previżjoni fil-futur medju għas-settur tal-prodotti tal-ħalib huwa kkaratterizzat b'żieda kontinwa fil-Komunità tad-domanda għal prodotti b'valur miżjud għoli, espansjoni sostanzjali fit-talba dinjija għall-komoditajiet tal-ħalib, b'konsegwenza ta' żieda fid-dħul u fil-popolazzjoni f'ħafna reġjuni tad-dinja, u ta' bidliet f'preferenzi tal-konsumaturi għall-prodotti tal-ħalib.

(8) Minħabba r-restrizzjonijiet tal-limiti massimi tal-kwoti tal-ħalib, il-produzzjoni totali tal-ħalib tal-Komunità hija prevista li se tonqos gradwalment iżda mhux b'ħafna fuq il-futur medju hekk kif strutturar mill-ġdid fl-Istati Membri li ma kinux membri tal-Komunità qabel it-tkabbir ta' l-2004 jwassal għal tnaqqis fil-produzzjoni ta' ħalib ta' sussistenza, filwaqt li tkabbir fil-produzzjoni jibqa' limitat minħabba l-eżistenza tal-kwoti. Fl-istess ħin ir-rata ta' ħalib kunsinjat lill-fabbriki tal-prodotti tal-ħalib għall-ipproċessar hija prevista li se tibqa' tespandi fuq il-perjodu ta' previżjoni. Fid-dawl ta' domanda qawwija interna u esterna, is-sistema tal-kwoti tal-ħalib qiegħda għal din ir-raġuni tillimita l-espansjoni tal-produzzjoni, għall-kuntrarju tas-sitwazzjoni meta l-kwoti ddaħħlu bħala reazzjoni għall-produzzjoni żejda. F'din it-tip ta' qagħda tas-suq, il-kwoti jnaqqsu l-orjentazzjoni lejn is-suq għaliex ifixklu r-reazzjoni tal-bdiewa għal sinjali tal-prezzijiet, u jipprevjenu kisbiet fl-effiċjenza fis-settur billi jnaqqsu r-rata ta' l-istrutturar mill-ġdid. Huma skedati li jintemmu fl-2015, sabiex jiġu effetwati l-aġġustamenti xierqa gradatament. F'din il-perspettiva, it-tneħħija gradwali tal-kwoti tal-prodotti tal-ħalib b'żidiet annwali kif provdut fl-Anness I għal dan ir-Regolament (ta' 1% għal kull sena tas-suq mill-2010/10 sa 2013/14) tkun tippermetti tranżizzjoni mingħajr xkiel billi tevita aġġustament eċċessiv wara t-tmiem tal-kwoti.

(9) Is-suq tal-ġobon qed jikber b'mod stabbli b'domanda dejjem tikber minn ġewwa kif ukoll minn barra 'l Komunità. Għalhekk, ġeneralment, il-prezzijiet tal-ġobnijiet baqgħu għal xi żmien f'livelli stabbli li ma ġewx influwenzati b'mod sinifikanti mit-tnaqqis tal-prezzijiet istituzzjonali għall-prodotti bl-ingrossa (butir u trab). Sew mil-lat ekonomiku kif ukoll minn dak tal-ġestjoni tas-suq l-għajnuna permanenti u mhux obbligatorja għall-ħażna privata ta' prodott ta' valur għoli u mbuttat mis-suq bħall-ġobon m'għadhiex iġġustifikata u għandha titneħħa.

(10) L-għajnuna għall-ħażna privata tal-butir ma tintużax ħafna. Madankollu minħabba li l-produzzjoni tal-ħalib fil-Komunità tvarja skond l-istaġun dejjem se jkun hemm varjazzjoni staġonali fil-produzzjoni tal-butir. Għalhekk, jista' jkun hemm pressjoni temporanja fuq is-suq tal-butir li tkun tista' titnaqqas permezz ta' ħażna staġonali. Madankollu, id-deċiżjoni għandha tittieħed mill-Kummissjoni abbażi ta' analiżi soda tas-suq aktar milli ta' obbligu biex tinfetaħ l-iskema kull sena u għalhekk l-iskema għandha ssir mhux obbligatorja.

(11) Fil-kuntest tar-riforma tal-prodotti tal-ħalib u tas-sitwazzjoni attwali tas-suq l-għajnuniet għat-trab tal-ħalib xkumat użat bħala għalf ta' l-annimali u għall-ħalib xkumat għall-produzzjoni tal-każeina mhumiex dejjem meħtieġa. Madankollu, jekk jakkumulaw fdalijiet tal-prodotti tal-ħalib jew ikun hemm il-possibilità li jakkumulaw jew ikun hemm il-possibilità li joħolqu żbilanċ serju fis-suq, jistgħu xorta jkollhom rwol. Madankollu, id-deċiżjoni għandha tittieħed mill-Kummissjoni abbażi ta' analiżi soda tas-suq aktar milli ta' obbligu biex tinfetaħ l-iskema kull sena u għalhekk l-iskemi għandhom isiru mhux obbligatorji. Jekk jiġi applikat, l-iffissar ta' l-għajnuna għandu jsir minn qabel jew b'sejħa għal offerti.

(12) L-għajnuniet għall-allokazzjonijiet tal-butir għall-għaġina u għall-ġelat u għall-konsum dirett tnaqqsu f'konformità mat-tnaqqis tal-prezz ta' intervent għall-butir sa mill-2004 u konsegwentement kienu żero qabel ma ġew sospiżi s-sejħiet għal offerti minħabba s-sitwazzjoni favorevoli tas-suq. L-iskemi ta' għajnuna għall-allokazzjonijiet m'għadhomx meħtieġa għall-appoġġ tas-suq fuq livell ta' prezz ta' intervent u għalhekk għandhom jitneħħew.

(13) Kif kien il-każ fir-riforma tal-politika agrikola komuni ta' l-2003, sabiex tiżdied il-kompetittività ta' l-agrikoltura Komunitarja u tiġi mħeġġa agrikoltura sostenibbli b'orjentazzjoni akbar lejn is-suq, huwa meħtieġ li titkompla l-bidla minn appoġġ għall-produzzjoni għall-appoġġ għall-produttur billi jitneħħew l-għajnuniet eżistenti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament waħdieni dwar l-OKS) [ir-Regolament dwar l-OKS Unika][32] għall-għalf niexef, għall-kittien, għall-qanneb u għal-lamtu tal-patata u jiġi integrat appoġġ għal dawn il-prodotti fis-sistema ta' appoġġ diżakkoppjat għad-dħul għal kull farm. Kif kien il-każ fir-riforma tal-PAK ta' l-2003, filwaqt li appoġġ diżakkoppjat imħallas lill-bdiewa se jħalli l-ammonti proprji mħallsin mhux mibdulin, se jżid b'mod sinifikanti l-effettività ta' l-għajnuna għad-dħul.

(14) Fl-2000 il-Kunsill iddeċieda li gradwalment ineħħi l-għajnuna għall-fibri qosra tal-kittien u għall-fibri tal-qanneb. Din id-deċiżjoni ġiet implimentata b'effett mis-sena tas-suq 2009/10 bl-emendi li saru fir-Regolament dwar l-OKS Unika (KE) Nru 247/2008[33], kif ukoll ġiet implimentata t-tneħħija gradwali ta' l-għajnuna addizzjonali ta' pproċessar għall-proċessuri tal-kittien imkabbar fiż-żoni tradizzjonali. L-għajnuna għall-kittien ta' fibri twal għandha tiġi diżakkoppjata. Madankollu sabiex l-industrija tkun tista' tadatta, nofs il-bidla għall-iskema ta' pagament uniku għandha ssir fl-2011 u l-bqija fl-2013.

(15) Ir-reġim ta' l-għalf niexef kien irriformat fl-2003, meta parti mill-għajnuna ngħatat lill-produtturi u kienet diżakkoppjata. Fil-kuntest ta' l-orjentazzjoni totali tal-Kontroll tas-Saħħa lejn aktar orjentazzjoni lejn is-suq, u l-previżjoni attwali fis-swieq ta' l-għalf, it-transizzjoni għall-diżakkoppjament totali għas-settur kollu għandha għalhekk tintemm billi l-għajnuna li baqa' għall-industrija tiġi diżakkoppjata. Għandu jkun possibbli li jittaffew l-effetti tat-tmiem tal-pagament ta' għajnuna lill-proċessuri permezz ta' aġġustamenti xierqa fil-prezz imħallas lill-produtturi tal-materja prima, li huma stess se jkunu qegħdin jirċievu drittijiet miżjuda ta' għajnuna diretta b'riżultat ta' diżakkoppjament. It-tmiem ta' l-għajnuna lill-proċessuri huwa ġġustifikat wkoll fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-suq u ta' perspettivi għall-uċuh tal-proteina in ġenerali. Minħabba l-fatt li s-settur kien diġà qed jiġi ristrutturat sa mir-riforma ta' l-2003 u l-impatt ambjentali partikolarment negattiv li ġie ġġenerat riċentament mill-produzzjoni ta' għalf deidratat, l-għajnuna għandha tiġi diżakkoppjata iżda għandu jingħata perjodu tranżizzjonali qasir ta' sentejn sabiex is-settur ikun jista' jadatta.

(16) Is-sistema stabbilita fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1868/94 tas-27 ta' Lulju 1994 li jistabbilixxi sistema ta' kwoti f'dak li għandu x'jaqsam mal-produzzjoni ta' lamtu tal-patata[34] mhux se tibqa' meħtieġa ladarba l-għajnuniet relatati stabbiliti fl-Artikolu [...][għajnuna għal-lamtu tal-patata] tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru […]/2008 [ir-Regolament il-ġdid għall-pagamenti diretti] ta' [....] [li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ [skemi ta' appoġġ dirett] għall-bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-

---

32 ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru […]/2008 (ĠU L …, p. …).

33 ĠU L 76, 19.3.2008, p. 1.

34 ĠU L 197, 30.07.1994, p. 4. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 671/2007 (ĠU L 156, 16.06.2007, p. 1).

bdiewa][35], jitneħħew. L-għajnuna lill-produtturi kienet diżakkoppjata parzjalment fl-2003, u din l-għajnuna għandha issa tiġi diżakkoppjata kompletament iżda huwa meħtieġ perjodu tranżizzjonali qasir ta' sentejn biex il-bdiewa jkunu jistgħu jadattaw ir-rabtiet tal-provvista tagħhom għall-iskema ta' għajnuna tal-lamtu tal-patata. Il-prezz minimu relatat għandu għalhekk jittawwal ukoll għal sentejn. Wara dik id-data, l-iskema tal-kwoti relatata mal-pagament dirett għandha titneħħa fl-2013 f'konformità ma' l-inklużjoni totali ta' dak il-pagament dirett fl-iskema tal-pagament uniku. Dan il-proċess ta' diżakkoppjament ta' din l-għajnuna diretta jeħtieġ perjodu itwal ta' aġġustament biex l-industrija tkun tista' tadatta għall-ambjent il-ġdid tas-suq. Sadattant id-dispożizzjonijiet konċernati għandhom jiġu integrati, kif inhu l-każ għall-għajnuniet u għall-iskemi tal-kwoti l-oħrajn, fir-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(17) L-iżviluppi fis-swieq domestiċi u internazzjonali taċ-ċereali u tal-lamtu jwasslu sabiex ir-rifużjoni għall-produzzjoni tal-lamtu ma tibqax pertinenti għall-għanijiet inizjali, u għalhekk għandha titneħħa. Is-sitwazzjoni tas-suq u l-perspettivi huma tali li l-għajnuna ġiet iffissata għal żero għal xi żmien u dan huwa mistenni li jkompli, sabiex isseħħ tneħħija rapida mingħajr effetti negattivi għas-settur.

(18) Id-dispożizzjonijiet dwar miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq relatati mal-mard ta' l-annimali għandhom jiġu trattati permezz ta' dispożizzjoni orizzontali dwar il-ġestjoni tar-riskju, u għalhekk għandhom jitħassru mir-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(19) L-organizzazzjonijiet tal-produtturi jista' jkollhom rwol utli billi jorganizzaw il-forniment f'setturi fejn hemm żbilanċ fil-konċentrazzjoni ta' produtturi u proċessuri. L-Istati Membri għandhom ikollhom il-ħila li jagħarfu organizzazzjonijiet ta' produtturi fis-setturi kollha.

(20) Fl-interessi taċ-ċertezza u tas-sempliċità legali huwa xieraq li jkunu ċċarati u armonizzati d-dispożizzjonijiet li jipprovdu biex ma jiġux applikati l-Artikoli 87, 88 u 89 tat-Trattat għal pagamenti li saru minn Stati Membri f'konformità ma' dan ir-Regolament jew ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 tat-30 ta' Jannar 2006 li jistipula miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni l-aktar 'il bogħod ta' l-Unjoni[36], (KE) Nru 320/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi skema temporanja għall-istrutturar mill-ġdid ta' l-industrija taz-zokkor fil-Komunità u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni[37], (KE) Nru 1405/2006 tat-18 ta' Settembru 2006 li jistipula miżuri speċifiċi favur il-gżejjer Aegean iż-żgħar u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003[38], (KE) Nru 3/2008 tas-17 ta' Diċembru 2007 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi[39] u[40], ir-Regolament (KE) Nru […]/2008 [OKS għall-inbid ġdid][41] F'dan il-kuntest, id-dispożizzjonijiet ta' dawk ir-Regolamenti li kieku, f'ċerti ċirkustanzi, ikunu jaqgħu jew jistgħu jaqgħu fi ħdan il-

---

35 ĠU L …, …, p. ….

36 ĠU L 42, 14.02.2006, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1276/2007 (ĠU L 284, 30.10.2007, p. 11).

37 ĠU L 58, 28.02.2006, p. 42. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1261/2007 (ĠU L 283, 27.10.2007, p. 8)

38 ĠU L 265, 26.09.2006, p. 1.

39 ĠU L 3, 05.01.2008, p. 1.

40 ĠU L […], […], p. […].

41 ĠU L […], […], p. […].

kunċett ta' l-għajnuna mill-istat skond is-sens ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat għandhom jiġu esklużi mill-applikazzjoni tar-regoli ta' l-għajnuna mill-istat. Id-dispożizzjonijiet ikkonċernati jinkludu kundizzjonijiet xierqa għall-għotja ta' appoġġ biex jiġi evitat xkiel eċċessiv għall-kompetizzjoni.

(21) Ir-Regolamenti (KE) Nru 247/2006, 320/2006, (KE) Nru 1405/2006, (KE) Nru 1234/2007, (KE) Nru 3/2008 u (KE) […]/2008 [OKS għall-inbid ġdid] għandhom għalhekk jiġu emendati skond dan.

(22) L-atti li ġejjin m'għadhomx ta' użu u għalhekk fl-interessi taċ-ċertezza legali, għandhom jitħassru: Ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1883/78 tat-2 ta' Awwissu 1978 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-finanzjament ta' l-interventi mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u l-Garanzija, it-Taqsima tal-Garanzija[42], (KEE) Nru 1254/89 tat-3 ta' Mejju 1989 li jiffissa, għas-sena tas-suq 1989/90, inter alia, ċerti prezzijiet taz-zokkor u l-kwalità standard tal-pitravi[43], (KEE) Nru 2247/89 ta' l-24 ta' Lulju 1989 dwar miżura ta' emerġenza għall-forniment mingħajr ħlas ta' ċerti prodotti agrikoli lill-Polonja[44], (KEE) Nru 2055/93 tad-19 ta' Lulju 1993 li jalloka kwantità referenzjali speċjali għal ċerti produtturi tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib[45], (KE) Nru 2596/67 tat-18 ta' Diċembru 1997 li jestendi l-perjodu previst fl-Artikolu 149(1) ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Iżvezja[46], u (KE) Nru 1182/2005 tat-18 ta' Lulju 2005 li jadotta miżuri awtonomi u tranżizzjonali biex tinfetaħ kwota tariffarja Komunitarja għall-importazzjoni ta' annimali bovini ħajjin li joriġinaw mill-Iżvizzera[47].

(23) Dan ir-Regolament għandu, bħala regola ġenerali, japplika mill-1 ta' Jannar 2009. Madankollu, sabiex jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet il-ġodda ta' dan ir-Regolament ma jfixklux il-pagamenti żguri pagabbli għas-snin tas-suq 2008/2009 jew 2009/2010, għandha tiġi stabbilita data ta' applikazzjoni aktar tard fir-rigward ta' dawk id-dispożizzjonijiet li jaffettwaw direttament il-ħidma ta' l-iskemi f'setturi li għalihom hemm previsti snin tas-suq. Dan ir-Regolament għandu għalhekk japplika biss, f'każijiet ta' dan it-tip, sa mill-bidu tas-snin tas-suq 2009/2010 jew 2010/2011.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Emenda għar-Regolament (KE) Nru 247/2006

L-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 247/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) It-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3 jitħassar.

---

42 ĠU L 216, 05.08.1978, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 734/2007 (ĠU L 169, 29.06.2007, p. 5).

43 ĠU L 126, 09.05.1989, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 260/96/ (ĠU L 34, 13.02.1996, p. 16).

44 ĠU L 216, 27.07.1989, p. 5.

45 ĠU L 187, 29.07.1993, p. 8.

46 ĠU L 351, 23.12.1997, p. 12. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1805/2003 (ĠU L 265, 16.10.2008, p. 5).

47 ĠU L 190, 22.07.2005, p. 1.

(2) Jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 u 2, b'deroga mill-Artikolu 180 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007(*) u l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1184/2006(**), l-Artikoli 87, 88 u 89 tat-Trattat m'għandhomx japplikaw għall-pagamenti li saru taħt it-Titolu III, paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u l-Artikoli 17 u 21 minn Stati Membri skond u f'konformità ma' dan ir-Regolament.

(*) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru […]/2008.

(**) ĠU L 214, 04.08.2006, p. 7."

Artikolu 2

Emenda għar-Regolament (KE) Nru 320/2006

Ir-Regolament (KE) Nru 320/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 6(6) jinbidel b'dan li ġej:

"6. L-Istati Membri m'għandhomx jagħtu għajnuna nazzjonali f'dak li għandu x'jaqsam ma' miżuri ta' diversifikazzjoni provduti f'dan l-Artikolu. Madankollu, jekk il-limiti massimi msemmija fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 4 kellhom jippermettu l-għotja ta' għajnuna għal diversifikazzjoni ta' 100%, l-Istat Membru kkonċernat għandu jikkontribwixxi talanqas 20% ta' l-ispiża eliġibbli."

(2) Jiddaħħal l-Artikolu 13a li ġej:

"Artikolu 13a

Għajnuna mill-Istat

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6(5), b'deroga mill-Artikolu 180 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007(*) u l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1184/2006(**), l-Artikoli 87, 88 u 89 tat-Trattat m'għandhomx japplikaw għall-pagamenti li saru taħt l-Artikoli 3, 6, 7, 8, 9 u 11 minn Stati Membri f'konformità ma' dan ir-Regolament.

(*) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru […]/2008.

(**) ĠU L 214, 04.08.2006, p. 7."

Artikolu 3

Emenda għar-Regolament (KE) Nru 1405/2006

Il-paragrafu li ġej jiżdied ma' l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1405/2006:

"3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 u 2, b'deroga mill-Artikolu 180 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007(*) u l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1184/2006(**), l-Artikoli 87, 88 u 89 tat-Trattat m'għandhomx japplikaw għall-pagamenti li saru taħt l-Artikoli 4, u 7 minn Stati Membri f'konformità ma' dan ir-Regolament.

(*) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru […]/2008.

(**) ĠU L 214, 04.08.2006, p. 7."

Artikolu 4

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007

Ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-punt (b) ta' l-Artikolu 8(1) jitħassar.

(2) L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) qamħ komuni, xgħir, qamħirrun u sorgu;"

(ii) il-punt (b) jitħassar;

(b) Il-paragrafu 2 jitħassar.

(3) Is-Subtaqsima II tat-Taqsima II tal-Kapitolu I tat-Titolu I tal-Parti II tinbidel b'dan li ġej:

"SUBTAQSIMA II
FTUĦ U SOSPENSJONI TA' XIRI

Artikolu 11

Perjodi ta' intervent pubbliku

Intervent tal-pubbliku għandu jkun disponibbli:

(a) Għaċ-ċereali, mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Mejju;

(b) għaz-zokkor, matul is-snin tas-suq 2008/2009 u 2009/2010;

(c) għaċ-ċanga u għall-vitella, matul kwalunkwe sena tas-suq;

(d) għall-butir u għat-trab tal-ħalib xkumat, mill-1 ta' Marzu sal-31 ta' Awwissu.

Artikolu 12

Ftuħ ta' l-intervent pubbliku

1. Waqt il-perjodi msemmijin fl-Artikolu 11, intervent pubbliku

(a) għandu jinfetaħ għaċ-ċereali, iz-zokkor, il-butir u t-trab tal-ħalib xkumat sal-limiti ta' l-intervent imsemmijin fl-Artikolu 13(1),

(b) għandu jinfetaħ mill-Kummissjoni intervent pubbliku għaċ-ċanga, mingħajr l-assistenza tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 195(1), jekk fuq perjodu rappreżentattiv il-prezz medju tas-suq taċ-ċanga fi Stat Membru jew f'reġjun ta' Stat Membru reġistrat abbażi ta' l-iskala Komunitarja għall-klassifikazzjoni ta' karkassi kif provdut fl-Artikolu 42(1) ikun inqas minn EUR 1560/tunnellata.

2. Intervent pubbliku għall-qamħ komuni jista' jiġi sospiż mill-Kummissjoni, mingħajr l-assistenza tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 195(1), jekk il-prezz għall-qamħ b'kontenut minimu ta' proteina ta' 11% 'konsenjat f'Rouen') huwa ogħla mill-prezz ta' referenza.

Għandu jerġa' jinfetaħ mill-Kummissjoni, mingħajr l-assistenza tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 195(1), jekk il-kundizzjonijiet provduti fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma jibqgħux japplikaw.

3. Intervent pubbliku għaċ-ċanga, imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1, għandu jingħalaq mill-Kummissjoni, mingħajr l-assistenza tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 195(1), jekk, fuq perjodu rappreżentattiv, il-kundizzjonijiet provduti f'dak il-punt ma jibgħux jiġu ssodisfati.

Artikolu 13
Limiti ta' l-intervent

1. Ix-xiri f'intervent pubbliku għandu jitwettaq biss fil-limiti li ġejjin:

(a) Għax-xgħir, il-qamħirrun u s-sorgu, 0 tunnellata għal kull perjodu msemmi fl-Artikolu 11(a);

(b) għaz-zokkor, 600 000 tunnellata, espressi f'zokkor abjad, għal kull sena tas-suq;

(c) għall-butir, 30 000 tunnellata għal kull perjodu msemmi fl-Artikolu 11(d);

(d) għat-trab tal-ħalib xkumat 109 000 tunnellata għal kull perjodu msemmi fl-Artikolu 11(d).

2. Zokkor maħżun skond il-punt (b) tal-paragrafu 1 matul sena tas-suq m'għandu jkun soġġett għall-ebda miżura oħra ta' ħażna provduta fl-Artikoli 32, 52 u 63.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, għall-prodotti msemmija fil-punti (a), (c) u (d) tiegħu, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tkompli intervent pubbliku lil hinn mill-ammonti msemmija f'dak il-paragrafu jekk is-sitwazzjoni tas-suq u, b'mod partikolari, l-iżvilupp tal-prezzijiet tas-suq, ikun jeħtieġ hekk."

(4) Is-Subtaqsima III tat-Taqsima II tal-Kapitolu I tat-Titolu I tal-Parti II tinbidel b'dan li ġej:

"SUBTAQSIMA III
PREZZIJIET TA' INTERVENT

Artikolu 18
Prezzijiet ta' intervent

1. Il-prezzijiet ta' intervent u l-kwantitajiet aċċettati għal intervent għall-prodotti msemmijin fl-Artikolu 10(a), (d), (e) u (f) għandhom jiġu ddeterminati mill-Kummissjoni permezz ta' proċeduri ta' sejħiet għal offerti. F'ċirkustanzi speċjali, proċeduri ta' sejħiet għal offerti jistgħu jiġu ristretti għal, jew il-prezzijiet ta' intervent u l-kwantitajiet aċċettati għal intervent jistgħu jiġu ffissati għal kull, Stat Membru jew għal kull reġjun ta' Stat Membru abbażi ta' prezzijiet medji tas-suq reġistrati.

2. Il-prezz ta' intervent iddeterminat skond il-paragrafu 1 ma għandux ikun ogħla:

   (a) għaċ-ċereali, mill-prezzijiet ta' referenza rispettivi;

   (b) għaċ-ċanga, mill-prezz medju tas-suq reġistrat fi Stat Membru jew reġjun ta' Stat Membru miżjud b'ammont li għandu jiġi ddeterminat mill-Kummissjoni abbażi ta' kriterji oġġettivi;

   (c) għall-butir, minn 90% tal-prezz ta' referenza;

   (d) għat-trab tal-ħalib xkumat, mill-prezz ta' referenza.

3. Il-prezz ta' l-intervent għaz-zokkor għandu jkun 80% tal-prezz ta' referenza ffissat għas-sena tas-suq wara s-sena tas-suq li matulha tkun ġiet ippreżentata l-offerta. Madankollu, jekk il-kwalità taz-zokkor offrut lill-aġenzija li tħallas tkun differenti mill-kwalità standard definita fil-punt B ta' l-Anness IV li għaliha jkun ġie iffissat il-prezz ta' referenza, il-prezz ta' intervent għandu jiżdied jew jitnaqqas kif meħtieġ."

(5) Is-Subtaqsima I tat-Taqsima III tal-Kapitolu I tat-Titolu I tal-Parti II titħassar.

(6) L-Artikolu 31 huwa emendat kif ġej:

   (a) Il-Paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

      (i) wara l-punt (c) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

         "(ca) butir mingħajr melħ prodott minn krema jew ħalib f'impriża approvata tal-Komunità b'kontenut minimu ta' xaħam tal-butir, skond il-piż, ta' 82%, kontenut massimu ta' solidi tal-ħalib mhux xaħmin, skond il-piż, ta' 2% u kontenut massimu ta' ilma, skond il-piż, ta' 16%;

         (cb) butir bil-melħ prodott minn krema jew ħalib f'impriża approvata tal-Komunità b'kontenut minimu ta' xaħam tal-butir, skond il-piż, ta' 80 %, kontenut massimu ta' solidi tal-ħalib mhux xaħmin, skond il-piż, ta' 2%, kontenut massimu ta' ilma, skond il-piż, ta' 16 % u kontenut massimu ta' melħ, skond il-piż, ta' 2%;"

(ii) il-punt (e) jitħassar;

(b) Fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu jitħassar.

(7) Jiddaħħal l-Artikolu 34a li ġej:

"Artikolu 34a
Kundizzjonijiet ta' għotja għall-butir

"1. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tagħti għajnuna għall-ħażna privata għall-butir b'mod partikolari jekk l-iżviluppi fil-prezzijiet u fil-ħażniet tal-prodotti jindikaw żbilanċ serju fis-suq li jkun jista' jiġi evitat jew imnaqqas permezz ta' ħażna staġonali.

2. L-ammont ta' għajnuna għandu jiġi ffissat mill-Kummissjoni b'qies ta' l-ispejjeż tal-ħażna u l-iżvilupp mistenni fil-prezzijiet tal-butir."

(8) L-Artikolu 36 jitħassar.

(9) L-Artikolu 41(1) jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha taħtar iċ-ċentri ta' intervent fis-settur taċ-ċereali u tiddetermina l-kundizzjonijiet li japplikaw għalihom.

Il-Kummissjoni tista' taħtar ċentri ta' intervent għal kull ċereali."

(10) Il-punt (a) ta' l-Artikolu 43 jinbidel b'dan li ġej:

"(a) ir-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti mill-prodotti li għandhom jinxtraw taħt intervent pubbliku kif imsemmi fl-Artikolu 10 jew li tingħatalhom għajnuna għal ħażna privata kif imsemmi fl-Artikolu 31, b'mod partikolari fir-rigward tal-kwalità, il-gruppi ta' kwalità, il-livelli ta' kwalità, il-kategoriji, il-kwantitajiet, l-imballaġġ inkluż l-ittikkettjar, l-etajiet massimi, il-preservazzjoni, l-istadju tal-prodotti li għalih il-prezz ta' intervent ikun relatat, u t-tul tal-perjodu tal-ħażna privata;"

(11) L-Artikolu 44 jitħassar.

(12) L-Artikolu 46 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Għall-miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ imsemmijin fl-Artikolu 45, il-Komunità għandha tipprovdi parti mill-finanzjament ekwivalenti għal 50% tan-nefqa sostnuta mill-Istati Membri."

(b) Il-paragrafu 3 jitħassar.

(13) Il-punt (a) ta' l-Artikolu 48(1) jitħassar.

(14) L-Artikolu 55 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 55
Sistemi ta' kwoti

1. Sistema ta' kwoti għandha tapplika għall-prodotti li ġejjin:

   (a) ħalib u prodotti oħrajn tal-ħalib skond id-definizzjoni tal-punti (a) u (b) ta' l-Artikolu 65;

   (b) zokkor, isoglukożju u ġulepp ta' l-inulina;

   (c) lamtu tal-patata li jista' jibbenefika minn għajnuna Komunitarja.

2. F'dak li għandu x'jaqsam mas-sistemi ta' kwoti msemmijin fil-punti (a) u b, jekk produttur jaqbeż il-kwota rilevanti u, f'dak li jirrigwarda z-zokkor, ma jagħmilx użu mill-kwantitajiet żejda kif stipulat fl-Artikolu 61, għandha titħallas imposta għaż-żejjed fuq tali kwantitajiet soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsimiet II u III."

(15) It-Taqsima IIIa li ġejja tiddaħħal fil-Kapitolu III tat-Titolu I tal-Parti II:

"TAQSIMA IIIA
KWOTI GĦAL-LAMTU TAL-PATATA

l-Artikolu 84a
Kwoti għal-lamtu tal-patata

1. L-Istati Membri li jipproduċu l-lamtu tal-patata se jkollhom allokat kwoti għas-sena tas-suq li waqtha l-iskema tal-kwoti tapplika skond l-Artikolu 204(5) skond l-Anness Xa.

2. Kull Stat Membru produttur imsemmi fl-Anness Xa għandu jalloka l-kwota tiegħu bejn il-manifatturi tal-lamtu tal-patata għall-użu fis-snin ta' kummerċjalizzazzjoni kkonċernati abbażi tas-subkwoti disponibbli għal kull manifattur fl-2006/2007.

3. Impriża li tipproduċi lamtu tal-patata m'għandhiex tikkonkludi kuntratti ta' koltivazzjoni ma' produtturi tal-patata għal kwantità ta' patata li tkun tipproduċi kwantità ta' lamtu li taqbeż il-kwota tagħha kif imsemmi fil-paragrafu 2.

4. Kwalunkwe lamtu tal-patata prodott li jaqbeż il-kwota kif imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jiġi esportat, kif inhu, mill-Komunità qabel l-1 ta' Jannar ta' wara t-tmiem tas-sena tas-suq in kwistjoni. M'għandha titħallas l-ebda rifużjoni ta' esportazzjoni fir-rigward tiegħu.

5. Minkejja l-paragrafu 4, impriża li tipproduċi lamtu tal-patata tista', f'kull sena tas-suq, b'żieda mal-kwota tagħha għal dik is-sena, tutilizza mhux iktar minn 5% tal-kwota tagħha għas-sena tas-suq ta' wara. F'dan il-każ, il-kwota għas-sena ta' wara għandha titnaqqas kif xieraq.

6. Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima m'għandhomx ikopru l-produzzjoni tal-lamtu tal-patata minn impriżi li mhumiex soġġetti għall-paragrafu 2 u li jixtru patata li għaliha produtturi ma jibbenefikawx mill-pagament stipulat fl-Artikolu [...][għajnuna għal-lamtu tal-patata] tar-Regolament (KE) Nru […]/2008 [ir-Regolament il-ġdid għall-pagamenti diretti]."

(16) Fl-Artikolu 85, jiżdied il-punt (d) li ġej:

"(d) rigward it-Taqsima IIIa, fużjonijiet (merġers), bidliet fl-appartenenza u l-bidu jew il-waqfien ta' negozjar ta' impriżi."

(17) Is-Subtaqsima I tat-Taqsima I tal-Kapitolu IV tat-Titolu I tal-Parti II titħassar.

(18) Fl-Artikolu 91(1), l-ewwel subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"L-għajnuna għall-ipproċessar tat-tiben tal-kittien ta' fibri twal imkabbar għall-fibra għas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2009/10 sa 2012/13 għandha tingħata lill-proċessuri ewlenin awtorizzati abbażi tal-kwantità ta' fibra li fil-fatt tinkiseb mit-tiben li għaliha jkun ġie konkluż kuntratt ta' bejgħ ma' bidwi."

(19) L-Artikolu 92(1) jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' għajnuna għall-ipproċessar stipulat fl-Artikolu 91 għandu jkun iffissat għall-kittien ta' fibri twal:

(a) EUR 200 għas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2009/10 u 2010/11; u

(b) EUR 100 għas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2011/12 u 2012/13;"

(20) Il-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 94 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Għandha tiġi stabbilita kwantità massima garantita ta' 80 878 tunnellata għal kull sena tas-suq għall-kittien ta' fibri twal li għaliha tista' tingħata l-għajnuna. Dik il-kwantità għandha titqassam fost ċerti Stati Membri bħala kwantitajiet nazzjonali garantiti skond il-punt A.I. ta' l-Anness XI."

(21) Is-subtaqsima li ġejja tiddaħħal fit-Taqsima I tal-Kapitolu IV tat-Titolu I tal-Parti II:

"SUBTAQSIMA III
IL-LAMTU TAL-PATATA

l-Artikolu 95a
Primjum għal-lamtu tal-patata

1. Primjum ta' EUR 22.25 għal kull tunnellata ta' lamtu prodotta għandu jitħallas għas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2009/10 u 2010/11 lill-impriżi li jipproduċu lamtu tal-patata għall-kwantità ta' lamtu tal-patata sal-limitu tal-kwota msemmi fl-Artikolu 84a(2), sakemm dawn l-impriżi jkunu ħallsu lill-produtturi tal-patata prezz minimu għall-patata kollha meħtieġa biex ikun prodott il-lamtu sa dak il-limitu tal-kwota.

2. Il-prezz minimu għall-patata maħsuba għall-manifattura tal-lamtu tal-patata għandu jkun iffissat għal EUR 178.31 għal kull tunnellata għas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni kkonċernati.

Dan il-prezz japplika għall-kwantità ta' patata li hija meħtieġa, imqassma lill-fabbrika, biex tkun magħmula tunnellata ta' lamtu.

Il-prezz minimu għandu jkun aġġustat skond il-kontenut tal-lamtu tal-patata.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' din is-Subtaqsima."

(22) L-Artikolu 96 jitħassar.

(23) L-Artikoli 99 u 100 jinbidlu b'dan li ġej:

"Artikolu 99

Għajnuna għall-ħalib xkumat u trab tal-ħalib xkumat għall-użu bħala għalf

1. Meta jakkumulaw kwantitajiet żejda ta' prodotti tal-ħalib jew ikun hemm riskju li jakkumulaw u joħolqu jew li hemm riskju li joħolqu żbilanċ serju fis-suq, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li għandha tingħata għajnuna għall-prodotti tal-ħalib xkumat u għat-trab tal-ħalib xkumat prodotti fil-Komunità intenzjonati għall-użu bħala għalf, skond kundizzjonijiet u standards tal-prodott li għandhom ikunu ddeterminati mill-Kummissjoni. L-għajnuna tista' tiġi ffissata minn qabel jew permezz ta' proċeduri ta' sejħiet għal offerti.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, xorrox tal-butir u trab tax-xorrox tal-butir għandhom jitqiesu bħala ħalib xkumat u trab tal-ħalib xkumat.

2. L-ammonti ta' għajnuna għandhom jiġu ffissati mill-Kummissjoni billi jitqies il-prezz ta' referenza fil-punt (e)(ii) ta' l-Artikolu 8(1) għat-trab tal-ħalib xkumat, u l-iżvilupp tas-sitwazzjoni tas-suq fir-rigward tal-ħalib xkumat u tat-trab tal-ħalib xkumat.

Artikolu 100

Għajnuna għall-ħalib xkumat proċessat f'każeina u każeinati

1. Meta jakkumulaw kwantitajiet żejda ta' prodotti tal-ħalib jew ikun hemm riskju li jakkumulaw u joħolqu jew li hemm riskju li joħolqu żbilanċ serju fis-suq, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li għandha tingħata għajnuna għall-ħalib xkumat proċessat f'każeina u każeinati prodotti fil-Komunità, skond kundizzjonijiet u standards tal-prodotti ta' dan it-tip ta' ħalib u l-każeina jew każeinati prodotti minnu li, għandhom ikunu ddeterminati mill-Kummissjoni. L-għajnuna tista' tiġi ffissata minn qabel jew permezz ta' proċeduri ta' sejħiet għal offerti.

2. L-għajnuna għandha tiġi ffissata mill-Kummissjoni billi jitqiesu l-iżvilupp tas-sitwazzjoni tas-suq għat-trab tal-ħalib xkumat u l-prezz ta' referenza għat-trab tal-ħalib xkumat, iffissat fil-punt (e)(ii) ta' l-Artikolu 8(1).

L-għajnuna tista' tvarja, skond jekk il-ħalib xkumat huwiex proċessat f'każeina jew f'każeinati u skond il-kwalità ta' dawk il-prodotti."

(24) L-Artikolu 101 jitħassar.

(25) Il-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 102 jinbidel b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri jistgħu, b'żieda ma' l-għajnuna Komunitarja, jagħtu għajnuna nazzjonali għall-forniment tal-prodotti msemmijin fil-paragrafu 1 lil studenti fi stabbilimenti edukattivi. L-Istati Membri jistgħu jiffinanzjaw l-għajnuna nazzjonali tagħhom permezz ta' taxxa fuq is-settur tal-prodotti tal-ħalib jew bi kwalunkwe kontribuzzjoni oħra mis-settur tal-prodotti tal-ħalib."

(26) Il-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 103e jitħassar.

(27) Il-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 105 jinbidel b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri jistgħu jħallsu għajnuniet speċifiċi nazzjonali għall-ħarsien ta'ażjendi tan-naħal imġiebaħ żvantaġġati minn kundizzjonijiet strutturali jew naturali jew taħt programmi ta' żvilupp ekonomiku, ħlief għal dawk allokati għall-produzzjoni jew għall-kummerċ. Dawn l-għajnuniet għandhom ikunu notifikati lill-Kummissjoni mill-Istati Membri flimkien mal-komunikazzjoni tal-programm ta' l-apikoltura skond l-Artikolu 109."

(28) L-Artikolu 119 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 119
L-użu ta' każeina u każeinati fil-manifattura tal-ġobon

Fejn għajnuna titħallas skond l-Artikolu 100, il-Kummissjoni tista' tissoġġetta l-użu ta' każeina u każeinati fil-manifattura tal-ġobon għal awtorizzazzjoni minn qabel li għandha tingħata biss jekk tali użu huwa kundizzjoni meħtieġa għall-manifattura tal-prodotti."

(29) Il-paragrafu li ġej jiżdied ma' l-Artikolu 122:

"L-Istati Membri jistgħu wkoll jagħrfu organizzazzjonijiet ta' produtturi kostitwiti minn produtturi fi kwalunkwe settur imsemmi fl-Artikolu 1 ħlief għas-setturi msemmijin fil-punt (a) ta' l-ewwel paragrafu, dwar il-kundizzjonijiet imniżżlin fil-punti (b) u (c) ta' dak il-paragrafu."

(30) Il-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 124 jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-Artikolu 122 u l-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 123 għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għar-rikonoxximent, deċiż mill-Istati Membri abbażi tal-liġi nazzjonali u f'konformità mal-liġi Komunitarja, ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi jew organizzazzjonijiet ta' bejn fergħat rispettivament, fi kwalunkwe settur imsemmi fl-Artikolu 1 ħlief għas-setturi msemmijin fil-punt (a) ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 122 u fl-Artikolu 123(1)."

(31) L-Artikolu 180 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 180
Applikazzjoni ta' l-Artikoli 87, 88 u 89 tat-Trattat

L-Artikoli 87, 88 u 89 tat-Trattat għandhom japplikaw għall-produzzjoni tal-prodotti u għall-innegozjar fil-prodotti msemmijin fil-punti (a) sa (k) u l-punti (m) sa (u) ta' l-Artikolu 1(1) u fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament.

Madankollu, l-Artikoli 87, 88 u 89 tat-Trattat m'għandhomx japplikaw għall-pagamenti li saru skond l-Artikoli 45, 46, 47, 48, 102, 103, 103a, 103b, 103e, 104, 105 u 182 minn Stati Membri f'konformità ma' dan ir-Regolament."

(32) Fl-Artikolu 184 jiżdied il-punt (5) li ġej:

"(5) qabel it-30 ta' Ġunju 2011 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għat-tneħħija gradwali mingħajr xkiel tas-sistema tal-kwoti tal-ħalib, inklużi, b'mod partikolari, aktar żidiet possibbli fil-kwoti jew tnaqqis possibbli fis-*superlevy*."

(33) Fl-Artikolu 204, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"5. Fir-rigward tal-lamtu tal-patata, il-Kapitolu III tat-Titolu I tal-Parti II għandu japplika sa l-aħħar tas-sena tas-suq għal-lamtu tal-patata 2012/13."

(34) Il-punt 1 ta' l-Anness IX jinbidel bit-test ta' l-Anness I għal dan ir-Regolament.

(35) It-test ta' l-Anness II għal dan ir-Regolament jiddaħħal bħala l-Anness Xa.

(36) It-test ta' l-Anness III għal dan ir-Regolament jiddaħħal fl-Anness XXII bħala l-punt 20a.

Artikolu 5
Emenda għar-Regolament (KE) Nru 3/2008

Fil-paragrafu 6 ta' l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 3/2008 jinbidel b'dan li ġej:

"6. B'deroga mill-Artikolu 180 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007(*) u l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1184/2006(**), l-Artikoli 87, 88 u 89 tat-Trattat ma għandhomx japplikaw għall-pagamenti li saru mill-Istati Membri, inklużi l-ishma finanzjarji tagħhom, u lanqas għall-ishma finanzjarji minn dħul parafiskali jew minn kontributi obbligatorji ta' l-Istati Membri jew ta' l-organizzazzjonijiet proponenti għall-programmi eliġibbli għall-appoġġ Komunitarju skond l-Artikolu 36 tat-Trattat, li l-Kummissjoni għażlet skond l-Artikolu 8(1) ta' dan ir-Regolament."

(*) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru […]/2008.

(**) ĠU L 214, 04.08.2006, p. 7."

Artikolu 6

Emenda għar-Regolament (KE) Nru […]/2008 [OKS għall-inbid]

Il-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 127 tar-Regolament (KE) Nru […]/2008 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8(4), l-Artikoli 87, 88 u 89 tat-Trattat m'għandhomx japplikaw għall-pagamenti li jsiru skond it-Titolu II, il-Kapitolu III tat-Titolu V u l-Artikolu 119 mill-Istati Membri f'konformità ma' dan ir-Regolament."

Artikolu 7

Revoki

1. Ir-Regolament (KE) Nru 1868/94 jitħassar.

   Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u għandhom jinqraw skond it-tabelli ta' korrelazzjoni rispettivi fl-Anness XXII għal dak ir-Regolament.

2. Ir-Regolamenti (KEE) Nru 1883/78, (KEE) Nru 1254/89, (KEE) Nru 2247/89, (KEE) Nru 2055/93, (KE) Nru 2596/97 u (KE) Nru 1182/2005 jitħassru.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2009.

Madankollu:

(a) Il-punti 1 sa 10 u 13 ta' l-Artikolu 4 għandhom japplikaw mill-:

   (i) 1 ta' Marzu fir-rigward tas-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib,

   (ii) 1 ta' Lulju 2009 fir-rigward tas-settur taċ-ċereali,

   (iii) 1 ta' Settembru 2009 fir-rigward tas-settur tar-ross,

   (iv) 1 ta' Ottubru 2009 fir-rigward tas-settur taz-zokkor;

(b) Il-punti 14, 15, 16, 18 sa 24, 28, 33 u 35 ta' l-Artikolu 4 u l-Artikolu 7(1) għandhom japplikaw mill-1 ta' Lulju 2009;

(c) L-Artikolu 4(17) għandu japplika mill-1 ta' April 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS I

"1. Kwoti nazzjonali: kwantitajiet (tunnellati) għal kull perjodu ta' tnax-il xahar għal kull Stat Membru

Stat Membru	2008/09	2009/10	2010/11	2011/12	2012/13	2013/14	2014/15
Il-Belġju	3 427 288.740	3 461 561.627	3 496 177.244	3 531 139.016	3 566 450.406	3 602 114.910	3 602 114.910
Il-Bulgarija	998 580.000	1 008 565.800	1 018 651.458	1 028 837.973	1 039 126.352	1 049 517.616	1 049 517.616
Ir-Repubblika Ċeka	2 792 689.620	2 820 616.516	2 848 822.681	2 877 310.908	2 906 084.017	2 935 144.857	2 935 144.857
Id-Danimarka	4 612 619.520	4 658 745.715	4 705 333.172	4 752 386.504	4 799 910.369	4 847 909.473	4 847 909.473
Il-Ġermanja	28 847 420.391	29 135 894.595	29 427 253.541	29 721 526.076	30 018 741.337	30 318 928.750	30 318 928.750
L-Estonja	659 295.360	665 888.314	672 547.197	679 272.669	686 065.395	692 926.049	692 926.049
L-Irlanda	5 503 679.280	5 558 716.073	5 614 303.234	5 670 446.266	5 727 150.729	5 784 422.236	5 784 422.236
Il-Greċja	836 923.260	845 292.493	853 745.418	862 282.872	870 905.700	879 614.757	879 614.757
Spanja	6 239 289.000	6 301 681.890	6 364 698.709	6 428 345.696	6 492 629.153	6 557 555.445	6 557 555.445
Franza	25 091 321.700	25 342 234.917	25 595 657.266	25 851 613.839	26 110 129.977	26 371 231.277	26 371 231.277
L-Italja	10 740 661.200	10 848 067.812	10 956 548.490	11 066 113.975	11 176 775.115	11 288 542.866	11 288 542.866
Ċipru	148 104.000	149 585.040	151 080.890	152 591.699	154 117.616	155 658.792	155 658.792
Il-Latvja	743 220.960	750 653.170	758 159.701	765 741.298	773 398.711	781 132.698	781 132.698
Il-Litwanja	1 738 935.780	1 756 325.138	1 773 888.389	1 791 627.273	1 809 543.546	1 827 638.981	1 827 638.981
Il-Lussemburgu	278 545.680	281 331.137	284 144.448	286 985.893	289 855.752	292 754.310	292 754.310
L-Ungerija	2 029 861.200	2 050 159.812	2 070 661.410	2 091 368.024	2 112 281.704	2 133 404.521	2 133 404.521
Malta	49 671.960	50 168.680	50 670.366	51 177.070	51 688.841	52 205.729	52 205.729
L-Olanda	11 465 630.280	11 580 286.583	11 696 089.449	11 813 050.343	11 931 180.847	12 050 492.655	12 050 492.655
L-Awstrija	2 847 478.469	2 875 953.254	2 904 712.786	2 933 759.914	2 963 097.513	2 992 728.488	2 992 728.488
Il-Polonja	9 567 745.860	9 663 423.319	9 760 057.552	9 857 658.127	9 956 234.709	10 055 797.056	10 055 797.056
Il-Portugall	1 987 521.000	2 007 396.210	2 027 470.172	2 047 744.874	2 068 222.323	2 088 904.546	2 088 904.546
Ir-Rumanija	3 118 140.000	3 149 321.400	3 180 814.614	3 212 622.760	3 244 748.988	3 277 196.478	3 277 196.478
Is-Slovenja	588 170.760	594 052.468	599 992.992	605 992.922	612 052.851	618 173.380	618 173.380
Is-Slovakkja	1 061 603.760	1 072 219.798	1 082 941.996	1 093 771.416	1 104 709.130	1 115 756.221	1 115 756.221
Il-Finlandja	2 491 930.710	2 516 850.017	2 542 018.517	2 567 438.702	2 593 113.089	2 619 044.220	2 619 044.220
L-Iżvezja	3 419 595.900	3 453 791.859	3 488 329.778	3 523 213.075	3 558 445.206	3 594 029.658	3 594 029.658
Ir-Renju Unit	15 125 168.940	15 276 420.629	15 429 184.836	15 583 476.684	15 739 311.451	15 896 704.566	15 896 704.566

"

ANNESS II

"ANNESS Xa

Kwoti tal-lamtu tal-patata għal kull sena tas-suq, imsemmija fl-Artikolu 84a

Stat Membru	(tunnellati)
Ir-Repubblika Ċeka	33 660
Id-Danimarka	168 215
Il-Ġermanja	656 298
L-Estonja	250
Spanja	1 943
Franza	265 354
Il-Latvja	5 778
Il-Litwanja	1 211
L-Olanda	507 403
L-Awstrija	47 691
Il-Polonja	144 985
Is-Slovakkja	729
Il-Finlandja	53 178
L-Iżvezja	62 066
TOTAL	1 948 761

"

ANNESS III

"20a. **Ir-Regolament (KEE) Nru 1868/94**

Ir-Regolament (KEE) Nru 1868/94	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	l-Artikolu 55(1)(c)
l-Artikolu 2(1) u (2) l-ewwel subparagrafu	l-Artikolu 84a(1) u (2)
Artikolu 4	l-Artikolu 84a(3)
l-Artikolu 4a	l-Artikolu 95a(2)
Artikolu 5	l-Artikolu 95a(1)
Artikolu 6	l-Artikolu 84a(4) u (5)
Artikolu 7	l-Artikolu 84a(6)
Artikolu 8	l-Artikoli 85(d) u 95a(3)

"

2008/0105 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1698/2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 36 u 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[48],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[49],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[50],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[51],

Billi:

(24) Fil-kuntest tal-valutazzjoni ta' l-implimentazzjoni tar-riforma tal-politika agrikola komuni (PAK) ta' l-2003, it-tibdil fil-klima, is-sorsi ta' enerġija li tiġġedded, il-ġestjoni ta' l-ilma u l-bijodiversità kienu identifikati bħala sfidi ġodda kruċjali għall-agrikoltura Ewropea.

(25) Il-Komunità Ewropea hija parti fil-Protokoll ta' Kyoto[52]. L-Artikolu 2(1)(a)(iii) tal-Protokoll ta' Kyoto jitlob lill-partijiet biex jimplimentaw u/jew jelaboraw aktar il-politiki u l-miżuri skond iċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom, bħal pereżempju: Il-promozzjoni ta' forom sostenibbli ta' agrikoltura fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tat-tibdil fil-klima. Barra dan, l-Artikolu 10(b)(i) jobbliga lill-partijiet biex jifformulaw, jimplimentaw, jippublikaw u jirregolarizzaw regolarment il-programmi nazzjonali u fejn xieraq, dawk reġjonali li jkun fihom miżuri biex itaffu t-tibdil fil-klima u miżuri biex jiffaċilitaw adattamenti xierqa għat-tibdil fil-klima. Dawn it-tipi ta'programmi jkunu, inter alia, jikkonċernaw l-agrikoltura u l-forestrija. Ir-rwol ta' l-appoġġ għall-iżvilupp rurali għandu jisaħħaħ aktar f'dan il-kuntest. Evidenza xjentifika qawwija tenfasizza l-ħtieġa għal azzjoni urġenti. Il-Komunità Ewropea hija mitluba teżamina l-modi kollha possibbli biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra (GHG). Minkejja li l-agrikoltura Ewropea kkontribwiet aktar mis-setturi l-oħrajn biex

---

48 ĠU C …, …, p. ….
49 ĠU C …, …, p. ….
50 ĠU C …, …, p. ….
51 ĠU C …, …, p. ….
52 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2002/358/KE (ĠU L 130, 15.05.2002, p. 1).

tikkontrolla l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, fil-futur is-settur agrikolu huwa mitlub iżid l-isforzi tiegħu għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet bħala parti mill-istrateġija globali tal-Komunità Ewropea għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

(26) Wara li nqalgħu problemi serji relatati ma' l-iskarsezza ta' l-ilma u n-nixfa, jeħtieġ li l-kwistjonijiet dwar il-ġestjoni ta' l-ilma, inkluża l-kwalità ta' l-ilma, jiġu indirizzati aktar fil-fond fl-istrumenti tal-PAK rilevanti[53]. Huwa essenzjali li l-agrikoltura Ewropea jkollha ġestjoni sostenibbli ta' l-ilma, sabiex titjieb l-effiċjenza fir-rigward tal-kwantità ta' l-ilma użata għall-agrikoltura u sabiex il-kwalità ta' l-ilma titħares aħjar. Fil-kuntest tat-tibdiliet mistennija fil-klima, x'aktarx li ż-żoni milquta minn nixfa se jiżdiedu fil-vastità u fil-frekwenza.

(27) It-twaqqif tat-tnaqqis fil-bijodiversità jibqa' sfida ewlenija, u t-tibdil fil-klima u d-domanda għall-ilma jkabbru dik l-isfida. Għalkemm sar progress importanti, il-kisba tal-mira għall-bijodiversità tal-Komunità Ewropea għall-2010 se tirrikjedi sforzi addizzjonali[54]. L-agrikoltura Ewropea għandha rwol ewlieni fil-protezzjoni tal-bijodiversità.

(28) Huwa importanti li operazzjonijiet relatati ma' dawn il-prijoritajiet jissaħħu aktar fil-programmi ta' l-iżvilupp rurali approvati skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005[55].

(29) Meta titqies l-importanza ta' dawn il-prijoritajiet Komunitarji, l-obbligu ta' l-Istati Membri li jipprovdu għal operazzjonijiet relatati ma' l-isfidi l-ġodda fil-programmi ta' l-iżvilupp rurali għandu jiġi definit.

(30) L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jistipula li, bil-għan li jitqiesu l-bidliet ewlenin fil-prijoritajiet Komunitarji b'mod partikolari, il-linji gwida strateġiċi Komunitarji għall-iżvilupp rurali (perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013) adottati bid-deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/144/KE[56] jistgħu jkunu soġġetti għal reviżjoni. Għalhekk, għandha titfassal obbligu ġenerali għall-Istati Membri biex jirrevedu l-istrateġija nazzjonali wara r-reviżjoni tal-linji gwida strateġiċi Komunitarji sabiex jiġi rranġat il-kuntest għall-programmi li għandhom jinbidlu.

(31) Huwa meħtieġ li tiġi ffissata data ta' skadenza għall-introduzzjoni ta' l-operazzjonijiet relatati ma' l-isfidi l-ġodda fil-programmi ta' l-iżvilupp rurali sabiex l-Istati Membri jingħatalhom perjodu ta' żmien raġonevoli biex ibiddlu l-programmi ta' l-iżvilupp rurali tagħhom fid-dawl tal-linji gwida strateġiċi Komunitarji u tal-pjanijiet strateġiċi nazzjonali.

(32) Meta jitqiesu l-obbligi l-ġodda, ir-rekwiżiti dwar il-kontenut tal-programmi ta' l-iżvilupp rurali għandhom jiġu adattati. Lista mhux eżawrjenti tat-tipi ta' operazzjonijiet għandha tiġi provduta sabiex tgħin lill-Istati Membri jidentifikaw l-operazzjonijiet rilevanti relatati ma' l-isfidi l-ġodda fil-kuntest tal-qafas legali għall-iżvilupp rurali.

---

53 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill, il-Lussemburgu, 30.10.2007, 13888/07.

54 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill, Brussell, 18.12.2006, 16164/06.

55 ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 146/2008 (ĠU L 46, 21.02.2008, p. 1).

56 ĠU L 55, 25.02.2006, p. 20.

(33) Sabiex jiġu provduti inċentivi addizzjonali lill-benefiċjarji biex iwettqu operazzjonijiet relatati mal-prijoritajiet il-ġodda, għandha tingħata l-possibilità li jiġu stabbiliti ammonti u rati ogħla ta' appoġġ għal dawn it-tipi ta' operazzjonijiet.

(34) Skond l-Artikolu 9(4) u l-Artikolu 10(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru XXXX/XXXX ta' XX/XX/2008 [li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ [skemi ta' appoġġ dirett] għall-bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa][57] riżorsi finanzjarji miġburin permezz tal-modulazzjoni addizzjonali għandhom jintużaw għall-appoġġ ta' l-iżvilupp rurali. Huwa xieraq li jiġi żgurat li ammont ekwivalenti għal dawk ir-riżorsi finanzjarji għandu jintuża biex ikunu appoġġati operazzjonijiet relatati ma' l-isfidi l-ġodda.

(35) Meta jitqies li l-użu addizzjonali, speċifiku u li jorbot ta' dawn l-ammonti ekwivalenti għar-riżorsi finanzjarji, il-bilanċ stabbilit bejn l-għanijiet ta' l-appoġġ għall-iżvilupp rurali m'għandux ikun affetwat.

(36) Regoli ġodda dwar l-obbligu taħt il-kundizzjonalità fil-każ ta' trasferiment ta' art matul is-sena kalendarja kkonċernata ġew introdotti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 146/2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ [skemi ta' appoġġ dirett] għall-bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u r-Regolament (KE) Nru 1698/2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)[58]. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza, għandhom jiġu provduti l-istess prinċipji għall-kundizzjonalità fl-iżvilupp rurali.

(37) Għal raġunijiet ta' ċarezza u ta' ċertezza legali, għandu jiġi ċċarat f'liema każijiet tnaqqis jew esklużjoni minn pagamenti li jirriżultaw meta ma jkunux rispettati r-rekwiżiti mandatarji (kundizzjonalità) m'għandhomx japplikaw.

(38) L-esperjenza wriet il-ħtieġa li tiġi provduta miżura ta' tolleranza għall-każijiet minuri ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' kundizzjonalità stipulati fl-Artikolu 51 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 li s-severità, l-estensjoni u l-permanenza tiegħu ma jiġġustifikawx tnaqqis immedjat ta' l-appoġġ ta' l-iżvilupp rurali li għandu jingħata. Miżura ta' tolleranza ta' dan it-tip għandha minkejja dan kollu tinkludi segwitu xieraq mill-awtorita nazzjonali kompetenti sakemm in-nuqqas ta' kundizzjonalità tiġi rrimedjata. Barra dan, l-applikazzjoni ta' tnaqqis għal ammonti ta' pagamenti diretti inizjali baxxi ħafna tista' tkun ta' piż meta mqabbla ma' kwalunkwe effett deterrent li se jinkiseb. Konsegwentement, għandu jiġi definit limitu xieraq, taħt liema limitu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikaw l-ebda tnaqqis, basta jittieħdu l-azzjonijiet, mill-awtorità nazzjonali kompetenti, li jiżguraw li l-bidwi jirrimedja s-sejbiet ta' nuqqas ta' konformità kkonċernati.

(39) Ir-rwol u d-dmirijiet tal-kumitat ta' monitoraġġ fir-rigward tal-bidliet fil-programmi ta' l-iżvilupp rurali għandhom jinbidlu sabiex tiżdiedlu l-effiċjenza.

---

57 ĠU L […], […], p. […].
58 ĠU L 46, 21.02.2008, p. 1.

(40) Fl-interess taċ-ċertezza u tas-sempliċità legali huwa xieraq li jiġu kkjarifikati u armonizzati d-dispożizzjonijiet li jipprovdu għan-nuqqas ta' applikazzjoni ta' l-Artikoli 87, 88 u 89 tat-Trattat għal pagamenti li saru mill-Istati Membri skond u f'konformità ma' dan ir-Regolament.

(41) Ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 huwa b'dan emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 11(3), il-punt (d) jinbidel b'dan li ġej:

"(d) lista tal-programmi ta' l-iżvilupp rurali li jimplimentaw il-pjan ta' strateġija nazzjonali, allokazzjoni indikattiva mill-FAEŻR għal kull programm, inklużi l-ammonti stipulati fl-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005*, u indikazzjoni separata ta' l-ammonti stipulati fl-Artikolu 69(5a) ta' dan ir-Regolament."

* *ĠU L 209, 11.08.2005, p. 1.*

(2) Jiżdied l-Artikolu 12a li ġej fl-aħħar tal-Kapitolu II:

"Artikolu 12a
Reviżjoni

1. Kull Stat Membru għandu jirrevedi, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(1), il-pjan ta' strateġija nazzjonali tiegħu b'segwitu għar-reviżjoni tal-linji gwida strateġiċi Komunitarji kif imsemmijin fl-Artikolu 10.

2. L-Istat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni pjan ta' strateġija nazzjonali rivedut mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni dwar il-linji gwida strateġiċi Komunitarji."

(3) Jiddaħħal l-Artikolu 16a li ġej:

"Artikolu 16a
Operazzjonijiet speċifiċi relatati ma' ċerti prijoritajiet

1. Mill-1 ta' Jannar 2010, l-Istati Membri għandhom, fil-programmi ta' l-iżvilupp rurali tagħhom, skond il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, jipprovdu għal tipi ta' operazzjonijiet li għandhom il-prijoritajiet li ġejjin kif deskritti fil-linji gwida strateġiċi Komunitarji u speċifikati aktar fil-pjan nazzjonali strateġiku:

(a) it-tibdil fil-klima,

(b) is-sorsi ta' enerġija li tiġġedded,

(c) il-ġestjoni ta' l-ilma,

(d) il-bijodiversità.

L-Istati Membri jistgħu jibbażaw l-għażla tagħhom fuq il-lista indikattiva tat-tipi ta' operazzjonijiet imniżżlin fl-Anness II ta' dan ir-Regolament u/jew kwalunkwe tip ta' operazzjoni oħra basta dawk l-operazzjonijiet ikunu marbutin mal-prijoritajiet imsemmijin fl-ewwel subparagrafu u jkunu mmirati biex jinkisbu l-effetti potenzjali speċifikati fl-Anness II.

2. Mill-1 ta' Jannar 2010, għal tipi ta' operazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, ir-rati ta' l-intensità ta' l-għajnuna ffissati fl-Anness I jistgħu jiżdiedu *b'10 punti perċentwali.*

3. Mill-1 ta' Jannar 2010, kull programm ta' l-iżvilupp rurali għandu jinkludi wkoll:

(a) il-lista tat-tipi ta' operazzjonijiet u t-tagħrif imsemmijin fl-Artikolu 16(c) dwar it-tipi speċifiċi ta' operazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

(b) tabella li tiddefinixxi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2013 il-kontribut totali tal-Komunità għal tipi ta' operazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 69(5a)."

(4) Fl-Artikolu 17 jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. L-ammonti ekwivalenti għal dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-modulazzjoni obbligatorja skond l-Artikolu 69(5a) m'għandhomx jitqiesu fil-kontribut totali tal-FAEŻR li minnu l-kontribut finanzjarju Komunitarju minimu għal kull assi jiġi kkalkulat kif stipulat fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu."

(5) Fl-Artikolu 51(1), jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"L-ewwel u t-tieni subparagrafi għandhom japplikaw ukoll fejn, in-nuqqas ta' konformità in kwistjoni tkun ir-riżultat ta' azzjoni jew ommissjoni marbuta direttament mal-persuna li lilha jew li minnha ġiet ittrasferita l-art.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, it-terminu "trasferiment" ifisser kull tip ta' transazzjoni li permezz tagħha l-art agrikola ma tibqax għad-dispożizzjoni ta' dak li qed jittrasferixxi.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, it-terminu "azjenda sħiħa" ma għandux jinkludi attivitajiet mhux agrikoli fuq azjenda u żoni mhux agrikoli li għalihom ma jintalab l-ebda appoġġ skond l-Artikoli 36(b)(i), (iv) u (v) ta' dan ir-Regolament."

(6) L-Artikolu 51, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. It-tnaqqis jew it-tħassir ta' pagamenti msemmijin fil-paragrafu 1 għandu japplika soġġett għad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) It-tnaqqis jew it-tħassir m'għandux japplika għal standards li għalihom ingħata perjodu ta' konċessjoni skond l-Artikolu 26(1)(b) waqt il-perjodu ta' konċessjoni.

(b) Skond il-kundizzjonijiet stipulati fir-regoli dettaljati msemmijin fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx tnaqqis jew tħassir li jammonta għal EUR 100 jew anqas għal kull bidwi u għal kull sena kalendarja, u li jinkludi kwalunkwe tnaqqis jew tħassir applikat għall-pagamenti diretti skond l-Artikolu 25(1) tar-Regolament (KE) [Nru XXXX/2008 (ir-Regolament il-ġdid dwar skemi ta' appoġġ dirett għall-bdiewa)].

Fejn Stat Membru jiddeċiedi li jiddisponi mill-għażla stipulata fl-ewwel subparagrafu, fis-sena ta' wara l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-azzjonijiet meħtieġa biex tiżgura li l-bidwi jirrimedja s-sejbiet tan-nuqqas ta' konformità kkonċernati. Is-sejba u l-azzjoni ta' rimedju li għandha tittieħed għandhom jiġu notifikati lill-benefiċjarju.

(c) Fil-każ li n-nuqqas ta' konformità msemmi fil-paragrafu 1 ikun minħabba negliġenza tal-benefiċjarju u f'każijiet ġustifikati, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li m'hu se jiġi applikat l-ebda tnaqqis fejn, meta titiqies is-severità, l-estensjoni u l-permanenza tiegħu, każ ta' nuqqas ta' konformità għandu jiġi kkunsidrat bħala minuri. Madankollu każijiet ta' nuqqas ta' konformità li jikkostitwixxu riskju dirett għall-pubbliku jew għas-saħħa ta' l-annimali ma għandhomx jitqiesu bħala minuri.

Sakemm il-benefiċjarju ma jkunx ħa azzjoni ta' rimedju immedjata biex iwaqqaf in-nuqqas ta' konformità, l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-azzjonijiet meħtieġa li jistgħu, fejn xieraq, jiġu ristretti għal kontroll amministrattiv, biex jiġi żgurat li l-bidwi jirrimedja s-sejbiet tan-nuqqas ta' konformità kkonċernati. Is-sejba ta' nuqqas ta' konformità minuri u l-azzjoni ta' rimedju li għandha tittieħed għandhom jiġu notifikati lill-benefiċjarju."

(7) Fl-Artikolu 69 jiddaħħlu dawn il-paragrafi 5*a*, 5*b* u 5*c* li ġejjin:

"(5a) Ammont ekwivalenti għall-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-modulazzjoni obbligatorja skond l-Artikoli 9(4) u 10(4) tar-Regolament (KE) [Nru XXXX/2008 (ir-Regolament il-ġdid dwar skemi ta' appoġġ dirett għall-bdiewa)] għandu jintnefaq mill-Istati Membri fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2015 bħala appoġġ Komunitarju skond il-programmi attwali ta' l-iżvilupp rurali għal operazzjonijiet tat-tipi msemmijin fl-Artikolu 16a ta' dan ir-Regolament approvat wara l-1 ta' Jannar 2010.

(5b) Jekk fl-għeluq tal-programm, l-ammont totali li jkun intnefaq fuq l-operazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 5a ta' dan l-Artikolu jkun iżgħar mill-ammont imsemmi fl-Artikolu 16a(3)(b), id-differenza għandha tkun rimborżata mill-Istat Membru lill-baġit tal-Komunità sa l-ammont li bih l-allokazzjonijiet totali disponibbli għall-operazzjonijiet minbarra dawk imsemmijin fl-Artikolu 16a jkunu nqabżu.

(5c) L-ammonti msemmijin fil-paragrafu 5a mhux se jitqiesu għall-finijiet ta' l-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005."

(8) Fl-Artikolu 78, il-punt (f) jinbidel b'dan li ġej:

"(f) għandu jikkunsidra u japprova kwalunkwe proposti sostanzjali għal bidliet fil-programmi ta' l-iżvilupp rurali."

(9) Fl-Artikolu 88(1), it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Madankollu, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 89 ta' dan ir-Regolament, l-Artikoli 87, 88 u 89 tat-Trattat m'għandomx japplikaw għall-pagamenti li saru mill-Istati Membri skond u f'konformità ma' dan ir-Regolament fi ħdan l-ambitu ta' l-Artikolu 36 tat-Trattat."

(10) L-Anness huwa emendat kif ġej:

(a) It-titolu jinbidel b'dan li ġej:

"Anness I"

(b) In-nota ta' qiegħ il-paġna "****" tinbidel b'dan li ġej:

*"****Dawn l-ammonti jistgħu jiżdiedu għat-tipi ta' operazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 16a ta' dan ir-Regolament u f'każijiet oħrajn eċċezzjonali billi jitqiesu ċirkustanzi speċifiċi li għandhom jiġu ġġustifikati fil-programmi ta' l-iżvilupp rurali."*

(11) Il-kelma "Anness" tinbidel b'"Anness I" fl-Anness u fl-Artikoli li ġejjin: 22(2), 23(6), 24(2), 26(2), 27(3), 28(2), 31(2), 32(2), 33, 34(3), 35(2), 37(3), 38(2), 39(4), 40(3), 43(4), 44(4), 45(3), 46, 47(2), 88(2), 88(4), 88(6).

(12) Jiżdied l-Anness II il-ġdid, li t-test tiegħu jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

"ANNESS II

Tipi ta’ operazzjonijiet indikattivi relatati mal-prijoritajiet imsemmijin fl-Artikolu 16a

Prijorità: It-tibdil fil-klima		
Tipi ta' operazzjonijiet	**Artikoli u miżuri**	**Effetti potenzjali**
Żieda fl-effiċjenza ta’ l-użu tal-fertilizzant tan-nitroġenu (pereżempju inqas użu, tagħmir, agrikoltura ta’ preċiżjoni), titjib fil-ħżin tad-demel	L-Artikolu 26: il-modernizzazzjoni ta’ azjendi agrikoli L-Artikolu 39: pagamenti agroambjentali	Tnaqqis fl-emissjonijiet tal-metan (CH_4) u ta’ l-ossidu nitruż (N_2O)
Titjib fl-effiċjenza ta’ l-enerġija	L-Artikolu 26: il-modernizzazzjoni ta’ azjendi agrikoli	Tnaqqis fl-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju (CO_2) permezz ta’ l-iffrankar ta’ l-enerġija.
Prattiki ta’ ġestjoni tal-ħamrija (pereżempju metodi tat-tkabbir ta’ l-uċuh, uċuh li jikbru malajr, newbiet diversifikati ta’ l-uċuh)	L-Artikolu 39: pagamenti agroambjentali	Tnaqqis ta’ l-ossidu nitruż (N_2O); l-iżolament tal-karbonju.
Bidla fl-Użu ta’ l-art (pereżempju l-bidla ta’ art li tinħarat f’mergħat, serħan permanenti ta’ l-artijiet, tnaqqis ta’ l-użu/restawr ta’ ħamrija organika)	L-Artikolu 39: pagamenti agroambjentali	Tnaqqis ta’ l-ossidu nitruż (N_2O); l-iżolament tal-karbonju.
L-estensifikazzjoni tal-bhejjem (pereżempju tnaqqis tad-densità ta’ l-istokkijiet, żieda fil-mergħa)	L-Artikolu 39: pagamenti agroambjentali	Tnaqqis tal-metan (CH_4).
It-tisġir	l-Artikoli 43 u 45: l-ewwel tisġir ta' art agrikola u ta’ art mhux agrikola	Tnaqqis ta’ l-ossidu nitruż (N_2O); l-iżolament tal-karbonju.
Il-prevenzjoni tan-nirien fil-foresti	L-Artikolu 48: ir-restawr tal-potenzjal tal-forestrija u l-introduzzjoni ta’ azzjonijiet ta’ prevenzjoni	Iżolament tal-karbonju fil-foresti u jiġu evitati l-emissjonijiet ta’ l-ossidu tal-karbonju (CO_2).
Prijorità: Sorsi ta’ enerġija li tiġġedded		
Tipi ta' operazzjonijiet	**Artikoli u miżuri**	**Effetti potenzjali**
Produzzjoni tal-bijogass – pjanti ta’ diġestjoni anerobika li jużaw skart ta’ l-annimali (fuq il-produzzjoni fil-farm u dik lokali)	L-Artikolu 26: il-modernizzazzjoni ta’ azjendi agrikoli L-Artikolu 53: id-diversifikazzjoni għal attivitajiet mhux agrikoli	Is-sostituzzjoni tal-karburanti fossili; it-tnaqqis tal-metan (CH_4)
Uċuh perenni ta’ enerġija (msaġar ta' newba	L-Artikolu 26: il-modernizzazzjoni ta’	Is-sostituzzjoni tal-karburanti fossili; l-iżolament tal-karbonju;

qasira u ħxejjjex erbaċeji)	azjendi agrikoli	it-tnaqqis ta' l-ossidu nitruż (N_2O);
L-ipproċessar ta' bijomassa agrikola/mill-foresti għall-enerġija li tiġġedded	L-Artikolu 28: jiżdied il-valur tal-prodotti agrikoli u tal-forestrija	Is-sostituzzjoni tal-karburanti fossili.
Stabbilimenti/infrastruttura għall-enerġija li tiġġedded bl-użu ta' bijomassa	L-Artikolu 53: id-diversifikazzjoni għal attivitajiet mhux agrikoli L-Artikolu 54: appoġġ għall-ħolqien u għall-iżvilupp tal-kummerċ L-Artikolu 56: servizzi bażiċi għall-ekonomija u għall-popolazzjoni rurali	Is-sostituzzjoni tal-karburanti fossili.
Prijorità: Il-Ġestjoni ta' l-Ilma		
Tipi ta' operazzjonijiet	**Artikoli u miżuri**	**Effetti potenzjali**
Teknoloġiji għall-iffrankar ta' l-ilma, ħżin ta' l-ilma Tekniki ta' produzzjoni li jiffrankaw l-ilma	L-Artikolu 26: il-modernizzazzjoni ta' azjendi agrikoli L-Artikolu 30: l-infrastruttura	Titjieb il-kapaċità ta' użu aktar effiċjenti ta' l-ilma.
Restawr ta' artijiet mistagħdra Il-bidla ta' art agrikola f'foresta/sistemi ta' agroforestrija	L-Artikolu 39: pagamenti agroambjentali L-Artikolu 41: investimenti mhux produttivi l-Artikoli 43 u 45: l-ewwel tisġir ta' art agrikola u ta' art mhux agrikola	Il-konservazzjoni ta' korpi ta' l-ilma ta' valur għoli; il-ħarsien tal-kwalità ta' l-ilma.
L-iżvilupp ta' korpi ta' l-ilma semi-naturali	L-Artikolu 57: il-konservazzjoni u t-titjib tal-wirt rurali	Il-konservazzjoni ta' korpi ta' l-ilma ta' valur għoli; il-ħarsien tal-kwalità ta' l-ilma.
Prattiki ta' ġestjoni tal-ħamrija (pereżempju uċuh li jikbru malajr)	L-Artikolu 39: pagamenti agroambjentali	**Kontribut għat-tnaqqis ta' telf** ta' **komposti differenti fl-ilma, inkluż** il-fosforu.

Prijorità: Il-Bijodiversità		
Tipi ta' operazzjonijiet	**Artikoli u miżuri**	**Effetti potenzjali**
Ma jiġux applikati fertilizzanti u pestiċidi fuq art agrikola ta' valur naturali għoli Produzzjoni integrata u organika	L-Artikolu 39: pagamenti agroambjentali	Tipi ta' veġetazzjonijiet rikki fl-ispeċijiet, ħarsien u żamma ta' artijiet erbaċei
Għelieqi perenni u meded ta' konfini f'xtut ix-xmajjar Bini/ġestjoni ta' bijotopi/ħabitats ġewwa jew 'il barra mis-siti ta' Natura 2000 Bidla fl-Użu ta' l-art (ġestjoni estensiva ta' art erbaċea, konverżjoni ta' art ikkultivata f'mergħa, serħan ta' l-artijiet għall-perjodu ta' żmien twil) Ġestjoni ta' pjanti perenni ta' valur naturali għoli	l-Artikoli 38 u 46: pagamenti ta' Natura 2000 L-Artikolu 39: pagamenti agroambjentali L-Artikolu 41: investimenti mhux produttivi L-Artikolu 47: pagamenti għall-foresti u għall-ambjent L-Artikolu 57: il-konservazzjoni u t-titjib tal-wirt rurali	Għasafar u annimali salvaġġi oħrajn protetti u netwerk tal-bijotopi imtejjeb; inqas tidħil ta' sustanzi ta' ħsara f'ħabitats fil-konfini
Konservazzjoni ta' diversità ġenetika	L-Artikolu 39: pagamenti agroambjentali	Diversità ġenetika konservata.

"

2008/0106 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni 2006/144/KE dwar il-linji gwida strateġiċi Komunitarji għall-iżvilupp rurali (perjodu ta' programmazzjoni 2007 sa 2013)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ta' l-20 ta' Settembru 2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FEAŻR)[59], u b'mod partikolari l-Artikoli 9 u 10 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[60],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[61],

Billi:

(42) Il-Kunsill permezz tad-Deċiżjoni Nru 2006/144/KE[62] tiegħu adotta l-linji gwida strateġiċi Komunitarji għall-iżvilupp rurali (perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013), minn hawn 'il quddiem "il-linji gwida strateġiċi Komunitarji".

(43) L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jistipula li bil-għan li jitqiesu b'mod partikolari l-bidliet ewlenin fil-prijoritajiet Komunitarji, il-linji gwida strateġiċi Komunitarji jistgħu jkunu soġġetti għal reviżjoni.

(44) Fil-kuntest tal-valutazzjoni ta' l-implimentazzjoni tar-riforma tal-Politika Agrikola Komuni ta' l-2003 t-tibdil fil-klima, is-sorsi ta' enerġija li tiġġedded, il-ġestjoni ta' l-ilma u l-bijodiversità kienu identifikati bħala l-isfidi l-ġodda kruċjali. L-għanijiet relatati ma' dawn il-prijoritajiet għandhom jissaħħu aktar fil-programmi ta' l-iżvilupp rurali approvati skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005.

(45) Il-linji gwida strateġiċi Komunitarji għandhom jidentifikaw l-oqsma importanti għat-twettiq tal-prijoritajiet Komunitarji riveduti relatati mat-tibdil fil-klima, is-sorsi ta' enerġija li tiġġedded, il-ġestjoni ta' l-ilma u l-bijodiversità.

---

59 ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 146/2008 (ĠU L 46, 21.02.2008, p. 1).

60 ĠU C …, …, p. ….

61 ĠU C …, …, p. ….

62 ĠU L 55, 25.02.2006, p. 20.

(46) Abbażi tar-reviżjoni tal-linji gwida strateġiċi Komunitarji, kull Stat Membru għandu jirrevedi l-pjan ta' l-istrateġija nazzjonali tiegħu bħala l-qafas ta' referenza għar-reviżjoni tal-programmi ta' l-iżvilupp rurali.

(47) Il-linji gwida strateġiċi Komunitarji għalhekk għandhom jiġu emendati skond dan,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-20 ta' Frar 2006 (2006/144/KE) hija hawnhekk emendata kif ġej:

Fl-Anness, jiżdiedu l-paragrafi 2.5 u 3.4a, li t-test tagħhom huwa mniżżel fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

Il-linji gwida strateġiċi Komunitarji għall-iżvilupp rurali (perjodu ta' programmazzjoni 2007 sa 2013), imniżżlin fl-Anness għad-Deċiżjoni 2006/144/KE, huma emendati kif ġej:

(1) Fil-Parti 2, jiżdied il-punt li ġej:

"2.5 Nilqgħu l-isfidi l-ġodda

Bħala parti mir-riformi introdotti fl-2003, il-bilanċ bejn in-nefqa għall-pagamenti diretti taħt l-ewwel pilastru tal-PAK u l-finanzjament tal-politika ta' l-iżvilupp rurali ġie rivedut ukoll. Bil-baġit globali tal-PAK fiss sa l-2013, finanzjament addizzjonali għall-iżvilupp rurali jista' jitwettaq biss permezz ta' żieda fil-modulazzjoni obbligatorja. Il-finanzjament addizzjonali huwa meħtieġ sabiex isaħħaħ mill-ġdid l-isforzi fir-rigward tal-prijoritajiet ta' l-UE fil-qasam tat-tibdil fil-klima, ta' l-enerġija li tiġġedded, tal-ġestjoni ta' l-ilma u tal-bijodiversità:

- Il-klima u l-enerġija saru prijoritajiet, għaliex l-UE qiegħda minn ta' quddiem biex tibni ekonomija globali li tuża ftit karbonju. F'Marzu 2007, il-Kunsill Ewropew adotta konklużjonijiet[63] biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO_2 b'talanqas 20% sa l-2020 (30% bħala parti minn ftehim internazzjonali dwar miri globali) u biex tiġi stabbilita mira obbligatorja ta' 20% għall-użu ta' sorsi ta' l-enerġija li tiġġedded, inkluż sehem ta' 10% ta' bijokarburanti fil-konsum tal-petrol u tad-diżil. L-agrikoltura u l-forestrija jistgħu jagħtu kontribut importanti fil-forniment ta' stokkijiet ta' għalf għall-bijoenerġija, għas-separazzjoni tal-karbonju u għal aktar tnaqqis fl-emissjonijiet GHG.

- L-għanijiet ta' l-UE fir-rigward tal-politika ta' l-ilma huma stipulati fid-Direttiva Nru 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma[64], li se tibda tilħaq l-implimentazzjoni sħiħa fil-perjodu 2010-2012. L-agrikoltura u l-forestrija bħala utenti ewlenin ta' l-ilma u tar-riżorsi ta' l-ilma għandhom rwol kbir fil-ġestjoni sostenibbli ta' l-ilma kemm f'termini ta' kwantità kif ukoll ta' kwalità. Il-ġestjoni ta' l-ilma se tkun parti dejjem aktar importanti fl-istrateġija ta' adattament biex jiġi trattat it-tibdil fil-klima li diġà ma jistax jiġi evitat.

- L-Istati Membri impenjaw lilhom infushom biex iwaqqfu n-nuqqas fil-bijodiversità sa l-2010, mira li aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar tidher li mhijiex se tintlaħaq. Parti kbira tad-diversità bijoloġika ta' l-Ewropa tiddependi fuq l-agrikoltura u l-forestrija u l-isforzi għall-ħarsien tal-bijodiversità se jkollhom jissaħħu, b'mod partikolari fid-dawl ta' l-effetti avversi mistennija mit-tibdil fil-klima u mid-domanda għall-ilma dejjem tiżdied."

---

63 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill, Brussell, 8/9 ta' Marzu 2007, 7224/1/07 REV 1.

64 ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.

(2) Fil-Parti 3, jiżdied il-punt 3.4*a*. li ġej:

"3.4a. Nindirizzaw l-isfidi l-ġodda

Linja gwida strateġika Komunitarja
It-tibdil fil-klima, l-enerġija li tiġġedded, il-ġestjoni ta' l-ilma u l-bijodiversità huma sfidi kruċjali għaż-żoni rurali, għall-agrikoltura u għall-forestrija ta' l-Ewropa. Bħala parti mill-istrateġija globali ta' l-UE kontra t-tibdil fil-klima, l-agrikoltura u l-forestrija se jintalbu jikkontribbwixxu aktar fil-futur biex ikunu kkontrollati l-emissjonijiet tal-gass b'effett ta' serra u biex jiżdied l-iżolament tal-karbonju. Iż-żieda tal-produzzjoni ta' enerġija li tiġġedded mill-bijomassa agrikola u tal-forestrija għandha tgħin ukoll biex jintlaħqu l-miri l-ġodda ta' l-UE tal-konsum totali ta' fjuwil u enerġija sa l-2020. Prattiki ta' ġestjoni ta' l-ilma aktar sostenibbli fl-agrikoltura se jkunu essenzjali biex jiżguraw kwantità suffiċjenti u l-kwalità ta' l-ilma għall-futur, u biex isir adattament għall-impatti tat-tibdil fil-klima previsti fuq ir-riżorsi ta' l-ilma. Barraminnhekk, it-twaqqif tat-tnaqqis tal-bijodiversità jibqa' sfida ewlenija. Għalhekk, ir-riżorsi addizzjonali li se jkunu disponibbli mill-2010 permezz ta' żieda fil-modulazzjoni obbligatorja għandhom jintużaw biex isaħħu mill-ġdid il-prijoritajiet ta' l-UE fl-oqsma msemmijin hawn fuq.

Sabiex jilħqu dawn il-prijoritajiet, l-Istati Membri huma mħeġġin jiffukaw l-appoġġ fuq azzjonijiet ewlenin. Azzjonijiet ewlenin ta' dan it-tip jistgħu jinkludu t-tipi ta' operazzjonijiet li ġejjin:

(i) B'mod partikolari appoġġ għall-investiment skond l-assi 1 jista' jkun immirat lejn makkinarju li jiffranka l-enerġija, l-ilma u input ieħor kif ukoll għall-produzzjoni ta' enerġija li tiġġedded għall-użu fil-farms. Fil-katina ta' l-ikel agrikolu u fis-settur tal-forestrija appoġġ għall-investiment għandu jgħin biex jiġu żviluppati modi innovattivi u aktar sostenibbli għall-ipproċessar tal-bijokarburanti.

(ii) Skond l-assi 2 il-miżura għall-ambjent agrikolu u l-miżuri għall-forestrija jistgħu jintużaw b'mod partikolari biex ikabbru l-bijodiversità billi jikkonservaw tipi ta' veġetazzjonijiet rikki fl-ispeċijiet, bil-ħarsien u biż-żamma ta' artijiet erbaċei u b'forom estensivi ta' produzzjoni agrikola. Azzjonijiet speċifiċi skond l-assi 2, bħall-ambjent agrikolu jew it-tisġir jistgħu wkoll jgħinu biex titjieb il-kapaċità ta' ġestjoni aħjar tar-riżorsi ta' l-ilma disponibbli f'termini ta' kwantità u ta' ħarsien aħjar f'termini ta' kwalità. Barraminnhekk, ċerti azzjonijiet agroambjentali u tal-forestrija jikkontribbwixxu għall-kontroll ta' emissjonijiet ta' ossidu nitruż (N_2O) u metan (CH_4) u jgħinu biex jiżdied l-iżolament tal-karbonju.

(iii) Skond l-assi 3 u 4 proġetti fuq skala lokali u kooperazzjoni għall-proġetti ta' enerġija li tiġġedded jistgħu jkunu appoġġati kif ukoll d-diversifikazzjoni tal-bdiewa fil-produzzjoni tal-bijoenerġija. Il-konservazzjoni tal-wirt naturali tista' tgħin fil-ħarsien ta' ħabitats ta' valur naturali għoli u ta' korpi ta' l-ilma ta' valur għoli.

(iv) Minħabba li ż-żoni rurali kollha qegħdin jiffaċċjaw il-kwistjonijiet tat-tibdil fil-klima u l-enerġija li tiġġedded l-Istati Membri jistgħu jħeġġu lill-gruppi Mexxejja biex jittrattaw dawn il-kwistjonijiet fl-istrateġiji għall-iżvilupp lokali tagħhom bħala temi transversali. Il-gruppi qegħdin f'pożizzjoni tajba biex jikkontribbwixxu għall-adattament għat-tibdil fil-klima u għal soluzzjonijiet ta' enerġija li tiġġedded adattati għas-sitwazzjoni lokali.

(v) Bħala prinċipju ġenerali appoġġ għandu jkun immirat għal tipi ta' operazzjonijiet li huma koerenti ma' l-għanijiet u d-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 u li jikkontribbwixxu għall-ġenerazzjoni ta' effetti pożittivi potenzjali meta jitqiesu l-isfidi l-ġodda bħal dawk speċifikati fl-Anness II għal dak ir-Regolament."

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA

1.	INTESTATURA TAL-BAĠIT (2008): 67 03 05 02 05 03 05 04	APPROPRJAZZJONIJIET (2008): (EUR miljun) p.m. 4 032 36 832 12 927
2.	TITOLU: Ir-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ [skemi ta' appoġġ dirett] għall-bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa; Ir-Regolament tal-Kunsill dwar modifiki fil-politika agrikoli komuni bl-emenda tar-Regolamenti (KE) Nru 320/2006, (KE) Nru 1234/2007, KE Nru 3/2008 u (KE) Nru […]/2008; Ir-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1698/2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR); Id-Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2006/144/KE dwar il-linji gwida strateġiċi Komunitarji għall-iżvilupp rurali (perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013)	
3.	BAŻI ĠURIDIKA: L-Artikoli 36 u 37 tat-Trattat	
4.	GĦANIJIET: – Li jsiru l-aġġustamenti meħtieġa biex tiġi ssimplifikata l-politika agrikola komuni, – li l-PAK tkun tista' taħtaf opportunitajiet ġodda tas-suq u – li jkunu indirizzati l-isfidi l-ġodda tat-tibdil fil-klima, il-ġestjoni ta' l-ilma u l-bijoenerġija.	

5.	IMPLIKAZZJONIJIET FINANZJARJI	2009 (EUR miljun)	2010 (EUR miljun)	2011 (EUR miljun)
5.0	NEFQA – IDDEBITATA LILL-BAĠIT TAL-KE (RIFUŻJONIJIET/INTERVENTI) – AWTORITAJIET NAZZJONALI – OĦRAJN	–	–9	–180
5.1	DĦUL DĦUL ASSENJAT	–	–	–

		2012 (EUR miljun)	2013 (EUR miljun)
5.0.1	NFIQ STMAT	–115	–124
5.1.1	DĦUL STMAT	–55	–110

5.2	METODU TA' KALKOLU: Jekk jogħġbok irreferi għat-tabelli mehmużin.	
6.0	IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT MILL-APPROPRJAZZJONIJIET IMDAĦĦLA FIL-KAPITOLU RILEVANTI TAL-BAĠIT ATTWALI?	~~IVA LE~~
6.1	IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT PERMEZZ TA' TRASFERIMENT BEJN IL-KAPITOLI TAL-BAĠIT ATTWALI?	~~IVA LE~~
6.2	SE JKUN MEĦTIEĠ BAĠIT SUPPLIMENTARI?	~~IVA LE~~
6.3	L-APPROPRJAZZJONIJIET SE JKOLLHOM JITNIŻŻLU FIL-BAĠITS TAL-FUTUR?	IVA ~~LE~~

OSSERVAZZJONIJIET:
L-effett nett annwali tar-riforma fuq il-baġit huwa limitat (se jkunu ffrankati €14-il miljun fl-2013). L-effetti ewlenin fuq il-baġit huma tnejn:
(i) żieda fil-proporzjon ta' pagamenti diretti li se jkunu kompletament diżakkoppjati mill-produzzjoni;
(ii) it-trasferiment ta' ammont annwali li jiżdied (sa €2.0 biljuni fl-2013) minn miżuri tas-suq u għajnuniet diretti għall-iżvilupp rurali biex jiġu indirizzati l-isfidi l-ġodda msemmijin hawn fuq.

KALKOLU TA' L-IMPATT FINANZJARJU NETT PERMEZZ TAL-KAPITOLU TAL-BAĠIT TAL-PROPOSTI GĦALL-KONTROLL TAS-SAĦĦA

Sena tal-baġit	2009	2010	2011	2012	2013
Dħul					
6703 (tnaqqis ta' l-ammont)				–55	–110
Infiq					
05 02 Swieq	0	–9	–36	–146	–155
05 03 Għajnuniet diretti (qabel il-modulazzjoni)	0	0	–144	32	32
Ammont nett 05 02 u 05 03 qabel il-modulazzjoni	**0**	**–6**	**–178**	**–115**	**–124**
05 03 Għajnuniet diretti (trasferiment tal-modulazzjoni għall-iżvilupp rurali)	0	–563	–977	–1427	–2022
05 04 Żvilupp Rurali	0	563	977	1427	2022
SPIŻA NETTA (05 02, 05 03, 05 04)	**0**	**–9**	**–180**	**–115**	**–124**
IMPATT NETT TAL-BAĠIT INKLUŻ ID-DĦUL ASSENJAT (67 03, 05 02, 05 03, 05 04)	**0**	**–9**	**–180**	**–59**	**–14**

KALKOLU TA' L-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTI GĦALL-KONTROLL TAS-SAĦĦA FIS-SETTUR TAL-ĦALIB FUQ ID-DĦUL ASSENJAT

Sena tal-baġit	Bażi legali	2009	2010	2011	2012	2013
IS-SETTUR TAL-ĦALIB						
-Impatt fuq is-*super levy* wara ż-żidiet tal-kwoti tal-ħalib (tnaqqis fl-ammont)		–	–	–	–55,1	–110,2

KALKOLU TA' L-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTI GĦALL-KONTROLL TAS-SAĦĦA (HC) FIS-SETTUR TAS-SUQ

Miljun €

Sena tal-baġit	Bażi legali	2009	2010	2011	2012	2013
A. It-tneħħija ta' l-HC fuq is-serħan ta' l-artijiet u r-restrizzjoni ta' l-intervent għall-qamħ biss						
Impatt fuq ir-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni taċ-ċereali		0,0	0,0	0,0	0,0	0,0
Impatt fuq ħżin ta' intervent għaċ-ċereali, inkluż il-limitazzjoni ta' l-intervent għall-qamħ*	l-Artikoli 10-13, l-Artikolu 18	0,0	23,7	47,8	78,3	73,3
B. Miżuri oħrajn						
Primjum għal-lamtu tal-patata	l-Artikoli 84a, 95a				–43,4	–43,4
Rifużjonijiet fuq il-produzzjoni għal-lamtu	ex l-Artikolu 96			0,0	0,0	0,0
TOTAL		**0,0**	**23,7**	**47,8**	**34,9**	**29,9**

* Ix-xenarju ta' l-HC ġie kkalkulat abbażi tax-xiri tal-qamħ bil-prezz sħiħ ta' l-intervent. Madankollu, bl-intervent ibbażat fuq is-sejħiet għal offerti (il-proposta ta' l-HC), dan għandu jiġu kkunsidrat bħala impatt massimu. L-ammont ta' kwalunkwe tnaqqis ma jistax jiġi kkwantifikat f'dan l-istadju.

IS-SETTUR TAR-ROSS - It-tneħħija ta' l-intervent għar-ross	l-Artikolu 10			–	–	–
IL-KITTIEN U L-QANNEB - Għajnuna transitorja akkoppjata	R. 1234/2007 l-Artikoli 92 sa 94				–4,2	–8,1
L-GĦALF NIEXEF - It-tneħħija ta' l-għajnuna għas-suq	R. 1234/2007 l-Artikoli 86 sa 90			–52,3	–145,2	–145,2
IS-SETTUR TAL-ĦALIB						
A. <u>Miżuri li saru mhux obbligatorji bil-possibilità ta' impatt fuq il-baġit:</u>						
- L-intervent għall-butir: intervent mhux obbligatorju b'sejħa għal offerti wara x-xiri ta' 30 000 t b'sejħa għal offerti	l-Artikolu 18					
- l-intervent għall-SMP: intervent mhux obbligatorju b'sejħa għal offerti wara x-xiri ta' 109 000 t b'sejħa għal offerti	l-Artikolu 18					
- Ħżin privat għall-butir isir mhux obbligatorju abbażi tas-sitwazzjoni tas-suq	l-Artikolu 34a		(–18)	(–18)	(–18)	(–18)
- Għajnuna għall-SMP bħala għalf issir mhux obbligatorja abbażi tas-sitwazzjoni tas-suq	l-Artikolu 99					
- Għajnuna għall-produzzjoni tal-każeina issir mhux obbligatorja abbażi tas-sitwazzjoni tas-suq	l-Artikolu 100					
B. <u>Miżuri b'impatt fuq il-baġit:</u>						
- It-tneħħija ta' l-għajnuna għall-allokazzjoni tal-butir	ex l-Artikolu 101		–10,0	–10,0	–10,0	–10,0
- It-tneħħija ta' l-għajnuna għall-ħżin privat tal-ġobon	ex l-Artikolu 28(b)		–24,0	–24,0	–24,0	–24,0
C. <u>Is-sistema tal-kwoti (rata ta' tnaqqis gradwali fit-tkabbir)</u>						
- L-impatt fuq ir-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni (b)			1,6	2,5	2,3	2,1
TOTAL TAL-ĦALIB U TAL-PRODOTTI TAL-ĦALIB			**–32,4**	**–31,5**	**–31,7**	**–31,9**
IS-SETTUR TAL-LAĦAM TAL-MAJJAL - It-tneħħija ta' l-intervent għal-laħam tal-majjal	ex l-Artikolu 17		–	–	–	–
It-tneħħija ta' l-Artikolu 44 tar-Regolament Nru 1234/2007 (mard ta' l-annimali) (a)	ex l-Artikolu 44	a	–	–	–	–

(a) Bil-proposta dawn il-miżuri fil-futur se jkunu ffinanzjati skond l-Artikolu 60 il-ġdid tar-Regolament il-ġdid li jibdel ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003.
(b) bis-suppożizzjoni li l-ipotesi li nżammet għall-bilanċ tas-suq timmaterjalizza.

KALKOLU TA' L-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTI GĦALL-KONTROLL TAS-SAĦĦA FUQ IS-SETTU

Sena tal-baġit	2008	2009
PAGAMENTI DIRETTI (qabel il-modulazzjoni)		
A. L-impatt taż-żieda ta' miżuri ġodda fuq il-pagamenti diretti u tat-tneħħija ta' wħud mill-pagamenti diretti eżistenti		
B. L-impatt tad-diżakkoppjament fil-pagamenti diretti SPS diżakkoppjati eżistenti		
C. L-impatt tad-diżakkoppjament fuq il-pagamenti diretti SPS eżistenti diżakkoppjati mill-ġdid li qabel kienu esklużi		
TOTAL TAL-PAGAMENTI DIRETTI (bl-esklużjoni ta' l-effett fuq il-modulazzjoni)		
D. It-trasferiment ta' l-ammont tal-modulazzjon għall-Iżvilupp Rurali		

Sena tal-baġit	Bażi legali	2008	2009
L-INKLUŻJONI TA' MIŻURI ĠODDA F'PAGAMENTI DIRETTI (SPS/SAPS) U T-TNEĦĦIJA TA' PAGAMENTI DIRET modulazzjoni)			
A. Miżuri ġodda inklużi fl-iskema ta' pagamenti diretti (SPS jew SAPS)	Titolu III		
Għalf niexef	Il-proposta		
Kittien ta' fibri twal			
Għajnuna għall-ipproċessar tal-lamtu tal-patata			
B. It-tneħħija ta' l-iskema eżistenti ta' pagamenti diretti			
Uċuħ ta' l-enerġija	ex l-Artikolu 88		
C. Impatt = A + B			

L-INKLUŻJONI TA' PAGAMENTI DIRETTI EŻISTENTI AKKOPPJATI FL-SPS/SAPS (qabel il-modulazzjoni)			
A. Miżuri ġodda inklużi fl-SPS jew fl-SAPS	Titolu III		
Uċuh tal-proteina	Il-proposta		
Ross			
Ġewż			
Għajnuna għall-koltivaturi tal-lamtu tal-patata			
Għajnuna għall-imsaġar tas-siġar taż-żebbuġ			
Primjum speċifiku ta' kwalità għall-qamħ durum			
Total			
B. It-tneħħija ta' l-għajnuniet diretti akkoppjati korrispondenti			
Uċuh tal-proteina	l-Artikoli 76-78		
Ross	l-Artikoli 79-82		
Ġewż	l-Artikoli 83-87		
Għajnuna għall-koltivaturi tal-lamtu tal-patata	l-Artikoli 93-94		
Għajnuna għall-imsaġar tas-siġar taż-żebbuġ	l-Artikolu 110i		
Primjum speċifiku ta' kwalità għall-qamħ durum	l-Artikoli 72-75		
Total	R. 1782/2003		
C. Impatt = A + B			

Sena tal-baġit	Bażi legali	2008	2009
L-INKLUŻJONI FL-SPS TA' PAGAMENTI DIRETTI EŻISTENTI AKKOPPJATI MILL-ĠDID WARA L-ESKLUŻJONIJ il-modulazzjoni)			
A. <u>Miżuri ġodda inklużi fl-SPS</u>	Titolu III		
Pagamenti COP (ċereali, li jipproduċu ż-żejt, li jipproduċu l-proteini)			
Pagament supplimentari għall-qamħ durum			
Primjum speċjali għaċ-ċanga			
Primjum għall-qtil ta' l-adulti			
Primjum għall-qtil ta' l-għoġiela			
Żrieragħ			
Ħops			
B. <u>It-tneħħija ta' l-għajnuniet diretti korrispondenti akkoppjati mill-ġdid</u>			
Pagamenti koop			
Pagament supplimentari għall-qamħ durum	l-Artikolu 66		
Primjum speċjali għaċ-ċanga	l-Artikolu 68		
Primjum għall-qtil ta' l-adulti	l-Artikolu 68		
Primjum għall-qtil ta' l-għoġiela	l-Artikolu 68		
Żrieragħ	l-Artikolu 70-1a		
Ħops	l-Artikolu 68a		
C. <u>Impatt = A + B</u>			

<u>KALKOLU TA' L-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTI GĦALL-KONTROLL TAS-SAĦĦA FUQ</u>

Sena tal-baġit	2009	201
ammonti mill-modulazzjoni obbligatorja miżjuda	0	56
TOTAL	**0**	**56**